1. Il-manifattur tal-vettura għandu jagħmel disponibbli lill-manifatturi ta' komponenti jew unitajiet tekniċi separati dawk id-dettalji kollha, inkluż, kif jista' jkun il-każ, tpinġijiet speċifikament elenkati fl-anness jew l-appendiċi għal att regolatorju li huma meħtieġa għal approvazzjoni tat-tip tal-KE ta' komponenti jew unitajiet tekniċi separati, jew meħtieġa biex tinkiseb awtorizzazzjoni taħt l-Artikolu 31.

Il-manifattur tal-vettura jista' jimponi ftehim li jorbot fuq il-manifatturi ta' komponenti jew unitajiet tekniċi separati biex jipproteġi l-kunfidenzjalità ta' kwalunkwe informazzjoni li mhix fl-isfera pubblika, inkluż dak li hu relatat mad-drittijiet ta' proprjetà intellettwali.

2. Il-manifattur tal-komponenti jew ta' unitajiet tekniċi separati, fil-kapaċità tiegħu bħala detentur ta' ċertifikat ta' approvazzjoni tat-tip tal-KE li, skond l-Artikolu 10(4), jinkludi restrizzjonijiet fuq l-użu jew kondizzjonijiet speċjali ta' mmuntar jew it-tnejn, għandu jipprovdi l-informazzjoni dettaljata kollha dwar dan lill-manifattur tal-vettura.

▼B

Fejn att regolatorju jagħmel dispożizzjoni biex isir dan, il-manifattur talkomponenti jew ta' unitajiet tekniċi separati għandu jipprovdi, flimkien mal-komponenti jew unitajiet tekniċi separati prodotti, struzzjonijiet rigward restrizzjonijiet fuq l-użu jew kondizzjonijiet speċjali ta' mmuntar jew it-tnejn.

KAPITOLU XV

MIŻURI TA' IMPLIMENTAZZJONI U EMENDI

Artikolu 39

Miżuri ta' implimentazzjoni u emendi għal din id-Direttiv u d-direttivi u r-regolamenti separati

1. Il-Kummissjoni għandha tadotta l-miżuri meħtieġa għall-implimentazzjoni ta' kull direttiva jew regolament separat f'konformità mar-regoli stabbiliti f'kull direttiva jew regolament konċernat.

2. Il-Kummissjoni għandha tadotta emendi għall-Annessi għal din id-Direttiva jew għad-dispożizzjonijiet tad-direttivi jew ir-regolamenti separati elenkati fl-Anness IV, Parti I, li huma meħtieġa biex tadattahom għall-iżvilupp ta' għarfien xjentifiku u tekniku jew għall-ħtiġijiet speċifiċi tan-nies b'diżabilità.

3. Il-Kummissjoni għandha tadotta emendi għal din id-Direttiva li huma meħtieġa biex jiġu stabbiliti ħtiġijiet tekniċi għal vetturi ta' serje żgħira, vetturi approvati taħt proċedura ta' approvazzjoni individwali u vetturi bi skopijiet speċjali.

4. Meta l-Kummissjoni ssir konxja ta' riskji serji għall-utenti tat-triq jew għall-ambjent, li jitolbu miżuri urġenti, tista temenda d-dispożizzjonijiet tad-direttivi jew regolamenti separati elenkati fl-Anness IV Parti I.

5. Il-Kummissjoni għandha tadotta emendi li huma meħtieġa fl-interess ta' l-amministrazzjoni tajba u b'mod partikolari dawk li hemm bżonnhom biex tiġi żgurata il-koerenza tad-direttivi jew regolamenti separati elenkati fl-Anness IV, Parti I jew bejniethom jew flimkien ma' biċċiet oħra tal-liġi Komunitarja.

6. Meta, fl-applikazzjoni tad-Deċiżjoni 97/836/KE, Regolamenti UNECE ġodda jew emendi għal Regolamenti UNECE eżistenti li għalihom aderixxiet il-Komunità huma adottati, il-Kummissjoni għandha temenda l-Annessi għal din id-Direttiva kif xieraq.

7. Kull Direttiva jew regolament ġdid separat għandu jintroduċi l-emendi xierqa għall-Annessi għal din id-Direttiva.

8. L-annessi għal din id-Direttiva jistgħu jiġu emendati permezz ta' regolamenti.

9. Il-miżuri msemmija f'dan l-Artikolu għandhom ikunu adottati skond il-proċedura regolatorja bi skrutinju msemmija fl-Artikolu 40(2) billi huma mfassla biex jemendaw l-elementi mhux essenzjali ta' din id-Direttiva jew tad-direttivi u r-regolamenti separati, inter alia billi jissupplimentawha.

▼B

Artikolu 40

Kumitat

1. Il-Kummissjoni għandha tkun assistita minn kumitat imsemmi bħala "il-Kumitat Tekniku — Vetturi bil-Mutur" (TCMV).

2. Meta ssir referenza għal dan il-paragrafu, għandhom japplikaw l-Artikolu 5a(1) sa (4), u l-Artikolu 7 tad-Deċiżjoni 1999/468/KE, waqt li jittieħed kont tad-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 8 tagħha.

3. Meta ssir referenza għal dan il-paragrafu, għandhom japplikaw l-Artikoli 5 u 7 tad-Deċiżjoni 1999/468/KE, waqt li jittieħed kont tad-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 8 tagħha.

Il-perjodu msemmi fl-Artikolu 5(6) tad-Deċiżjoni 1999/468/KE għandu jiġi stabbilit għal tliet xhur.

KAPITOLU XVI

GĦAŻLA U NOTIFIKA TA' SERVIZZI TEKNIĊI

Artikolu 41

Għażla ta' servizzi tekniċi

1. Meta Stat Membru jagħżel servizz tekniku dan ta' l-aħħar għandu jikkonforma mad-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva.

2. Is-servizzi tekniċi għandhom iwettqu jew jagħmlu superviżjoni tat-testijiet meħtieġa għal approvazzjoni jew spezzjonijiet speċifikati f'din id-Direttiva jew f'att regolatorju elenkat fl-Anness IV, ħlief fejn proċeduri alternattivi huma speċifikament permessi. Huma ma jistgħux iwettqu testijiet jew spezzjonijiet li għalihom ma ġewx magħżula b'mod debitu.

3. Is-servizzi tekniċi għandhom jaqgħu f'wieħed jew aktar mill-erba' kategoriji ta' attivitajiet, skond il-qasam ta' kompetenza tagħhom:

(a) kategorija A, servizzi tekniċi li jwettqu fil-faċilitajiet tagħhom stess it-testijiet imsemmija f'din id-Direttiva u fl-atti regolatorji elenkati fl-Anness IV;

(b) kategorija B, servizzi tekniċi li jagħmlu superviżjoni għat-testijiet imsemmija f'din id-Direttiva u fl-atti regolatorji elenkati fl-Anness IV, imwettqa fil-faċilitajiet tal-manifattur jew fil-faċilitajiet ta' parti terza;

(ċ) kategorija Ċ, servizzi tekniċi li jivvalutaw u jissorveljaw fuq bażi regolari l-proċeduri tal-manifattur biex tiġi kontrollata l-konformità tal-produzzjoni;

(d) kategorija D, servizzi tekniċi li jagħmlu superviżjoni jew iwettqu testijiet jew spezzjonijiet fil-qafas tas-sorveljanza tal-konformità tal-produzzjoni.

4. Servizzi tekniċi għandhom juru ħiliet xierqa, għarfien tekniku speċifiku u xhieda ta' esperjenza fl-oqsma speċifiċi koperti b'din id-Direttiva u l-atti regolatorji elenkati fl-Anness IV.

▼B

Minbarra dan, is-servizzi tekniċi għandhom jikkonformaw ma' l-istandards elenkati fl-Appendiċi 1 għall-Anness V, li huma rilevanti għall-attivitajiet li huma jwettqu. Madankollu, din il-ħtieġa ma tapplikax għall-finijiet ta' l-aħħar stadju ta' proċedura ta' approvazzjoni tat-tip ta' diversi stadji kif imsemmija fl-Artikolu 25(1).

5. Awtorità ta' l-approvazzjoni tista' taġixxi bħala servizz tekniku għal waħda jew iżjed mill-attivitajiet imsemmija fil-paragrafu 3.

6. Manifattur jew parti subkontraenti li taġixxi f'ismu tista' tiġi magħżula bħala servizz tekniku għal attivitajiet ta' kategorija A fir-rigward ta' l-atti regolatorji elenkati fl-Anness XV.

Il-Kummissjoni għandha temenda il-lista ta' dawn l-atti regolatorji fejn meħtieġ skond il-proċedura regolatorja bi skrutinju msemmija fl-Artikolu 40(2).

7. L-entitajiet imsemmija fil-paragrafi 5 u 6 għandhom jikkonformaw mad-dispożizzjonijiet ta' dan l-Artikolu.

8. Servizzi tekniċi, ħlief dawk magħżula skond il-paragrafu 6, ta' pajjiż terz jistgħu jiġu notifikati għall-finijiet ta' l-Artikolu 43 biss fil-qafas ta' ftehim bilaterali bejn il-Komunità u l-pajjiż terz in kwistjoni.

Artikolu 42

Valutazzjoni tal-ħiliet tas-servizzi tekniċi

1. Il-ħiliet imsemmija fl-Artikolu 41 għandhom jintwerew b'rapport ta' valutazzjoni stabbilit minn awtorità kompetenti. Dan jista' jinkludi ċertifikat ta' akkreditazzjoni maħruġ minn korp ta' akkreditazzjoni.

2. Il-valutazzjoni li fuqha r-rapport imsemmi fil-paragrafu 1 huwa bbażat, għandha ssir skond id-dispożizzjonijiet ta' l-Appendiċi 2 għall-Anness V.

Ir-rapport ta' valutazzjoni għandu jiġi rivedut wara perijodu massimu ta' tliet snin.

3. Ir-rapport ta' valutazzjoni għandu jiġi komunikat lill-Kummissjoni fuq talba.

4. L-awtorità ta' l-approvazzjoni li taġixxi bħala servizz tekniku għandha turi konformità permezz ta' evidenza f'dokumenti.

Din għandha tinkludi valutazzjoni li għandha titwettaq minn awdituri indipendenti ta' l-attività li tkun qed tiġi valutata. Tali awdituri jistgħu jkunu mill-istess organizzazzjoni sakemm huma ġestiti b'mod awtonomu mill-persunal li jwettaq l-attività valutata.

5. Manifattur jew parti subkontraenti li taġixxi f'ismu, magħżul bħala servizz tekniku, għandu jikkonforma mad-dispożizzjonijiet rilevanti ta' dan l-Artikolu.

▼B

Artikolu 43

Proċeduri għal notifika

1. Stati Membri għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni bl-isem, l-indirizz, inkluż l-indirizz elettroniku, il-persuni responsabbli u l-kategorija ta' attivitajiet fir-rigward ta' kull servizz tekniku magħżul. Huma għandhom jinnotifikawha bi kwalunkwe modifikazzjonijiet sussegwenti għalihom.

L-att ta' notifika għandu jiddikjara għal liema atti regolatorji s-servizzi tekniċi ġew magħżula.

2. Servizz tekniku jista' jwettaq l-attivitajiet deskritti fl-Artikolu 41 għall-finijiet ta' approvazzjoni tat-tip jekk ikun ġie notifikat minn qabel lill-Kummissjoni.

3. L-istess servizz tekniku jista' jiġi magħżul u notifikat minn bosta Stati Membri irrispettivament mill-kategorija ta' attivitajiet li jwettaq.

4. Meta fl-applikazzjoni ta' att regolatorju, organizzazzjoni speċifika jew korp kompetenti, li l-attività tagħhom mhix inkluża ma' dawk koperti fl-Artikolu 41, jeħtieġ tiġi magħżula fl-applikazzjoni ta' dak l-att regolatorju, in-notifika għandha ssir skond id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Artikolu.

5. Il-Kummissjoni għandha tippubblika l-lista u d-dettalji dwar l-awtoritajiet ta' l-approvazzjoni u s-servizzi tekniċi fuq is-sit elettroniku tagħha.

KAPITOLU XVII

DISPOŻIZZJONIJIET FINALI

Artikolu 44

Dispożizzjonijiet Transitorji

1. Sakemm isiru l-emendi meħtieġa għal din id-Direttiva sabiex jiġu inklużi l-vetturi li għadhom mhumiex koperti b'din id-Direttiva jew biex jiġu finalizzati d-dispożizzjonijiet amministrattivi u tekniċi fir-rigward ta' l-approvazzjoni tat-tip ta' vetturi oħra ħlief M_1, prodotti f'serje żgħar, u biex jiġu stabbiliti dispożizzjonijiet amministrattivi u tekniċi armonizzati dwar il-proċedura ta' approvazzjoni individwali u sakemm jiskadu l-perijodi tranżitorji previsti fl-Artikolu 45, l-Istati Membri għandhom jibqgħu jagħtu approvazzjonijiet nazzjonali għal dawk il-vetturi, sakemm tali approvazzjonijiet huma bbażati fuq il-ħtiġijiet tekniċi armonizzati stabbiliti f'din id-Direttiva.

2. Ma' l-applikazzjoni mill-manifattur jew, fil-każ ta' approvazzjoni individwali, mis-sid tal-vettura u mas-sottomissjoni ta' l-informazzjoni meħtieġa, l-Istat Membru konċernat għandu jiffinalizza u joħroġ iċ-ċertifikat ta' approvazzjoni tat-tip jew iċ-ċertifikat ta' approvazzjoni individwali kif xieraq. Iċ-ċertifikat għandu jinħareġ lill-applikant.

Fir-rigward ta' vetturi ta' l-istess tip, Stati Membri oħra għandhom jaċċettaw kopja ċertifikata bħala prova li t-testijiet meħtieġa twettqu.

▼B

3. Fejn vettura partikolari koperta b'approvazzjoni individwali għandha tkun reġistrata fi Stat Membru ieħor, dak l-Istat Membru jista' jitlob, mill-awtorità ta' l-approvazzjoni li tkun ħarġet l-approvazzjoni individwali, kwalunkwe informazzjoni addizzjonali li tiddikjara fid-dettall in-natura tal-ħtiġijiet tekniċi sodisfatti minn dik il-vettura partikolari.

4. Sakemm is-sistemi ta' reġistrazzjoni u ta' tassazzjoni ta' l-Istati Membri jiġu armonizzati fir-rigward ta' vetturi koperti minn din id-Direttiva, l-Istati Membri jistgħu jużaw kodiċi nazzjonali sabiex jiffaċilitaw ir-reġistrazzjoni u t-tassazzjoni fit-territorju tagħhom. Għal dan il-għan, l-Istati Membri jistgħu jagħmlu sudiviżjoni tal-verżjonijiet murija fl-Anness III, Parti II sakemm id-dettalji użati għas-sudiviżjoni huma dikjarati espressament fil-pakkett ta' informazzjoni jew jistgħu jiġu derivati minnu b'kalkolu sempliċi.

Artikolu 45

Dati ta' applikazzjoni għall-approvazzjoni tat-tip tal-KE

1. Għal dak li jirrigwarda approvazzjoni tat-tip tal-KE, l-Istati Membri għandhom jagħtu approvazzjoni tal-KE lil tipi ġodda ta' vetturi mid-dati speċifikati fl-Anness XIX.

2. Ma' l-applikazzjoni mill-manifattur, l-Istati Membri jistgħu jagħtu approvazzjoni tat-tip tal-KE lil tipi ġodda ta' vetturi mid-29 ta' April 2009.

3. Sakemm id-dati speċifikati fir-raba' kolonna tat-tabella fl-Anness XIX, l-Artikolu 26(1) m'għandux japplika għal vetturi ġodda li għalihom inħarġet approvazzjoni nazzjonali qabel id-dati speċifikati fit-tielet kolonna tiegħu jew li għalihom ma kien hemm l-ebda approvazzjoni.

4. Fuq talba tal-manifattur, u sad-dati speċifikati fin-nota fil-kolonna 3 tal-filieri 6 u 9 tat-tabella stabbilita fl-Anness XIX, l-Istati Membri għandhom jibqgħu jagħtu approvazzjoni tat-tip nazzjonali bħala alternattiva għall-approvazzjoni tat-tip tal-KE, għall- vetturi fil-kategoriji M_2 jew M_3 bil-kundizzjoni li dawk il-vetturi u s-sistemi, il-komponenti u l-unitajiet tekniċi separati tagħhom, ingħataw l-approvazzjoni tat-tip b'konformità ma' l-atti regolatorji elenkati fil-Parti I ta' l-Anness IV ta' din id-Direttiva.

5. Din id-Direttiva m'għandhiex tinvalida kwalunkwe approvazzjoni tat-tip tal-KE mogħtija lil vetturi tal-kategorija M_1 qabel id-29 ta' April 2009, u lanqas timpedixxi l-estensjoni ta' tali approvazzjonijiet.

6. Għal dak li jirrigwarda l-approvazzjoni tal-KE ta' tipi ġodda ta' sistemi, komponenti jew unitajiet tekniċi separati, l-Istati Membri għandhom japplikaw din id-Direttiva mid-29 ta' April 2009.

Din id-Direttiva m'għandhiex tinvalida kwalunkwe approvazzjoni tat-tip tal-KE mogħtija għal sistemi, komponenti jew unitajiet tekniċi separati qabel id-29 ta' April 2009 u lanqas timpedixxi l-estensjoni ta' tali approvazzjonijiet.

▼B

Artikolu 46

Penali

L-Istati Membri għandhom jiddeterminaw il-penali applikabbli għal ksur tad-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva, u b'mod partikolari tal-projbizzjonijiet stipulati jew li jirriżultaw mill-Artikolu 31, u ta' l-atti regolatorji elenkati fl-Anness IV, Parti I u għandhom jieħdu l-miżuri kollha neċessarji għall-implimentazzjoni tagħhom. Il-pieni determinati għandhom ikunu effettivi, proporzjonali u dissważivi. L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw dawn id-dispożizzjonijiet lill-Kummissjoni sa mhux aktar tard mid-29 ta' April 2009 u għandhom jinnotifikaw kwalunkwe modifika sussegwenti għalihom malajr kemm jista' jkun.

Artikolu 47

Valutazzjoni

1. Mhux aktar tard mid-29 ta' April 2011, l-Istati Membri għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni dwar l-applikazzjoni tal-proċeduri ta' approvazzjoni tat-tip stabbiliti f'din id-Direttiva u, b'mod partikolari, l-applikazzjoni tal-proċess ta' diversi stadji. Fejn xieraq, il-Kummissjoni għandha tipproponi l-emendi meqjusa neċessarji biex jittejjeb il-proċess ta' approvazzjoni tat-tip.

2. Abbażi ta' l-informazzjoni fornita taħt paragrafu 1, il-Kummissjoni għandha tirrapporta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-applikazzjoni ta' din id-Direttiva sa mhux aktar tard mid-29 ta' Ottubru 2011. Jekk xieraq, il-Kummissjoni tista' tipproponi l-posponiment taddati ta' applikazzjoni msemmija fl-Artikolu 45.

Artikolu 48

Traspożizzjoni

1. L-Istati Membri għandhom jadottaw u jippubblikaw qabel id-29 ta' April 2009, il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa biex jikkonformaw ma' l-emendi sostantivi ta' din id-Direttiva. Huma għandhom minnufih jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test ta' dawk id-dispożizzjonijiet.

Huma għandhom japplikaw dawk id-dispożizzjonijiet mid-29 ta' April 2009.

Meta l-Istati Membri jadottaw dawk id-dispożizzjonijiet, dawn għandhom jinkludu referenza għal din id-Direttiva jew għandhom ikunu akkumpanjati b'tali referenza fl-okkażjoni tal-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. Huma għandhom jinkludu wkoll dikjarazzjoni li referenzi f'liġijiet, regolamenti u dispożizzjonijiet amministrattivi eżistenti għad-Direttiva mħassra b'din id-Direttiva għandhom jitqiesu bħala referenzi għal din id-Direttiva. L-Istati Membri għandhom jiddeterminaw kif tali referenza għandha tiġi magħmula u kif tali dikjarazzjoni għandha tiġi mfassla.

2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test tad-dispożizzjonijiet ewlenien tal-liġijiet nazzjonali li jadottaw fil-qasam kopert b'din id-Direttiva.

▼B

Artikolu 49

Tħassir

Id-Direttiva 70/156/KEE hi mħassra b'effett mid-29 ta' April 2009, bla preġudizzju għall-obbligi ta' l-Istati Membri relatati mal-limiti ta' żmien għat-traspożizzjoni fil-liġi nazzjonali u l-applikazzjoni tad-Direttivi stabbiliti fl-Anness XX, Parti B.

Referenzi għad-Direttiva mħassra għandhom jiġu mifhuma bħala referenzi għal din id-Direttiva u għandhom jinqraw skond it-tabella ta' korrelazzjoni fl-Anness XXI.

Artikolu 50

Dħul fis-seħħ

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-publikazzjoni tagħha fil-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea.

Artikolu 51

Indirizzati

Din id-Direttiva hi indirizzata lill-Istati Membri.

▼B

LISTA TA' ANNESSI

Anness I — Lista sħiħa ta' informazzjoni għall-fini ta' l-approvazzjoni tat-tip KE tal-vetturi

Anness II — Definizzjonijiet ġenerali, kriterji għal kategorizzazzjoni tal-vetturi, tat-tipi ta' vetturi u tat-tipi ta' karrozzeriji

- Appendiċi 1: Proċedura għall-verifika ta' jekk vettura tistax tiġi kategorizzata bħala vettura off-road
- Appendiċi 2: Figuri użati biex jissupplimentaw il-kodiċijiet li għandhom jintużaw għal diversi tipi ta' karrozzeriji

Anness III — Dokument ta' informazzjoni għall-fini ta' l-approvazzjoni tat-tip KE tal-vetturi

Anness IV — Rekwiżiti għall-iskop tal-approvazzjoni tat-tip KE tal-vetturi

- Appendiċi 1: Atti regolatorji għall-approvazzjoni tat-tip tal-KE ta' vetturi prodotti f'serje żgħar skont l-Artikolu 22
- Appendiċi 2: Ir-rekwiżiti għall-approvazzjoni skont l-Artikolu 24 ta' vetturi sħaħ li jidħlu fil-kategoriji M_1 u N_1, prodotti f'serje kbar fi jew għal pajjiżi terzi

Anness V — Proċeduri li għandhom jiġu segwiti fir-rigward tal-approvazzjoni tat-tip tal-KE ta' vettura

- Appendiċi 1: Standards li għandhom jikkonformaw magħhom l-entitajiet imsemmija fl-Artikolu 41
- Appendiċi 2: Proċedura għall-valutazzjoni tas-servizzi tekniċi
- Appendiċi 3: Rekwiżiti ġenerali dwar il-format tar-rapporti tat-test

Anness VI — Mudelli taċ-ċertifikat ta' approvazzjoni tat-tip

- Appendiċi: Lista ta' atti regolatorji li magħhom hija konformi t-tip ta' vettura

Anness VII — Sistema ta' numerazzjoni taċ-ċertifikat ta' l-approvazzjoni tat-tip tal-KE

- Appendiċi: Marka ta' approvazzjoni tat-tip KE għal unità teknika separata u komponent

Anness VIII — Riżultati Tat-Test

Anness IX — Ċertifikat ta' konformità tal-KE

Anness X — Konformità tal-proċeduri ta' produzzjoni

Anness XI — Għamla tal-approvazzjoni tat-tip tal-ke u d-dispożizzjonijiet għaliha għal vetturi b'użu speċjali

- Appendiċi 1: Karavans bil-Mutur, Ambulanzi u Karrijiet tal-mejtin
- Appendiċi 2: Il-Vetturi Blindati
- Appendiċi 3: Il-Vetturi Aċċessibbli għas-Siġġijiet tar-Roti
- Appendiċi 4: Vetturi Oħrajn b'Użu Speċjali (inklużi Karavans bi trasportatur u trejler ta' tagħmir multipli ta' grupp speċjali)
- Appendiċi 5: Il-krejnijiet mobbli
- Appendiċi 6: Il-vetturi għat-trasport ta' tagħbija eċċezzjonali

Anness XII — Il-limiti tas-serje żgħira u ta' tmiem is-serje

▼B

Anness XIII	Lista ta' partijiet jew tagħmir li jista' jippreżenta riskju sinifikanti għall-funzjonament korrett ta' sistemi li huma essenzjali għas-sikurezza tal-vettura jew għall-prestazzjoni ambjentali tagħha, il-ħtiġijiet tal-prestazzjoni tagħhom, il-proċeduri ta' ttestjar xierqa, u d-dispożizzjonijiet ta' l-immarkar u l-ippakkjar.
Anness XIV	Lista ta' approvazzjonijiet tat-tip tal-KE maħruġa skond l-atti regolatorji.
Anness XV	Atti regolatorji li għalihom manifattur jista' jinħatar bħala servizz tekniku
	Appendiċi: Ħatra ta' manifattur bħala servizz tekniku
Anness XVI	Kundizzjonijiet speċifiċi mitluba mill-metodi ta' ttestjar virtwali u mill-atti regolatorji li għalihom jistgħu jintużaw metodi ta' ttestjar virtwali minn manifattur jew servizz tekniku
	Appendiċi 1: Kundizzjonijiet ġenerali mitluba minn metodi ta' ttestjar virtwali
	Appendiċi 2: Kundizzjonijiet speċifiċi li jikkonċernaw metodi ta' ttestjar virtwali
	Appendiċi 3: Proċess ta' validazzjoni
Anness XVII	Proċeduri li jridu jiġu segwiti waqt approvazzjoni tat-tip tal-KE ta' diversi stadji
	Appendiċi: Mudell tal-pjanċa addizzjonali tal-manifattur
Anness XVIII	Ċertifikat ta' oriġini tal-vettura — Dikjarazzjoni tal-manifattur ta' vettura bażi/mhux kompluta li ma tkunx ingħatat numru tad-Dikjarazzjoni taċ-Ċertifikat ta' konformità.
Anness XIX	Skeda ta' żmien għall-infurzar ta' din id-Direttiva fir-rigward ta' l-approvazzjoni tat-tip
Anness XX	Limiti ta' żmien għat-traspożizzjoni tad-direttivi mħassra fil-liġijiet nazzjonali
Anness XXI:	Tabella ta' korrelazzjoni

▼M1

ANNESS I

LISTA SHIĦA TA' INFORMAZZJONI GĦALL-FINI TA' L-APPROVAZZJONI TAT-TIP KE TAL-VETTURI [a]

Id-dokumenti kollha ta' informazzjoni f'din id-direttiva u f'direttivi jew regolamenti oħra għandhom jikkonsistu biss minn din il-lista totali u għandhom iżommu mas-sistema ta' numerazzjoni tagħha.

L-informazzjoni li ġejja għandha tiġi pprovduta fi tliet kopji u tinkludi lista talkontenut. Kwalunkwe disinn irid jiġi pprovdut fi skala xierqa u b'dettall suffiċjenti fuq karta ta' daqs A4 jew folder ta' format A4. Jekk ikun hemm xi ritratti għandu jkun fihom dettalji suffiċjenti.

Jekk is-sistemi, l-komponenti jew unitajiet tekniċi oħra msemmija f'dan l-anness ikollhom kontrolli elettroniċi, għandha tiġi pprovduta informazzjoni dwar il-prestazzjoni tagħhom.

0. ĠENERALI

0.1. Il-marka (marka tal-fabbrika tal-manifattur): ……

0.2. Tip: …

0.2.0.1. Chassis: …

0.2.0.2. Karozzerija/vettura kompluta: …

0.2.1. Isem(ismijiet) kummerċjali (jekk disponibbli): …

0.3. Mezzi ta' identifikazzjoni tat-tip, jekk indikat fuq il-vettura [b]: …

0.3.0.1. Chassis: …

0.3.0.2. Karozzerija/vettura kompluta: …

0.3.1. Fejn tinsab din il-marka: ……

0.3.1.1. Chassis: …

0.3.1.2. Karozzerija/vettura kompluta: …

0.4. Kategorija ta' vettura [c]: …

0.4.1. Klassifikazzjoni(ijiet) skond il-prodotti perikoluż li l-vettura hija intiża li ġġor: …

▼M15

0.5. Isem u indirizz il-kumpanija tal-manifattur: ……

▼M1

0.6. Fejn jitqegħdu l-plejts statutorji u l-metodu ta' twaħħil tagħhom u fejn jitqiegħed in-numru ta' identifikazzjoni talvettura

0.6.1. Fuq ix-chassis: …

0.6.2. Fuq il-karozzerija: …

0.7. (Mhux attribwit)

0.8. L-isem(ismijiet) u l-indirizz(i) ta' l-impjant(i) ta' l-immuntar: …

0.9. L-isem u l-indirizz tar-rappreżentant tal-manifattur (jekk jeżisti): …

1. IL-KARATTERISTIĊI TAL-BINI ĠENERALI TAL-VETTURA

1.1. Ritratti u/jew disinji ta' eżempju rappreżentattiv tal-vettura: …

1.2. Disinn dimensjonali tal-vettura sħiħa: …

▼M1

1.3.	L-għadd tal-fusien u roti: …
1.3.1.	L-għadd u l-pożizzjoni tal-fusien b'roti doppji: …
1.3.2.	L-għadd u l-pożizzjoni tal-fusien bi steering: …
1.3.3.	Fusien powered (għadd, pożizzjoni, interkonnessjoni): …
1.4.	Chassis (jekk ikun hemm) (disinn ġenerali): …
1.5.	Materjal użat għas-side members ([d]): …
1.6.	Pożizzjoni u arranġament tal-magna: …
1.7.	Kabina ta' sewqan (kontroll minn quddiem jew bil-bonit) ([e]): …
1.8.	Naħa tas-sewqan: xellug/lemin ([1])
1.8.1.	Il-Vettura hija mgħammra biex tiġi misjuqa fit-traffiku fuq in-naħa tal-lemin/xellug ([1]).

▼M15

1.9.	Speċifika jekk il-vettura tal-irmonk tkunx maħsuba sabiex tirmonka semitrejlers jew trejlers oħra u jekk it-trejler huwiex semitrejler, trejler b'ganċ għall-irmonk, trejler b'fus ċentrali jew trejler b'ganċ tal-irmonk riġidu: …
1.10.	Speċifika jekk il-vettura hijiex iddisinjata apposta għall-ġarr ta' merkanzija f'temperatura kkontrollata: …
2.	MASES U DIMENSJONIJIET ([f]) ([g]) ([7]) (f'kg u mm) (Irreferi għall-illustrazzjoni fejn applikabbli)

▼M1

2.1.	**Tul(ijiet) ta' bejn ir-roti (b'tagħbija sħiħa)** ([g1])
2.1.1.	Vetturi b'żewġ fusien: …

▼M15

2.1.2.	Vetturi bi tliet fusien jew aktar
2.1.2.1.	L-ispazju bejn fusien konsekuttivi mill-fus ta' quddiem nett sal fus ta' wara nett: …
2.1.2.2.	Spazju totali bejn il-fusien: …

▼M1

2.2.	**Il-ħames rota**
2.2.1.	Fil-każ ta' semi trejlers
2.2.1.1.	Distanza bejn il-fus tal-pern ewlieni tal-ħames rota u t-tarf nett tas-semi trejler: …
2.2.1.2.	Distanza massima bejn l-assi tal-pern ewlieni tal-ħames rota u kwalunkwe punt fuq quddiem tas-semi trejler: …
2.2.1.3.	Bażi tar-rota speċjali tas-semi trejler (kif iddefinit fit-Taqsima 7.6.1.2 ta' l-Anness I tad-Direttiva 97/27/KE): …
2.2.2.	Fil-każ ta' vetturi semi trejler ta' l-irmonk
2.2.2.1.	L-importanza tal-ħames rota (massimu u minimu; indika l-valuri permissibbli f'każ ta' vettura mhux kompluta) ([g2]): …
2.2.2.2.	Għoli massimu tal-ħames rota (standardizzat) ([g3]): …

▼M1

2.3.	**Tul(ijiet) u wisa'(wisgħat) tal-fus**
2.3.1.	Tul ta' kull fus li huwa steered ([g4]): .....
2.3.2.	Tul tal-fusien l-oħra kollha ([g4]): .....
2.3.3.	Wisa' ta' l-aktar fus wiesa' ta' wara: .....
2.3.4.	Il-wisa' tal-fus ta' quddiemnett (imkejla fuq it-tarf ta' barra tat-tajers għajr għall-bużżieqa mbuzzata 'l barra tat-tajers qrib l-art): .....
2.4.	**Il-medda tad-dimensjonijiet tal-vettura (b'kollox)**
2.4.1.	Għal chassis mingħajr karozzerija
2.4.1.1.	It-tul ([g5]): .....
2.4.1.1.1.	Tul massimu permissibbli: .....
2.4.1.1.2.	Tul minimu permissibbli: .....
2.4.1.1.3.	Fil-każ tat-trejlers, it-tul massimu permissibbli tad-drawbar ([g6]): .....
2.4.1.2.	Wisa' ([g7]): .....
2.4.1.2.1.	Wisa' massima permissibbli: .....
2.4.1.2.2.	Wisa' minima permissibbli: .....
2.4.1.3.	Għoli (f'kundizzjoni ta' sewqan) ([g8]) (Għal saspenxins li l-għoli tagħhom jista' jiġi aġġustat, uri l-pożizzjoni normali f'kundizzjoni ta' sewqan): .....
2.4.1.4.	Overhang ta' quddiem ([g9]): .....
2.4.1.4.1.	L-approach angle ([g10]): ..... gradi.....
2.4.1.5.	Overhang ta' wara ([g11]): .....
2.4.1.5.1.	Id-departure angle ([g12]): .... gradi.
2.4.1.5.2.	Overhang minima u massima permissibbli tal-punt ta' l-iggančjar ([g13]): .....
2.4.1.6.	Id-distanza mill-art (kif iddefinit fil-punt 4.5 tat-Taqsima A ta' l-Anness II)
2.4.1.6.1.	Bejn il-fusien: .....
2.4.1.6.2.	Taħt il-fus(ien) ta' quddiem: .....
2.4.1.6.3.	Taħt il-fus(ien) ta' wara: .....
2.4.1.7.	Ir-ramp angle ([g14]): .... gradi.
2.4.1.8.	Pożizzjonijiet estremi permissibbli taċ-ċentru tal-gravità tal-karozzerija u/jew ta' l-aċċessorji interni u/jew tagħmir u/jew it-tagħbija kummerċjali: .....
2.4.2.	Għal chassis bil-karozzerija
2.4.2.1.	Tul ([g5]): .....
2.4.2.1.1.	Tul tal-parti tat-tagħbija: .....
2.4.2.1.2.	Fil-każ tat-trejlers, it-tul massimu permissibbli tad-drawbar ([g6]): .....
2.4.2.2.	Wisa' ([g7]): .....
2.4.2.2.1.	Ħxuna tal-ħitan (fil-każ ta' vetturi mfassla għal ġarr ta' merkanzija f'temperatura kkontrollata): .....

▼M1

2.4.2.3. Għoli (f'kundizzjoni ta' sewqan) ([g8]) (Għal saspenxins li l-għoli tagħhom jista' jiġi aġġustat, uri l-pożizzjoni normali f'kundizzjoni ta' sewqan): ……

2.4.2.4. Overhang ta' quddiem ([g9]): ……

2.4.2.4.1. L-approach angle ([g10]): …… gradi. ……

2.4.2.5. Overhang ta' wara ([g11]): ……

2.4.2.5.1. Id-departure angle ([g12]): …… …… gradi.

2.4.2.5.2. Overhang minima u massima permissibbli tal-punt ta' l-iggančjar ([g13]): … ……

2.4.2.6. Id-distanza mill-art (kif iddefinit fil-punt 4.5 tat-Taqsima A ta' l-Anness II)

2.4.2.6.1. Bejn il-fusien: … ……

2.4.2.6.2. Taħt il-fus(ien) ta' quddiem: … ……

2.4.2.6.3. Taħt il-fus(ien) ta' wara: … ……

2.4.2.7. Ir-ramp angle ([g14]): …… …… gradi.

2.4.2.8. Pożizzjonijiet estremi permissibbli taċ-ċentru tal-gravità tal-tagħbija kummerċjali (fil-każ ta' tagħbija mhux uniformi): …

2.4.2.9. Pożizzjoni taċ-ċentru tal-gravità tal-vettura (M2 u M3) bit-tagħbija massima teknikament permissibbli tagħha fid-direzzjoni lonġitudinali, trażversali u vertikali: … ……

2.4.3. Għal karozzerija approvata mingħajr chassis (vetturi M2 u M3)

2.4.3.1. Tul ([g5]): … ……

2.4.3.2. Wisa' ([g7]): … ……

2.4.3.3. Għoli nominali (f'kundizzjoni ta' sewqan) ([g8]) fuq it-tip(i) ta' chassis intiż(i) (għal saspenxins li l-għoli tagħhom jista' jiġi aġġustat, uri l-pożizzjoni normali f'kundizzjoni ta' sewqan): …

▼M15

2.5. **Massa minima fuq il-fus(ien) direzzjonali għall-vetturi mhux kompluti:**

… ……

2.6. **Massa fi stat ta' tħaddim** ([h])

(a) minimu u massimu għal kull varjant: … ……

(b) massa ta' kull verżjoni (għandha tiġi pprovduta matriċi): …

2.6.1. Distribuzzjoni ta' din il-massa fost il-fusien u, fil-każ ta' semi-trejler, trejler bil-fus ċentrali jew trejler bil-ganċ tal-irmonk riġidu, il-massa fuq il-punt tal-ganċ: … ……

(a) minimu u massimu għal kull varjant: … ……

(b) massa ta' kull verżjoni (għandha tiġi pprovduta matriċi): … ……

2.6.2. Massa tat-tagħmir fakoltattiv (ara d-definizzjoni stabbilita fil-punt (5) tal-Artikolu 2 tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1230/2012 (*): … ……

▼M1

2.7. **Massa minima tal-vettura kompluta** kif mogħtija mill-manifattur, fil-każ ta' vettura mhux kompluta: .....

2.7.1. Distribuzzjoni ta' din il-massa bejn il-fusien u, fil-każ ta' semitrejler jew trejler b'fus ċentrali, it-tagħbija fuq il-punt ta' ggančjar: ... .

2.8. **Massa massima mgħobbija teknikament permissibbli** mogħtija mill-manifattur ([i]) ([3]): ... .

2.8.1. Distribuzzjoni ta' din il-massa bejn il-fusien u, fil-każ ta' semitrejler jew trejler b'fus ċentrali, it-tagħbija fuq il-punt ta' ggančjar ([3]): ... .

2.9. **Massa massima teknikament permessa fuq kull fus:** .....

▼M15

2.10. **Massa teknikament permessibbli fuq kull grupp ta' fusien:** ... .

2.11. **Massa massima teknikament permissibbli li tista' tiġi rmunkata tal-vettura tal-irmonk**

fil-każ ta':

▼M1

2.11.1. Trejler bi drawbar: .....

2.11.2. Semi-trejler: ... .

2.11.3. Trejler ta' fus ċentrali: ... .

2.11.3.1. Relattività massima ta' l-isporġenza ta' l-iggančjar ([j]) maddistanza bejn il-fus ta' quddiem u dak ta' wara: ... .

2.11.3.2. Valur-V massimu: ..... kN.

▼M15

2.11.4. Trejler bil-ganċ tal-irmonk riġidu: .....

2.11.5. Massa mgħobbija massima teknikament permissibbli talkombinazzjoni ([3]): ... .

▼M1

2.11.6. Massa massima ta' trejler mingħajr brejkijiet: .....

▼M15

2.12. **Massa massima teknikament permissibbli fuq il-punt talagganċ:**

2.12.1. ta' vettura tal-irmonk: .....

2.12.2. ta' semitrejler, trejler bil-fus ċentali jew trejler bil-ganċ talirmonk riġidu: ... .

▼M1

2.12.3. Massa massima permissibbli tat-tagħmir ta' ggančjar (jekk ma jkunx immuntat mill-manifattur): .....

2.13. **It-tperpir fuq wara** (Taqsima 7.6.2. u 7.6.3 ta' l-Anness I tad-Diretiva 97/27/KE): .....

2.14. **Ir-relattività tal-qawwa tal-magna/massa massima:** ..... kW/kg.

▼M1

2.14.1. Massa mogħbija massima teknikament permissibli/qawwa tal-magna tar-relattività kkombinata (Taqsima 7.10 ta' l-Anness I tad-Direttiva 97/27/KE): ..... kW/kg.

2.15. **Abilità ta' sewqan minn wieqaf fuq telgħa** (vettura waħedha) ([4]): ..... %.

▼M15

2.16. **Mases massimi permissibbli tar-reġistrazzjoni/fl-użu (fakoltattiv)**

2.16.1. Massa mgħobbija massima permissibbli tar-reġistrazzjoni/fl-użu: ...

2.16.2. Massa massima permissibbli tar-reġistrazzjoni/fl-użu fuq kull fus, u fil-każ ta' semitrejler jew trejler bil-fus ċentrali, it-tagħbija maħsuba fuq il-punt tal-agganċ iddikjarat mill-manifattur jekk tkun inqas mill-massa massima teknikament permissibbli fuq il-punt tal-agganċ: ...

2.16.3. Massa massima permissibbli tar-reġistrazzjoni/fl-użu fuq kull grupp ta' fusien: ...

2.16.4. Massa massima permissibbli li tista' tiġi rmunkata tar-reġistrazzjoni/fl-użu: ...

2.16.5. Massa massima permissibbli tar-reġistrazzjoni/fl-użu tal-kombinazzjoni: ...

▼M16

2.17. Vettura ppreżentata għall-approvazzjoni tat-tip f'diversi stadji (fil-każ biss ta' vetturi mhux kompluti jew ikkompletati tal-kategorija N_1 fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 715/2007): iva/le ([1])

2.17.1. Il-massa tal-vettura ta' bażi lesta biex taħdem: ... kg.

2.17.2. Massa speċifika miżjuda, ikkalkolata skont it-Taqsima 5 tal-Anness XII għar-Regolament (KE) Nru 692/2008: ... kg

▼M1

3. IMPJANT TA' QAWWA ([k])

3.1. **Il-manifattur tal-magna: .....**

3.1.1. Kodiċi tal-magna tal-manifattur (kif immarkat fuq il-magna, jew xi mezz ieħor ta' identifikazzjoni): .....

3.1.2. Numru ta' approvazzjoni (jekk huwa l-każ) inkluż immarkar ta' identifikazzjoni tal-karburant: .....

(Vetturi ta' l-Istrapazz biss)

3.2. **Magna b'kombustjoni interna**

3.2.1. *Informazzjoni speċifika dwar il-magna*

▼M21

3.2.1.1. Il-prinċipju ta' tħaddim: tqabbid bl-ispark plaggs/tqabbid bil-kompressjoni/l-użu ta' żewġ tipi ta' fjuwil ([1])

Ċiklu: erba' strowks / żewġ strowks/ rotatorju ([1])

3.2.1.1.1. Tip ta' magna li tuża żewġ tipi ta' fjuwil: Tip 1A/Tip 1B/Tip 2A/Tip 2B/Tip 3B ([1]) ([x1])

3.2.1.1.2. Proporzjon enerġetiku tal-gass fuq il-parti sħuna taċ-ċiklu tat-test WHTC: ... %';

▼M1

3.2.1.2. Numru ta' ċilindri u kif inhuma mqassma: ...

3.2.1.2.1. Bore ([l]): ..... mm

3.2.1.2.2. Strowk ([l]): ..... mm

▼M1

3.2.1.2.3.	L-ordni kif jiġu mqabbda: … .....
3.2.1.3.	Il-kapaċità tal-magna ([m]): …… ..... cm^3
3.2.1.4.	Il-proporzjon tal-kompressjoni volumetrika ([2]): .....
3.2.1.5.	Disinji tal-kompartiment tal-kombustjoni, piston crown u, fil-każ ta' magni bi startjar pożittiv, il-piston rings: .....
3.2.1.6.	Issettjar normali tal-magna mhux ingranata ([2]): …… min^{-1}
3.2.1.6.1.	Issettjar għoli tal-magna mhux ingranata ([2]): …… …… min^{-1}

▼M21

3.2.1.6.2.	Mhux ingranata fuq id-diżil: iva/le ([1]) ([x1])

▼M1

3.2.1.7.	Kontenut ta' monossidu tal-karbonju fil-gass ta' l-egżost bil-magna mhux ingranata ([2]): …… % kif mogħti mill-manifattur (magni bi startjar pożittiv biss) .....
3.2.1.8.	Qawwa netta massima ([n]): … kW ma' … min^{-1} (valur dikjarat mill-manifattur)
3.2.1.9.	Veloċità massima permessa tal-magna kif stabbilita mill-manifattur: … ..... min^{-1}
3.2.1.10.	Torkju nett massimu ([n]): ……. Nm ma' …… . min-1 (valur dikjarat mill-manifattur)

▼M11

3.2.1.11.	(Euro VI biss) Referenzi tal-fabbrikant tal-pakkett ta' dokumentazzjoni previst mill-Artikoli 5, 7, u 9 tar-Regolament (UE) Nru 582/2011 li jippermetti lill-awtorità tal-approvazzjoni biex tevalwa l-istrateġiji ta' kontroll tal-emissjonijiet u s-sistemi abbord il-magna biex jiġi żgurat it-tħaddim korrett tal-miżuri ta' kontroll tan-NO_x

▼M1

3.2.2.	*Karburant*

▼M21

3.2.2.1.	Vetturi light-duty: Diżil/Petrol/LPG/NG jew Bijometan/Etanol (E 85)/Bijodiżil/Idroġenu/H_2NG ([1]) ([6])
3.2.2.2.	Vetturi heavy duty Diżil/Petrol/LPG/NG-H/NG-L/NG-HL/ Etanol (ED95)/Etanol (E85)/LNG/LNG_{20}/ ([1]) ([6])

▼M11

3.2.2.2.1.	(Euro VI biss) Karburanti kompatibbli għall-użu mill-magna ddikjarati mill-fabbrikant skont it-Taqsima 1.1.2. tal-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 582/2011 (kif applikabbli)

▼M1

3.2.2.3.	Dħul tat-tank għall-karburant: fetħa/tikketta ristretta ([1])
3.2.2.4.	Tip ta' karburant tal-vettura: Mono karburant, Bi karburant, Flex karburant ([1])
3.2.2.5.	Ammont massimu ta' biokarburant aċċettabbli fil-karburant (valur iddikjarat tal-manifattur): ..... % bil-volum
3.2.3.	*Tank(ijiet) tal-karburant*
3.2.3.1.	Tank(ijiet) ta' karburant ta' servizz
3.2.3.1.1.	Għadd u kapaċità ta' kull tank: … .....
3.2.3.1.1.1.	Materjal: .....

▼M1

3.2.3.1.2.	Disinn u deskrizzjoni teknika tat-tank(ijiet) bil-konnessjonijiet kollha u l-pajpijiet kollha tas-sistema ta' nifs u ta' ventijiet, għeluq, valvoli, tagħmir ta' ssikkar: …
3.2.3.1.3.	Disinn li juri b'mod ċar il-pożizzjoni tat-tank(ijiet) fil-vettura: …
3.2.3.2.	Tank(ijiet) ta' karburant ta' riserva
3.2.3.2.1.	Għadd u kapaċità ta' kull tank: …
3.2.3.2.1.1.	Materjal: …
3.2.3.2.2.	Disinn u deskrizzjoni teknika tat-tank(ijiet) bil-konnessjonijiet kollha u l-pajpijiet kollha tas-sistema ta' nifs u ta' ventijiet, għeluq, valvoli, tagħmir ta' ssikkar: …
3.2.3.2.3.	Disinn li juri b'mod ċar il-pożizzjoni tat-tank(ijiet) fil-vettura: …
3.2.4.	*Twassil ta' karburant*
3.2.4.1.	Bil-karburatur(i): iva/le [1]

▼M21

3.2.4.2.	B'injezzjoni tal-fjuwil (tqabbid bil-kompressjoni biss jew magni li jużaw żewġ tipi ta' fjuwil biss): iva/le [1]

▼M1

3.2.4.2.1.	Deskrizzjoni tas-sistema: …
3.2.4.2.2.	Il-prinċipju ta' kif taħdem: injezzjoni diretta/pre-chamber/swirl chamber [1]
3.2.4.2.3.	Pompa ta' l-injezzjoni
3.2.4.2.3.1.	Għamla(iet): …
3.2.4.2.3.2.	Tip(i): …
3.2.4.2.3.3.	Twassil massimu ta' karburant [1] [2]: … mm^3/strowk jew ċiklu b'veloċità tal-magna ta': … min^{-1} jew, b'mod alternattiv, dijagramma tal-karatteristiċi: … (Jekk il-vettura jkollha boost control, agħti t-twassil karatteristiku tal-karburant u l-boost pressure meta mqabbla mal-veloċità tal-magna)
3.2.4.2.3.4.	It-timing ta' l-injezzjoni statika [2]: …
3.2.4.2.3.5.	Kurva ta' l-avvanz fl-injezzjoni [2]: …
3.2.4.2.3.6.	Proċedura ta' kalibrar: bank ta' ittestjar/magna [1]
3.2.4.2.4.	Regolatur (awtomatiku li jikkontrolla l-veloċità tal-magna)
3.2.4.2.4.1.	Tip: …
3.2.4.2.4.2.	Punt ta' qtugħ
3.2.4.2.4.2.1.	Veloċità li biha l-qtugħ jibda taħt tagħbija: …… min^{-1}
3.2.4.2.4.2.2.	Veloċità massima mingħajr tagħbija: …… min^{-1}
3.2.4.2.4.2.3.	Veloċità meta l-magna mhiex ingranata: …… min^{-1}
3.2.4.2.5.	Pajpijiet ta' l-injezzjoni (Vetturi ta' l-Istrapazz biss)

▼**M1**

3.2.4.2.5.1. Tul: …… mm

3.2.4.2.5.2. Dijametru intern: …… mm

3.2.4.2.5.3. Common rail, għamla u tip: …

3.2.4.2.6. Injettur(i)

3.2.4.2.6.1. Għamla(iet): …

3.2.4.2.6.2. Tip(i): …

3.2.4.2.6.3. Pressjoni tal-ftuħ ([2]): …… kPa jew dijagramma karatteristika ([2]): …

3.2.4.2.7. Sistema li tistartja kiesħa

3.2.4.2.7.1. Għamla(iet): …

3.2.4.2.7.2. Tip(i): …

3.2.4.2.7.3. Deskrizzjoni: …

3.2.4.2.8. Għajnuna awżiljarja ta' l-istartjar

3.2.4.2.8.1. Għamla(iet): …

3.2.4.2.8.2. Tip(i): …

3.2.4.2.8.3. Deskrizzjoni tas-sistema: …

3.2.4.2.9. Injezzjoni kkontrollata elettronikament: iva/le ([1])

3.2.4.2.9.1. Għamla(iet): …

3.2.4.2.9.2. Tip(i):

3.2.4.2.9.3 Deskrizzjoni tas-sistema (fil-każ ta' sistemi għajr għal ta' injezzjoni kontinwa agħti d-dettalji ekwivalenti): …

3.2.4.2.9.3.1. Għamla u tip ta' l-unità ta' kontroll (ECU): …

3.2.4.2.9.3.2. Għamla u tip tar-regolatur tal-karburant: …

3.2.4.2.9.3.3. Għamla u tip tas-senser tal-fluss ta' arja: …

3.2.4.2.9.3.4. Għamla u tip tad-distributur tal-karburant: …

3.2.4.2.9.3.5. Għamla u tip tal-ħawsing tat-trottil: …

3.2.4.2.9.3.6. Għamla u tip ta' senser tat-temperatura ta' l-ilma: …

3.2.4.2.9.3.7. Għamla u tip ta' senser tat-temperatura ta' l-arja: …

3.2.4.2.9.3.8. Għamla u tip ta' ssettjar tas-senser tal-pressjoni ta' l-arja: …

3.2.4.2.9.3.9. Numru(i) ta' kalibrar tas-softwer: …

3.2.4.3. Bl-injezzjoni tal-karburant (startjar pożittiv biss): iva/le ([1])

3.2.4.3.1. Il-prinċipju ta' kif taħdem: Manifold ta' l-intejk (single-/multi-point / ([1])/injezzjoni dirett/oħrajn (speċifika): …

3.2.4.3.2. Għamla(iet): …

3.2.4.3.3. Tip(i): …

3.2.4.3.4. Deskrizzjoni tas-sistema (Fil-każ ta' sistemi għajr għal ta' injezzjoni kontinwa agħti d-dettalji ekwivalenti): …

3.2.4.3.4.1. Għamla u tip ta' l-unità ta' kontroll (ECU): …

3.2.4.3.4.2. Għamla u tip tar-regolatur tal-karburant: …

3.2.4.3.4.3. Għamla u tip tas-senser tal-fluss ta' arja: …

▼M1

3.2.4.3.4.4.	Għamla u tip tad-distributur tal-karburant: ……
3.2.4.3.4.5.	Għamla u tip tar-regolatur tal-pressjoni: ……
3.2.4.3.4.6.	Għamla u tip tal-mikroswiċċ: ……
3.2.4.3.4.7.	Għamla u tip tal-vit ta' l-aġġustament ta' l-idling: ……
3.2.4.3.4.8.	Għamla u tip tal-ħawsing tat-trottil: ……
3.2.4.3.4.9.	Għamla u tip tas-senser tat-temperatura ta' l-ilma: ……
3.2.4.3.4.10.	Għamla u tip tas-senser tat-temperatura ta' l-arja: ……
3.2.4.3.4.11.	Għamla u tip tas-senser tal-pressjoni ta' l-arja: ……
3.2.4.3.4.12.	Numru(i) ta' kalibrar tas-softwer: ……
3.2.4.3.5.	Injectors: pressjoni tal-ftuħ ([2]): ..... kPa jew dijagramma karatteristika: ……
3.2.4.3.5.1.	Għamla: ……
3.2.4.3.5.2.	Tip: ……
3.2.4.3.6.	Timing ta' l-injezzjoni: ……
3.2.4.3.7.	Sistema li tistartja kiesħa
3.2.4.3.7.1.	Prinċipju(i) operattiv(i):.... ……
3.2.4.3.7.2.	Limiti/settjaturi operattivi ([1]) ([2]): ……
3.2.4.4.	Pompa li tagħti l-karburant
3.2.4.4.1.	Pressjoni ([2]): …. kPa jew dijagramma karatteristika ([2]): … .
3.2.5.	*Sistema elettrika*
3.2.5.1.	Vultaġġ nominali: ..... …… V, pożittiv/negattiv ([1])
3.2.5.2.	Ġeneratur
3.2.5.2.1.	Tip: ……
3.2.5.2.2.	Output nominali: …… VA
3.2.6.	*Sistema ta' startjar (magni li jistartjaw bl-ispark biss)*
3.2.6.1.	Għamla(iet): ……
3.2.6.2.	Tip(i): ……
3.2.6.3.	Il-prinċipju ta' kif taħdem: ……
3.2.6.4.	Kurva jew mappa ta' l-avvanz ta' l-istartjar ([2]): ……
3.2.6.5.	Timing statiku ta' l-istartjar ([2]): …… …. gradi qabel it-TDC
3.2.6.6.	Spark plaggs
3.2.6.6.1.	Għamla: ……
3.2.6.6.2.	Tip: ……
3.2.6.6.3.	L-issettjar tad-distanza bejn l-elektrowds: …… mm
3.2.6.7.	Kojl ta' l-istartjar
3.2.6.7.1.	Għamla: ……
3.2.6.7.2.	Tip: ……
3.2.7.	*Sistema li tkessaħ: likwidu/arja1* ([1])
3.2.7.1.	Issettjar nominali tal-mekkaniżmu ta' kontroll tat-temperatura tal-magna: ……

▼M1

3.2.7.2.	Likwidu
3.2.7.2.1.	Tip ta' likwidu: .....
3.2.7.2.2.	Pompa(i) li tiċċirkola: iva/le (1)
3.2.7.2.3.	Karatteristiċi: ..... jew
3.2.7.2.3.1.	Għamla(iet): .....
3.2.7.2.3.2.	Tip(i): .....
3.2.7.2.4.	Ir-rapport(i) tat-trażmissjoni tal-forza tal-magna: .....
3.2.7.2.5.	Deskrizzjoni tal-fann u l-mekkaniżmu tiegħu: .....
3.2.7.3.	Arja
3.2.7.3.1.	Fann: iva/le (1)
3.2.7.3.2.	Karatteristiċi: ..... jew
3.2.7.3.2.1.	Għamla(iet): .....
3.2.7.3.2.2.	Tip(i): .....
3.2.7.3.3.	Ir-rapport(i) tat-trażmissjoni tal-forza tal-magna: .....
3.2.8.	*Sistema tad-dħul*
3.2.8.1.	Kompressur: iva/le (1)
3.2.8.1.1.	Għamla(iet): .....
3.2.8.1.2.	Tip(i): .....
3.2.8.1.3.	Deskrizzjoni tas-sistema (per eżempju kompressjoni massima: ..... kPa; valv tal-ħruġ fejn applikabbli): .....
3.2.8.2.	Intercooler: iva/le (1)
3.2.8.2.1.	Tip: arja-arja/arja-ilma (1)
3.2.8.3.	Dipressjoni tad-dħul ta' l-arja ma' veloċità nominali tal-magna u ma' tagħbija ta' 100 % (magni bi startjar bil-kompressjoni biss)
3.2.8.3.1.	il-minimu permissibbli: ..... kPa
3.2.8.3.2.	il-massimu permissibbli: ..... kPa

▼M11

3.2.8.3.3.	(Euro VI biss) Tnaqqis proprju tal-pressjoni tas-sistema tad-dħul bil-magna b'veloċità nominali u b'tagħbija fuq il-vettura ta' 100 fil-mija: kPa

▼M1

3.2.8.4.	Deskrizzjoni u disinji tal-pajpijiet tad-dħul u l-aċċessorji tagħhom (plenum chamber, tagħmir tas-sħana, dħul ta' arja addizzjonali eċċ): .....
3.2.8.4.1.	Deskrizzjoni tal-manifold tad-dħul (ehmeż id-disinji u/jew ritratti): .....
3.2.8.4.2.	Filtru ta' l-arja, disinji:- ..... jew
3.2.8.4.2.1.	Għamla(iet): .....
3.2.8.4.2.2.	Tip(i): .....
3.2.8.4.3.	Silencer tad-dħul, disinji: ..... jew
3.2.8.4.3.1.	Għamla(iet): .....
3.2.8.4.3.2.	Tip(i): .....

▼M1

	3.2.9.	*Sistema ta' l-egżost*
	3.2.9.1.	Deskrizzjoni u/jew disinn tal-manifold ta' l-egżost: … .....
	3.2.9.2.	Deskrizzjoni u/jew disinn tas-sistema ta' egżost: .....
▼M21	3.2.9.2.1.	(Euro VI biss) Deskrizzjoni u/jew disinn tal-elementi tas-sistema tal-egżost li huma parti mis-sistema tal-magna
▼M1	3.2.9.3.	Kontropressjoni ta' l-egżost massima permissibbli ma' veloċità nominali tal-magna u ma' tagħbija ta' 100 % (magni bi startjar b'kompressjoni biss): .... kPa
▼M11	3.2.9.3.1.	(Euro VI biss) Kontropressjoni tal-egżost massima permissibbli b'veloċità nominali tal-magna u b'tagħbija ta' 100 fil-mija (magni bi startjar bil-kompressjoni biss): ..... kPa
▼M1	3.2.9.4.	Tip, immarkar tas-silencer(s) ta' l-egżost: .....
		Fejn rilevanti għal ħoss estern, miżuri ta' tnaqqis fil-kompartiment tal-magna u fuq il-magna: .....
	3.2.9.5.	Pożizzjoni tal-ħruġ ta' l-egżost: … .....
	3.2.9.6.	Is-silencer ta' l-egżost li jkun fih materjali fibrużi: .....
▼M21	3.2.9.7.	Volum tas-sistema tal-egżost kollha: … ..... dm^3
	3.2.9.7.1.	(Euro VI biss) Volum aċċettabbli tas-sistema tal-egżost: ..... dm^3
	3.2.9.7.2.	(EURO VI biss) Volum tas-sistema tal-egżost li hija parti mis-sistema tal-magna: ..... dm^3
▼M1	3.2.10.	*Zoni trażversali minimi ta' ports ta' dħul u ħruġ:* .....
	3.2.11.	*Timing tal-valvoli jew data ekwivalenti*
	3.2.11.1.	Irfigħ massimu tal-valvoli, angoli ta' ftuħ u għeluq, jew dettalji ta' timing ta' sistemi ta' distribuzzjoni alternattivi, meta mqabbla ma' partijiet mitfija. Għal sistema ta' timing varjabbli, timing minimu u massimu: … .....
	3.2.11.2.	Firxiet ta' referenza u/jew ta' l-issettjar ([1]): … .....
	3.2.12.	*Miżuri meħuda kontra t-tniġġis ta' l-arja*
	3.2.12.1.	Tagħmir biex jirriċikla l-gassijiet tal-crankcase (deskrizzjoni u disinji): .....
▼M11	3.2.12.1.1.	(Euro VI biss) Apparat għar-riċiklaġġ ta' gassijiet tal-crankcase: iva/le ([2])
		Jekk iva, deskrizzjoni u disinji:
		Jekk le, hija meħtieġa l-konformità mal-Anness V tar-Regolament (UE) Nru 582/2011
▼M1	3.2.12.2.	Tagħmir addizzjonali ta' kontroll tat-tniġġis (jekk ikun hemm, u mhux koperti b'xi intestatura oħra)
	3.2.12.2.1.	Konvertitur katalitiku: iva/le ([1])

▼**M1**

3.2.12.2.1.1. Għadd ta' konvertituri katalitiċi u elementi (ipprovdi t-tagħrif hawn taħt għal kull unità separata): .....

3.2.12.2.1.2. Id-dimensjonijiet, il-forma u l-volum tal-konvertitur(i) katalitiku(ċi): .....

3.2.12.2.1.3. Tip ta' azzjoni katalitika: .....

3.2.12.2.1.4. Iċ-ċarġ totali tal-metalli prezzjużi: .....

3.2.12.2.1.5. Konċentrazzjoni relattiva: .....

3.2.12.2.1.6. Is-sottostrat (struttura u materjal): .....

3.2.12.2.1.7. Id-densità taċ-ċellola: .....

3.2.12.2.1.8. Tip ta' kisi għall-konvertitur(i) katalitiku(ċi): .....

3.2.12.2.1.9. Il-post fejn jinsab(u) il-konvertitur(i) katalitiku(ċi) (post u distanza ta' referenza fil-linja ta' l-egżost): .....

3.2.12.2.1.10. L-ilqugħ mis-sħana: iva/le ([1])

3.2.12.2.1.11. Sistemi ta' riġenerazzjoni/sistemi ta' metodu ta' post-trattament ta' l-egżost, deskrizzjoni: .....

3.2.12.2.1.11.1. Għadd ta' ċikli operattivi tat-Tip I (jew bench cycles tal-magna ekwivalenti) bejn żewġ ċikli fejn iseħħu fażijiet ta' riġenerazzjoni taħt il-kundizzjonijiet ekwivalenti għat-test tat-Tip I (Distanza "D" fil-Figura 1 fl-Anness 13 tar-Regolament Nru 83 ta' l-UNECE): .....

3.2.12.2.1.11.2. Deskrizzjoni tal-metodu użat biex jiġi ddeterminat l-għadd ta' ċikli bejn żewġ ċikli fejn iseħħu fażijiet ta' riġenerazzjoni: .....

3.2.12.2.1.11.3. Parametri biex jiġi ddeterminat il-livell ta' tagħbija meħtieġ qabel ma sseħħ ir-riġenerazzjoni (jiġifieri t-temperatura, il-pressjoni eċċ.): .....

3.2.12.2.1.11.4. Deskrizzjoni tal-metodu użat biex titgħabba s-sistema fil-proċedura tat-test deskritta fil-paragrafu 3.1 ta' l-Anness 13 tar-Regolament Nru 83 ta' l-UNECE): .....

3.2.12.2.1.11.5. Medda normali ta' temperatura operattiva: ..... K

3.2.12.2.1.11.6. Reaġenti li jinħarqu: iva/le ([1])

3.2.12.2.1.11.7. Tip u konċentrazzjoni ta' reaġent meħtieġ għal azzjoni katalitika: .....

3.2.12.2.1.11.8. Medda normali ta' temperatura operattiva tar-reaġent: ..... K

3.2.12.2.1.11.9. Standard internazzjonali: .....

3.2.12.2.1.11.10. Frekwenza ta' riforniment tar-reaġent: kontinwu/żamma ([1])

3.2.12.2.1.12. Għamla tal-konvertitur katalitiku: .....

3.2.12.2.1.13. Numru ta' identifikazzjoni tal-parti: .....

3.2.12.2.2. Senser ta' l-ossiġnu: iva/le ([1])

3.2.12.2.2.1. Għamla: .....

3.2.12.2.2.2. Pożizzjoni: .....

▼**M1**

3.2.12.2.2.3. Medda ta' kontrolli: ……

3.2.12.2.2.4. Tip: … ……

3.2.12.2.2.5. Numru ta' identifikazzjoni tal-parti: … ……

3.2.12.2.3. Injezzjoni ta' l-arja: iva/le ([1])

3.2.12.2.3.1. Tip (arja pulsata, pompa ta' l-arja, eċċ.): … ……

3.2.12.2.4. Ċirkolazzjoni mill-ġdid tal-gass ta' l-egżost (EGR): iva/le ([1])

3.2.12.2.4.1. Karatteristiċi (għamla, tip, fluss, eċċ.): … ……

3.2.12.2.4.2. Sistema mkessħa bl-ilma: iva/le ([1])

3.2.12.2.5. Sistema ta' kontroll ta' emissjonijiet li jevaporaw: iva/le ([1])

3.2.12.2.5.1. Deskrizzjoni dettaljata tat-tagħmir u l-istat tiegħu ta' kemm huwa ttjunjat: ……

3.2.12.2.5.2. Disinn tas-sistema ta' kontroll ta' l-evaporazzjoni: … ……

3.2.12.2.5.3. Disinn tal-kanister tal-karbon: ……

3.2.12.2.5.4. Massa ta' faħam xott: …… …… g.

3.2.12.2.5.5. Disinn skematiku tat-tank tal-karburant bl-indikazzjoni ta' kapaċità u materjal: ……

3.2.12.2.5.6. Disinn ta' l-ilquħ tas-sħana bejn it-tank u s-sitema ta' l-egżost:..

3.2.12.2.6. Għarbiel tal-partiċelli (PT): iva/le ([1])

3.2.12.2.6.1. Dimensjonijiet, forma u kapaċità ta' l-għarbiel tal-partiċelli: …

3.2.12.2.6.2. Disinn ta' l-għarbiel tal-partiċelli: … ……

3.2.12.2.6.3. Pożizzjoni (distanza ta' referenza fil-linja ta' l-egżost): ……

3.2.12.2.6.4. Metodu jew sistema ta' riġenerazzjoni, deskrizzjoni u/jew disinn: ……

3.2.12.2.6.4.1. Għadd ta' ċikli operattivi tat-Tip I (jew bench cycles tal-magna ekwivalenti) bejn żewġ ċikli fejn iseħħu fażijiet ta' riġenerazzjoni taħt il-kundizzjonijiet ekwivalenti għat-test tat-Tip I (Distanza "D" fil-Figura 1 fl-Anness 13 tar-Regolament Nru 83 ta' l-UNECE): ……

3.2.12.2.6.4.2. Deskrizzjoni tal-metodu użat biex jiġi ddeterminat l-għadd ta' ċikli bejn żewġ ċikli fejn iseħħu fażijiet ta' riġenerazzjoni: …

3.2.12.2.6.4.3. Parametri biex jiġi ddeterminat il-livell ta' tagħbija meħtieġ qabel ma sseħħ ir-riġenerazzjoni (jiġifieri t-temperatura, il-pressjoni eċċ.): … ……

3.2.12.2.6.4.4 Deskrizzjoni tal-metodu użat biex titgħabba s-sistema fil-proċedura tat-test deskritta fil-paragrafu 3.1 ta' l-Anness 13 tar-Regolament Nru 83 ta' l-UNECE): ……

3.2.12.2.6.5. Għamla ta' l-għarbiel tal-partiċelli: … ……

3.2.12.2.6.6. Numru ta' identifikazzjoni tal-parti: … ……

3.2.12.2.6.7. Temperatura operattiva normali: … (K) u medda ta' pressjoni … …… (KPa)

(Vetturi ta' l-istrapazz biss)

▼**M1**

3.2.12.2.6.8. Fil-każ ta' riġenerazzjoni perjodika (Vetturi ta' l-Istrapazz biss)

3.2.12.2.6.8.1. Għadd ta' ċikli ta' testijiet ETC bejn 2 riġenerazzjonijiet (n1): … ..... ►**M11** (mhux applikabbli għal Euro VI) ◄

▼**M11**

3.2.12.2.6.8.1.1. (Euro VI biss) Numru ta' ċikli tat-test WHTC mingħajr riġenerazzjoni (n):

▼**M1**

3.2.12.2.6.8.2. Għadd ta' ċikli ETC tul ir-riġenerezzjoni (n2): … ..... ►**M11** (mhux applikabbli għal Euro VI) ◄

▼**M11**

3.2.12.2.6.8.2.1. (Euro VI biss) Numru ta' ċikli tat-test WHTC b'riġenerazzjoni (n_R):

3.2.12.2.6.9. Sistemi oħra: iva/le ([1])

3.2.12.2.6.9.1. Deskrizzjoni u operazzjoni

▼**M1**

3.2.12.2.7. Sistema ta' dijanjożi fuq il-vettura (OBD): iva/le ([1]): ……

▼**M11**

3.2.12.2.7.0.1. (Euro VI biss) Numru ta' familji ta' magni OBD li huma parti mill-familja ta' magni

3.2.12.2.7.0.2. Lista tal-familji ta' magni OBD (meta applikabbli)

3.2.12.2.7.0.3. Numru tal-familja ta' magni OBD li minnha hija parti l-magna rappreżentattiva/il-magna membru tal-familja:

9.11.3.	Disinji tal-partijiet tal-wiċċ ta' barra skond l-Anness I, punt 6.9.1 tad-Direttiva 74/483/KEE: ……
9.11.4.	Disinn tal-bampers: …
9.11.5.	Disinn tal-floor line: …

▼M1

9.12. **Ċintorin tas-sigurtà u/jew sistemi oħra ta' trażżin**

9.12.1. Numru u pożizzjoni taċ-ċintorini tas-sikurezza u s-sistemi l-oħra ta' trażżin u s-sits ta' fejn jistgħu jiġu użati

(L = naħa tax-xellug, R = naħa tal-lemin, C = ċentru)

		Marka ta' l-approvazzjoni tat-tip KE kompluta	Varjanti, jekk applikabbli	Apparat ta' l-aġġustament taċ-ċinturin għall-għoli (indika iva/le/fakultattiv)
L-ewwel ringiela tas-sits	L			
	C			
	R			
It-tieni ringiela tas-sits (*)	L			
	C			
	R			

(*) It-tabella tista' tiġi estiża skond ma jkun meħtieġ għal vetturi b'aktar minn żewġ ringieli ta' sits jew jekk ikun hemm aktar minn tliet sits tul il-wisa' tal-vettura.

9.12.2. In-natura u l-pożizzjoni tas-sistemi ta' trażżin supplimentari (indika iva/le/fakultattiv)

(L = naħa tax-xellug, R = naħa tal-lemin, C = ċentru)

		Airbag ta' quddiem	Airbag tal-ġenb	Tagħmir tat-tensjoni taċ-ċinturin
L-ewwel ringiela tas-sits	L			
	C			
	R			
It-tieni ringiela tas-sits (*)	L			
	C			
	R			

(*) It-tabella tista' tiġi estiża skond ma jkun meħtieġ għal vetturi b'aktar minn żewġ ringieli ta' sits jew jekk ikun hemm aktar minn tliet sits tul il-wisa' tal-vettura.

9.12.3. Għadd u pożizzjoni ta' l-ankraġġi taċ-ċintorini tas-sigurtà u prova tal-konformità mad-Direttiva 76/115/KEE, (jiġifieri numru ta' l-approvazzjoni tat-tip jew rapport tat-test): … ….

9.12.4. Deskrizzjoni qasira tal-komponenti elettriċi/elettroniċi (jekk ikun hemm): ……

9.13. **Ankraġġi taċ-ċinturini tas-sigurtà**

9.13.1. Ritratti u/jew disinji tal-karrozzerija li juru l-pożizzjoni u d-dimensjonijiet ta' l-ankraġġi ta' l-ankraġġi attwali u effettivi inklużi l-punti-R: … ……

▼**M1**

9.13.2. Disinji ta' l-ankraġġi taċ-ċinturin u l-partijiet ta' l-istruttura tal-vettur fejn huma mehmuża (bl-indikazzjoni materjali): .....

9.13.3. Deskrizzjoni tat-tipi ([u]) ta' ċinturini tas-sikurezza awtorizzati biex jitqiegħdu fl-ankraġġi li bihom tkun mgħammra l-vettura

			Pożizzjoni ta' l-ankraġġ	
			Struttura tal-vettura	Struttura tas-sits
L-ewwel ringiela tas-sits				
Is-sit tan-naħa tal-lemin	Ankraġġi ta' isfel	fuq barra fuq		
	Ankraġġi ta' fuq	ġewwa		
Is-sit tan-nofs	Ankraġġi ta' isfel	lemin xellug		
	Ankraġġi ta' fuq			
Is-sit tan-naħa tax-xellug	Ankraġġi ta' isfel	fuq barra fuq		
	Ankraġġi ta' fuq	ġewwa		
It-tieni ringiela tas-sits (*)				
Is-sit tan-naħa tal-lemin	Ankraġġi ta' isfel	fuq barra fuq		
	Ankraġġi ta' fuq	ġewwa		
Is-sit tan-nofs	Ankraġġi ta' isfel	lemin xellug		
	Ankraġġi ta' fuq			
Is-sit tan-naħa tax-xellug	Ankraġġi ta' isfel	fuq barra fuq		
	Ankraġġi ta' fuq	ġewwa		

(*) It-tabella tista' tiġi estiża skond ma jkun meħtieġ għal vetturi b'aktar minn żewġ ringieli ta' sits jew jekk ikun hemm aktar minn tliet sits tul il-wisa' tal-vettura.

9.13.4. Id-deskrizzjoni ta' tip partikolari ta' ċinturin tas-sikurezza fejn ankraġġ ikun jinsab fir-riffieda tad-dahar tas-sit jew jinkorpora apparat ta' dissipazzjoni ta' enerġija: ... .

9.14. **Spazju għall-immuntar tal-pjanċi tar-reġistrazzjoni ta' wara (agħti l-firxa fejn hu l-każ, jistgħu jintużaw disinji fejn applikabbli)**

9.14.1. Għoli 'l fuq mill-wiċċ tat-triq, ix-xifer ta' fuq: .....

9.14.2. Għoli 'l fuq mill-wiċċ tat-triq, ix-xifer t'isfel: .....

▼M1

9.14.3. Distanza tal-linja taċ-ċentru mill-pjan longitudinali medjan tal-vettura: .....

9.14.4. Distanza mix-xifer tax-xellug tal-vettura: .....

9.14.5. Dimensjonijiet (tul x wisa'): .....

9.14.6. Inklinazzjoni tal-pjan mal-vertikali: .....

9.14.7. Angolu ta' viżibilità fil-pjan orizzontali: .....

9.15. **Il-Protezzjoni tal-qiegħ fuq wara**

9.15.0. Preżenza: iva/le/mhux kompluta ([1])

9.15.1. Disinn tal-partijiet tal-vettura rilevanti għall-protezzjoni tal-qiegħ fuq wara, jiġifieri disinn tal-vettura u/jew tax-chassis bil-pożizzjoni u l-armar tal-fus l-iktar wiesa' ta' wara, disinn ta' l-immuntar u/jew l-armar tal-protezzjoni tal-qiegħ fuq wara. Jekk il-protezzjoni tal-qiegħ fuq wara mhux tagħmir speċjali, id-disinn għandu juri b'mod ċar li d-dimensjonijiet meħtieġa huma sodisfatti: .....

9.15.2. Fil-każ ta' tagħmir speċjali, deskrizzjoni kompluta u/jew disinn tal-protezzjoni tal-qiegħ fuq wara (inkluż immuntar u armar), jew, jekk pprovat bħala unità teknika separata, in-numru ta' l-approvazzjoni tat-tip: .....

9.16. **Il-protezzjoni tar-roti**

9.16.1. Deskrizzjoni fil-qosor tal-vettura fejn għandha x'taqsam il-protezzjoni tar-roti: .....

9.16.2. Disinji dettaljati tal-protezzjoni tar-roti u l-pożizzjoni tagħhom fuq il-vettura li juru d-dimensjonijiet speċifikati fil-Figura 1 ta' l-Anness I tad-Direttiva 78/549/KEE u li jqisu l-possibiltajiet estremi tal-kombinazzjoni tajer/rota: .....

9.17. **Pjanċi regolamentari**

9.17.1. Ritratti u/jew disinji li juru l-pożizzjoni tal-pjanċi regolamentari u skrizzjonijiet u n-numru ta' identifikazzjoni tal-vettura: .....

9.17.2. Ritratti u/jew disinni tal-pjanċa regolamentari u skrizzjonijiet (eżempju komplut bid-dimensjonijiet): .....

9.17.3. Ritratti u/jew disinni tan-numru ta' identifikazzjoni tal-vettura (eżempju komplut bid-dimensjonijiet): .....

9.17.4. Id-dikjarazzjoni ta' konformità mill-manifattur mar-rekwiżiti stabbiliti fil-punt 3.1.1.1. ta' l-Anness tad-Direttiva tal-Kunsill 76/114/KEE (ĠU L 24, 30.1.1976, p. 1.)

9.17.4.1. It-tifsira tal-karattri fit-tieni taqsima u, jekk applikabbli, fit-tielet taqsima użati għall-konformità mar-rekwiżiti tat-taqsima 5.3 ta' l-Istandard ISO 3779-1983 għandha sseħħ: .....

9.17.4.2. Jekk il-karattri fit-tieni taqsima jintużaw għall-konformità mar-rekwiżiti tat-taqsima 5.4 ta' l-Istandard ISO 3779 – 1983 dawn il-karattri għandhom jiġu indikati: .....

▼M1

9.18.	**Interferenza tal-frekwenza tar-radju/kompatibilità elettromanjetika**
9.18.1.	Deskrizzjoni u disinni/ritratti tal-forom u l-materjali kostitwenti tal-parti tal-karozzerija li tifforma l-kompartiment tal-magna u l-parti tal-kompartiment tal-passiġġier l-eqreb tagħha: ……
9.18.2.	Disinji jew ritratti tal-pożizzjoni tal-komponenti tal-metall li jinsabu fil-kompartiment tal-magna (eżempju apparati tas-sħana, rota żejda, filtru ta' l-arja, mekkaniżmu ta' l-isteering, eċċ.): ……
9.18.3.	Tabella u disinn tat-tagħmir li jikkontrolla l-interferenza tar-radju: ……
9.18.4.	Partikolaritajiet u valur nominali tar-resistenza tal-kurrent dirett, u fil-każ ta' cables ta' l-istartjar reżistenti, tar-reżistenza nominali tagħhom kull metru: ……
9.19.	**Protezzjoni laterali**
9.19.0.	Preżenza: iva/le/mhux kompluta ([1])
9.19.1.	Disinn tal-partijiet tal-vettura rilevanti għall-protezzjoni laterali, jiġifieri disinn tal-vettura u/jew tax-chassis bil-pożizzjoni u l-immuntar tal-fus(ien), disinn ta' l-immuntati u/jew tal-fittings tat-tagħmir ta' protezzjoni laterali. Jekk il-protezzjoni laterali sseħħ mingħajr tagħmir speċjali ta' protezzjoni laterali d-disinn għandu juri b'mod ċar li d-dimensjonijiet meħtieġa huma sodisfatti: ……
9.19.2.	Fil-każ ta' tagħmir ta' protezzjoni laterali, deskrizzjoni sħiħa u/jew disinn ta' dan il-mezz(i) (inklużi immuntati u fittings) jew in-numru(i) ta' approvazzjoni tat-tip tal-komponent: ……
9.20.	**Sistema ta' trażżin tat-titjir ta' sprej**
9.20.0.	Preżenza: iva/le/mhux kompluta ([1])
9.20.1.	Deskrizzjoni qasira tal-vettura fir-rigward tas-sistema ta' soppressjoni tat-titjir ta' sprej u l-komponenti konstitwenti: …
9.20.2.	Disinji dettaljati tas-sistema tat-trażżin tat-titjir ta' sprej u l-pożizzjoni tagħha fuq il-vettura li juru d-dimensjonijiet speċifikati fil-figuri ta' l-Anness III tad-Direttiva 91/226/KEE u li jqisu l-possibiltajiet estremi tal-kombinazzjoni tajer/rota: ……
9.20.3.	In-numru(i) ta' l-approvazzjoni tat-tip tat-tagħmir ta' trażżin tat-titjir ta' sprej, jekk disponibbli: ……
9.21.	**Reżistenza ta' l-impatt mill-ġenb**
9.21.1.	Deskrizzjoni dettaljata, inklużi ritratti u/jew disinji, tal-vettura rigward l-istruttura, id-dimensjonijiet, il-linji u l-materjali kostitwenti tal-ħitan tal-ġnub tal-kompartiment tal-passiġġier (estern u intern), inklużi dettalji speċifiċi tas-sistema ta' protezzjoni, fejn applikabbli: ……

▼M1

9.22.	**Protezzjoni tal-qiegħ fuq quddiem**
9.22.0.	Preżenza: iva/le/mhux kompluta (1)
9.22.1.	Disinn tal-partijiet tal-vettura rilevanti għal mal-protezzjoni tal-qiegħ fuq quddiem, jiġifieri, id-disinn tal-vettura u/jew tax-chassis bil-pożizzjoni u l-immuntat u/jew fitting tal-fus tal-protezzjoni tal-qiegħ fuq quddiem. Jekk il-protezzjoni tal-qiegħ mhix tagħmir speċjali, id-disinn għandu juri b'mod ċar li d-dimensjonijiet meħtieġa huma sodisfatti: …
9.22.2.	Fil-każ ta' tagħmir speċjali, deskrizzjoni sħiħa u/jew disinn tal-protezzjoni tal-qiegħ fuq quddiem (li tinkludi l-immuntati u l-fittings), u, jekk dan ikun approvat bħala unità teknika separata, in-numru ta' l-approvazzjoni tat-tip: …
9.23.	**Il-ħarsien ta' persuni fit-triq**
9.23.1.	Għandha tingħata deskrizzjoni dettaljata, inkluż ritratti u/jew disinni, tal-vettura fir-rigward ta' l-istruttura, id-dimensjonijiet, il-linji ta' referenza rilevanti u l-materjali kostitwenti tan-naħa ta' quddiem tal-vettura (ta' ġewwa u ta' barra), inkluż dettall ta' kull sistema ta' protezzjoni attiva installata.

▼M2

9.24.	**Sistemi ta' protezzjoni ta' quddiem**
9.24.1.	Arranġament ġenerali (disinji jew ritratti) li jindikaw il-pożizzjoni u t-twaħħil tas-sistemi ta' protezzjoni ta' quddiem:
9.24.2.	Disinji u/jew ritratt, fejn rilevanti, ta' xbieki tad-dħul ta' l-arja, xbieki tar-radjatur, raqam dekorattiv, stemmi, emblemi u tiswir 'il ġewwa u kull projezzjoni esterna u partijiet tal-wiċċ fuq barra li jistagħu jitqiesu bħala kritikċi (eż. tagħmir tad-dawl). Jekk il-partijiet elenkati fl-ewwel sentenza mhumiex kritiċi, għall-għanijiet ta' dokumentazzjoni dawn jistgħu jinbidlu b'ritratti, akkumpanjati jekk meħtieġ mid-dettalji dimensjonali u/jew it-test:
9.24.3.	Dettalji kompleti ta' l-immuntar meħtieġ u l-istruzzjonijiet kollha, inkluż r-rekwiżiti tat-torque, għall-immuntar:
9.24.4.	Disinn tal-bampers:
9.24.5.	Disinn tal-linja ta' l-art fit-tarf ta' quddiem tal-vettura:

▼M1

10.	DAWL U TAGĦMIR TAS-SINJALI BID-DAWL
10.1.	Tabella tat-tagħmir kollu: numru, għamla, mudell, marka ta' l-approvazzjoni tat-tip, intensità massima tal-fanali prinċipali, kulur, tell-tale: …
10.2.	Disinn tal-pożizzjoni tad-dawl u t-tagħmir ta' sinjalazzjoni bid-dawl: …
10.3.	Għal kull fanal u riflettur speċifikat fid-Direttiva 76/756/KEE (ĠU L 262, 27.9.1976, p. 1), agħti l-informazzjoni li ġejja (bil-miktub u/jew b'dijagramma)

▼**M1**

10.3.1.	Disinn li juri d-daqs tal-wiċċ li jdawwal: ….	
10.3.2.	Metodu użat għad-definizzjoni tal-wiċċ apparenti skond il-paragrafu 2.10. UNECE Regolament Nru 48 (ĠU L 137, 30.5.2007, p. 1.): …	
10.3.3.	Assi ta' riferenza u ċentru ta' riferenza: …	
10.3.4.	Metodu ta' operazzjoni tal-fanali li jinħbew: ….	
10.3.5.	Xi miżuri speċifiċi ta' mmuntar u installazzjoni ta' wajers: …	
10.4.	Lampi b'dipped beam: orjentazzjoni normali skond il-paragrafu 6.2.6.1 tar-Regolament ta' l-UNECE Nru 48: …	
10.4.1.	Valur ta' aġġustament tal-bidu: ….	
10.4.2.	Pożizzjoni ta' l-indikazzjoni: …	
10.4.3.	Deskrizzjoni/disinn ([1]) u tip ta' tagħmir ta' livellar tal-fanal ta' quddiem (per eżempju, awtomatiku, manwalment aġġustabbli f'fażijiet, aġġustabbli kontinwament b'mod manwali): …	Applikabbli biss għal vetturi b'tagħmir ta' livellar tal-fanali ta' quddiem
10.4.4.	Tagħmir ta' kontroll:	
10.4.5.	Marki ta' riferenza:	
10.4.6.	Marki assenjati għal-kundizzjonijiet ta' tagħbija:	
10.5.	Deskrizzjoni qasira tal-komponenti elettriċi/elettroniċi apparti minn fanali (jekk ikun hemm): ….	
11.	IRBIT BEJN VETTURI TA' L-IRMONK U TREJLERS U SEMI-TREJLERS	
11.1.	Klassi u tip tat-tagħmir ta' l-iggančjar immuntat jew li jrid jiġi mmuntat: …	
11.2.	Karatteristiċi D, U, S u V tat-tagħmir ta' iggančjar immuntat jew karatteristiċi minimi D, U, S u V tal-mezz(i) ta' iggančjar li jrid jiġi immuntat ….. daN	
11.3.	Struzzjonijiet għat-twaħħil tat-tip ta' iggančjar mal-vettura u ritratti jew disinji tal-postijiet tat-twaħħil fuq il-vettura kif iddikjarat mill-manifattur; informazzjoni addizzjonali, jekk l-użu tat-tip ta' ġgančjar huwa ristrett għal ċerti varjanti jew verżjonijiet tat-tip ta' vettura: ….	
11.4.	Informazzjoni dwar l-immuntar tal-brekits speċjali ta' l-irmonk jew tal-pjanċi ta' muntaġġ: ….	
11.5.	In-numru(i) ta' approvazzjoni tat-tip: …	
12.	MIXXELLANJA	
12.1.	Tagħmir ta' twissija li jinstema'	

▼**M1**

12.1.1.	Pożizzjoni, metodu ta' twaħħil, tqegħid u orjentazzjoni tat-tagħmir, bid-dimensjonijiet: …
12.1.2.	Numru tat-tagħmir: …
12.1.3.	In-numru(i) ta' approvazzjoni tat-tip: …
12.1.4.	Dijagramma taċ-ċirkwit elettriku/pnewmatiku ([1]): …
12.1.5.	Vultaġġ jew pressjoni nominali: …
12.1.6.	Disinn tat-tagħmir ta' muntaġġ: …
12.2.	Tagħmir li jipprevjenu l-użu mhux awtorizzat ta' vetturi
12.2.1.	Tagħmir protettiv
12.2.1.1.	Deskrizzjoni ddettaljata tat-tip ta' vettura fir-rigward ta' l-arranġament u d-disinn tal-kontroll jew ta' l-unità li fuqha jaġixxi t-tagħmir protettiv: …
12.2.1.2.	Disinji tat-tagħmir protettiv u tat-twaħħil tiegħu fuq il-vettura: …
12.2.1.3.	Deskrizzjoni teknika tat-tagħmir: …
12.2.1.4.	Dettalji tal-kombinazzjonijiet tas-serratura użata: …
12.2.1.5.	Immobilzzatur tal-vettura
12.2.1.5.1.	Numru ta' l-approvazzjoni tat-tip, jekk disponibbli: …
12.2.1.5.2.	Għal immobilizzaturi li għadhom mhux approvati
12.2.1.5.2.1.	Deskrizzjoni dettaljata teknika ta' l-immobilizzatur tal-vettura u l-miżuri meħuda kontra l-attivazzjoni bi żball: …
12.2.1.5.2.2.	Is-sistema/i li fuqha jaġixxi l-immobilizzatur tal-vettura: …
12.2.1.5.2.3.	Numru ta' kodiċijiet li effettivament jistgħu jinbidlu, fejn applikabbli: …
12.2.2.	Sistema ta' l-allarm (jekk ikun hemm)
12.2.2.1.	Numru ta' l-approvazzjoni tat-tip, jekk disponibbli: …
12.2.2.2.	Għal sistemi ta' allarm li għandhom mhux approvati
12.2.2.2.1.	Deskrizzjoni ddettaljata tas-sistema ta' allarm u tal-partijiet tal-vettura li jirrelataw mas-sistema ta' allarm installata: …
12.2.2.2.2.	Lista tal-komponenti prinċipali li jikkomprendu s-sistema ta' allarm: …
12.2.3.	Deskrizzjoni qasira tal-komponenti elettriċi/elettroniċi (jekk ikun hemm): …
12.3.	Tagħmir ta' irmonk
12.3.1.	Quddiem: Ganċ/eye/oħrajn ([1])
12.3.2.	Wara: Ganċ/eye/oħrajn/xejn ([1])
12.3.3.	Disinn jew ritratt tax-chassis/żona tal-karozzerija tal-vettura li juri l-pożizzjoni, il-kostruzzjoni u l-muntaġġ tat-tagħmir ta' l-irmonk: …

▼**M1**

12.4. Dettalji ta' tagħmir mhux marbuta mal-magna intiżi biex jinfluwenzaw l-ekonomija tal-karburant (jekk mhux koperti minn punti oħra): .....

12.5. Dettalji ta' tagħmir mhux marbuta mal-magna intiżi biex inaqqsu l-hoss (jekk mhux koperti minn punti oħra): .....

12.6. Tagħmir għal-limitazzjoni tal-veloċità

12.6.1. Manifattur(i): .....

12.6.2. Tip(i): .....

12.6.3. In-numru(i) ta' l-approvazzjoni tat-tip, jekk disponibbli: .....

12.6.4. Veloċità jew medda ta' veloċitajiet li fihom tista' tiġi stabbilita l-limitazzjoni tal-veloċità: ..... km/h

12.7. Tabella ta' stallazzjoni u użu ta' trażmettituri RF fil-vettura(i), jekk applikabbli: .....

Frekwenzi (HZ)	output ta' qawwa massima (W)	pożizzjoni ta' l-antenna fil-vettura, kundizzjonijiet speċifiċi għall-istallazzjoni u/jew l-użu

L-applikant għal approvazzjoni tat-tip għandu jipprovdi wkoll, fejn xieraq:

Appendiċi 1

Lista li fiha l-għamla u t-tip tal-komponenti kollha elettriċi u/jew elettroniċi milquta bid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 72/245/KEE (ĠU L 152, 6.7.1972, p. 15).

Appendiċi 2

Skemi jew disinji ta' l-arranġamenti ġenerali tal-komponenti elettriċi u/jew elettroniċi milquta bid-Direttiva 72/245/KEE u l-arranġament ġenerali tal-kablaġġ.

Appendiċi 3

Deskrizzjoni tal-vettura magħżula biex tirrappreżenta t-tip

Stil tal-karozzerija:

Steering fuq in-naħa tal-lemin jew tax-xellug ([1])

Bażi tar-roti:

Appendiċi 4

Rapport(i) rilevanti tat-test ipprovdut(i) mill-manifattur jew mil-laboratorji approvati/rikonoxxuti għall-għan tat-tfassil taċ-ċertifikat ta' l-approvazzjoni tat-tip.

12.7.1. Vettura b'tagħmir ta' radar b'firxa qasira fuq medda ta' frekwenzi ta' 24 GHz: Iva/Le ([1])

13. DISPOŻIZZJONIJIET SPEĊJALI GĦAL KAROZZI TAL-LINJA U KOWĊIS

13.1. Klassi tal-vettura: Klassi I/Klassi II/Klassi III/Klassi A/Klassi B ([1])

▼M1

13.1.1. Numru ta' l-approvazzjoni tat-tip tal-karozzerija approvata bħala unità teknika separata: …

13.1.2. Tipi ta' chassis fejn il-karozzerija b'approvazzjoni tat-tip tista' tiġi installata (manifattur(i), u tipi ta' vetturi mhux kompluti): …

13.2. **Erja għal passiġġieri (m^2)**

13.2.1. Total (S_0): …

13.2.2. Dekk ta' fuq (S_{0a}) ([1]): …

13.2.3. Dekk ta' isfel (S_{0b}) ([1]): …

13.2.4. Għal passiġġieri bil-wieqfa (S_1): …

13.3. **Għadd ta' passiġġieri (bil-qiegħda u bil-wieqfa)**

13.3.1. Total (N): …

13.3.2. Dekk ta' fuq (N_a) ([1]): …

13.3.3. Dekk ta' isfel (N_b) ([1]): …

13.4. **Numru ta' passiġġieri bil-qiegħda**

13.4.1. Total (A): …

13.4.2. Dekk ta' fuq (A_a) ([1]): …

13.4.3. Dekk ta' isfel (A_b) ([1]): …

13.4.4. Għadd ta' postijiet għal siġġijiet tar-roti għal vetturi tal-kategoriji M_2 and M_3: …

13.5. **Għadd ta' bibien ta' servizz:** …

13.6. **Għadd ta' postijiet ta' ħruġ ta' emerġenza** (bibien, twieqi, sportelli, taraġ ta' interkomunikazzjoni u nofs taraġ): …

13.6.1. Total: …

13.6.2. Dekk ta' fuq ([1]): …

13.6.3. Dekk ta' isfel ([1]): …

13.7. **Volum ta' kompartimenti għall-bagalji (m^3):** …

13.8. **Żona fuq is-saqaf għal ġarr ta' bagalji (m^2):** …

13.9. **Tagħmir tekniku li jiffaċilita l-aċċess għal vetturi** (per eżempju rampa, pjattaforma li titla', sistema għall-irkubtejn), jekk imwaħħlin fuq il-vettura: …

13.10. **Saħħa tas-sovrastruttura**

13.10.1. Numru ta' l-approvazzjoni tat-tip, jekk disponibbli: …

13.10.2. Għal sovrastrutturi li għadhom mhux approvati

13.10.2.1. Deskrizzjoni dettaljata tas-sovrastruttura tat-tip ta' vettura inklużi d-dimensjonijiet tagħha, il-konfigurazzjoni u l-materjali konstitwenti tagħha u tat-twaħħil tagħha mal-qafas tax-chassis: …

13.10.2.2. Disinji tal-vettura u dawk il-partijiet ta' l-arranġament ta' ġewwa tagħha li għandhom influwenza fuq is-saħħa tas-sovrastruttura jew fuq l-ispazju residwu: …

13.10.2.3. Pożizzjoni taċ-ċentru ta' gravità tal-vettura miexja fid-direzzjoni lonġitudinali, trażversali u vertikali: …

▼M1

13.10.2.4. Distanza massima bejn il-linji taċ-ċentru tas-sits tal-passiġġieri esterni: … .....

13.11. **Punti tad-Direttiva 2001/85/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 42, 13.2.2002, p. 1) li jridu jitwettqu u jintwerew għal din l-unità teknika:** … .....

▼M15

13.12. **Illustrazzjoni bid-dimensjonijiet li juru l-arranġament intern fir-rigward tal-postijiet bilqiegħda, iż-żona għall-persuni bilwieqfa, l-utent(i) tas-siġġijiet bir-roti, il-kumpartimenti għall-bagalji inklużi l-ixkafef u l-kaxxa għall-iski, jekk ikun hemm.**

▼M1

14. DISPOŻIZZJONIJIET SPEĊJALI GĦAL VETTURI MAĦSUBA GĦAT-TRASPORT TA' MERKANZIJA PERIKOLUŻA

14.1. **Tagħmir ta' l-elettriku skond id-Direttiva tal-Kunsill 94/55/KE (ĠU L 319, 12.12.1994, p. 1)**

14.1.1. Protezzjoni kontra s-sħana żejda tal-kondutturi: .....

14.1.2. Tip ta' circuit breaker: … .....

14.1.3. It-tip u l-operat tal-masterswiċċ tal-batterija: .....

14.1.4. Deskrizzjoni u pożizzjoni tal-barriera ta' sigurtà għal takografu: … .....

14.1.5. Deskrizzjoni ta' stallazzjonijiet permanentement mogħtija l-enerġija. Indika l-istandard EN applikat: … .....

14.1.6. Kostruzzjoni u ħarsien ta' l-istallazzjoni elettrika li tinsab fuq in-naħa ta' wara tal-kabina tas-sewwieq: .....

14.2. **Prevenzjoni tar-riskji min-nirien**

14.2.1. Tip ta' materjal li ma jeħux in-nar fil-pront fil-kabina tas-sewwieq: … .....

14.2.2. Tip ta' lqugħ mis-sħana fuq in-naħa ta' wara tal-kabina tas-sewwieq (jekk applikabbli): .....

14.2.3. Pożizzjoni u l-protezzjoni mis-sħana tal-magna: … .....

14.2.4. Pożizzjoni u protezzjoni tas-sistema ta' l-egżost … .....

14.2.5. Tip u disinn tal-protezzjoni mis-sħana tas-sistemi tal-brejkijiet ta' strapazz: .....

14.2.6. Tip, disinn u pożizzjoni tal-hiters tal-kombustjoni: … .....

14.3. **Rekwiżiti speċjali għal kostruzzjoni tal-karozzerija, jekk hemm, skond id-Direttiva 94/55/KE**

14.3.1. Deskrizzjoni tal-miżuri ta' konformità mar-rekwiżiti għal vetturi tat-Tip EX/II u tat-Tip EX/III: .....

14.3.2. Fil-każ ta' vetturi tat-Tip EX/III, ir-reżistenza għal sħana minn barra: .....

15. L-UŻU MILL-ĠDID, IR-RIĊIKLAĠĠ U L-IRKUPRU

15.1. Verżjoni tal-vettura ta' referenza: .....

▼M1

15.2.	Massa tal-vettura ta' referenza bil-karozzerija jew massa tax-chassis bil-kabina, mingħajr karozzerija u/jew tagħmir għall-igganċjar jekk il-produttur ma jistallax il-karozzerija u/jew l-istrument għall-igganċjar (inklużi likwidi, għodda, rota ta' emerġenza, jekk stallati) mingħajr is-sewwieq: … .....
15.3.	Massa ta' materjali għall-vettura ta' referenza: … .....
15.3.1.	Massa ta' materjal meqjusa fil-fażi ta' qabel it-trattament (v): …
15.3.2.	Massa ta' materjal meqjusa fil-fażi ta' qabel it-trattament (v): …
15.3.3.	Massa ta' materjal meqjusa fil-fażi mhux metallika tat-trattament ta' residwu, meqjusa bħala riċiklabbli (v): … .....
15.3.4.	Massa ta' materjal meqjusa fil-fażi mhux metallika tat-trattament ta' residwu, meqjusa rikuperabbli bħala enerġija (v): ….
15.3.5.	Brejkdawn tal-materjal (v): … .....
15.3.6.	Massa totali tal-materjali, li jistgħu jintużaw mill-ġdid u/jew riċiklabbli: .....
15.3.7.	Massa totali tal-materjali, li jistgħu jintużaw mill-ġdid u/jew ta' l-irkupru: … .....
15.4.	**Rati**
15.4.1.	Rata ta' riċiklabbiltà “R_{cyc} (%)”: … .....
15.4.2.	Rata ta' rkupru “R_{cov} (%)”: … .....
16.	AĊĊESS GĦAL TAGĦRIF TA' TISWIJA U ŻAMMA TAL-VETTURA
16.1.	Indirizz ta' websajt ewlenija għal aċċess għal tagħrif ta' tiswija u żamma tal-vettura: .....
16.1.1.	Data li minnha jkun disponibbli (mhux aktar tard minn 6 xhur mid-data ta' l-approvazzjoni tat-tip): .....
16.2.	Termini u kundizzjonijiet ta' aċċess għall-websajt: .....
16.3.	Format tat-tagħrif dwar tiswija u żamma tal-vettura aċċessibbli permezz tal-websajt: … .....

Noti ta' spjegazzjoni

▼M15

(*) ĠU L 353, 21.12.2012, p. 31.

▼M18

(**) ĠU L 140, 5.6.2009, p. 1.

(***) ĠU L 194, 26.7.2011, p. 19.

▼M1

([1]) Ħassar fejn mhux applikabbli (jeżistu każijiet fejn xejn ma jkun jeħtieġ jitħassar fejn tkun applikabbli aktar minn annotazzjoni waħda).

([2]) Speċifika t-tolleranza

([3]) Jekk jogħġbok imla hawn l-ogħla valuri u dawk l-aktar baxxi għal kull varjant.

([4]) Għall-fini tad-definizzjoni ta' vetturi off-road biss.

([5]) Fassal b'mod li l-valur attwali jkun ċar għal kull konfigurazzjoni teknika tat-tip ta' vettura.

▼M1

(6) Il-vetturi li jaħdmu sew bil-petrol kif ukoll bil-karburant gassuż, iżda fejn is-sistema tal-petrol hija għal skopijiet ta' emergenza jew ta' startjar biss u li t-tank tal-petrol tagħha ma jieħux aktar minn 15-il litru ta' petrol, jiġu meqjusa għat-test bħala vetturi li jaħdmu biss bil-karburant gassuż.

▼M15

(7) Għandu jiġi speċifikat it-tagħmir falkoltattiv li jaffettwa d-dimensjonijiet tal-vettura.

▼M21

(8) Għandu jiġi dokumentat f'każ ta' familja ta' magni OBD waħda u jekk mhux diġà inkluż fil-pakkett/i ta' dokumentazzjoni msemmi/ja fil-punt 3.2.12.2.7.0.4.

(9) Il-valur għad-WHTC iikombinat inkluż il-parti kiesħa u sħuna skont l-Anness VIII tar-Regolament (KE) Nru 582/2011.

(10) Għandu jiġi dokumentat jekk mhux inkluż diġà fid-dokumentazzjoni msemmija fil-punt 3.2.12.2.7.0.5.

▼M1

(a) Jekk xi parti jkollha l-approvazzjoni tat-tip, mhux meħtieġ li dik il-parti tiġi deskritta jekk issir referenza għal din l-approvazzjoni. Bl-istess mod, mhux meħtieġ li tiġi deskritta parti jekk il-kostruzzjoni tagħha tkun tidher b'mod ċar fid-dijagrammi jew disinji mehmuża. Għal kull ħaġa li għaliha għandu jiġi mehmuż disinn jew ritratt, agħti n-numri tad-dokumenti korrispondenti mehmuża.

(b) Jekk il-mezz ta' identifikazzjoni tat-tip fih karattri mhux rilevanti biex jiddeskrivu t-tip tal-vettura, komponenti jew unità teknika separata koperti minn dan id-dokument ta' informazzjoni, dawn il-karattri għandhom jiġu rrappreżentati fid-dokumentazzjoni bis-simbolu "?" (per eżempju ABC??123??).

(c) Ikklassifikati skond id-definizzjonijiet stabbiliti fil-Parti A ta' l-Anness II.

(d) Deskrizzjoni skond EN 10027-1: 2005. Jekk dan mhux possibbli, l-informazzjoni li ġejja għandha tkun ipprovduta:
— deskrizzjoni tal-materjali,
— punt ta' elastiċità,
— limitu aħħari ta' qsim,
— kemm jiġġebbed (fi %),
— Ebusija Brinell.

(e) "Kontroll quddiem" kif iddefinit fil-Punt 2.7 ta' l-Anness I tad-Direttiva tal-Kunsill 74/297/KEE (ĠU L 165, 20.6.1974, p. 16).

(f) Meta hemm verżjoni waħda b'kabina normali u oħra b'kabina ta' l-irqad, iż-żewġ gruppi ta' mases u dimensjonijiet għandhom jiġu ddikjarati.

(g) Standard ISO 612: 1978 – Vetturi tat-triq – Dimensjonijiet tal-vetturi bil-mutur u vetturi rmonkati – kundizzjonijiet u definizzjonijiet.

(g1) Vettura bil-mutur u trejler bil-ganċ: punt Nru 6.4.
Semi-trejler u trejler bil-fus fiċ-ċentru: punt Nru 6.4.2.
Nota:
Fil-każ ta' trejler bil-fus fiċ-ċentru, il-fus tal-kapling għandu jitqies bħala l-fus ta' qudquddiem nett.

(g2) punt Nru 6.19.2.

(g3) punt Nru 6.20.

(g4) punt Nru 6.5.

(g5) punt Nru 6.1 u għal vetturi għajr għal dawk tal-kategorija M1: Punt 2.4.1. ta' l-Anness tad-Direttiva 97/27/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 233, 25.8.1997, p. 1).
Fil-każ ta' trejlers, it-tulijiet għandhom jiġu speċifikati kif imsemmi fil-punt Nru 6.1.2 ta' l-Istandard ISO 612: 1978.

(g6) punt Nru 6.17.

(g7) punt Nru 6.2 u għal vetturi għajr għal dawk tal-kategorija M_1: punt 2.4.2. ta' l-Anness I tad-Direttiva 97/27/KE.

▼M1

([g8]) punt Nru 6.3 u għal vetturi għajr għal dawk tal-kategorija M_1: punt 2.4.3. ta' l-Anness I tad-Direttiva 97/27/KE.

([g9]) punt Nru 6.6.

([g10]) punt Nru 6.10.

([g11]) punt Nru 6.7.

([g12]) punt Nru 6.11.

([g13]) punt Nru 6.18.1.

([g14]) punt Nru 6.9.

▼M15

([h]) Il-massa tas-sewwieq hija stmata għal 75 kg.
Is-sistemi li fihom il-likwidi (għajr dawk għall-ilma użat li għandhom jibqgħu vojta) jimtlew sa 100 % tal-kapaċità speċifikata mill-manifattur.
L-informazzjoni msemmija fil-punti 2.6(b) u 2.6.1(b) ma għandhiex bżonn tiġi pprovduta għall-vetturi tal-kategoriji N_2, N_3, M_2, M_3, O_3,u O_4.

▼M1

([i]) Għal trejlers jew semi-trejlers, u għal vetturi bi trejler jew semi-trejler, li japplikaw tagħbija sinifikanti vertikali fuq it-tagħmir ta' ggančjar jew il-ħames rota, din it-tagħbija, diviża bl-aċċelerazzjoni standard ta' gravità, hija inkluża fil-massa massima teknikament permissibbli.

([j]) "L-isporġenza ta' l-ggančjar" hija d-distanza orizzontali bejn l-ggančjar għal trejlers bil-fus fin-nofs u l-linja taċ-ċentru tal-fus(ien) ta' wara.

([k]) Fil-każ ta' vettura li tista' taħdem jew bil-petrol, diżil, eċċ, jew inkella b'taħlita ma' karburant ieħor, il-punti għandhom jiġu ripetuti.

([l]) Din iċ-ċifra għandha tiġi aġġustata sa l-eqreb deċimu ta' millimetru.

([m]) Dan l-ammont għandu jiġi kkalkolat (π = 3,1416) u aġġustat sa l-eqreb $ċm^3$.

▼M20

([n]) Determinat skont ir-rekwiżit tar-Regolament (KE) Nru 715/2007 jew ir-Regolament (KE) Nru 595/2009 skont il-każ.

▼M1

([o]) Mkejla skond ir-rekwiżiti tad-Direttiva tal-Kunsill 80/1268/KEE (ĠU L 375, 31.12.1980, p. 36).

([p]) Il-partikolaritajiet speċifikati għandhom jingħataw għal xi varjanti proposti.

([q]) Fir-rigward ta' trejlers, il-veloċità massima permessa mill-manifattur.

([r]) Għal tajers tal-kategorija Z intiżi għal fuq vetturi li l-veloċità massima tagħhom taqbeż it-300 km fis-siegħa għandha tiġi provduta informazzjoni ewkivalenti.

([s]) L-għadd ta' postijiet ta' bil-qiegħda li jridu jissemmew għandu jkun dak ta' meta l-vettura tkun miexja. Tista' tiġi speċifikata medda f'każ ta' arranġament modulari.

([t]) "Il-punt 'R'" jew "il-punt ta' referenza ta' postijiet bil-qiegħda" jfissru punt ta' disinn iddefinit mill-manifattur tal-vettura għal kull post bil-qiegħda u stabbilit fir-rigward tas-sistema tridimensjonali ta' referenza kif speċifikata fl-Anness III tad-Direttiva tal-Kunsill 77/649/KEE (ĠU L 267, 19.10.1977, p. 1).

([u]) Għal simboli u marki li jridu jintużaw, ara l-Anness III, il-punti 1.1.3 u 1.1.4 tad-Direttiva tal-Kunsill 77/541/KEE (ĠU L 220, 29.8.1977, p. 95). Fil-każ ta' ċinturini tat-tip "S", speċifika n-natura tat-tip(i).

([v]) Dawn il-kundizzjonijiet huma definiti fl-istandard ISO 22628: 2002 – Vetturi tat-triq – riċiklabbiltà u rkupru mill-ġdid – metodu ta' kalkolu.

▼**M18**

———————

([w]) Innovazzjonijiet ekoloġiċi.

([w1]) Espandi t-tabella jekk hu meħtieġ, billi tuża ringiela żejda għal kull innovazzjoni ekoloġiċi.

([w2]) In-numru tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni li tapprova l-innovazzjoni ekoloġika.

([w3]) Assenjat fid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni li tapprova l-innovazzjoni ekoloġika.

([w4]) Skont il-ftehim tal-awtorità tal-approvazzjoni tat-tip, jekk metodoloġija tal-immudellar hi applikata flok iċ-ċiklu tal-ittestjar ta' tip 1, dan il-valur għandu jkun dak mogħti mill-metodoloġija tal-immudellar.

([w5]) Is-somma tal-iffrankar tal-emissjonijiet tas-CO_2 ta' kull innovazzjoni ekoloġika individwali.

▼**M21**

([x]) Magni li jużaw żewġ tipi ta' fjuwil.

([x1]) Fil-każ ta' magna jew vettura li tuża żewġ tipi ta' fjuwil.

([x2]) Fil-każ ta' magni li jużaw żewġ tipi ta' fjuwil tat-Tip 1B, Tip 2B, u Tip 3B.

([x3]) Għajr għal magni jew vetturi li jużaw żewġ tipi ta' fjuwil.

▼M12

ANNESS II

DEFINIZZJONIJIET ĠENERALI, KRITERJI GĦAL KATEGORIZZAZZJONI TAL-VETTURI, TAT-TIPI TA' VETTURI U TAT-TIPI TA' KARROZZERIJI

PARTI INTRODUTTORJA

Definizzjonijiet ġenerali u dispożizzjonijiet ġenerali

1. **Definizzjonijiet**

1.1. "*Post ta' bilqiegħda*" tfisser kull post li kapaċi jakkomoda persuna waħda bilqiegħda li trid tkun mill-inqas kbira daqs:

(a) il-manikin tal-50 perċentil maskili fil-każ tax-xufier;

(b) il-manikin tal-5 perċentil ta' adulti femminili fil-każijiet l-oħra kollha.

1.2. "*Sit*" tfisser struttura sħiħa bit-trim, kemm hijiex parti integrali tal-bodi tal-vettura kif ukoll jekk mhijiex

1.2.1. It-terminu "sit" ikopri kemm sit individwali kif ukollsitsit f'forma ta' bank.

1.2.2. Is-sitsits li jingħalqu u dawk li jinqalgħu minn posthom huma inklużi f'din id-definizzjoni.

1.3. "*Merkanzija*" tfisser primarjament kull oġġett li jista' jkun ittrasportat.

It-terminu "merkanzija" jinkludi prodotti bil-massa, oġġetti manifatturati, likwidi, annimali ħajjin, għelejjel, tagħbijiet indiviżibbli.

1.4. "*Massa massima*" tfisser il-"massa massima mgħobbija teknikament permissibbli" kif speċifikat fil-punt 2.8 tal-Anness I.

2. **Dispożizzjonijiet ġenerali**

2.1. Numru ta' postijiet ta' bilqiegħda

2.1.1. Ir-rekwiżiti dwar in-numru ta' postijiet ta' bilqiegħda japplikaw għal sitsits li huma maħsuba għall-użu meta l-vettura tkun qed tivvjaġġa fit-triq.

2.1.2. Ma japplikawx għal sitsits li huma maħsuba għall-użu meta l-vettura tkun wieqfa u li huma identifikati b'mod ċari għall-utenti jew permezz ta' simbolu bl-istampi jew permezz ta' sinjal b'test relevanti.

2.1.3. Ir-rekwiżiti li ġejjin japplikaw għall-għadd tal-postijiet ta' bilqiegħda:

(a) kull sit indiviwali għandu jingħadd bħala post wieħed ta' bilqiegħda;

(b) fil-każ ta' sit f'forma ta' bank, kull spazju li għandu wisa' ta' mill-inqas 400 mm mkejla fil-livell tal-kuxxin tas-sit għandu jingħadd bħala post wieħed ta' bilqiegħda.

Din il-kundizzjoni ma għandhiex tipprekludi li l-fabbrikant juża d-dispożizzjonijiet ġenerali msemmija fil-punt 1.1.;

(c) madankollu, spazju kif imsemmi fil-punt (b) ma għandux jingħadd bħala post wieħed ta' bilqiegħda meta:

(i) is-sit f'forma ta' bank jinkludi karatteristiċi li ma jħallux il-warrani tal-manikin joqgħod bilqiegħda b'mod naturali – pereżempju: jekk ikun hemm tal-kaxxa tal-konsowl fissa, żona mhux ikkuttunata, jew trim intern li jinterrompi l-wiċċ nominali tas-sit;

▼M12

(ii) it-tifsila tal-qiegħ tal-vettura quddiem post li wieħed jassumi li hu ta' bilqiegħda (pereżempju jekk ikun hemm xi mina) li ma tħallix is-saqajn tal-manikin joqogħdu f'pożizzjonati naturali.

2.1.4. Fir-rigward tal-vetturi koperti mid-Direttiva 2001/85/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Novembru 2001 li tirrigwardja d-dispożizzjonijiet speċjali għal vetturi użati għat-trasport ta' passiġġieri li jkollhom aktar minn tmien sedili b'żieda mas-sedil tas-sewwieq, u li temenda d-Direttivi 70/156/KEE u 97/27/KE ([1]), id-dimensjoni msemmija fil-punt 2.1.3(b) għandha tkun allinjata mal-ispazju minimu meħtieġ għal persuna waħda b'rabta mad-diversi klassijiet ta' vetturi.

2.1.5. Meta f'vettura jkun hemm ankraġġ ta' sit li jinqala' minn postu, is-sit li jinqala' minn postu għandu jingħadd fid-determinazzjoni tan-numru ta' postijiet ta' bilqiegħda.

2.1.6. Żona intiża għal siġġu tar-roti okkupat għandha titqies bħala post wieħed ta' bilqiegħda.

2.1.6.1. Din id-dispożizzjoni għandha tkun mingħajr ħsara għar-rekwiżiti tal-punt 3.6.1 u l-punt 3.7 tal-Anness VII tad-Direttiva 2001/85/KE.

2.2. Massa massima

2.2.1. Fil-każ ta' unita ta' trattur għal semitrejler, il-massa massima li għandha tiġi kkunsidrata għall-klassifikazzjoni tal-vettura għandha tinkludi l-massa massima tas-semitrejler fuq l-agganċ tal-ħames rota.

2.2.2. Fil-każ ta' vettura mmotorizzata li kapaċi tirmonka karru bil-fus ċentrali jew karru bi drawbar riġidu, il-massa massima li għandha titqies għall-klassifikazzjoni tal-vettura mmotorizzata għandha tinkludi l-massa massima ttrasferita fuq il-vettura tal-irmonk mill-agganċ.

2.2.3. Fil-każ ta' semitrejler, karru b'fus ċentrali u karru b'drawbar riġidu, il-massa massima li għandha titqies għall-klassifikazzjoni tal-vettura għandha tikkorrispondi għall-massa massima tażmessa lejn l-art mir-roti ta' fus jew ta' grupp ta' fusien meta dan ikun iggarantit mal-vettura tal-irmonk.

2.2.4. Fil-każ ta' converter dolly, il-massa massima li għandha titqies għall-klassifikazzjoni tal-vettura għandha tinkludi l-massa massima tas-semitrejler mirfuda fuq il-ħames agganċ tar-roti.

2.3. Tagħmir speċjali

2.3.1. Il-vetturi mgħammra primarjament b'tagħmir fiss bħal makkinarju jew apparat għandhom jitqiesu bħala kategorija N jew O.

2.4. Unitajiet

2.4.1. Sakemm mhux indikat mod ieħor, kull unità tal-kejl u s-simbolu assoċjat magħha għandhom jikkonformaw mad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva tal-Kunsill 80/181/KEE ([2]).

3. **Kategorizzazzjoni f'kategoriji ta' vetturi**

3.1. Il-fabbrikant huwa responsabbli għall-kategorizzazzjoni ta' tip ta' vettura f'kategorija speċifika.

Għal dawn il-finijiet, il-kriterji rilevanti kollha deskritti f'dan l-Anness għandhom jintlaħqu.

3.2. L-awtorità tal-approvazzjoni tista' titlob mill-fabbrikant informazzjoni addizzjonali relevanti bl-għan li turi li tip ta' vettura għandha tiġi kategorizzata bħala vettura bi skopijiet speċjali fil-grupp speċjali ("Kodiċi SG").

([1]) ĠU L 42, 13.2.2002, p. 1.
([2]) ĠU L 39, 15.2.1980, p. 40.

▼**M12**

PARTI A

Kriterji għal kategorizzazzjoni tal-vettura

1. **Kategoriji tal-vetturi**

Għall-finijiet tal-approvazzjoni Ewropea u nazzjonali tat-tip, kif ukoll għall-approvazzjoni individwali, il-vetturi għandhom jiġu kkategorizzati skont il-klassifikazzjoni li ġejja:

(Huwa mifhum li l-approvazzjoni tista' tingħata biss għall-kategoriji msemmija fil-punti 1.1.1 sa 1.1.3, 1.2.1 sa 1.2.3 u 1.3.1 sa 1.3.4.)

1.1.	Kategorija M	Vetturi motorizzati ddisinjati u mibnijin primarjament għall-ġarr ta' persuni u l-bagalji tagħhom.
1.1.1.	Kategorija M_1	Vetturi tal-kategorija M, li għandhom mhux iżjed minn tmien postijiet ta' bilqiegħda minbarra l-post tax-xufier. Vetturi li jidħlu fil-kategorija M_1 ma għandu jkollhom ebda spazju għal passiġġieri bil-wieqfa. In-numru ta' postijiet ta' bilqiegħda jista' jkun ristrett għal wieħed (i.e. il-post tax-xufier).
1.1.2.	Kategorija M_2	Vetturi fil-kategorija M, li għandhom mhux iżjed minn tmien postijiet ta' bilqiegħda flimkien mal-post ta' bilqiegħda tax-xufier u li għandhom massa massima li ma taqbiżx 5 tunnellati. Il-vetturi fil-kategorija M_2 jista' jkollhom spazju għal passiġġieri bil-wieqfa flimkien mal-postijiet ta' bilqiegħda.
1.1.3.	Kategorija M_3	Vetturi fil-kategorija M, li għandhom mhux iżjed minn tmien postijiet ta' bilqiegħda flimkien minbarra l-post tax-xufier u li għandhom massa massima li ma taqbiżx 5 tunnellati. Il-vetturi fil-kategorija M_3 jista' jkollhom spazju għal passiġġieri bil-wieqfa.
1.2.	Kategorija N	Vetturi bil-mutur iddisinjati u mibnija primarjament għall-ġarr tal-merkanzija.
1.2.1.	Kategorija N_1	Il-vetturi fil-kategorija N li għandhom massa massima li ma taqbiżx 3,5 tunnellati.
1.2.2.	Kategorija N_2	Il-vetturi fil-kategorija N li għandhom massa massima li taqbeż it-3,5 tunnellati iżda li ma taqbiżx 12-il tunnellata.
1.2.3.	Kategorija N_3	Il-vetturi fil-kategorija N li għandhom massa massima li ma aqbiżx 12-il tunnellata.
1.3.	Kategorija O	Karrijiet iddisinjati u mibnija għall-ġarr ta' merkanzija jew ta' persuni kif ukoll għall-akkomodazzjoni ta' persuni.
1.3.1.	Kategorija O_1	Il-vetturi fil-kategorija O li għandhom massa massima li ma taqbiżx 0,75 tunnellati
1.3.2.	Kategorija O_2	Il-vetturi fil-kategorija O li għandhom massa massima li taqbeż iż-0,75 tunnellati li iżda ma taqbiżx it-3,5 tunnellati.

▼**M12**

1.3.3. Kategorija O_3 Il-vetturi fil-kategorija O li għandhom massa massima li taqbeż it-3,5 tunnellati li iżda ma taqbiżx 10 tunnellati.

1.3.4 Kategorija O_4 Il-vetturi fil-kategorija O li għandhom massa massima li taqbeż 10 tunnellati.

2. **Sottokategoriji tal-vetturi**

2.1. Vetturi off-road

"*Vettura off-road (ORV)*" tfisser vettura fil-kategorija M jew N, li għandha karatteristiċi tekniċi speċifiċi li jippermettu l-użu tagħha barra mit-toroq normali.

Għal dawk il-kategoriji ta' vetturi, l-ittra "G" għandha tiġi miżjuda bħala suffiss mal-ittra u n-numru li jidentifikaw il-kategorija tal-vettura.

Il-kriterji għas-sottokategorizzazzjoni tal-vetturi bħala "ORV" għandhom jiġu speċifikati fit-Taqsima 4 tal-Parti A ta' dan l-Anness.

2.2. Vetturi bi skopijiet speċjali

2.2.1. "*Vettura bi skopijiet speċjali (SPV)*" tfisser vettura tal-kategorija M, N jew O li għandha karatteristiċi tekniċi speċifiċi biex twettaq funzjoni li tirrikjedi arranġamenti u/jew tagħmir speċjali.

Għal vetturi mhux kompluti li huma intiżi li jaqgħu fis-sottokategorija SPV, l-ittra "S" għandha tiġi miżjuda bħala suffiss mal-ittra u n-numru li jidentifikaw il-kategorija tal-vettura.

Id-diversi tipi ta' vetturi bi skopijiet speċjali huma ddefiniti u mniżżla fit-Taqsima 5.

2.3. Vettura bi skopijiet speċjali off-road

2.3.1. "*Vettura bi skopijiet speċjali off-road (ORV-SPV)*" tfisser vettura li tappartjeni jew għall-kategorija M jew N li għandha karatteristiċi tekniċi speċifiċi msemmija fil-punti 2.1 u 2.2.

Għal dawk il-kategoriji ta' vetturi, l-ittra "G" għandha tiġi miżjuda bħala suffiss mal-ittra u n-numru li jidentifikaw il-kategorija tal-vettura.

Barra minn hekk, għal vetturi mhux kompluti li huma intiżi li jaqgħu taħt is-sottokategorija SPV, l-ittra "S" għandha tiġi miżjuda bħala t-tieni suffiss.

3. **Kriterji għall-kategorizzazzjoni tal-vetturi fil-kategorija N**

3.1. Il-kategorizzazzjoni ta' tip ta' vettura fil-kategorija N għandha tkun ibbażata fuq il-karatteristiċi tekniċi tal-vettura kif imsemmija fil-punti 3.2 sa 3.6.

3.2. Bħala prinċipju, il-kompartiment(i) fejn jinsabu l-postijiet ta' bilqiegħda kollha għandhom ikunu kompletament separati miż-żona tat-tagħbija.

3.3. B'deroga mir-rekwiżiti tal-punt 3.2, il-persuni u l-merkanzija jistgħu jiġu ttrasportati fl-istess kompartiment bil-kundizzjoni li ż-żona tat-tagħbija tkun mgħammra b'apparat tas-sigurtà maħsub biex jipproteġi l-persuni trasportati kontra l-ispustar tat-tagħbija waqt is-sewqan, inkluż ibbrejkjar u liwi f'kantunieri f'daqqa.

3.4. Apparat tas-sigurtà – apparat tal-irbit – maħsuba għas-sigurtà tat-tagħbija kif meħtieġ fil-punt 3.3, kif ukoll sistemi diviżorji, intiżi għall-vetturi sa massimu ta' 7,5 tunnellati għandhom jiġu ddisinjati skont id-dispożizzjonijiet tat-Taqsimiet 3 u 4 tal-Istandard ISO 27956: 2009 "Vetturi tat-triq – Is-sigurtà tat-tagħbija f'vannijiet tal-kunsinna – Rekwiżiti u Metodi tal-ittestjar".

▼**M12**

3.4.1. Ir-rekwiżiti msemmija fil-punt 3.4 jistgħu jkunu vverifikati b'dikjarazzjoni ta' konformità pprovduta mill-fabbrikant.

3.4.2. Bħala alternattiva għar-rekwiżiti tal-punt 3.4, il-fabbrikant jista' juri b'mod li jissodisfa l-awtorità tal-approvazzjoni li l-apparat tas-sigurtà mmuntat jagħti livell ekwivalenti ta' protezzjoni kif stipulat fl-istandard imsemmi.

3.5. In-numru ta' postijiet ta' bilqiegħda minbarra il-post tax-xufier ma għandux jaqbeż:

(a) 6 fil-każ ta' vetturi N_1;

(b) 8 fil-każ ta' vetturi N_2 jew N_3.

3.6. Il-vetturi għandu jkollhom kapaċità tal-ġarr tal-merkanzija daqs jew iżjed mill-kapaċità tal-ġarr tal-persuni espressa f'kg.

3.6.1. Għal dawn il-finijiet, l-ekwazzjonijiet li ġejjin għandhom jintlaħqu fil-konfigurazzjonijiet kollha, b'mod partikolari meta l-pożizzjonijiet kollha bilqiegħda jkunu okkupati:

(a) meta $N = 0$:

$P - M \geq 100$ kg

(b) meta $0 < N \leq 2$:

$P - (M + N \times 68) \geq 150$ kg;

(c) meta $N > 2$:

$P - (M + N \times 68) \geq N \times 68$;

meta l-ittri jkollhom is-sinifikat li ġej:

"P" hija l-massa massima mgħobbija teknikament permissibbli;

"M" hija l-massa fil-kundizzjoni tas-sewqan;

"N" hija n-numru ta' postijiet ta' bilqiegħda barra l-post bilqiegħda tax-xufier.

3.6.2. Il-massa tat-tagħmir immuntat mal-vettura sabiex jakkomoda l-merkanzija (eż. tank, karrozzerija, eċċ.), għall-ġestjoni tal-merkanzija (eż. krejn, lift, eċċ.) u għas-sigurtà tal-merkanzija (eż. tagħmir għas-sigurtà tal-merkanzija) għandha tiġi inkluża f'M.

Il-massa tat-tagħmir li ma jintużax għall-iskopijiet imsemmija hawn fuq (bħal kompressur, argnu, ġeneratur tal-enerġija elettrika, tagħmir tax-xandir, eċċ) ma għandhiex tiġi inkluża f'M għall-finijiet tal-applikazzjoni tal-formuli li ġejjin.

3.7. Ir-rekwiżiti msemmija fil-punti 3.2 sa 3.6 għandhom jintlaħqu għall-varjanti u l-verżjonijiet kollha fi ħdan it-tip ta' vettura.

3.8. Kriterji għall-kategorizzazzjoni tal-vetturi bħala N_1.

3.8.1 Vettura għandha tiġi kkategorizzata bħala N_1 meta jintlaħqu l-kriterji applikabbli kollha.

Meta jintlaħaq kriterju wieħed jew iżjed, il-vettura għandha tiġi kkategorizzata bħala M_1.

3.8.2. Minbarra l-kriterji ġenerali msemmija fil-punti 3.2 sa 3.6, il-kriterji speċifikati fil-punti 3.8.2.1 sa 3.8.2.3.5 għandhom jintlaħqu għall-kategorizzazzjoni tal-vetturi meta l-kompartiment tax-xufier u t-tagħbija jkunu f'unità waħda (i.e. karrozzerija "BB").

▼**M12**

3.8.2.1. Il-fatt li ħajt jew partizzjoni, kompluti jew parzjali, ikunu mmuntati bejn ringiela ta' sits u ż-żona tat-tagħbija ma għandux jeskludi l-obbligu li jintlaħqu l-kriterji meħtieġa.

3.8.2.2. Il-kriterji għandhom ikunu kif ġej:

(a) it-tagħbija tal-merkanzija għandha tkun possibbli minn bieb ta' wara, jew minn xatba ta' wara jew minn bieba fil-ġenb maħsuba u mibnija għal dan l-iskop;

(b) fil-każ tal-bieba jew ix-xatba ta' wara, l-apertura tat-tagħbija għandha tilħaq ir-rekwiżiti li ġejjin:

(i) fil-każ li l-vettura tkun mgħammra biss b'ringiela waħda ta' sits jew bis-sit tax-xufier biss, l-għoli minimu tal-apertura tat-tagħbija għandu jkun mill-inqas 600 mm;

(ii) fil-każ li l-vettura tkun mgħammra b'żewġ ringieli ta' sits jew iżjed, l-għoli minimu tal-apertura tat-tagħbija għandu jkun mill-inqas 800 mm u l-apertura għandha turi wiċċ ta' mill-inqas 12 800 ċm^2;

(c) Iż-żona tat-tagħbija għandha tilħaq ir-rekwiżiti li ġejjin:

"*żona tat-tagħbija*" tfisser il-parti tal-vettura li tkun tinsab wara r-ringiela(i) ta' sits jew wara s-sit tax-xufier meta l-vettura tkun mgħammra biss b'sit wieħed tax-xufier;

(i) il-wiċċ tat-tagħbija taż-żona tat-tagħbija għandu ġeneralment ikun ċatt;

(ii) meta l-vettura tkun mgħammra biss b'ringiela waħda ta' sits jew b'sit wieħed, it-tul minimu taż-żona tat-tagħbija għandu jkun mill-inqas 40 % tad-distanza bejn il-fusien;

(iii) meta l-vettura tkun mgħammra b'żewġ ringieli ta' sits jew iżjed, it-tul minimu taż-żona tat-tagħbija għandu jkun mill-inqas 30 % tad-distanza bejn il-fusien.

Meta l-vetturi li fihom is-sits tal-aħħar ringiela jistgħu faċilment jiżżarmaw mill-vettura mingħajr l-użu ta' għodod speċjali, għandhom jintlaħqu r-rekwiżiti dwar it-tul taż-żona tat-tagħbija bis-sits kollha installati fil-vettura;

(iv) ir-rekwiżiti dwar it-tul taż-żona tat-tagħbija għandhom jintlaħqu meta s-sits tal-ewwel ringiela jew tal-aħħar ringiela, skont xi jkun il-każ, ikunu wieqfa fil-pożizzjoni normali tagħhom għall-użu mill-okkupanti tal-vettura.

3.8.2.3 Kundizzjonijiet speċifiċi għall-kejl

3.8.2.3.1. Definizzjonijiet

(a) "*Għoli tal-apertura tat-tagħbija*", tfisser id-distanza vertikali bejn żewġ livelli orizzontali tanġenti rispettivament għall-ogħla punt tal-parti l-iżjed baxxa tal-fetħa tal-bieb u l-iżjed punt baxx tal-ogħla parti tal-fetħa tal-bieb;

(b) "*wiċċ tal-apertura tat-tagħbija*" tfisser l-ikbar wiċċ tal-projezzjoni ortogonali fuq livell vertikali, perpendikolari mal-linja ċentrali tal-vettura, tal-apertura massima permessa meta l-bieba/-bibien) ta' wara jew ix-xatba ta' wara tkun/ikunu miftuħa beraħ;

(c) "*distanza bejn il-fusien*", għall-finijiet tal-applikazzjoni tal-formuli fil-punti 3.8.2.2 u 3.8.3.1, tfisser id-distanza bejn:

(i) il-linja taċ-ċentru tal-fus ta' quddiem u l-linja taċ-ċentru tat-tieni fus fil-każ ta' vettura b'żewġ fusien jew

▼**M12**

(ii) il-linja taċ-ċentru tal-fus ta' quddiem u l-linja taċ-ċentru ta' fus virtwali b'distanza ugwali mit-tieni u t-tielet fus fil-każ ta' vettura bi tliet fusien.

3.8.2.3.2. Aġġustamenti tas-sits

(a) is-sits għandhom jiġu aġġustati fil-pożizzjonijiet ta' wara l-iżjed 'il barra tagħhom;

(b) id-dahar tas-sit, jekk ikun aġġustabbli, għandu jiġi aġġustat biex jakkomoda l-magna tridimensjonali bil-punt-H f'angolu tat-torso ta' 25 grad

(c) id-dahar tas-sit, jekk mhux aġġustabbli, għandu jkun fil-pożizzjoni ddisinjata mill-fabbrikant tal-vettura;

(d) Meta l-għoli tas-sit ikun aġġustabbli, għandu jiġi aġġustat sal-iżjed pożizzjoni baxxa tiegħu.

3.8.2.3.3. Kundizzjonijiet tal-vettura

(a) il-vettura għandha tkun f'kundizzjoni ta' tagħbija korrispondenti mal-massa massima tagħha;

(b) il-vettura għandu jkollha r-roti jħarsu dritt 'il quddiem.

3.8.2.3.4. Ir-rekwiżiti tal-punt 3.8.2.3.2 ma għandhomx japplikaw meta l-vettura tkun mgħammra b'ħajt jew b'diviżjoni.

3.8.2.3.5. Kejl tat-tul taż-żona tat-tagħbija

(a) Meta l-vettura ma hijiex mgħammra b'diviżjoni jew b'ħajt, it-tul għandu jitkejjel minn livell vertikali tanġenti mal-iżjed punt 'il barra fuq wara mill-parti ta' fuq tad-dahar tas-sit sal-ħġieġa jew il-bieb intern ta' wara jew ix-xatba ta' wara, f'pożizzjoni magħluqa;

(b) meta l-vettura tkun mgħammra b'diviżjoni jew b'ħajt, it-tul għandu jitkejjel minn livell vertikali tanġenti man-naħa ta' barra tad-diviżjoni jew tal-ħajt ta' wara san-naħa ta' ġewwa tal-ħġieġa jew tal-bieb jew tax-xatba ta' wara, skont xi jkun il-każ, f'pożizzjoni magħluqa;

(c) ir-rekwiżiti li jikkonċernaw it-tul għandhom jintlaħqu mill-inqas matul linja orizzontali li tinsab fil-livell vertikali lontiġitudinali li jgħaddi mil-linja taċ-ċentru tal-vettura, fil-livell tal-art taż-żona tat-tagħbija.

3.8.3. Minbarra l-kriterji ġenerali msemmija fil-punti 3.2 sa 3.6, il-kriterji speċifikati fil-punti 3.8.3.1 sa 3.8.3.4 għandhom jintlaħqu għall-kategorizzazzjoni ta' vetturi li fihom il-kompartiment tax-xufier u t-tagħbija ma jkunux f'unità waħda (i.e. karrozzerija "BE").

3.8.3.1. Meta l-vettura tkun mgħammra b'bodi tat-tip magħluq, għandu japplika dan li ġej:

(a) it-tagħbija tal-merkanzija għandha tkun possibbli minn bieba, xatba jew panil ta' wara, jew b'mezzi oħra;

(b) l-għoli minimu tal-apertura tat-tagħbija għandu jkun mill-inqas 800 mm u l-apertura għandha turi wiċċ ta' mill-inqas 12 800 $ċm^2$;

(c) It-tul minimu taż-żona tat-tagħbija għandu jkun mill-inqas 40 % tad-distanza bejn il-fusien.

▼**M12**

3.8.3.2. Meta l-vettura tkun mgħammra b'tip ta' żona tat-tagħbija miftuħa, għandhom japplikaw biss id-dispożizzjonijiet imsemmija fil-punti 3.8.3.1. (a) u (c).

3.8.3.3. Għall-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet imsemmija fil-punt 3.8.3, id-definizzjonijiet fil-punt 3.8.2 għandhom japplikaw *mutatis mutandis*.

3.8.3.4. Madankollu, ir-rekwiżiti li jikkonċernaw it-tul taż-żona tat-tagħbija għandhom jintlaħqu matul linja orizzontali li tinsab fil-livell lonġitudinali li jgħaddi mil-linja taċ-ċentru tal-vettura fil-livell tal-art taż-żona tat-tagħbija.

4. **Kriterji għas-sottokategorizzazzjoni tal-vetturi bħala vetturi offroad**

4.1. Il-vetturi M_1 jew N_1 għandhom jiġu sottokategorizzati bħala vetturi off-road jekk fl-istess ħin, jilħqu l-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) ikollhom mill-inqas fus wieħed ta' quddiem u wieħed ta' wara huma ddisinjati biex jinsaqu simultanjament irrispettivament minn jekk fus wieħed motorizzat jistax jiġi disingaġġat;

(b) ikun immuntat mill-inqas mekkaniżmu wieħed ta' serratura differenzjali jew mekkaniżmu li għandu effett simili;

(c) ikunu kapaċi jitilgħu telgħab'pendil ta' 25 % bħala vettura waħedha;

(d) jilħqu ħames mis-sitt rekwiżiti li ġejjin:

(i) l-angolu tal-approċċ għandu jkun mill-inqas ta' 25 grad;

(ii) l-angolu tat-tluq għandu jkun mill-inqas ta' 20 grad;

(iii) l-angolu tar-rampa għandu jkun mill-inqas ta' 20 grad;

(iv) il-qtugħ mill-art taħt il-fus ta' quddiem għandu jkun mill-inqas ta'180 mm;

(v) il-qtugħ mill-art taħt il-fus ta' wara għandu jkun mill-inqas ta' 180 mm;

(vi) il-qtugħ mill-art bejn il-fusien għandu jkun mill-inqas ta' 200 mm.

4.2. Il-vetturi M_2, N_2 jew M_3 li l-massa massima tagħhom ma taqbiżx il-12-il tunnellata għandhom jiġu sottokategorizzati bħala vetturi off-road jekk jilħqu l-kundizzjoni stabbilita fil-punt (a) jew iż-żewġ kundizzjonijiet stabbiliti fil-punti (b) u (c):

(a) il-fusien kollha tagħhom għandhom jinstaqu simultanjament, irrispettivament minn jekk fus motorizzat wieħed jew iżjed minn wieħed jistgħux jiġu disingaġġjati,

(b) (i) mill-inqas fus wieħed ta' quddiem u wieħed ta' wara huma ddisinjati biex jinstaqu simultanjament irrispettivament minn jekk fus wieħed motorizzat jistax jiġi disingaġġjat;

(ii) ikun immuntat mill-inqas mekkaniżmu wieħed ta' serratura differenzjali jew mekkaniżmu li għandu effett simili;

(iii) ikunu kapaċi jitilgħu telgħa b'pendil ta' 25 % bħala vettura waħedha;

▼**M12**

(c) jilħqu ħames mis-sitt rekwiżiti li ġejjin jekk il-massa tagħhom ma tkunx taqbeż 7,5 tunnellati u mill-inqas erbgħa jekk il-massa massima tagħhom taqbeż 7,5 tunnellati:

(i) l-angolu tal-approċċ għandu jkun mill-inqas ta' 25 grad;

(ii) l-angolu tat-tluq għandu jkun mill-inqas ta' 25 grad;

(iii) l-angolu tar-rampa għandu jkun mill-inqas ta' 25 grad;

(iv) il-qtugħ mill-art taħt il-fus ta' quddiem għandu jkun mill-inqas 250 mm;

(v) il-qtugħ mill-art bejn il-fusien għandu jkun mill-inqas ta' 300 mm;

(vi) il-qtugħ mill-art taħt il-fus ta' wara għandu jkun mill-inqas ta' 250 mm.

4.3. Vetturi M_3 jew N_3 li l-massa massima tagħhom ma taqbiżx 12-il tunnellata għandhom jiġu sottokategorizzati bħala vetturi off-road jekk jilħqu l-kundizzjoni stabbilita fil-punt (a) jew iż-żewġ kundizzjonijiet stabbiliti fil-punti (b) u (c):

(a) il-fusien kollha tagħhom huma misjuqa simultanjament, irrispettivament minn jekk wieħed jew iżjed minn wieħed mill-fusien motorizzati jistgħux jiġu disingaġġjati;

(b) (i) mill-inqas nofs il-fusien (jew żewġ fusien mit-tliet fusien fil-każ ta' vettura bi tliet fusien u *mutatis mutandis* fil-każ ta' vettura b'ħames fusien) huma ddisinjati li jinstaqu simultanjament, irrispettivament minn jekk fus wieħed motorizzat jistax jiġi disingaġġjat;

(ii) ikun hemm mill-inqas mekkaniżmu wieħed ta' serratura differenzjali jew mekkaniżmu li għandu effett simili;

(iii) ikunu kapaċi jitilgħu telgħa b'pendil ta' 25% bħala vettura waħedha;

(c) ikunu jilħqu mill-inqas erbgħa mis-sitt rekwiżiti li ġejjin:

(i) l-angolu tal-approċċ għandu jkun mill-inqas ta' 25 grad;

(ii) l-angolu tat-tluq għandu jkun mill-inqas ta' 25 grad;

(iii) l-angolu tar-rampa għandu jkun mill-inqas ta' 25 grad;

(iv) il-qtugħ mill-art taħt il-fus ta' quddiem għandu jkun mill-inqas ta' 250 mm;

(v) il-qtugħ mill-art bejn il-fusien għandu jkun mill-inqas ta' 300 mm;

(vi) il-qtugħ mill-art taħt il-fus ta' wara għandu jkun mill-inqas ta' 250 mm.

4.4. Il-proċedura għall-verifika tal-konformità mad-dispożizzjonijiet ġeometriċi msemmija f'din it-taqsima għandha tiġi stabbilita fl-Appendiċi 1.

▼**M12**

5. **Vetturi bi skopijiet speċjali**

	Isem	Kodiċi	Definizzjoni
5.1.	Karavan motorizzat	SA	Vettura tal-kategorija M bi spazju ta' akkomodazzjoni/għajxien li fih it-tagħmir li ġej bħala minumu: (a) sits u mejda; (b) akkomodazzjoni tal-irqad li tista' tiġi kkonvertita mis-sits; (c) faċilitajiet tat-tisjir; (d) faċilitajiet tal-ħżin. Dan it-tagħmir għandu jkun imwaħħal b'mod riġidu mal-kompartiment tal-għajxien. Madankollu, il-mejda tista' tkun imfassla b'mod li tista' titneħħa faċilment.
5.2.	Vettura blindata	SB	vettura maħsuba għall-protezzjoni ta' persuni jew merkanzija trasportati b'kisi tal-metall għall-protezzjoni mill-balal.
5.3.	Ambulanza	SC	vettura tal-kategorija M maħsuba għat-trasport tal-morda jew ta' persuni feruti u li għandha tagħmir speċjali għal dan l-iskop. Il-kompartiment tal-pazjenti għandu jikkonforma mar-rekwiżiti tekniċi tal-Istandard EN 1789: 2007 dwar "Vetturi mediċi u t-tagħmir tagħhom – Ambulanzi tat-triq" bl-eċċezzjoni tat-Taqsima 6.5 "Lista ta' tagħmir".
5.4.	Karru tal-mejtin	SD	vettura tal-kategorija M maħsuba għat-trasport tal-mejtin u li għandha tagħmir speċjali għal dan l-iskop.
5.5.	Vettura aċċessibbli minn siġġu tar-roti	SH	vettura fil-kategorija M_1 mibnija jew ikkonvertita speċifikament biex takkomoda persuna waħda jew iżjed bilqiegħda fis-siġġijiet tar-roti tagħhom meta jivvjaġġaw fit-triq.
5.6.	Karavan li jinġibed	SE	vettura fil-kategorija O kif iddefinita fit-terminu 3.2.1.3. tal-Istandard ISO 3833: 1977.
5.7.	Krejn mobbli	SF	vettura tal-kategorija N_3, mhux mgħammra għall-ġarr ta' merkanzija, mgħammra bi krejn li l-mument tal-irfigħ tiegħu hu ekwivalenti jew ogħla minn 400 kNm.
5.8.	Grupp speċjali	SG	vettura bi skop speċjali li ma taqax taħt ebda waħda mid-definizzjonijiet imsemmija f'din it-taqsima.
5.9.	Converter dolly	SJ	vettura tal-kategorija O mgħammra b'agganċ tal-ħames rota li jirfed semi-trejler bl-għan li dan jiġi kkonvertit f'karru.
5.10.	Karru tat-trasport ta' tagħbija eċċezzjonali	SK	vettura tal-kategorija O_4 maħsuba għat-trasport ta' tagħbijiet indiviżibbli li hi soġġetta għal restrizzjonijiet tal-veloċità u tat-traffiku minħabba d-dimensjonijiet tagħha.

▼**M12**

	Isem	Kodiċi	Definizzjoni
			Taħt dan it-terminu, hemm inklużi wkoll il-karrijiet modulari idrawliċi irrispettivament min-numru ta' moduli.
▼**M22**			
5.11.	Vettura bil-mutur għat-trasport ta' tagħbija eċċezzjonali	SL	trattur tat-triq jew unità ta' trattur għal semitrejler tal-kategorija N_3 li jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha li ġejjin: (a) għandhom iktar minn żewġ fusien u tal-inqas nofs il-fusien (żewġ fusien minn tlieta fil-każ ta' vettura bi tliet fusien u *mutatis mutandis* fil-każ ta' vettura b'ħames fusien) imfasslin biex jinsaqu b'mod simultanju, irrelevanti jekk jistax jiġi diżattivat fus motorizzat minnhom, (b) li huma mfasslin għall-irmonkar u l-imbottar ta' trejler għat-trasport ta' tagħbija eċċezzjonali tal-kategorija O_4, (c) li għandhom saħħa minima tal-magna ta' 350 kW, u (d) li jistgħu jkunu mgħammrin b'apparat addizzjonali għall-agganċament fuq quddiem għal mases tqal għall-irmonk
5.12.	Trasportatur b'bosta apparati	SM	vettura off-road tal-kategorija N (kif definita fil-punt 2.3) imfassla u mibnija għall-ġbir, l-imbottar, il-ġarr u l-attwar ta' ċertu tagħmir interkambjabbli, (a) b'mhux inqas minn żewġ żoni għat-tagħbija għal dan it-tagħmir, (b) b'interfaċċji standardizzati, mekkaniċi, idrawliċi u/jew elettriċi (eż. Tluq motorizzat) biex jinxtegħel u jiġi attwat it-tagħmir imsemmi hawn fuq u (c) li tissodisfa d-definizzjoni tal-ISO 3833-1977, taqsima 3.1.4. (vettura speċjali). Jekk il-vettura hija mgħammra bi pjattaforma tat-tagħbija awżiljari, it-tul minimu tagħha ma għandux jaqbeż: (a) 1,4 darbiet il-wisgħa ta' bejn ir-roti ta' quddiem jew ta' wara tal-vettura, skont liema jkun l-usa' minnhom fil-każ ta' vetturi b'żewġ fusien, jew (b) 2,0 darbiet il-wisgħa ta' bejn ir-roti ta' quddiem jew ta' wara tal-vettura, skont liema jkun l-usa' minnhom fil-każ ta' vetturi b'żewġ fusien

▼M12

6. **Kummenti**

6.1. L-approvazzjoni tat-tip ma għandhiex tingħata:

(a) lil converter dolly kif iddefinit fit-Taqsima 5 tal-Parti A ta' dan l-Anness;

(b) lil karrijiet b' ganċ tal-ġbid (drawbar) riġidu kif iddefinit fit-Taqsima 4 tal-Parti C ta' dan l-Anness;

(c) lil karrijiet li fihom jistgħu jinġarru l-persuni meta jivvjaġġaw fit-triq.

6.2. Il-paragrafu 6.1 huwa mingħajr ħsara għad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 23 dwar approvazzjoni nazzjonali tat-tip tas-serje żgħar.

PARTI B

Kriterji għal tipi, varjanti u verżjonijiet ta' vetturi

1. **Kategorija M_1**

1.1. Tip ta' vettura

1.1.1. "Tip ta' vettura" għandu jikkonsisti f'vetturi li jkollhom komuni l-karatteristiċi kollha li ġejjin:

(a) l-isem tal-kumpanija tal-fabbrikant.

Bidla fil-forma legali tas-sjieda tal-kumpanija ma tirrikjedix li tingħata approvazzjoni ġdida;

(b) id-disinn u l-assemblaġġ tal-partijiet essenzjali tal-istruttura tal-bodi fil-każ ta' bodi li jirfed lilu nnifsu;

L-istess għandu japplika *mutatis mutandis* għal vetturi li l-karrozzerija tagħhom hi bboltjata fuq jew issaldjata ma' qafas separat;

(c) fil-każ ta' vetturi mibnija f'diversi stadji, il-fabbrikant u t-tip tal-vettura f-istadju preċedenti.

1.1.2. Permezz ta' deroga mir-rekwiżiti tal-punt 1.1.1. (b), meta l-fabbrikant juża l-porzjon tal-art tal-istruttura tal-bodi kif ukoll l-elementi kostitwenti essenzjali li jiffurmaw il-parti ta' quddiem tal-istruttura tal-bodi li tkun tinsab direttament fil-parti ta' quddiem tal-feṫa tal-windskrin, fil-kostruzzjoni ta' tipi differenti ta' karrozzeriji (pereżempju saloon u coupe), dawk il-vetturi jistgħu jitqiesu li huma tal-istess tip. Il-manifattur għandu jagħti provi ta' dan.

1.1.3. Tip għandu jikkonsisti f'mill-inqas varjant wieħed u verżjoni waħda.

1.2. Varjant

1.2.1. "Varjant" fi ħdan tip ta' vettura għandu jiġbor il-vetturi li għandhom komuni dawn il-karatteristiċi ta' kostruzzjoni li ġejjin:

(a) in-numru ta' bibien laterali jew it-tip ta' karrozzerija kif iddefinit fit-Taqsima 1 tal-Parti C meta l-fabbrikant juża l-kriterju tal-punt 1.1.2;

(b) l-impjant tal-enerġija fir-rigward tal-karatteristiċi tal-kostruzzjoni li ġejjin:

(i) it-tip ta' provvista tal-enerġija (magna tal-kombustjoni interna, mutur elettriku jew mod ieħor);

(ii) il-prinċipju ta' ṫaddim (positive ignition, compression ignition jew mod ieħor);

(iii) in-numru u l-arranġament taċ-ċilindri fil-każ ta' magna tal-kombustjoni interna (L4, V6 jew mod ieħor);

▼**M12**

(c) in-numru tal-fusien;

(d) in-numru, u l-interkonessjoni tal-fusien motorizzati;

(e) in-numru ta' fusien immanuvrati;

(f) l-istadju tal-kompletezza (eż. komplut/mhux komplut).

1.3. Verżjoni

1.3.1. "Verżjoni" fi ħdan varjant għandha tiġbor il-vetturi li għandhom komuni l-karatteristiċi kollha li ġejjin:

(a) il-massa massima mgħobbija teknikament permissibbli;

(b) il-kapaċità tal-magna fil-każ ta' magna tal-kombustjoni interna;

(c) il-produzzjoni massima tal-enerġija mill-magna jew saħħa massima kontinwa nominali (mutur elettriku);

(d) it-tip ta' karburant (pitrolju, żejt tal-gass, LPG, bi-karburant, jew oħrajn);

(e) in-numru massimu ta' postijiet ta' bilqiegħda;

(f) il-livell tad-drive by sound;

(g) il-livell tal-emissjoni tal-egżost (pereżempju Euro 5, Euro 6 jew oħrajn);

(h) emissjonijiet tas-CO_2 ikkombinati jew differenzjati;

(i) konsum tal-enerġija elettrika (differenzjat, ikkombinat);

(j) konsum tal-karburant ikkombinat, ikkombinat jew differenzjat;

(k) l-eżistenza ta' sett uniku ta' teknoloġiji innovattivi kif speċifikat fl-Artikolu 12 tar-Regolament (KE) Nru 443/2009 ([1]).

2. **Kategoriji M_2 u M_3**

2.1. Tip ta' vettura

2.1.1. "Tip ta' vettura" għandu jkun jikkonsisti f'vetturi li għandhom komuni l-karatteristiċi li ġejjin:

(a) l-isem tal-kumpanija tal-fabbrikant.

Bidla fil-forma legali tas-sjieda tal-kumpanija ma tirrikjedix li tingħata approvazzjoni ġdida;

(b) il-kategorija;

(c) l-aspetti li ġejjin tal-kostruzzjoni u d-disinn:

(i) id-disinn u l-kostruzzjoni tal-elementi kostitwenti essenzjali li jiffurmaw ix-xaża;

(ii) id-disinn u l-kostruzzjoni tal-elementi kostitwenti essenzjali li jiffurmaw l-istruttura tal-bodi fil-każ ta' bodi li jirfed lilu nnifsu;

(d) in-numru ta' gverti (singolu jew doppju);

(e) in-numru ta' taqsimiet (riġidi/artikulati);

([1]) ĠU L 140, 5.6.2009, p. 1

▼**M12**

(f) in-numru ta' fusien;

(g) il-mod ta' provvista tal-enerġija (abbord jew off-board);

(h) fil-każ ta' vetturi mibnija f'diversi stadji, il-fabbrikant u t-tip tal-vettura fl-istadju preċedenti.

2.1.2. Tip għandu jkun jikkonsisti mill-inqas minn varjant wieħed u verżjoni waħda.

2.2. Varjant

2.2.1. "Varjant" fi ħdan tip ta' vettura għandu jiġbor il-vetturi li għandhom komuni l-karatteristiċi ta' kostruzzjoni li ġejjin:

(a) it-tip ta' karrozzerija kif iddefinit fit-Taqsima 2 tal-Parti C;

(b) il-klassi jew il-kombinazzjoni ta' klassijiet ta' vetturi kif iddefinit fil-punt 2.1.1 tal-Anness I għad-Direttiva 2001/85/KE (fil-każ biss ta' vetturi kompluti u mhux kompluti);

(c) l-istadju tat-tlestija (eż. komplut/mhux komplut/imlesti);

(d) l-impjant tal-enerġija fir-rigward tal-karatteristiċi tal-kostruzzjoni li ġejjin:

(i) it-tip ta' provvista tal-enerġija (magna tal-kombustjoni interna, mutur elettriku jew oħrajn);

(ii) il-prinċipju ta' tħaddim (positive ignition, compression ignition jew oħrajn);

(iii) in-numru u l-arranġament taċ-ċilindri fil-każ ta' magna tal-kombustjoni interna (L6, V8 jew oħrajn).

2.3. Verżjoni

2.3.1. "Verżjoni" fi ħdan varjant għandha tiġbor il-vetturi li għandhom komuni l-karatteristiċi kollha li ġejjin:

(a) il-massa massima mgħobbija teknikament permissibbli;

(b) il-kapaċità tal-vettura li tirmonka karru jew le;

(c) il-kapaċità tal-magna fil-każ ta' magna tal-kombustjoni interna;

(d) il-produzzjoni massima tal-enerġija mill-magna jew saħħa massima kontinwa nominali (mutur elettriku);

(e) it-tip ta' karburant (pitrolju, żejt tal-gass, bi-karburant LPG jew oħrajn);

(f) il-livell tad-drive by sound;

(g) il-livell tal-emissjoni tal-egżost (pereżempju Euro IV, Euro V jew oħrajn).

3. **Kategorija N_1,**

3.1. Tip ta' vettura

3.1.1. "Tip ta' vettura" għandu jkun jikkonsisti f'vetturi li għandhom komuni l-karatteristiċi kollha li ġejjin:

(a) l-isem tal-kumpanija tal-fabbrikant.

Bidla fil-forma legali tas-sjieda tal-kumpanija ma tirrikjedix li tingħata approvazzjoni ġdida;

(b) id-disinn u l-assemblaġġ tal-partijiet essenzjali tal-istruttura tal-bodi fil-każ ta' bodi li jirfed lilu nnifsu;

▼**M12**

(c) id-disinn u l-kostruzzjoni tal-elementi kostitwenti essenzjali li jiffurmaw ix-xażi fil-każ ta' bodi li jirfed lilu nnifsu;

(d) fil-każ ta' vetturi mibnija f'diversi stadji, il-fabbrikant u t-tip tal-vettura fl-istadju preċedenti.

3.1.2. Permezz ta' deroga mir-rekwiżiti tal-punt 3.1.1. (b), meta l-fabbrikant juża l-parti tal-art tal-istruttura tal-bodi kif ukoll l-elementi kostitwenti essenzjali li jiffurmaw il-parti ta' quddiem tal-istruttura tal-bodi li tinsab direttament fuq quddiem tal-feṫa tal-windskrin, fil-kostruzzjoni ta' tipi differenti ta' karrozzerija (pereżempju vann u kabina bix-xażi, distanzi bejn il-fusien differenti u għoli differenti tas-soqfa), dawk il-vetturi jistgħu jitqiesu li jappartjenu għall-istess tip. Għandha tingħata prova ta' dan mill-fabbrikant.

3.1.3. Tip għandu jikkonsisti mill-inqas minn varjant wieħed u verżjoni waħda.

3.2. Varjant

3.2.1. "Varjant" fi ħdan tip ta' vettura għandu jiġbor il-vetturi li għandhom komuni l-karatteristiċi kollha li ġejjin:

(a) in-numru ta' bibien laterali jew it-tip ta' karrozzerija kif iddefinit fit-Taqsima 3 tal-Parti C (għal vetturi kompluti u mlestija) meta l-fabbrikant juża l-kriterju tal-punt 3.1.2;

(b) l-istadju tat-tlestija (eż. komplut/mhux komplut/imlesti);

(c) l-impjant tal-enerġija fir-rigward tal-karatteristiċi tal-kostruzzjoni li ġejjin:

(i) it-tip ta' provvista tal-enerġija (magna tal-kombustjoni interna, mutur elettriku jew tip ieħor);

(ii) il-prinċipju ta' tħaddim (positive ignition, compression ignition jew oħrajn);

(iii) in-numru u l-arranġament taċ-ċilindri fil-każ ta' magna tal-kombustjoni interna (L6, V8 jew oħrajn);

(d) in-numru ta' fusien;

(e) in-numru u l-interkonnessjoni tal-fusien motorizzati;

(f) in-numru ta' fusien immanuvrati.

3.3. Verżjoni

3.3.1. "Verżjoni" fi ħdan varjant għandha tiġbor il-vetturi li għandhom komuni l-karatteristiċi kollha li ġejjin:

(a) Il-massa massima mgħobbija teknikament permissibbli;

(b) il-kapaċità tal-magna fil-każ ta' magna tal-kombustjoni interna;

(c) il-produzzjoni massima tal-enerġija mill-magna jew saħħa massima kontinwa nominali (mutur elettriku)

(d) it-tip ta' karburant (pitrolju, żejt tal-gass, LPG, bi-karburant, jew oħrajn);

(e) in-numru massimu ta' postijiet ta' bilqiegħda;

(f) il-livell tad-drive by sound;

▼M12

(g) il-livell tal-emissjoni tal-egżost (pereżempju Euro 5, Euro 6, jew oħrajn);

(h) emissjonijiet tas-CO_2 ikkombinati jew differenzjati;

(i) konsum tal-enerġija elettrika (differenzjat, ikkombinat);

(j) emissjonijiet tal-karburantikkombinati jew differenzjati.

4. **Kategoriji N_2 u N_3**

4.1. Tip ta' vettura

4.1.1. "Tip ta' vettura" għandu jikkonsisti f'vetturi li għandhom komuni l-karatteristiċi essenzjali kollha li ġejjin:

(a) l-isem tal-kumpanija tal-fabbrikant.

Bidla fil-forma legali tas-sjieda tal-kumpanija ma tirrikjedix li tingħata approvazzjoni ġdida;

(b) il-kategorija;

(c) id-disinn u l-kostruzzjoni tax-xażi li huma komuni għal linja waħda tal-prodott;

(d) in-numru ta' fusien;

(e) fil-każ ta' vetturi mibnija f'ħafna stadji, il-fabbrikant u t-tip tal-vettura tal-istadju preċedenti.

4.1.2. Tip għandu jkun jikkonsisti f'mill-inqas varjant wieħed u verżjoni waħda.

4.2. Varjant

4.2.1. "Varjant" fi ħdan tip ta' vettura għandu jiġbor il-vetturi li għandhom komuni l-karatteristiċi tal-kostruzzjoni kollha li ġejjin:

(a) il-kunċett strutturali tal-bodi jew it-tip ta' karrozzerija kif imsemmi fit-Taqsima 3 tal-Parti C u l-Appendiċi 2 (għal vetturi kompluti u mlestija biss);

(b) l-istadju tat-tlestija (eż. komplut/mhux komplut/imlesti);

(c) l-impjant tal-enerġija fir-rigward tal-karatteristiċi tal-kostruzzjoni li ġejjin:

(i) it-tip ta' provvista tal-enerġija (magna tal-kombustjoni interna, mutur elettriku jew tip ieħor);

(ii) il-prinċipju ta' tħaddim (positive ignition, compression ignition jew oħrajn);

(iii) in-numru u l-arranġament taċ-ċilindri fil-każ ta' magna tal-kombustjoni interna (L6, V8 jew oħrajn);

(d) in-numru u l-interkonnessjoni ta' fusien motorizzati;

(e) in-numru ta' fusien immanuvrati.

4.3. Verżjoni

4.3.1. "Verżjoni" fi ħdan varjant għandha tiġbor il-vetturi li għandhom komuni l-karatteristiċi kollha li ġejjin:

(a) il-massa massima mgħobbija teknikament permissibbli;

(b) il-kapaċità jew le li jiġi rmunkat karru kif ġej:

(i) karru mingħajr brejkijiet;

(ii) karru b'sistema tal-ibbrejkjar bl-inerzja kif iddefinit fil-punt 2.12 tar-Regolament UNECE Nru 13;

▼M12

(iii) karru b'sistema tal-ibbrejkjar kontinwa jew semikontinwa kif iddefinit fil-punti 2.9 u 2.10 tar-Regolament UNECE Nru 13;

(iv) karru fil-kategorija O_4 li jirriżulta f'massa massima tal-kombinazzjoni li ma taqbiżx l-44 tunnellata;

(v) karru fil-kategorija O_4 li jirriżulta f'massa massima tal-kombinazzjoni li taqbeż l-44 tunnellata;

(c) il-kapaċità tal-magna;

(d) il-produzzjoni massima tal-enerġija mill-magna;

(e) it-tip ta' karburant (pitrolju, żejt tal-gass, LPG, bi-karburant, jew oħrajn);

(f) il-livell tad-drive-by sound;

(g) il-livell tal-emissjoni tal-egżost (pereżempju Euro IV, Euro V jew oħrajn).

5. **Kategoriji O_1 u O_2**

5.1. Tip ta' vettura

5.1.1. "Tip ta' vettura" għandha tikkonsisti f'vetturi li għandhom komuni l-karatteristiċi kollha li ġejjin:

(a) l-isem tal-kumpanija tal-fabbrikant.

Bidla fil-forma legali tas-sjieda tal-kumpanija ma tirrikjedix li tingħata approvazzjoni ġdida;

(b) il-kategorija;

(c) il-kunċett kif iddefinit fit-taqsima 4 tal-Parti C;

(d) l-aspetti li ġejjin tal-kostruzzjoni u d-disinn:

(i) id-disinn u l-kostruzzjoni tal-elementi kostitwenti essenzjali li jiffurmaw ix-xażi;

(ii) id-disinn u l-kostruzzjoni tal-elementi kostitwenti essenzjali li jiffurmaw l-istruttura tal-bodi fil-każ ta' bodi li jirfed lilu nnifsu;

(e) in-numru ta' fusien;

(f) fil-każ ta' vetturi mibnija f'diversi stadji, il-fabbrikant u t-tip tal-vettura fl-istadju preċedenti.

5.1.2. Tip għandu jikkonsisti f'mill-inqas varjant wieħed u verżjoni waħda.

5.2. Varjant

5.2.1. "Varjant" fi ħdan tip ta' vettura għandu jiġbor il-vetturi li għandhom komuni dawn il-karatteristiċi ta' kostruzzjoni li ġejjin:

(a) it-tip ta' karrozzerija kif imsemmija fl-Appendiċi 2 (għal vetturi kompluti u mlestija);

(b) l-istadju tat-tlestija (eż. komplut/mhux komplut/imlesti);

(c) it-tip ta' sistema tal-ibbrejkjar (eż. mingħajr brejkijiet/inerzja/motorizzata).

▼**M12**

5.3. Verżjoni

5.3.1. "Verżjoni" fi ħdan varjant għandha tiġbor il-vetturi li għandhom komuni l-karatteristiċi kollha li ġejjin:

(a) il-massa massima mgħobbija teknikament permissibbli;

(b) Il-kunċett ta' sospensjoni (sospensjoni tal-arja, tal-azzar jew tal-lastku, bar tat-torsjoni jew oħrajn);

(c) il-kunċett tal-ganċ tal-ġbid (drawbar) (trijangolu, tubu jew oħrajn).

6. **Kategoriji O_3 u O_4**

6.1. Tip ta' vettura

6.1.1. "Tip ta' vettura" għandu jikkonsisti f'vetturi li jkollhom komuni l-karatteristiċi kollha li ġejjin:

(a) l-isem tal-kumpanija tal-fabbrikant.

Bidla fil-forma legali tas-sjieda tal-kumpanija ma tirrikjedix li tingħata approvazzjoni ġdida;

(b) il-kategorija;

(c) il-kunċett tal-karru b'rabta mad-definizzjonijiet fit-taqsima 4 tal-Parti C;

(d) l-aspetti li ġejjin tal-kostruzzjoni u d-disinn;

(i) id-disinn u l-kostruzzjoni tal-elementi kostitwenti essenzjali li jiffurmaw ix-xażi;

(ii) id-disinn u l-kostruzzjoni tal-elementi kostitwenti essenzjali li jiffurmaw l-istruttura tal-bodi fil-każ ta' karrijiet b'bodi li jirfed lilu nnifsu;

(e) in-numru ta' fusien;

(f) fil-każ ta' vetturi mibnija f'diversi stadji, il-fabbrikant u t-tip tal-vettura fl-istadju preċedenti.

6.1.2. Tip għandu jikkonsisti f'mill-inqas varjant wieħed u verżjoni waħda.

6.2. Varjanti

6.2.1. "Varjant" fi ħdan tip ta' vettura għandu jiġbor il-vetturi li għandhom komuni l-karatteristiċi tal-kostruzzjoni u d-disinn li ġejjin:

(a) it-tip ta' karrozzerija kif imsemmi fl-Appendiċi 2 (għal vetturi kompluti u mlestija);

(b) l-istadju tat-tlestija (eż. komplut/mhux komplut/imlesti);

(c) il-kunċett tas-sospensjonijiet (sospensjoni tal-azzar, tal-arja, jew idrawlika);

(d) il-karatteristiċi tekniċi li ġejjin:

(i) il-kapaċità li x-xażi jiġi estiż jew le;

(ii) l-għoli tal-gverta (normali, tagħbija baxxa, tagħbija nofsha baxxa eċċ.).

▼**M12**

6.3. Verżjonijiet

6.3.1. "Verżjoni" fi ħdan varjant għandha jiġbor il-vetturi li għandhom komuni l-karatteristiċi kollha li ġejjin:

(a) il-massa massima mgħobbija teknikament permissibbli;

(b) is-sottodiviżjonijiet jew kombinazzjoni ta' sottodiviżjonijiet imsemmija fil-punti 3.2 u 3.3 tal-Anness I tad-Direttiva 96/53/KE li fihom jappartjeni l-ispazjar bejn żewġ fusien konsekuttivi li jiffurmaw grupp;

(c) id-definizzjoni tal-fusien fl-aspetti li ġejjin:

(i) fusien tal-irfigħ (numru u pożizzjoni);

(ii) fusien li jitgħabbew (numru u pożizzjoni);

(iii) fusien immanuvrati (numru u pożizzjoni).

7. **Rekwiżiti komuni għall-kategoriji kollha tal-vetturi**

7.1. Meta vettura tkun taqa' taħt diversi kategoriji minħabba l-massa massima tagħha jew in-numru ta' postijiet ta' bilqiegħda jew it-tnejn, il-fabbrikant jista' jagħżel li juża l-kriterji ta' kategorija waħda tal-vetturi jew l-oħra għad-definizzjoni tal-varjanti u l-verżjonijiet.

7.1.1. Eżempji:

(a) vettura "A" tista' tiġi approvata bħala tat-tip N_1 (3,5 tunnellati) u N_2 (4,2 tunnellati) b'rabta mal-massa massima tagħha. F'dan il-każ, il-parametri msemmija fil-kategorija N_1 jistgħu jintużaw ukoll għall-vettura li taqa' taħt il-kategorija N_2 (jew viċiversa);

(b) Vettura "B" tista' tiġi approvata bħala tat-tip M_1 and M_2 b'rabta man-numru ta' postijiet ta' bilqiegħda (7+1 jew 10+1), il-parametri msemmija fil-kategorija M_1 jistgħu jintużaw ukoll għall-vettura li taqa' taħt il-kategorija M_2 (jew viċiversa).

7.2. Vettura fil-kategorija N tista' tiġi approvata għat-tip skont id-dispożizzjonijiet meħtieġa għall-kategorija M_1 jew M_2, skont xi jkun il-każ, meta tkun maħsuba għall-konverżjoni f'vettura ta' dik il-kategorija matul l-istadju li jkun imiss fi proċedura ta' approvazzjoni tat-tip f'ħafna stadji.

7.2.1. Din il-possibbiltà għandha tkun permissibbli biss għal vetturi mhux kompluti.

Dawn il-vetturi għandhom jiġu identifikati b'kodiċi ta' varjant speċifiku mogħti mill-fabbrikant tal-vettura bażi.

7.3. Deżinjazzjonijiet skont it-tip, il-varjant u l-verżjoni

7.3.1. Il-fabbrikant għandu jalloka kodiċi alfanumeriku magħmul minn ittri Rumani u/jew numri Għarab għal kull tip ta' vettura, varjant u verżjoni.

L-użu ta' parentesi u sinkijiet hu permess sakemm ma jieħdux post ittra jew numru.

▼**M12**

7.3.2. Il-kodiċi sħiħ għandu jiġi ddeżinjat: Tip-Varjant-Verżjoni jew "TVV".

7.3.3. It-TVV għandu b'mod ċar u mhux ekwivoku jidentifika kombinazzjoni unika ta' karatteristiċi tekniċi b'rabta mal-kriterji definiti fil-Parti B ta' dan l-Anness.

7.3.4. L-istess fabbrikant għandu juża l-istess kodiċi biex jiddefinixxi tip ta' vettura meta din tkun taqa' taħt żewġ kategoriji jew iżjed.

7.3.5. L-istess fabbrikant ma għandux juża l-istess kodiċi biex jiddefinixxi tip ta' vettura għal iżjed minn approvazzjoni waħda tat-tip fi ħdan l-istess kategorija tal-vettura.

7.4. Numru ta' karattri għat-TVV

7.4.1. In-numru ta' karattri ma għandux jaqbeż:

(a) 15 għall-kodiċi tat-tip tal-vettura;

(b) 25 għall-kodiċi ta' varjant wieħed;

(c) 35 għall-kodiċi ta' verżjoni waħda.

7.4.2. It-"TVV" alfanumeriku sħiħ ma għandux ikun fih iżjed minn 75 karattru.

7.4.3. Meta t-TVV jintuża b'mod sħiħ, għandu jitħalla spazju bejn it-tip, il-varjant u l-verżjoni.

Eżempju ta' TVV:159AF[…*spazju*]0054[…*spazju*]977K(BE).

PARTI C

Definizzjonijiet ta' tipi ta' karrozzerija

0. **Ġenerali**

0.1. It-tip ta' karrozzerija msemmija fit-Taqsima 9 tal-Anness I u l-Parti 1 tal-Anness III kif ukoll il-kodiċi għall-karrozzerija msemmi fl-Oġġett 38 tal-Anness IX għandu jiġi indikat permezz ta' kodiċijiet.

Il-lista tal-kodiċijiet għandha tapplika primarjament għal vetturi kompluti u mlestija.

0.2. Fir-rigward tal-vetturi fil-kategoriji M, it-tip ta' karrozzerija għandu jikkonsisti f'żewġ ittri kif speċifikat fit-Taqsimiet 1 u 2.

0.3. Fir-rigward ta' vetturi fil-kategoriji N u O, it-tip ta' karrozzerija għandu jikkonsisti f'żewġ ittri msemmija fit-Taqsimiet 3 u 4.

0.4. Fejn ikun meħtieġ (speċjalment għat-tipi ta' karrozzerija msemmija rispettivament fil-punt 3.1 u 3.6 u fil-punti 4.1 sa 4.4), għandu jkun supplimentat b'żewġ figuri.

0.4.1. Il-lista ta' figuri għandha tiġi stabbilita fl-Appendiċi 2 għal dan l-Anness.

0.5. Għal vetturi bi skopijiet speċjali, it-tip ta' karrozzerija li għandha tintuża għandha tkun konnessa mal-kategorija tal-vettura.

▼M12

1. **Vetturi li jappartjenu għall-kategorija M_1**

Ref.	Kodiċi	Isem	Definizzjoni
1.1.	AA	Saloon	vettura ddefinita skont it-termini ta' 3.1.1.1 tal-Istandard ISO Nru 3833:1977, mgħammra b'mill-inqas erba' twieqi fil-ġenb.
1.2.	AB	Hatchback	Saloon kif iddefinita f'1.1 bi sportell fuq in-naħa ta' wara tal-vettura.
1.3.	AC	Station wagon	vettura definita skont it-termini ta' 3.1.1.4 tal-Istandard ISO Nru 3833:1977.
1.4.	AD	Coupé	vettura ddefinita skont it-termini ta' 3.1.1.5 tal-Istandard ISO Nru 3833:1977.
1.5.	AE	Convertible	vettura ddefinita skont it-termini ta' Nru 3.1.1.6 tal-Istandard ISO Nru 3833:1977. Madankollu, convertible jista' ma jkollha l-ebda bieba.
1.6.	AF	Vettura bi skop multiplu	vettura oħra minbarra AG u dawk imsemmija f'AA sa AE maħsuba għall-ġarr ta' persuni u l-bagalji tagħhom jew okkażjonalment merkanzija, f'kompartiment wieħed.
1.7.	AG	Trakk station wagon	Vettura ddefinita skont it-termini ta' Nru 3.1.1.4.1 tal-Istandard ISO Nru 3833:1977. Iżda l-kompartiment tal-bagalji għandu jkun kompletament separat mill-kompartiment tal-passiġġieri. Barra minn hekk, il-punt ta' referenza tal-post ta' bilqiegħda tax-xufier ma għandux għalfejn ikun mill-inqas 750 mm 'il fuq mill-wiċċ li jirfed il-vettura.

2. **Vetturi li jappartjenu għall-kategorija M_2 jew M_3**

Ref.	Kodiċi	Isem	Definizzjoni
2.1.	CA	Vettura bi gverta waħda	vettura fejn l-ispazji pprovduti għall-persuni huma arranġati f'livell wieħed jew b'mod li ma jikkostitwixxux żewġ livelli sovraimposti;
2.2.	CB	Vettura b'żewġ gverti	vettura ddefinita fil-punt 2.1.6 tal-Anness I għad-Direttiva 2001/85/KE;
2.3.	CC	Vettura artikulata bi gverta waħda	vettura ddefinita fil-punt 2.1.3 tal-Anness I għad-Direttiva 2001/85/KE bi gverta waħda;
2.4.	CD	Vettura artikolata b'żewġ gverti	vettura ddefinita fil-punt 2.1.3.1 tal-Anness I għad-Direttiva 2001/85/KE;
2.5.	CE	Vettura bi gverta waħda b'qiegħ baxx	vettura ddefinita fil-punt 2.1.4 tal-Anness I għad-Direttiva 2001/85/KE bi gverta waħda;
2.6.	CF	Vettura b'żewġ gverti b'qiegħ baxx	vettura ddefinita fil-punt 2.1.4 tal-Anness I għad-Direttiva 2001/85/KE b'żewġ gverti;
2.7.	CG	Vettura artikolata bi gverta waħda b'qiegħ baxx	vettura li tikkombina l-karatteristiċi tekniċi tal-entrati 2.3 u 2.5;
2.8.	CH	Vettura artikolata b'żewġ gverti b'qiegħ baxx	vettura li tikkombina l-karatteristiċi tekniċi tal-entrati 2.4 u 2.6;

▼M12

Ref.	Kodiċi	Isem	Definizzjoni
2.9.	CI	Vettura bi gverta waħda bis-saqaf miftuħ	vettura b'saqaf parzjali jew mingħajr saqaf;
2.10.	CJ	Vettura b'żewġ gverti b'saqaf miftuħ	vettura mingħajr saqaf fuq il-gverta ta' fuq jew fuq parti minnha;
2.11.	CX	Xażi tax-xarabank	vettura mhux kompluta bi traversi tax-xażi jew immuntar tat-tubu, ferrovija motorizzata, fusien, li hi maħsuba għat-tkomplija bil-karrozzerija, skont il-bżonnijiet tal-operatur tat-trasport.

3. **Vetturi bil-mutur fil-kategorija N_1, N_2 jew N_3**

Ref.	Kodiċi	Isem	Definizzjoni
3.1.	BA	Trakk	vettura li hi ddisinjata u mibnija b'mod esklussivament jew prinċipalment għall-ġarr tal-merkanzija. Tista' wkoll tirmonka karru.
3.2.	BB	Vann	trakk bil-kompartiment tax-xufier u ż-żona tat-tagħbija fi ħdan unità unika;
3.3.	BC	Unità ta' trattur għal semitrejler	vettura tal-irmonk li hi ddisinjata u mibnija esklussivament jew prinċipalment għall-irmonk ta' semitrejlers;
3.4.	BD	Trattur tat-triq	vettura tal-irmonk li hi ddisinjata u mibnija esklussivament għall-irmonk ta' karrijiet oħra minbarra semitrejlers;
3.5.	BE	Trakk pick-up	vettura ta' massa massima li ma taqbiżx it-3 500 kg li fiha l-postijiet ta' bilqiegħda u ż-żona tat-tagħbija ma jkunux jinsabu f'kompartiment wieħed;
3.6.	BX	Kabina tax-xażi jew għata tax-xażi	vettura mhux kompluta b'kabina biss (kompluta jew parzjali), traversi tax-xażi, ferrovija motorizzata, fusien, li hi maħsuba għat-tkomplija bil-karrozzerija, skont il-bżonnijiet tal-operatur tat-trasport.

4. **Vetturi fil-kategorija O**

Ref.	Kodiċi	Isem	Definizzjoni
4.1.	DA	Semitrejler	karru li hu ddisinjat u mibni biex jiġi ggančjat ma' unità ta' trattur jew converter dolly u biex jimponi tagħbija vertikali sostanzjali fuq il-vettura tal-irmonk jew fuq il-converter dolly. L-agganċ li għandu jintuża għal kombinazzjoni ta' vetturi għandu jikkonsisti f'pern u l-ħames rota.
4.2.	DB	Karru bi drawbar	karru li għandu mill-inqas żewġ fusien, li minnhom mill-inqas wieħed ikun fus immanuvrat: (a) mgħammar b'apparat tal-irmonk li jista' jiċċaqlaq vertikalment (b'rabta mal-karru) u (b) li jittrażmetti inqas minn 100 daN bħala tagħbija vertikali statika lill-vettura tal-irmonk.
4.3.	DC	Karru b'fus ċentrali	karru fejn il-fus(ien) hu(ma) pożizzjonati viċin iċ-ċentru tal-gravità tal-vettura (meta mgħobbija b'mod uniformi) sabiex tagħbija vertikali statika żgħira biss, li ma taqbiżx l-10 % ta' dak li jikkorrispondi mal-massa massima tal-karru jew tagħbija ta' 1 000 daN (skont liema huwa l-iżgħar) tiġi trażmessa lill-vettura tal-irmonk.

▼**M12**

Ref.	Kodiċi	Isem	Definizzjoni
4.4.	DE	Karru bi drawbar riġidu	karru b'fus wieħed jew grupp wieħed ta' fusien mgħammra bi drawbar li jittrażmetti tagħbija statika li ma taqbiżx l-4 000 daN lill-vettura tal-irmonk minħabba li l-kostruzzjoni tiegħu ma tilħaqx id-definizzjoni ta' karru bil-fus ċentrali. l-agganċ li għandu jintuża għal kombinazzjoni tal-vetturi m'għandux ikun jikkonsisti f'pern u l-ħames rota.

▼M12

Appendiċi 1

Proċedura għall-verifika ta' jekk vettura tistax tiġi kategorizzata bħala vettura off-road

0. **Ġenerali**

0.1. Għall-finijiet tal-klassifikazzjoni ta' vettura bħala vettura off-road, għandha tapplika l-proċedura deskritta f'dan l-Appendiċi.

1. **Kundizzjonijiet ta' test għal kejl ġeometriku**

1.1. Vetturi li jappartjenu għall-kategorija M_1 jew N_1 għandhom ikunu f'kundizzjonijiet mhux mgħobbija b'manikin tal-50 perċentil maskili installat fuq is-sit tax-xufier u mgħammar bi fluwidu li jkessaħ, lubrikanti, karburant, għodod, rota żejda (jekk mgħammra bħala tagħmir OEM).

Il-manikin jista' jkun mibdul b'apparat simili li għandu l-istess massa.

1.2. Vetturi oħra minbarra dawk imsemmija fil-punt 1.1 għandhom jiġu mgħobbija skont il-massa massima mgħobbija teknikament permissibbli tagħhom.

Id-distribuzzjoni tal-massa fuq il-fusien għandha tkun dik li tirrappreżenta l-aħar każ fir-rigward tal-konformità mal-kriterji rispettivi.

1.3. Vettura rappreżentattiva tat-tip għandha tiġi sottomessa għas-servizz tekniku fil-kundizzjonijiet speċifiċi fil-punt 1.1 jew 1.2. Il-vettura għandha tkun f'pożizzjoni wieqfa bir-roti jħarsu dritt 'il quddiem.

L-art li fuqha jsir il-kejl għandha tkun ċatta u orizzontali kemm jista' jkun (inklinazzjoni massima ta' 0,5 %).

2. **Kejl tal-angoli tal-approċċ, tat-tluq u tar-rampa**

2.1. L-angolu tal-approċċ għandu jitkejjel skont il-Punt 6.10 tal-Istandard ISO 612:1978.

2.2. L-angolu tat-tluq għandu jitkejjel skont il-Punt 6.11 tal-Istandard ISO 612:1978.

2.3. L-angolu tar-rampa għandu jitkejjel skont il-Punt 6.9 tal-Istandard ISO 612:1978.

2.4. Waqt il-kejl, l-apparat ta' protezzjoni tal-underrun ta' wara tal-angolu tat-tluq li huma aġġustabbli fl-għoli jistgħu jiġu stabbiliti fil-pożizzjoni ta' fuq.

2.5. Il-preskrizzjoni fil-punt 2.4 ma għandhiex tiġi miftiehma bħala obbligu għall-vettura bażi biex tiġi mgħammra bi protezzjoni tal-underrun ta' wara bħala tagħmir oriġinali. Madankollu, il-fabbrikant tal-vettura bażi għandu jinforma lill-fabbrikant tal-istadju li jkun imiss li l-vettura se jkollha tikkonforma mar-rekwiżiti fuq l-angolu tat-tluq meta mgħammra bi protezzjoni tal-underrun ta' wara.

3. **Kejl tal-qtugħ mill-art**

3.1. Qtugħ mill-art bejn il-fusien

3.1.1. "*Qtugħ mill-art bejn il-fusien*" tfisser l-iqsar distanza bejn il-livell tal-art u l-iżjed punt baxx fiss tal-vettura.

▼**M12**

Għall-applikazzjoni tad-definizzjoni, għandhom jitqiesu d-distanza bejn l-aħħar fus ta' grupp ta' fusien ta' quddiem u l-ewwel fus ta' grupp ta' fusien ta' wara.



3.1.2. L-ebda parti riġida tal-vettura ma tista' tisporġi fiż-żona oskura murija fuq il-figura.

3.2. Qtugħ mill-art taħt fus wieħed

3.2.1. "*Qtugħ mill-art taħt fus wieħed*" tfisser id-distanza taħt l-ogħla punt tal-ark ta' ċirku li jgħaddi miċ-ċentru tal-marka tat-tajer, ta' roti li jkunu fuq fus wieħed (ir-roti ta' ġewwa fil-każ ta' tajers doppji) u li jmiss l-iżjed punt baxx tal-vettura bejn ir-roti.



3.2.2. Fejn xieraq, il-kejl tal-qtugħ mill-art għandu jitwettaq fuq kull wieħed mid-diversi fusien ta' grupp ta' fusien.

4. **Gradeability**

4.1. "*Gradeability*" tfisser il-kapaċità ta' vettura li timmanuvra fuq art imxaqilba.

4.2. Biex tiġi vverifikata l-gradeability ta' vettura mhux kompluta u ta' waħda kompluta tal-kategorija M_2, M_3, N_2 and N_3, għandu jitwettaq test.

4.3. It-test għandu jitwettaq mis-servizz tekniku fuq vettura li tirrappreżenta t-tip li għandu jiġi ttestjat.

4.4. Fuq talba tal-fabbrikant u taħt il-kundizzjonijiet speċifikati fl-Anness XVI, il-gradeability ta' tip ta' vettura tista' tintwera permezz ta' ttestjar virtwali.

5. **Kundizzjonijiet tat-test u kriterju ta' suċċess/twaħħil**

5.1. Sal-31 ta' Ottubru 2014, għandhom japplikaw il-kundizzjonijiet stabbiliti fit-taqsima 7.5 tal-Anness I għad-Direttiva 97/27/KE.

Mill-1 ta' Novembru 2014, għandhom japplikaw il-kundizzjonijiet tat-test adottati skont ir-Regolament (KE) Nru 661/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]) skont l-Artikolu 14 ta' dak ir-Regolament.

5.2. Il-vettura għandha titla' t-telgħa b'veloċità kostanti mingħajr ebda żlieq lonġitudinali jew laterali tar-roti.

([1]) ĠU L 200, 31.7.2009, p. 1.

▼**M12**

Appendiċi 2

Figuri użati biex jissupplimentaw il-kodiċijiet li għandhom jintużaw għal diversi tipi ta' karrozzeriji

01 B'qiegħ ċatt (Flat bed);

02 Bl-ispurtelli li jinżlu għall-ġnub (Drop-side);

03 B'bodi forma ta' kaxxa (Box body);

04 Bodi kkundizzjonat b'ħitan iżolati u tagħmir għaż-żamma tat-temperatura interna;

05 Bodi kkundizzjonat b'ħitan iżolati iżda mingħajr tagħmir għaż-żamma tat-temperatura interna;

06 Bil-ġnub jiġerrew bħal purtiera;

07 B'sovrastruttura interkambjabbli (Swap body);

08 Ġarrier tal-kontejner;

09 Vetturi mgħammra b'ganċ tal-irfigħ;

10 Tipper;

11 Tank;

12 Tank maħsub għat-trasport ta' merkanzija perikoluża;

13 Ġarrier tal-bhejjem;

14 Trasportatur tal-vetturi;

15 Mikser tal-konkrit;

16 Vettura b'pompa tal-konkrit;

17 Injam;

18 Vettura għall-ġbir tal-iskart;

19 Vettura tal-knis, tat-tindif u tal-ftuħ tad-drenaġġ tat-toroq;

20 Kumpressur;

21 Ġarrier tad-dgħajjes;

22 Ġarrier tal-glajders;

23 Vetturi għal skopijiet ta' bejgħ bl-imnut jew għall-espożizzjoni tal-oġġetti;

24 Vettura tal-irkupru;

25 Vettura b'sellum;

26 Trakk bil-krejn (minbarra krejn mobbli kif definit fit-Taqsima 5 tal-Parti A tal-Anness II);

27 Vettura bi pjattaforma għax-xogħol fl-għoli;

28 Vettura ta' gruwa tat-tħaffir;

29 Karru b'qiegħ baxx;

30 Trasportatur tal-igglejżjar;

31 Vettura għat-tifi tan-nar;

99 Karrozzerija li mhijiex inkluża f'din il-lista.

▼M1

ANNESS III

DOKUMENT TA' INFORMAZZJONI GĦALL-FINI TA' L-APPROVAZZJONI TAT-TIP KE TAL-VETTURI

(Għal noti ta' spjegazzjoni, jekk jogħġbok irreferi għall-aħħar paġna ta' l-Anness I)

PARTI I

L-informazzjoni li ġejja għandha tiġi pprovduta fi tliet kopji u tinkludi werrej. Kwalunkwe disinn għandu jiġi pprovdut fi skala xierqa u b'dettall suffiċjenti fuq karta ta' daqs A4, jew fuq fowlder ta' format A4. Jekk ikun hemm xi ritratti għandu jkun fihom dettalji suffiċjenti.

A. **Kategoriji M u N**

0. ĠENERALI

0.1. Il-marka (marka tal-fabbrika tal-manifattur): …

0.2. Tip: …

0.2.1. Isem(ismijiet) kummerċjali (jekk disponibbli): …

0.3. Mezzi ta' identifikazzjoni tat-tip, jekk indikat fuq il-vettura ([b]): …

0.3.1. Fejn tinsab din il-marka: …

0.4. Kategorija ta' vettura ([c]): …

0.4.1. Klassifikazzjoni(ijiet) skond il-prodotti perikoluż li l-vettura hija intiża li ġġorr: …

▼M15

0.5. Isem u indirizz il-kumpanija tal-manifattur: …

▼M1

0.8. L-isem(ismijiet) u l-indirizz(i) ta' l-impjant(i) ta' l-immuntar: …

0.9. L-isem u l-indirizz tar-rappreżentant tal-manifattur (jekk jeżisti): …

1. IL-KARATTERISTIĊI TAL-BINI ĠENERALI TAL-VETTURA

1.1. itratti u/jew disinji ta' eżempju rappreżentattiv tal-vettura: …

1.3. L-għadd ta' fusien u roti: …

1.3.1. L-għadd u l-pożizzjoni ta' fusien b'roti doppji: …

1.3.2. L-għadd u l-pożizzjoni ta' fusien bi steering: …

1.3.3. Fusien powered (għadd, pożizzjoni, interkonnessjoni): …

1.4. Chassis (jekk ikun hemm) (disinn ġenerali): …

1.6. Pożizzjoni u arranġament tal-magna: …

1.8. Naħa tas-sewqan: … xellug/lemin ([1])

1.8.1. Vettura għandha tagħmir biex tinsaq fit-traffiku fuq in-naħa tal-lemin/xellug ([1])

▼M15

1.9. Speċifika jekk il-vettura tal-irmonk tkunx maħsuba sabiex tirmonka semitrejlers jew trejlers oħra u jekk it-trejler huwiex semitrejler, trejler b'ganċ għall-irmonk, trejler b'fus ċentrali jew trejler b'ganċ tal-irmonk riġidu: …

1.10. Speċifika jekk il-vettura hijiex iddisinjata apposta għall-ġarr ta' merkanzija f'temperatura kkontrollata: …

▼M15

2.	MASES U DIMENSJONIJIET ([f]) ([g]) ([7])
	(f'kg u mm) (Irreferi għall-illustrazzjoni fejn applikabbli)

▼M1

2.1.	**Il-bażi(jiet) tar-roti (mgħobbija kompletament) ([g1])**
2.1.1.	Vetturi b'żewġ fusien: …
2.1.2	*Vetturi b'żewġ fusien jew tlieta*
2.1.2.1.	L-ispazju bejn fusien konsekuttivi mill-fus ta' quddiem nett sal fus ta' wara nett: …
2.1.2.2.	L-ispazju totali bejn il-fusien: …
2.3.1.	Tul ta' kull fus li huwa bl-isteering ([g4]): …
2.3.2.	Tul tal-fusien l-oħra kollha ([g4]): …
2.4.	**Il-medda tad-dimensjonijiet tal-vettura (b'kollox)**
2.4.1.	*Għal chassis mingħajr karozzerija*
2.4.1.1.	Tul ([g5]): …
2.4.1.1.1.	Tul massimu permissibbli: …
2.4.1.1.2.	Tul minimu permissibbli: …
2.4.1.2.	Wisa' ([g7]): …
2.4.1.2.1.	Wisa' massima permissibbli: …
2.4.1.2.2.	Wisa' minima permissibbli: …
2.4.1.3.	Għoli (f'kundizzjoni ta' sewqan) ([g8]) (Għal saspenxins li l-għoli tagħhom jista' jiġi aġġustat, uri l-pożizzjoni normali f'kundizzjoni ta' sewqan): …
2.4.2.	*Għal chassis bil-karozzerija*
2.4.2.1.	Tul ([g5]): …
2.4.2.1.1.	Tul tal-parti tat-tagħbija: …
2.4.2.2.	Wisa' ([g7]): …
2.4.2.2.1.	Ħxuna tal-ħitan (fil-każ ta' vetturi mfassla għal ġarr ta' merkanzija f'temperatura kkontrollata): …
2.4.2.3.	Għoli (f'kundizzjoni ta' sewqan) ([g8]) (Għal saspenxins li l-għoli tagħhom jista' jiġi aġġustat, uri l-pożizzjoni normali f'kundizzjoni ta' sewqan): …

▼M15

2.5.	**Massa minima fuq il-fus(ien) direzzjonali għall-vetturi mhux kompluti:** …
2.6.	**Massa fi stat ta' tħaddim** ([h])
	(a) minimu u massimu għal kull varjant: …
	(b) massa ta' kull verżjoni (għandha tiġi pprovduta matriċi): …

▼M15

2.6.1. Distribuzzjoni ta’ din il-massa fost il-fusien u, fil-każ ta’ semitrejler, trejler bil-fus ċentrali jew trejler bil-ganċ tal-irmonk riġidu, il-massa fuq il-punt tal-agganċ:.....

(a) minimu u massimu għal kull varjant: ... .

(b) massa ta’ kull verżjoni (għandha tiġi pprovduta matriċi): ...

2.6.2. Massa tat-tagħmir fakoltattiv (kif definit fil-punt (5) tal-Artikolu 2 tar-Regolament (UE) Nru 1230/2012: ... .

▼M1

2.7. **Massa minima tal-vettura kompluta** kif mogħtija mill-manifattur, fil-każ ta' vettura mhux kompluta: .....

2.8. **Massa massima mgħobbija teknikament permissibbli** mogħtija mill-manifattur ([1]) ([3]): .....

2.8.1. Distribuzzjoni ta' din il-massa bejn il-fusien u, fil-każ ta' semitrejler jew trejler b'fus ċentrali, it-tagħbija fuq il-punt ta' ggančjar ([3]): .....

2.9. **Massa massima teknikament permessa fuq kull fus:** .....

▼M15

2.10. **Massa teknikament permessibbli fuq kull grupp ta’ fusien:** ... .

2.11. **Massa massima teknikament permissibbli li tista’ tiġi rmunkata tal-vettura tal-irmonk**

fil-każ ta’:

▼M1

2.11.1. Trejler bi drawbar: .....

2.11.2. Semi-trejler: ... .

2.11.3. Trejler ta' fus ċentrali: ... .

▼M15

2.11.4. Trejler bil-ganċ tal-irmonk riġidu: .....

2.11.5 Massa mgħobbija massima teknikament permissibbli tal-kombinazzjoni ([3]): ... .

▼M1

2.11.6. Massa massima ta' trejler mingħajr brejkijiet: .....

▼M15

2.12. **Massa massima teknikament permissibbli fuq il-punt tal-agganċ:**

2.12.1. ta’ vettura tal-irmonk: .....

2.12.2. ta’ semitrejler, trejler bil-fus ċentali jew trejler bil-ganċ tal-irmonk riġidu: ... .

2.16. **Mases massimi permissibbli tar-reġistrazzjoni/fl-użu (fakoltattiv)**

2.16.1. Massa mgħobbija massima permissibbli tar-reġistrazzjoni/fl-użu: ... .

2.16.2. Massa massima permissibbli tar-reġistrazzjoni/fl-użu fuq kull fus, u fil-każ ta’ semitrejler jew trejler bil-fus ċentrali, it-tagħbija maħsuba fuq il-punt tal-agganċ iddikjarat mill-manifattur jekk tkun inqas mill-massa massima teknikament permissibbli fuq il-punt tal-agganċ: ... .

2.16.3. Massa massima permissibbli tar-reġistrazzjoni/fl-użu fuq kull grupp ta’ fusien: .....

2.16.4. Massa massima permissibbli li tista’ tiġi rmunkata tar-reġistrazzjoni/fl-użu: ... .

2.16.5. Massa massima permissibbli tar-reġistrazzjoni/fl-użu tal-kombinazzjoni: ... .

▼M1

3.	IMPJANT TA' QAWWA ([k])
3.1.	**Il-manifattur tal-magna**: …
3.1.1.	Kodiċi tal-magna tal-manifattur (kif immarkat fuq il-magna, jew xi mezz ieħor ta' identifikazzjoni): …
3.1.2.	Numru ta' approvazzjoni (jekk huwa l-każ) inkluż immarkar ta' identifikazzjoni tal-karburant: …
	(Vetturi ta' l-Istrapazz biss)
3.2.	**Magna b'kombustjoni interna**

▼M21

3.2.1.1.	Il-prinċipju ta' tħaddim: tqabbid bl-ispark plaggs/tqabbid bil-kompressjoni/l-użu ta' żewġ tipi ta' fjuwil ([1])
	Ċiklu b'erba' strowks/b'żewġ strowks/rotatorju([1])
3.2.1.1.1.	Tip ta' magna li tuża żewġ tipi ta' fjuwil: Tip 1A/Tip 1B/Tip 2A/Tip 2B/Tip 3B ([1])([x1])
3.2.1.1.2.	Proporzjon Enerġetiku tal-Gass fuq il-parti sħuna taċ-ċiklu tat-test WHTC: … % .....

▼M1

3.2.1.2.	Numru ta' ċilindri u kif inhuma mqassma: … .....
3.2.1.3.	Il-kapaċità tal-magna ([m]): … ..... cm^3
3.2.1.6.	Issettjar normali tal-magna mhux ingranata ([2]): …… …. min^{-1}

▼M21

3.2.1.6.2.	Mhux ingranata fuq id-dīżil: iva/le ([1])([x1])

▼M1

3.2.1.8.	Qawwa netta massima ([n]): ……. kW ma' …… . min-1 (valur dikjarat mill-manifattur)

▼M11

3.2.1.11.	(Euro VI biss) Referenzi tal-fabbrikant tal-pakkett ta' dokumentazzjoni previst mill-Artikoli 5, 7, u 9 tar-Regolament (UE) Nru 582/2011 li jippermetti li l-awtorità tal-approvazzjoni tevalwa l-istrateġiji ta' kontroll tal-emissjonijiet u s-sistemi abbord il-magna biex jiġi żgurat it-tħaddim korrett tal-miżuri ta' kontroll tan-NO_x

▼M1

3.2.2.1.	Vetturi mhux ta' l-istrapazz: Dīżil/Petrol/LPG/NG jew Biomethane/Ethanol (E 85)/Biodīżil/Idroġenu ([1]) ([6])

▼M21

3.2.2.2.	Vetturi heavy duty Dīżil/Petrol/LPG/NG-H/NG-L/NG-HL/ Etanol (ED95)/Etanol (E85)/ LNG/LNG_{20}([1])([6])

▼M11

3.2.2.2.1.	(Euro VI biss) Karburanti kompatibbli għall-użu mill-magna ddikjarati mill-fabbrikant skont it-Taqsima 1.1.3. tal-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 582/2011 (kif applikabbli)

▼M1

3.2.2.4.	Tip ta' karburant tal-vettura: Mono karburant, Bi karburant, Flex karburant ([1])
3.2.2.5.	Ammont massimu ta' biokarburant aċċettabbli fil-karburant (valur iddikjarat tal-manifattur): …… % bil-volum
3.2.3.	*Tank(ijiet) tal-karburant*
3.2.3.1.	Tank(ijiet) ta' karburant ta' servizz
3.2.3.1.1.	Għadd u kapaċità ta' kull tank: … .....
3.2.3.2.	Tank(ijiet) ta' karburant ta' riserva
3.2.3.2.1.	Għadd u kapaċità ta' kull tank: … .....

▼M1

3.2.4.	*Twassil ta' karburant*
3.2.4.1.	Bil-karburatur(i): iva/le ([1])

▼M21

3.2.4.2.	B'injezzjoni tal-fjuwil (tqabbid bil-kompressjoni biss jew magni li jużaw żewġ tipi ta' fjuwil biss): iva/le ([1])

▼M1

3.2.4.2.2.	Il-prinċipju ta' kif taħdem: injezzjoni diretta/pre-chamber/swirl chamber ([1])
3.2.4.3.	Bl-injettar tal-karburant (startjar pożittiv biss): iva/le ([1])
3.2.7.	Sistema li tkessaħ: likwidu/arja1([1])
3.2.8.	*Sistema tad-dħul*
3.2.8.1.	Kompressur: iva/le ([1])
3.2.8.2.	Intercooler: iva/le ([1])

▼M11

3.2.8.3.3.	(Euro VI biss) Tnaqqis proprju tal-pressjoni tas-sistema tad-dħul bil-magna b'veloċità nominali u b'tagħbija fuq il-vettura ta' 100 fil-mija: kPa

▼M1

3.2.9.	*Sistema ta' l-egżost*

▼M11

3.2.9.2.1.	(Euro VI biss) Deskrizzjoni u/jew disinn tal-elementi tas-sistema tal-egżost li mhumiex parti mis-sistema tal-magna
3.2.9.3.1.	(Euro Vi biss) Kontropressjoni tal-egżost massima permissibbli b'veloċità nominali tal-magna u b'tagħbija ta' 100 fil-mija (magni bi startjar bil-kompressjoni biss): ..... kPa

▼M1

3.2.9.4.	Tip, immarkar tas-silencer(s) ta' l-egżost: …
	Fejn rilevanti għal ħoss estern, miżuri ta' tnaqqis fil-kompartiment tal-magna u fuq il-magna: .....
3.2.9.5.	Pożizzjoni tal-ħruġ ta' l-egżost: … .....

▼M11

3.2.9.7.1.	(Euro VI biss) Volum Aċċettabbli tas-Sistema tal-Egżost: … dm^3

▼M1

3.2.12.	*Miżuri meħuda kontra t-tniġġis ta' l-arja*

▼M11

3.2.12.1.1.	(Euro VI biss) Apparat għar-riċiklaġġ ta' gassijiet tal-crankcase: iva/le ([2])
	Jekk iva, deskrizzjoni u disinji:
	Jekk le, hija meħtieġa l-konformità mal-Anness V tar-Regolament (UE) Nru 582/2011

▼M1

3.2.12.2.	Tagħmir addizzjonali ta' kontroll tat-tniġġis (jekk ikun hemm, u jekk mhux koperti b'xi intestatura oħra)
3.2.12.2.1.	Konvertitur katalitiku: iva/le ([1])
3.2.12.2.1.11.	Sistemi ta' riġenerazzjoni/sistemi ta' metodu ta' wara t-trattament ta' l-egżost, deskrizzjoni: .....

▼M1

3.2.12.2.1.11.6. Reaġenti li jinħarqu: iva/le ([1])

3.2.12.2.1.11.7. Tip u konċentrazzjoni ta' reaġent meħtieġ għal azzjoni katalitika: … .....

3.2.12.2.2. Senser ta' l-ossiġnu: iva/le ([1])

3.2.12.2.3. Injezzjoni ta' l-arja: iva/le ([1])

3.2.12.2.4. Ir-riċirkolazzjoni tal-gass ta' l-egżost: iva/le ([1])

3.2.12.2.5. Sistema ta' kontroll ta' emissjonijiet li jevaporaw: iva/le ([1])

3.2.12.2.6. Għarbiel tal-partiċelli: iva/le ([1])

▼M11

3.2.12.2.6.9. Sistemi oħra: iva/le ([1])

3.2.12.2.6.9.1. Deskrizzjoni u operazzjoni

▼M1

3.2.12.2.7. Sistema ta' dijanjożi fuq il-vettura (OBD): iva/le ([1])

▼M11

3.2.12.2.7.0.1. Numru ta' familji ta' magni OBD li huma parti mill-familja ta' magni

3.2.12.2.7.0.2. Lista tal-familji ta' magni OBD (meta applikabbli)

3.2.12.2.7.0.3. Numru tal-familja ta' magni OBD li minnha hija parti l-magna rappreżentattiva/il-magna membru tal-familja:

3.2.12.2.7.0.4. Referenzi tal-fabbrikant tad-Dokumentazzjoni OBD previsti mit-tal-Artikolu 5(4)(c) u l-Punt 4 tal-Artikolu 9(4) tar-Regolament (UE) Nru 582/2011 u speċifikati fl-Anness X tal-istess Regolament għall-finijiet tal-approvazzjoni tas-sistema OBD

3.2.12.2.7.0.5. Meta jkun xieraq, ir-referenza tal-fabbrikant tad-dokumentazzjoni għall-installazzjoni ta' sistema ta' magna mgħammra b'OBD fuq vettura

3.2.12.2.7.0.6. Meta jkun xieraq, referenza tal-fabbrikant rigward il-pakkett ta' dokumentazzjoni relatat mal-installazzjoni tas-sistema OBD ta' magna approvata fuq il-vettura

▼M21

_____

3.2.12.2.7.6.5. (Euro VI biss) Standard tal-protokoll ta' komunikazzjoni OBD: ([8])

▼M11

3.2.12.2.7.7. (Euro VI biss) Referenzi tal-fabbrikant tal-informazzjoni relatata mal-OBD prevista mill-Artikolu 5(4)(d) u 9(4) tar-Regolament (UE) Nru 582/2011 għall-finijiet ta' konformità mad-dispożizzjonijiet dwar l-aċċess għal Informazzjoni OBD ta' vetturi u għal Informazzjoni rigward Tiswija u Manutenzjoni ta' vetturi, jew

▼M11

3.2.12.2.7.7.1. Bħala alternattiva għal referenza tal-fabbrikant ipprovduta fit-Taqsima 3.2.12.2.7.7. referenza tad-dokumenti ta' informazzjoni meħmuża ma' l-Appendiċi 4 tal-Anness III għal dan ir-Regolament (UE) Nru 582/2011 li tinkludi t-tabella li ġejja, meta tiġi kkompletata skont l-eżempju pprovdut:

Komponent - Kodiċi ta' difett - Strateġija ta' Monitoraġġ - Kriterji għall-identifikazzjoni ta' ħsarat - Kriterji għall-attivazzjoni MI - Parametri sekondarji -kundizzjonament minn qabel - Test ta' dimostrazzjoni

Katalista - PO420 – sinjali tas-senser tal-ossiġnu 1 u 2 - Differenza bejn sinjali tas-sensers 1 u 2 – it-tielet ċiklu - Veloċità tal-magna, tagħbija tal-magna, modalità A/F, temperatura tal-katalista -Żewġ ċikli tat-Tip 1 - Tip 1

▼M21

3.2.12.2.7.8. (EURO VI biss) Komponenti OBD abbord il-vettura

3.2.12.2.7.8.1. Lista ta' komponenti OBD abbord il-vettura

3.2.12.2.7.8.2. Deskrizzjoni bil-miktub u/jew disinn tal-MI ([10])

3.2.12.2.7.8.3. Deskrizzjoni bil-miktub u/jew disinn tal-interfejs ta' komunikazzjoni OBD esterna ([10])

▼M1

3.2.12.2.8. Sistemi oħra (deskrizzjoni u operazzjoni): …

▼M11

3.2.12.2.8.1. (Euro VI biss) Sistemi li jiżguraw it-tħaddim kif suppost tal-miżuri ta' kontroll tan-NO_x

▼M21

3.2.12.2.8.2. Is-sistema ta' stimolu tas-sewwieq

12	Direttiva 74/60/KEE (Fitings interni)	*Arranġament intern* (a) Fir-rigward tar-rekwiżiti dwar l-assorbiment tal-enerġija, il-vettura għandha titqies li hija konformi mad-Direttiva 74/60/KEE jekk ikollha mill-inqas żewġ airbags ta' quddiem, waħda mdaħħla fl-istering u l-oħra fid-dashboard. (b) Meta vettura jkollha airbag ta' quddiem waħda biss imdaħħla fl-istering, id-dashboard għandu jkun magħmul minn materjali li jassorbu l-enerġija. (c) Is-servizz tekniku għandu jikkontrolla li ma jkunx hemm xfar jaqtgħu fiż-żoni definiti fit-Taqsimiet 5.1 sa 5.7 tal-Anness I tad-Direttiva 74/60/KEE.

▼**M10**

Oġġett	Referenza tal-att regolatorju	Rekwiżiti alternattivi
		Kontrolli tal-elettriku (a) Twieqi li jaħdmu bl-elettriku, sistemi tal-panils tas-soqfa u sistemi diviżorji għandhom jiġu ttestjati skont it-Taqsima 5.8 tal-Anness I ta' dik id-Direttiva. Is-sensittività tas-sistemi tal-awtorivers imsemmija fil-punt 5.8.3 ta' dak l-Anness tista' tvarja mir-rekwiżiti stabbiliti fil-punt 5.8.3.1.1. (b) Twieqi tal-elettriku li ma jistgħux jingħalqu meta l-ignixin tkun mitfija għandhom ikunu eżentati mir-rekwiżiti li jikkonċernaw is-sistemi tal-awtorivers.
13	Direttiva 74/61/KEE (Tagħmir kontra s-serq u l-immobilizzatur)	(a) Sabiex ikun evitat użu mhux awtorizzat, il-vettura għandu jkollha: — tagħmir li jsakkar kif iddefinit fit-Taqsima 2.2 tal-Anness IV tad-Direttiva 74/61/KEE u — immobilizzatur li jissodisfa r-rekwiżiti tekniċi tat-Taqsima 3 tal-Anness V ta' dik id-Direttiva u r-rekwiżiti essenzjali tat-Taqsima 4, b'mod partikolari l-punt 4.1.1. (b) Jekk, fl-applikazzjoni tal-punt (a) ta' hawn fuq, ikun irid jitwaħħal immobilizzatur, li ma kienx parti mill-vettura meta din ġiet immanifatturata, dan għandu jkun ta' tip approvat skont id-Direttiva 74/61/KEE jew ir-Regolament UNECE Nru 97 jew Nru 116.
14	Direttiva 74/297/KEE ([d]) (Stering protettiv)	(a) L-applikant għandu jissottometti dikjarazzjoni mill-manifattur li tistabbilixxi li l-vettura partikolari, [*li n-numru VIN tagħha jrid ikun speċifikat*], hija konformi ma' mill-inqas waħda minn dawn li ġejjin: — id-Direttiva 74/297/KEE; — FMVSS Nru 203 ("Protezzjoni għas-sewwieq minn impatt mis-sistema tal-kontroll tal-istering") inkluż FMVSS Nru 204 ("Spostament lura tal-kontroll tal-istering"); — l-Artikolu 11 tal-JSRRV. (b) Jista' jitwettaq test skont l-Anness II tad-Direttiva 74/297/KEE fuq vettura tal-produzzjoni fuq talba tal-applikant. It-test għandu jitwettaq minn servizz tekniku Ewropew innotifikat li għandu kompetenza fih. Għandu jinħareġ rapport iddettaljat lill-applikant.
15	Direttiva 74/408/KEE (Is-saħħa tas-sits – ilqugħ għar-ras)	*Is-sits, l-ankraġġi tas-sits u s-sistemi ta' aġġustament* L-applikant għandu jissottometti dikjarazzjoni mill-manifattur li tistabbilixxi li l-vettura partikolari, [*li n-numru VIN tagħha jrid ikun speċifikat*], hija konformi ma' mill-inqas waħda minn dawn li ġejjin: — id-Direttiva 74/408/KEE; — FMVSS Nru 207 ("Sistemi tas-sits").

▼**M10**

Oġġett	Referenza tal-att regolatorju	Rekwiżiti alternattivi
		Ilqugħ għar-ras (a) Meta d-dikjarazzjoni msemmija hawn fuq tkun ibbażata fuq FMVSS Nru 207, l-ilqugħ għar-ras għandhom jissodisfaw, barra minn hekk, ir-rekwiżiti essenzjali tat-Taqsima 3 tal-Anness II tad-Direttiva 74/408/KEE u dawk tat-Taqsima 5 tal-Appendiċi I tal-istess Anness. (b) Għandhom jitwettqu biss it-testijiet deskritti fil-punt 3.10 u t-Taqsimiet 5, 6 u 7 tal-Anness II ta' dik id-Direttiva. (c) Fil-każ l-ieħor, l-applikant għandu jissottometti dikjarazzjoni mill-manifattur li tistabbilixxi li l-vettura partikolari, [*li n-numru VIN tagħha jrid ikun speċifikat*], tikkonforma mal-FMVSS Nru 202a ("Ilqugħ għar-ras").
16	Direttiva 74/483/KEE (Partijiet esterni li jisporġu 'l barra)	(a) Il-wiċċ ta' barra tal-karrozzerija għandu jkun konformi mar-rekwiżiti ġenerali inkużi fit-Taqsima 5 tal-Anness I tad-Direttiva 74/483/KEE. (b) Huwa fid-diskrezzjoni tas-servizz tekniku li d-dispożizzjonijiet imsemmija fil-punti 6.1, 6.5, 6.6, 6.7, 6.8 u 6.11 tal-Anness I ta' dik id-Direttiva jkunu kkontrollati.
17	Direttiva 75/443/KEE (Spidomiter – il-ger tar-rivers)	*Tagħmir tal-ispidomiter* (a) Il-kwadrant (dial) għandu jkun konformi mal-punti 4.1 sa 4.2.3 tal-Anness II tad-Direttiva 75/443/KEE. (b) Meta s-servizz tekniku jkollu bażi raġonevoli biex jemmen li l-ispidomiter mhuwiex ikkalibrat bi preċiżjoni suffiċjenti, huwa jista' jirrikjedi li jitwettqu t-testjiet preskritti fit-Taqsima 4.3. *Il-ger tar-rivers* Il-mekkaniżmu tal-ger għandu jinkludi ger tar-rivers.
18	Direttiva 76/114/KEE (Pjanċi statutorji)	*In-numru ta' identifikazzjoni tal-vettura* (a) Il-vettura għandu jkollha numru ta' identifikazzjoni tal-vettura li jkun fih minimu ta' tmien karattri u massimu ta' 17. Numru ta' identifikazzjoni ta' vettura li jkun fih 17-il karattru għandu jissodisfa r-rekwiżiti stabbiliti fl-Istandards ISO 3779: 1983 u 3780: 1983. (b) In-numru ta' identifikazzjoni tal-vettura għandu jkun f'pożizzjoni li tkun viżibbli u aċċessibbli b'mod ċar b'tali mod li ma jistax jinqered jew jiddeterjora. (c) Fejn l-ebda numru ta' identifikazzjoni ta' vettura ma kien stampat fix-xażi jew fil-karrozzerija meta din ġiet immanifatturata, l-Istat Membru jista' jirrikjedi li jsirilha wieħed bl-applikazzjoni tad-dritt nazzjonali tiegħu. F'tali każ, l-awtorità kompetenti ta' dak l-Istat Membru għandha tissorvelja l-operazzjoni. *Pjanċi statutorji* Il-vettura għandu jkollha pjanċa ta' identifikazzjoni mwaħħla mill-manifattur tal-vettura. L-ebda pjanċa addizzjonali ma tista' tintalab wara li tingħata l-approvazzjoni.

▼**M10**

Oġġett	Referenza tal-att regolatorju	Rekwiżiti alternattivi
19	Direttiva 76/115/KEE (Ankraġġi taċ-ċinturini tas-sikurezza)	L-applikant għandu jissottometti dikjarazzjoni mill-manifattur li tistabbilixxi li l-vettura partikolari, [*li n-numru VIN tagħha jrid ikun speċifikat*], hija konformi ma' mill-inqas waħda minn dawn li ġejjin: — id-Direttiva 76/115/KEE; — FMVSS Nru 210 ("Ankraġġi tal-assemblaġġi taċ-ċinturini ta' sikurezza"); — l-Artikolu 22-3 tal-JSRRV.
20	Direttiva 76/756/KEE (L-installazzjoni tad-dawl u ta' tagħmir tas-sinjalazzjoni)	(a) L-installazzjoni tad-dawl għandha tissodisfa r-rekwiżiti essenzjali tas-serje ta' emendi 03 tar-Regolament UNECE Nru 48 bl-eċċezzjoni ta' dawk tal-Annessi 5 u 6 tar-Regolament 48. (b) L-ebda eżenzjoni ma għandha tkun permessa fir-rigward tan-numru, il-karatteristiċi essenzjali tad-disinn, il-konnessjonijiet tal-elettriku, u l-kulur tad-dawl mitfugħ jew rifless lura tad-dawl u tat-tagħmir tas-sinjalazzjoni msemmija fl-Entrati 21 sa 26 u fl-Entrati 28 sa 30. (c) Id-dawl u t-tagħmir tas-sinjalazzjoni li ma kienx parti mill-vettura meta din ġiet immanifatturata, li fl-applikazzjoni ta' dak ta' hawn fuq ikun irid jitwaħħal, għandu jkollu l-marka ta' approvazzjoni tat-tip "KE". (d) Fanali li jkollhom sorsi ta' dawl li jaħdmu bl-emissjoni tal-gass huma permessi biss flimkien mal-installazzjoni ta' tagħmir tat-tindif tal-fanali ta' quddiem u tagħmir awtomatiku li jillivella l-fanali ta' quddiem meta jkun xieraq. (e) Il-lampi ta' quddiem bid-dipped beams għandhom ikunu adattati għad-direzzjoni tat-traffiku legalment fis-seħħ fil-pajjiż fejn il-vettura tingħata l-approvazzjoni.
21	Direttiva 76/757/KEE (Rifletturi ta' wara)	Meta jkun meħtieġ, fuq wara għandhom jiżdiedu żewġ rifletturi ta' wara addizzjonali li jkollhom il-marka ta' approvazzjoni "KE", li l-pożizzjoni tagħhom għandha tkun konformi mar-Regolament UNECE Nru 48.
22	Direttiva 76/758/KEE (Fanali end-outline, tal-pożizzjoni ta' quddiem (tal-ġenb), tal-pożizzjoni ta' wara (tal-ġenb), tal-waqfien, tal-markatur tal-ġenb, tal-użu ta' matul il-jum)	Ir-rekwiżiti stabbiliti f'dik id-Direttiva ma għandhomx japplikaw. Madankollu, it-tħaddim korrett tad-dwal għandu jkun ikkontrollat mis-servizz tekniku.
23	Direttiva 76/759/KEE (Indikaturi tad-direzzjoni)	Ir-rekwiżiti stabbiliti f'dik id-Direttiva ma għandhomx japplikaw. Madankollu, it-tħaddim korrett tad-dwal għandu jkun ikkontrollat mis-servizz tekniku.
24	Direttiva 76/760/KEE (Lampi tal-pjanċa tar-reġistrazzjoni ta' wara)	Ir-rekwiżiti stabbiliti f'dik id-Direttiva ma għandhomx japplikaw. Madankollu, it-tħaddim korrett tad-dwal għandu jkun ikkontrollat mis-servizz tekniku.
25	Direttiva 76/761/KEE (Fanali ta' quddiem (inklużi l-bozoz))	(a) L-illuminazzjoni prodotta mir-raġġ għas-sewqan tal-fanali ta' quddiem li jkollha l-vettura għandha tkun ikkontrollata skont it-Taqsima 6 tar-Regolament UNECE Nru 112 li tikkonċerna l-fanali ta' quddiem li jitfgħu raġġ għas-sewqan asimetriku. It-tolleranzi inklużi fl-Anness 5 ta' dak ir-Regolament jistgħu jissemmew għal dak l-għan. (b) L-istess deċiżjoni għandha tapplika *mutatis mutandis* għar-raġġ għas-sewqan tal-fanali ta' quddiem koperti mir-Regolament UNECE Nru 98 jew Nru 123.

▼**M10**

Oġġett	Referenza tal-att regolatorju	Rekwiżiti alternattivi
26	Direttiva 76/762/KEE (Fanali ta' quddiem taċ-ċpar)	Ir-rekwiżiti stabbiliti f'dik id-Direttiva ma għandhomx japplikaw. Madankollu, it-tħaddim korrett tad-dwal jekk ikunu hemm għandu jkun ikkontrollat mis-servizz tekniku.
27	Direttiva 77/389/KEE (Ganċijiet tal-irmonk)	Ir-rekwiżiti stabbiliti f'dik id-Direttiva ma għandhomx japplikaw.
28	Direttiva 77/538/KEE (Fanali ta' wara taċ-ċpar)	Ir-rekwiżiti stabbiliti f'dik id-Direttiva ma għandhomx japplikaw. Madankollu, it-tħaddim korrett tad-dwal għandu jkun ikkontrollat mis-servizz tekniku.
29	Direttiva 77/539/KEE (Fanali tar-rivers)	Ir-rekwiżiti stabbiliti f'dik id-Direttiva ma għandhomx japplikaw. Madankollu, it-tħaddim korrett tad-dwal jekk ikunu hemm għandu jkun ikkontrollat mis-servizz tekniku.
30	Direttiva 77/540/KEE (Fanali tal-ipparkjar)	Ir-rekwiżiti stabbiliti f'dik id-Direttiva ma għandhomx japplikaw. Madankollu, it-tħaddim korrett tad-dwal jekk ikunu hemm għandu jkun ikkontrollat mis-servizz tekniku.
31	Direttiva 77/541/KEE (Ċinturini tas-sikurezza u sistemi ta' trażżin)	*Komponenti* (a) Iċ-ċinturini tas-sikurezza mhumiex meħtieġa li jkunu approvati skont it-tip b'konformità mad-Direttiva 77/541/KEE. (b) Madankollu, kull ċinturin tas-sikurezza għandu jkollu tabella ta' identifikazzjoni. (c) L-indikazzjonijiet fuq it-tabella għandhom ikunu konsistenti mad-deċiżjoni li tikkonċerna l-ankraġġi taċ-ċinturini tas-sikurezza (ara l-Entrata 19). *Ir-rekwiżiti tal-installazzjoni* (a) Il-vettura għandu jkollha ċ-ċinturini tas-sikurezza skont ir-rekwiżiti stabbiliti fl-Anness XV tad-Direttiva 77/541/KEE. (b) Meta għadd ta' ċinturini tas-sikurezza li ma kinux parti mill-vettura meta din ġiet immanifatturata, ikunu jridu jitwaħħlu skont il-punt (a) ta' hawn fuq, huma jridu jkunu ta' tip approvat b'konformità mad-Direttiva 77/541/KEE jew ir-Regolament UNECE Nru 16.
32	Direttiva 77/649/KEE (Vista ta' quddiem)	(a) Ma għandu jkun permess ebda ostaklu fid-dawra ta' 180° tal-vista ta' quddiem tas-sewwieq kif iddefinit fil-punt 5.1.3 tal-Anness I tad-Direttiva 77/649/KEE. (b) B'deroga mill-punt (a) ta' hawn fuq, il-"pilastri A" u t-tagħmir elenkat fil-punt 5.1.3 tal-Anness I ta' dik id-Direttiva ma għandhomx jitqiesu bħala ostaklu. (c) L-għadd tal-"pilastri A" ma għandux ikun iktar minn 2.
33	Direttiva 78/316/KEE (Identifikazzjoni tal-kontrolli, tell-tales u l-indikaturi)	(a) Is-simboli, inkluż il-kulur tat-tell-tales korrispondenti tagħhom li l-preżenza tagħhom hija obbligatorja abbażi tal-Anness II tad-Direttiva 78/316/KEE, għandhom ikunu konformi ma' dik id-Direttiva. (b) Meta dan ma jkunx il-każ, is-servizz tekniku għandu jivverifika li s-simboli, tell-tales u l-indikaturi li għandha l-vettura jipprovdu lis-sewwieq b'informazzjoni komprensiva rigward it-tħaddim tal-kontrolli msemmija.

▼M10

Oġġett	Referenza tal-att regolatorju	Rekwiżiti alternattivi
34	Direttiva 78/317/KEE (De frost/Demist)	Il-vettura għandha tkun mgħammra b'tagħmir adattat tad-defrosting u demisting tal-windskrin. Kwalunkwe tagħmir tad-defrosting tal-windskrin li huwa konformi mill-inqas mal-punt 5.1.1 tal-Anness I tad-Direttiva 78/317/KEE għandu jitqies bħala "adegwat". Kwalunkwe tagħmir tad-demisting tal-windskrin li huwa konformi mill-inqas mal-punt 5.2.1 tal-Anness I ta' dik id-Direttiva għandu jitqies bħala "adegwat".
35	Direttiva 78/318/KEE (Ħasil/Imsiħ)	Il-vettura għandha tkun mgħammra b'tagħmir xieraq tal-ħasil tal-windskrin u tal-imsiħ tal-windskrin. Kwalunkwe tagħmir tal-ħasil u tal-imsiħ tal-windskrin li huwa konformi mill-inqas mal-kundizzjonijiet stabbiliti fil-punt 5.1.3 tal-Anness I tad-Direttiva 78/318/KEE għandu jitqies bħala "adegwat".
36	Direttiva 2001/56/KE (Sistemi ta' tiswin)	(a) Il-kompartiment tal-passiġġieri għandu jkollu sistema ta' tiswin. (b) Ħijters tal-kombustjoni u l-installazzjoni tagħhom għandhom ikunu konformi mal-Anness VII tad-Direttiva 2001/56/KE. Barra minn hekk, ħijters ta' kombustjoni tal-LPG u sistemi tat-tiswin tal-LPG għandhom jissodisfaw ir-rekwiżiti stabbiliti fl-Anness VIII ta' dik id-Direttiva. (c) Sistemi ta' tiswin addizzjonali li ma kinux parti mill-vettura meta din ġiet immanifatturata, u jkunu jridu jitwaħħlu għandhom ikunu konformi mar-rekwiżiti stabbiliti f'dik id-Direttiva.
37	Direttiva 78/549/KEE (Protezzjoni tar-roti)	(a) Il-vettura għandha tkun iddisinjata biex tipproteġi utenti oħra tat-triq kontra l-ġebel, it-tajn, is-silġ u l-ilma li jittajru 'l fuq u biex jitnaqqsu l-perikli dovuti għall-kuntatt mar-roti jduru. (b) Is-servizz tekniku jista' jikkontrolla li jkun hemm konformità mar-rekwiżiti tekniċi essenzjali stabbiliti fl-Anness I tad-Direttiva 78/549/KEE. (c) Id-dispożizzjonijiet tat-Taqsima 3 tal-Anness I ta' dik id-Direttiva ma għandhomx japplikaw.
38	Direttiva 78/932/KEE (Ilqugħ għar-ras)	Ir-rekwiżiti tad-Direttiva 78/932/KEE ma għandhomx japplikaw.
39	Direttiva 80/1268/KEE (Emissjonijiet tas-CO_2/il-konsum tal-fjuwil)	(a) Għandu jitwettaq test b'konformità mat-Taqsima 5 tal-Anness I għad-Direttiva 80/1268/KEE. (b) Ir-rekwiżiti stabbiliti fil-punt 5.1.1 ta' dak l-Anness ma għandhomx japplikaw. (c) Meta ma jitwettaqx test rigward l-emissjonijiet tat-tubu tal-iskariku fl-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet imsemmija fl-Entrata 2, l-emissjonijiet tas-CO_2 u l-konsum tal-fjuwil għandhom jiġu kkalkulati bil-formula stabbilita fin-noti ta' spjegazzjoni ([b]) u ([c]).

▼M20

———

▼**M10**

Oġġett	Referenza tal-att regolatorju	Rekwiżiti alternattivi
41	Direttiva 2005/55/KE (Emissjonijiet (Euro 4 u 5) Vetturi tal-istrapazz (heavy duty) – OBDs – Opaċità tad-duħħan)	*Emissjonijiet tat-tubu tal-iskariku* (a) Għandu jitwettaq test skont it-Taqsima 6.2 tal-Anness I tad-Direttiva 2005/55/KE permezz tal-fatturi tad-deterjorazzjoni stabbiliti fil-punt 3.6 tal-Anness II tad-Direttiva 2005/78/KE. (b) Il-limiti għandhom ikunu dawk stabbiliti fit-Tabella 1 jew fit-Tabella 2 fl-Anness I tad-Direttiva 2005/55/KE. *OBD* (a) Il-vettura għandu jkollha sistema OBD. (b) L-interface-OBD għandu jkun kapaċi jikkomunika ma' strumenti dijanjostiċi komuni użati għal spezzjonijiet tekniċi perjodiċi. *Opaċità tad-duħħan* (a) Il-vetturi mgħammra b'magna li tieħu d-dijżil għandhom jiġu ttestjati b'konformità mal-metodu tat-testijiet imsemmi fl-Anness VI tad-Direttiva 2005/55/KE. (b) Il-valur ikkoreġut tal-koeffiċjent tal-assorbiment għandu jitwaħħal fejn jidher u f'post aċċessibbli faċilment.
41a	Regolament (KE) Nru 595/2009 Emissjonijiet (Euro VI) ta' vetturi heavy-duty — OBD	*L-emissjonijiet mill-pajp tal-egżost* (a) Għandu jitwettaq test b'konformità mal-Anness III għar-Regolament (UE) Nru 582/2011 bl-użu tal-fatturi tad-deterjorazzjoni stabbiliti fil-punt 3.6.1. tal-Anness VI għar-Regolament (UE) Nru 582/2011. (b) Il-limiti li għandhom jiġu applikati għandhom ikunu dawk stabbiliti fit-Tabella tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 595/2009. (c) Il-fjuwil li għandu jintuża għat-test għandu jkun il-fjuwil ta' referenza kif preskritt fl-Anness IX tar-Regolament (UE) Nru 582/2011. *Emissjonijiet tas-CO_2* L-emissjonijiet tas-CO_2 u l-konsum tal-fjuwil għandhom jiġu ddeterminati skont l-Anness VIII tar-Regolament (UE) Nru 582/2011. *OBD* (a) Il-vettura għandha tkun mgħammra b'sistema OBD. (b) L-interfaċċa-OBD għandu jkun kapaċi jikkomunika mal-għodda esterna għall-iskanjar tal-OBD kif deskritt fl-Anness X għar-Regolament (UE) Nru 582/2011. *Rekwiżiti biex jiġi żgurat it-tħaddim korrett tal-miżuri ta' kontroll tal-NO_x* Il-vettura għandha tkun mgħammra b'sistema li tiżgura t-tħaddim kif suppost tal-miżuri ta' kontroll tal-NO_x skont l-Anness XIII għar-Regolament (UE) Nru 582/2011. Id-dispożizzjonijiet dwar is-soluzzjoni alternattiva għall-approvazzjoni tat-tip stabbiliti fil-punt 2.1 ta' dak l-Anness għandhom japplikaw ukoll. *Kejl tal-qawwa* (a) L-applikant għandu jissottometti dikjarazzjoni mingħand il-manifattur li tiddikjara l-produzzjoni massima ta' qawwa mill-magna f'kW flimkien mal-veloċità tal-magna korrispondenti f'rivoluzzjonijiet kull minuta. (b) Inkella tista' tissemma l-kurvatura tal-produzzjoni tal-qawwa tal-magna li tipprovdi l-istess informazzjoni.

▼**M10**

Oġġett	Referenza tal-att regolatorju	Rekwiżiti alternattivi
44	Direttiva 92/21/KEE (Mases u dimensjonijiet)	(a) Għandhom jiġu sodisfatti r-rekwiżiti tat-Taqsima 3 tal-Anness II tad-Direttiva 92/21/KEE. (b) Għall-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet imsemmija fil-punt (a), il-mases li għandhom jitqiesu huma: — il-massa meta lesta għas-sewqan iddefinita fil-punt 2.6 tal-Anness I tad-Direttiva 2007/46/KE kif imkejla mis-servizz tekniku u — il-mases mgħobbija ddikjarati mill-manifattur tal-vettura jew murija fil-pjanċa tal-manifattur inklużi l-istikers jew l-informazzjoni disponibbli fil-manwal tas-sid. Dawk il-mases għandhom jitqiesu bħala l-mases massimi mgħobbija teknikament permissibbli. (c) Ma għandha tkun permessa l-ebda eżenzjoni fir-rigward tad-dimensjonijiet massimi permissibbli.
45	Direttiva 92/22/KEE (Ħġieġ tas-sikurezza)	*Komponenti* (a) Il-ħġieġ għandu jkun ħġieġ tas-sikurezza tempered jew illaminat. (b) It-twaħħil ta' ħġieġ tal-plastik għandu jkun permess biss f'postijiet li jkunu jinsabu wara l-pilastru "B". (c) Il-ħġieġ ma għandux għalfejn ikun approvat skont id-Direttiva 92/22/KEE. *L-installazzjoni* (a) Għandhom japplikaw il-preskrizzjonijiet tal-installazzjoni stabbiliti fl-Anness 21 tar-Regolament UNECE Nru 43. (b) L-ebda saff ikkulurit li jnaqqas it-trażmissjoni regolari tad-dawl taħt il-minimu meħtieġ ma għandu jkun permess fuq il-windskrin u fuq il-ħġieġ li jkun jinsab 'il quddiem mill-pilastru "B".
46	Direttiva 92/23/KEE (Tajers)	*Komponenti* It-tajers għandu jkollhom marka ta' approvazzjoni tat-tip "KE" inkluż is-simbolu "s" (għall-ħoss). *L-installazzjoni* (a) Id-dimensjonijiet, l-indiċi tal-kapaċità tat-tagħbija u l-kategorija tal-veloċità tat-tajers għandhom jissodisfaw ir-rekwiżiti tal-Anness IV tad-Direttiva 92/23/KEE. (b) Is-simbolu tal-kategorija tal-veloċità tat-tajers għandu jkun kompatibbli mal-veloċità massima tad-disinn tal-vettura. Il-preżenza ta' limitatur tal-veloċità ma għandhiex teżenta mill-applikazzjoni ta' dan ir-rekwiżit. (c) Għall-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-punt (b) ta' hawn fuq, il-veloċità massima tal-vettura għandha tkun iddikjarata mill-manifattur tal-vettura. Madankollu, is-servizz tekniku jista' jevalwa l-veloċità massima tad-disinn tal-vettura permezz tal-produzzjoni massima tal-enerġija mill-magna, in-numru massimu ta' rivoluzzjonijiet kull minuta u d-dejta rigward il-katina kinematika.

▼**M10**

Oġġett	Referenza tal-att regolatorju	Rekwiżiti alternattivi
50	Direttiva 94/20/KE (Tagħmir tal-iggančjar)	*Unitajiet tekniċi separati* (a) Tagħmir OEM tal-iggančjar maħsub għall-irmonkar ta' trejler li l-massa massima tiegħu ma taqbiżx 1 500 kg ma għandux għalfejn ikun approvat skont it-tip taħt id-Direttiva 94/20/KE. Tagħmir tal-iggančjar jitqies bħala tagħmir OEM meta jkun deskritt fil-manwal tas-sid jew f'dokument ta' appoġġ ekwivalenti pprovdut lix-xerrej mill-manifattur tal-vettura. Meta dan it-tagħmir tal-iggančjar ikun approvat mal-vettura, għandu jkun inkluż test adattat fiċ-ċertifikat ta' approvazzjoni li jiddikjara li s-sid huwa responsabbli biex jiżgura l-kompatibilità mat-tagħmir tal-iggančjar li jkun hemm mat-trejler. (b) Kull tagħmir tal-iggančjar ieħor minbarra dak imsemmi fil-punt (a) ta' hawn fuq kif ukoll dak it-tagħmir tal-iggančjar li ma jkunx parti mill-vettura meta din tkun ġiet immanifatturata, u jrid jitwaħħal għandu jkun approvat skont it-tip b'konformità mad-Direttiva 94/20/KE. *Installazzjoni fuq il-vettura* Is-servizz tekniku għandu jikkontrolla li l-installazzjoni tat-tagħmir tal-iggančjar huwa konformi mal-Anness VII tad-Direttiva 94/20/KE.
53	Direttiva 96/79/KE (Impatt frontali) (e)	(a) L-applikant għandu jissottometti dikjarazzjoni mill-manifattur li tistabbilixxi li l-vettura partikolari, [*li n-numru VIN tagħha jrid ikun speċifikat*], hija konformi ma' mill-inqas waħda minn dawn li ġejjin: — id-Direttiva 96/79/KE; — FMVSS Nru 208 ("Protezzjoni tal-okkupant minn ħabta"); — l-Artikolu 18 tal-JSRRV. (b) Jista' jitwettaq test skont l-Anness II tad-Direttiva 96/79/KE fuq vettura tal-produzzjoni fuq talba tal-applikant. It-test għandu jitwettaq minn servizz tekniku Ewropew innotifikat li għandu kompetenza fih. Għandu jinħareġ rapport iddettaljat lill-applikant.
54	Direttiva 96/27/KE (Impatt mill-ġenb)	(a) L-applikant għandu jissottometti dikjarazzjoni mill-manifattur li tistabbilixxi li l-vettura partikolari, [*li n-numru VIN tagħha jrid ikun speċifikat*], hija konformi ma' mill-inqas waħda minn dawn li ġejjin: — id-Direttiva 96/27/KE; — FMVSS Nru 214 ("Protezzjoni minn impatt mill-ġenb"); — l-Artikolu 18 tal-JSRRV. (b) Jista' jitwettaq test skont it-Taqsima 3 tal-Anness II tad-Direttiva 96/27/KE fuq vettura tal-produzzjoni fuq talba tal-applikant. It-test għandu jitwettaq minn servizz tekniku Ewropew innotifikat li għandu kompetenza fih. Għandu jinħareġ rapport iddettaljat lill-applikant.

▼**M10**

Oġġett	Referenza tal-att regolatorju	Rekwiżiti alternattivi
58	Ir-Regolament (KE) Nru 78/2009 (Protezzjoni ta' persuni mexjin)	*Assistenza tal-brejk* Il-vetturi għandu jkollhom sistema elettronika ta' brejkijiet antilock li taġixxi fuq ir-roti kollha. *Protezzjoni tal-persuni mexjin* Ir-rekwiżiti ta' dak ir-Regolament ma għandhomx japplikaw qabel l-1 ta' Jannar 2013. *Sistemi ta' protezzjoni frontali* Madankollu, is-sistemi ta' protezzjoni frontali installati fil-vettura għandhom ikunu approvati skont it-tip skont ir-Regolament (KE) Nru 78/2009 u l-installazzjoni tagħhom għandha tikkonforma mar-rekwiżiti essenzjali stipulati fit-Taqsima 6 tal-Anness I ta' dak ir-Regolament.
59	Direttiva 2005/64/KE (Ir-Riċiklaġġibbiltà)	Ir-rekwiżiti ta' dik id-Direttiva ma għandhomx japplikaw.
61	Direttiva 2006/40/KE (Sistema ta' arja kkundizzjonata)	Ir-rekwiżiti ta' dik id-Direttiva għandhom japplikaw.

Part II: Il-vetturi li jappartjenu għall-kategorija N_1

Oġġett	Referenza tal-att regolatorju	Rekwiżiti alternattivi
1	Direttiva 70/157/KEE (Livell tal-ħoss permissibbli)	*Test drive-by* (a) Għandu jitwettaq test skont il-"Metodu A" imsemmi fl-Anness 3 tar-Regolament UNECE Nru 51. Il-limiti huma dawk speċifikati fit-Taqsima 2.1 tal-Anness I tad-Direttiva 70/157/KEE. Għandu jkun permess deċibel wieħed iżjed mil-limiti permessi. (b) It-trekk tat-test għandu jikkonforma mal-Anness 8 tar-Regolament UNECE Nru 51. Trekk tat-test li jkollu speċifikazzjonijiet differenti jista' jintuża bil-kundizzjoni li t-testijiet talkorrelazzjoni jitwettqu mis-servizz tekniku. Għandu jkun applikat fattur ta' korrezzjoni jekk ikun meħtieġ. (c) Is-sistemi tal-egżost li fihom materjali fibruži ma hemmx għalfejn ikunu kkundizzjonati kif preskritt fl-Anness 5 tar-Regolament UNECE Nru 51. *Test stazzjonarju* Għandu jitwettaq test b'konformità mat-Taqsima 3.2 tal-Anness 3 tar-Regolament UNECE Nru 51.
2	Direttiva 70/220/KEE (Emissjonijiet)	*Emissjonijiet tat-tubu tal-iskariku* (a) Għandu jitwettaq test tat-tip I b'konformità mal-Anness III tad-Direttiva 70/220/KEE bl-użu tal-fatturi tad-deterjorazzjoni msemmija fil-punt 5.3.6.2. Il-limiti li għandhom jiġu applikati għandhom ikunu dawk speċifikati fil-punt 5.3.1.4 tal-Anness I ta' dik id-Direttiva. (b) Il-vettura ma għandhiex tkun meħtieġa turi 3 000 km kif mitlub fit-Taqsima 3.1.1 tal-Anness III ta' dik id-Direttiva.

▼M10

Oġġett	Referenza tal-att regolatorju	Rekwiżiti alternattivi
		(c) Il-fjuwil li għandu jintuża għat-test għandu jkun il-fjuwil ta' referenza kif preskritt fl-Anness IX tad-Direttiva 70/220/KEE. (d) Id-dinamometru għandu jkun stabbilit b'konformità mar-rekwiżiti tekniċi tat-Taqsima 3.2 tal-Appendiċi 2 tal-Anness III ta' dik id-Direttiva. (e) It-test imsemmi fil-punt (a) ma għandux jitwettaq meta jista' jintwera li l-vettura hija konformi ma' wieħed mir-Regolamenti ta' Kalifornja msemmija fin-nota introduttorja għat-Taqsima 5 tal-Anness I ta' dik id-Direttiva. *Emissjonijiet evaporattivi* Il-vetturi mgħammra b'magna li tieħu l-petrol irid ikollhom sistema ta' kontroll tal-emissjonijiet evaporattivi (pereżempju kanister bil-faħam tal-kannol). *Emissjonijiet tal-Kisi tal-krenk* Għandha tkun meħtieġa l-preżenza ta' strument għar-riċiklaġġ tal-gassijiet tal-kisi tal-krenk. *OBD* (a) Il-vettura għandu jkollha sistema OBD. (b) L-interface-OBD għandu jkun kapaċi jikkomunika ma' strumenti dijanjostiċi komuni użati għal spezzjonijiet tekniċi perjodiċi.

▼M20

2a	Ir-Regolament (KE) Nru 715/2007 (Emissjonijiet Euro 5 u 6) vetturi light duty/aċċess għall-informazzjoni)	*L-emissjonijiet mill-pajp tal-egżost* (a) Għandu jitwettaq test tat-tip I b'konformità mal-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 692/2008 bl-użu tal-fatturi tad-deterjorazzjoni stabbiliti fil-punt 1.4 tal-Anness VII tar-Regolament (KE) Nru 692/2008. Il-limiti li għandhom jiġu applikati għandhom ikunu dawk speċifikati fit-Tabella I u fit-Tabella II fl-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 715/2007. (b) Il-vettura ma għandhiex bżonn turi 3 000 km kif imsemmi fit-Taqsima 3.1.1 tal-Anness 4 tar-Regolament UNECE Nru 83. (c) Il-fjuwil li għandu jintuża għat-test għandu jkun il-fjuwil ta' referenza kif preskritt fl-Anness IX għar-Regolament (KE) Nru 692/2008. (d) Id-dinamometru għandu jitwaqqaf skont ir-rekwiżiti tekniċi stabbiliti fit-Taqsima 3.2 tal-Anness 4 tar-Regolament UNECE Nru 83. (e) It-test imsemmi fil-punt (a) ma għandux jitwettaq meta jkun jista' jintwera li l-vettura hija konformi mar-regolamenti ta' Kalifornja msemmija fit-Taqsima 2 tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 692/2008. *Emissjonijiet evaporattivi* Għall-magni li jieħdu l-petrol, il-preżenza ta' sistema ta' kontroll tal-emissjonijiet evaporattivi għandha tkun obbligatorja (pereżempju kanister bil-karbonju). *Emissjonijiet mill-kaxxa tal-krank* Il-preżenza ta' strument għar-riċiklaġġ tal-gassijiet tal-kaxxa tal-krank għandha tkun obbligatorja.

▼M20

Oġġett	Referenza tal-att regolatorju	Rekwiżiti alternattivi
		OBD (a) Il-vettura għandha tkun mgħammra b'sistema OBD. (b) L-interfaċċa-OBD għandu jkun kapaċi jikkomunika mal-istrumenti dijanjostiċi komuni użati għal spezzjonijiet tekniċi perjodiċi. *Opaċità tad-duħħan* (a) Il-vetturi mgħammra b'magna li tieħu d-diżil għandhom jiġu ttestjati b'konformità mal-metodi tat-testijiet imsemmija fl-Appendiċi 2 tal-Anness IV tar-Regolament (KE) Nru 692/2008. (b) Il-valur ikkoreġut tal-koeffiċjent tal-assorbiment għandu jitwaħħal fejn jidher u f'post aċċessibbli faċilment. *L-emissjonijiet tas-CO_2 u l-konsum tal-fjuwil* (a) Għandu jsir test b'konformità mal-Anness XII tar-Regolament (KE) Nru 692/2008. (b) Il-vettura ma għandhiex tkun meħtieġa turi 3 000 km kif mitlub fit-Taqsima 3.1.1 tal-Anness 4 tar-Regolament UNECE Nru 83. (c) Meta l-vettura tkun konformi mar-Regolamenti ta' Kalifornja msemmija fit-Taqsima 2 tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 692/2008 u għalhekk ma jkun hemm bżonn li jsir l-ebda test tal-emissjonijiet mill-pajp tal-egżost, l-Istati Membri għandhom jikkalkulaw l-emissjonijiet tas-CO_2 u l-konsum tal-fjuwil bil-formuli stabbiliti fin-noti ta' spjegazzjoni ([b]) u ([c]). *Aċċess għall-informazzjoni* Id-dispożizzjonijiet rigward l-aċċess għall-informazzjoni ma għandhomx japplikaw. *Kejl tal-qawwa* (a) L-applikant għandu jissottometti dikjarazzjoni mingħand il-manifattur li tiddikjara l-produzzjoni massima ta' qawwa mill-magna f'kW flimkien mas-sistema korrispondenti f'rivoluzzjonijiet kull minuta. (b) Inkella tista' tissemma l-kurvatura tal-produzzjoni tal-qawwa tal-magna li tipprovdi l-istess informazzjoni.

▼M10

3	Direttiva 70/221/KEE (Tankijiet tal-fjuwil - Tagħmir ta' protezzjoni fuq wara)	*Tankijiet tal-fjuwil* (a) It-tankijiet tal-fjuwil għandhom ikunu konformi mat-Taqsima 5 tal-Anness I tad-Direttiva 70/221/KEE bl-eċċezzjoni tal-punt 5.1, 5.2 u 5.12. B'mod partikolari huma għandhom jikkonformaw mal-punti 5.9 u 5.9.1 imma ma għandu jitwettaq l-ebda test tat-taqtir. (b) Tankijiet tal-LPG jew CNG għandhom ikunu approvati skont it-tip b'konformità mas-serje ta' emendi 01 tar-Regolament UNECE Nru 67 jew ir-Regolament Nru 110 ([a]), rispettivament. *Dispożizzjonijiet speċifiċi għat-tankijiet tal-fjuwil magħmula minn materjal tal-plastik* L-applikant għandu jissottometti dikjarazzjoni mill-manifattur li tistabbilixxi li t-tank tal-fjuwil ta' vettura partikolari, [*irid ikun speċifikat in-numru VIN tiegħu*], huwa konformi ma' mill-inqas wieħed minn dawn li ġejjin: — it-Taqsima 6.3 tad-Direttiva 70/221/KEE;

▼**M10**

Oġġett	Referenza tal-att regolatorju	Rekwiżiti alternattivi
		— FMVSS Nru 301 (“Integrità tas-sistema tal-fjuwil”); — l-Anness 5 tar-Regolament UNECE 34. *Tagħmir ta’ protezzjoni fuq wara* (a) l-parti ta’ wara tal-vettura għandha tkun mibnija skont it-Taqsima 5 tal-Anness II tad-Direttiva 70/221/KEE. (b) Għal dawn il-finijiet, huwa biżżejjed li jiġu sodisfatti r-rekwiżiti stabbiliti fit-tieni subparagrafu tal-punt 5.2. (c) Jekk, fl-applikazzjoni ta’ dan ta’ hawn fuq, ikun irid jitwaħħal tagħmir ta’ protezzjoni fuq wara li ma kienx parti mill-vettura meta din ġiet immanifatturata, dan għandu jikkonforma mal-punti 5.3 u 5.4 tal-Anness II ta’ dik id-Direttiva.
4	Direttiva 70/222/KEE (Spazju għall-pjanċi tar-reġistrazzjoni ta’ wara)	L-ispazju, l-inklinazzjoni, l-angolu għall-viżibilità u l-pożizzjoni tal-pjanċi tar-reġistrazzjoni għandhom ikunu konformi mad-Direttiva 70/222/KEE.
5	Direttiva 70/311/KEE (Sforz tekniku tal-istering)	*Sistemi mekkaniċi* (a) Il-mekkaniżmu tal-istering għandu jinbena b’tali mod li jiċċentra ruħu. Biex tkun ikkontrollata l-konformità ma’ din id-dispożizzjoni, għandu jitwettaq test b’konformità mal-punti 5.1.2 u 5.2.1 tal-Anness I tad-Direttiva 70/311/KEE. (b) Ħsara fit-tagħmir tal-power steering ma għandux iwassal għat-telfien komplet tal-kontroll tal-vettura. *Sistema elettronika kumplessa ta’ kontroll tal-vettura (Tagħmir “Drive-by wire”)* Sistema elettronika kumplessa ta’ kontroll għandha tkun permessa biss jekk tkun konformi mal-Anness 6 tar-Regolament UNECE Nru 79.
6	Direttiva 70/387/KEE (Lukketti u ċappetti tal-bibien)	(a) Il-lukketti u ċ-ċpiepet tal-bibien għandhom ikunu konformi mal-punti 3.2.1, 3.3.2 u 3.4.1 tal-Anness I tad-Direttiva 70/387/KEE. (b) Ir-rekwiżiti stabbiliti fil-punt 3.4.1 ma għandhomx japplikaw meta tintwera l-konformità mal-punt 6.1.5.4 tar-Regolament UNECE Nru 11 Rev. 1 Emenda 2.
7	Direttiva 70/388/KEE (Twissija li tinstema’)	*Komponenti* It-tagħmir tat-twissija li tinstema’ ma għandux għalfejn ikun approvat skont it-tip b’konformità mad-Direttiva 70/388/KEE. Madankollu, għandu jsemma’ ħoss kontinwu kif meħtieġ fil-punt 1.1 tal-Anness I tad-Direttiva 70/388/KEE. *L-installazzjoni fuq vettura* (a) Għandu jitwettaq test b’konformità mat-Taqsima 2 tal-Anness I tad-Direttiva 70/388/KEE. (b) Il-livell massimu tal-pressjoni tal-ħoss għandu jkun b’konformità mal-punt 2.1.4 ta’ dak l-Anness.
8	Direttiva 2003/97/KE (Tagħmir ta’ vista indiretta)	*Komponenti* (a) Il-vettura għandu jkollha l-mirja li minnhom tista’ tara fuq wara preskritti fit-Taqsima 2 tal-Anness III ad-Direttiva 2003/97/KE.

▼**M10**

Oġġett	Referenza tal-att regolatorju	Rekwiżiti alternattivi
		(b) Mhumiex meħtieġa li jkunu approvati skont it-tip b'konformità ma' dik id-Direttiva. (c) Ir-raġġi tal-kurvatura tal-mirja ma għandhomx jikkawżaw distorsjoni sinifikanti tal-immaġni. Huwa fid-diskrezzjoni tas-servizz tekniku li r-raġġi tal-kurvatura tal-mirja jkunu kkontrollati b'konformità mal-metodu deskritt fl-Appendiċi 1 tal-Anness II tad-Direttiva 2003/97/KE. Ir-raġġi tal-kurvatura ma għandhomx ikunu inqas minn dawk meħtieġa mit-Taqsima 3.4 tal-Anness II ta' dik id-Direttiva. *L-installazzjoni fuq vettura* Għandu jitwettaq kejl sabiex ikun żgurat li l-kamp viżiv huwa konformi mat-Taqsima 5 tal-Anness III tad-Direttiva 2003/97/KE jew mat-Taqsima 5 tal-Anness III tad-Direttiva 71/127/KEE.
9	Direttiva 71/320/KEE (Ibbrejkjar)	*Dispożizzjonijiet ġenerali* (a) Is-sistema tal-brejkijiet għandha tinbena b'konformità mat-Taqsima 2 tal-Anness I tad-Direttiva 71/320/KEE. (b) Il-vetturi għandu jkollhom sistema elettronika ta' brejkijiet antilock li taġixxi fuq ir-roti kollha. (c) Il-prestazzjoni tas-sistema tal-brejkijiet għandha tkun konformi mat-Taqsima 2 tal-Anness II ta' dik id-Direttiva. (d) Għal dawn il-finijiet, it-testijiet tat-triq għandhom jitwettqu fuq trekk b'wiċċ b'adeżjoni għolja. It-test fuq il-brejk tal-ipparkjar għandu jitwettaq fuq pendil ta' 18 % ('il fuq u 'l isfel). Għandhom jitwettqu biss it-testijiet imsemmija hawn taħt. F'kull każ, il-kundizzjoni tal-vettura għadha tkun mgħobbija b'mod sħiħ. (e) It-test tat-triq imsemmi fil-punt (c) ta' hawn fuq ma għandux jitwettaq meta l-applikant jista' jissottometti dikjarazzjoni mill-manifattur li tistabbilixxi li l-vettura hija konformi mar-Regolament UNECE Nru 13-H inkluż is-suppliment 5 jew mal-FMVSS Nru 135. *Brejk tas-servizz* (a) Għandu jitwettaq test tat-"Tip 0" kif preskritt fil-punti 1.2.2 u 1.2.3 tal-Anness II tad-Direttiva 71/320/KEE. (b) Barra minn hekk, għandu jitwettaq test tat-"Tip I" kif preskritt fil-punt 1.3 tal-Anness II ta' dik id-Direttiva. *Brejk tal-ipparkjar* Għandu jitwettaq test b'konformità mal-punt 2.1.3 tal-Anness II ta' dik id-Direttiva.
10	Direttiva 72/245/KEE (Interferenza tal-frekwenza tar-radju (kompatibbiltà elettromanjetika))	*Komponenti* (a) Is-subassemblaġġi tal-elettriku/elettroniċi mhumiex meħtieġa li jkunu approvati skont it-tip b'konformità mad-Direttiva 72/245/KEE. (b) Madankollu, tagħmir tal-elettriku/elettroniku, li ma kienx parti mill-vettura meta din ġiet immanifatturata, u li jkun ser jitwaħħal għandu jkun konformi ma' dik id-Direttiva.

▼**M10**

Oġġett	Referenza tal-att regolatorju	Rekwiżiti alternattivi
		Emissjoni ta' radjazzjonijiet elettromanjetiċi L-applikant għandu jissottometti dikjarazzjoni mill-manifattur li tistabbilixxi li l-vettura hija konformi mad-Direttiva 72/245/KEE jew mal-istandards alternattivi li ġejjin: — Radjazzjoni elettromanjetika broadband: CISPR 12 jew SAE J551-2; — Radjazzjoni elettromanjetika narrowband: CISPR 12 (off-board) jew 25 (in-board) jew SAE J551-4 u SAE J1113-41. *Testijiet tal-immunità* It-test tal-immunità ma għandux jiġi applikat.
11	Direttiva 72/306/KEE (Duħħan tad-dijżil)	(a) Għandu jitwettaq test b'konformità mal-metodi deskritti fl-Anness III u IV tad-Direttiva 72/306/KEE. Il-valuri tal-limiti applikabbli huma dawk imsemmija fl-Anness V tad-Direttiva 72/306/KEE. (b) Il-valur ikkoreġut tal-koeffiċjent tal-assorbiment imsemmi fit-Taqsima 4 tal-Anness I tad-Direttiva 72/306/KEE għandu jitwaħħal fejn jidher u f'post aċċessibbli faċilment.
13	Direttiva 74/61/KEE (Tagħmir kontra s-serq u l-immobilizzatur)	(a) Biex ikun evitat użu mhux awtorizzat, il-vettura għandu jkollha tagħmir li jsakkar kif iddefinit fit-Taqsima 2.2 tal-Anness IV tad-Direttiva 74/61/KEE. (b) Jekk ikun hemm immobilizzatur, dan għandu jissodisfa r-rekwiżiti tekniċi tat-Taqsima 3 tal-Anness V ta' dik id-Direttiva u r-rekwiżiti essenzjali stabbiliti fit-Taqsima 4, b'mod partikolari l-punt 4.1.1.
14	Direttiva 74/297/KEE ([f]) (Stering protettiv)	(a) L-applikant għandu jissottometti dikjarazzjoni mill-manifattur li tistabbilixxi li l-vettura partikolari, [*li n-numru VIN tagħha jrid ikun speċifikat*], hija konformi ma' mill-inqas waħda minn dawn li ġejjin: — id-Direttiva 74/297/KEE; — FMVSS Nru 203 ("Protezzjoni għas-sewwieq minn impatt mis-sistema tal-kontroll tal-istering") inkluż FMVSS Nru 204 ("Spostament lura tal-kontroll tal-istering"); — l-Artikolu 11 tal-JSRRV. (b) Jista' jitwettaq test skont l-Anness II tad-Direttiva 74/297/KEE fuq vettura tal-produzzjoni fuq talba tal-applikant. It-test għandu jitwettaq minn servizz tekniku Ewropew innotifikat li għandu kompetenza fih. Għandu jinħareġ rapport iddettaljat lill-applikant.
15	Direttiva 74/408/KEE (Is-saħħa tas-sits – ilqugħ għar-ras)	*Is-sits, l-ankraġġi tas-sits u s-sistemi ta' aġġustament* Is-sits u s-sistemi aġġustabbli tagħhom għandhom ikunu konformi mal-Anness IV tad-Direttiva 74/408/KEE. *Ilqugħ għar-ras* (a) L-ilqugħ għar-ras għandhom jissodisfaw ir-rekwiżiti essenzjali tat-Taqsima 3 tal-Anness II tad-Direttiva 74/408/KEE u dawk tat-Taqsima 5 tal-Appendiċi I ta' dak l-Anness.

▼**M10**

Oġġett	Referenza tal-att regolatorju	Rekwiżiti alternattivi
		(b) Għandhom jitwettqu biss it-testijiet deskritti fil-punt 3.10 u t-Taqsimiet 5, 6 u 7 tal-Anness II ta' dik id-Direttiva.
17	Direttiva 75/443/KEE (Spidomiter – il-ger tar-rivers)	*Tagħmir tal-ispidomiter* (a) Il-kwadrant (dial) għandu jkun konformi mal-punti 4.1 sa 4.2.3 tal-Anness II tad-Direttiva 75/443/KEE. (b) Meta s-servizz tekniku jkollu bażi raġonevoli biex jemmen li l-ispidometru mhuwiex ikkalibrat bi preċiżjoni suffiċjenti, huwa jista' jirrikjedi li jitwettqu t-testjiet preskritti fit-Taqsima 4.3. *Il-ger tar-rivers* Il-mekkaniżmu tal-ger għandu jinkludi ger tar-rivers.
18	Direttiva 76/114/KEE (Pjanċi statutorji)	*In-numru ta' identifikazzjoni tal-vettura* (a) Il-vettura għandu jkollha numru ta' identifikazzjoni tal-vettura li jkun fih minimu ta' tmien karattri u massimu ta' 17. Numru ta' identifikazzjoni ta' vettura li jkun fih 17-il karattru għandu jissodisfa r-rekwiżiti stabbiliti fl-Istandards ISO 3779: 1983 u 3780: 1983 (b) In-numru ta' identifikazzjoni tal-vettura għandu jkun f'pożizzjoni li tkun viżibbli u aċċessibbli b'mod ċar b'tali mod li ma jistax jinqered jew jiddeterjora. (c) Fejn l-ebda numru ta' identifikazzjoni ta' vettura ma kien stampat fix-xażi jew fil-karrozzerija meta din ġiet immanifatturata, l-Istat Membru jista' jirrikjedi li jsirilha wieħed bl-applikazzjoni tad-dritt nazzjonali tiegħu. F'tali każ, l-awtorità kompetenti ta' dak l-Istat Membru għandha tissorvelja l-operazzjoni. *Pjanċi statutorji* Il-vettura għandu jkollha pjanċa ta' identifikazzjoni mwaħħla mill-manifattur tal-vettura. L-ebda pjanċa addizzjonali ma tista' tintalab wara li tingħata l-approvazzjoni.
19	Direttiva 76/115/KEE (Ankraġġi taċ-ċinturini tas-sikurezza)	L-applikant għandu jissottometti dikjarazzjoni mill-manifattur li tistabbilixxi li l-vettura partikolari, [*li n-numru VIN tagħha jrid ikun speċifikat*], hija konformi ma' mill-inqas waħda minn dawn li ġejjin: — id-Direttiva 76/115/KEE; — FMVSS Nru 210 ("Ankraġġi tal-assemblaġġi taċ-ċinturini ta' sikurezza"); — l-Artikolu 22-3 tal-JSRRV.
20	Direttiva 76/756/KEE (L-installazzjoni tad-dawl u ta' tagħmir tas-sinjalazzjoni)	(a) L-installazzjoni tad-dawl għandha tissodisfa r-rekwiżiti essenzjali tas-serje ta' emendi 03 tar-Regolament UNECE Nru 48 bl-eċċezzjoni ta' dawk tal-Annessi 5 u 6 tar-Regolament 48. (b) L-ebda eżenzjoni ma għandha tkun permessa fir-rigward tan-numru, il-karatteristiċi essenzjali tad-disinn, il-konnessjonijiet tal-elettriku, u l-kulur tad-dawl mitfugħ jew ir-rifless lura tad-dawl u tat-tagħmir tas-sinjalazzjoni msemmija fl-Entrati 21 sa 26 u fl-Entrati 28 sa 30.

▼**M10**

Oġġett	Referenza tal-att regolatorju	Rekwiżiti alternattivi
		(c) Id-dawl u t-tagħmir tas-sinjalazzjoni li ma kienx parti mill-vettura meta din ġiet immanifatturata, u fl-applikazzjoni ta' dak ta' hawn fuq ikun irid jitwaħħal, għandu jkollu l-marka ta' approvazzjoni tat-tip "KE". (d) Fanali li jkollhom sorsi ta' dawl li jaħdmu bl-emissjoni tal-gass huma permessi biss flimkien mal-installazzjoni ta' tagħmir tat-tindif tal-fanali ta' quddiem u tagħmir awtomatiku li jillivella l-fanali ta' quddiem meta jkun xieraq. (e) Il-lampi ta' quddiem bid-dipped beams għandhom ikunu adattati għad-direzzjoni tat-traffiku legalment fis-seħħ fil-pajjiż fejn il-vettura tingħata l-approvazzjoni.
21	Direttiva 76/757/KEE (Rifletturi ta' wara)	Meta jkun meħtieġ, fuq wara għandhom jiżdiedu żewġ rifletturi ta' wara addizzjonali li jkollhom il-marka ta' approvazzjoni "KE", li l-pożizzjoni tagħhom għandha tkun konformi mar-Regolament UNECE Nru 48.
22	Direttiva 76/758/KEE (Fanali end-outline, tal-pożizzjoni ta' quddiem (tal-ġenb), tal-pożizzjoni ta' wara (tal-ġenb), tal-waqfien, tal-markatur tal-ġenb, tal-użu ta' matul il-jum)	Ir-rekwiżiti stabbiliti f'dik id-Direttiva ma għandhomx japplikaw. Madankollu, it-tħaddim korrett tad-dwal għandu jkun ikkontrollat mis-servizz tekniku.
23	Direttiva 76/759/KEE (Indikaturi tad-direzzjoni)	Ir-rekwiżiti stabbiliti f'dik id-Direttiva ma għandhomx japplikaw. Madankollu, it-tħaddim korrett tad-dwal għandu jkun ikkontrollat mis-servizz tekniku.
24	Direttiva 76/760/KEE (Lampi tal-pjanċa tar-reġistrazzjoni ta' wara)	Ir-rekwiżiti stabbiliti f'dik id-Direttiva ma għandhomx japplikaw. Madankollu, it-tħaddim korrett tad-dwal għandu jkun ikkontrollat mis-servizz tekniku.
25	Direttiva 76/761/KEE (Fanali ta' quddiem (inklużi l-bozoz))	(a) L-illuminazzjoni prodotta mir-raġġ għas-sewqan tal-fanali ta' quddiem li jkollha l-vettura għandha tkun ikkontrollata skont it-Taqsima 6 tar-Regolament UNECE Nru 112 li tikkonċerna l-fanali ta' quddiem li jitfgħu raġġ għas-sewqan asimetriku. It-tolleranzi inklużi fl-Anness 5 ta' dak ir-Regolament jistgħu jissemmew għal dak l-għan. (b) L-istess deċiżjoni għandha tapplika *mutatis mutandis* għar-raġġ għas-sewqan tal-fanali ta' quddiem koperti mir-Regolament UNECE Nru 98 jew Nru 123.
26	Direttiva 76/762/KEE (Fanali ta' quddiem taċ-ċpar)	Id-dispożizzjonijiet ta' dik id-Direttiva ma għandhomx jiġu applikati. Madankollu, it-tħaddim korrett tad-dwal jekk ikunu hemm għandu jkun ikkontrollat mis-servizz tekniku.
27	Direttiva 77/389/KEE (Ganċijiet tal-irmonk)	Ir-rekwiżiti ta' dik id-Direttiva ma għandhomx japplikaw.
28	Direttiva 77/538/KEE (Fanali ta' wara taċ-ċpar)	Id-dispożizzjonijiet ta' dik id-Direttiva ma għandhomx japplikaw. Madankollu, it-tħaddim korrett tad-dwal għandu jkun ikkontrollat mis-servizz tekniku.
29	Direttiva 77/539/KEE (Fanali tar-rivers)	Id-dispożizzjonijiet ta' dik id-Direttiva ma għandhomx japplikaw. Madankollu, it-tħaddim korrett tad-dwal jekk ikunu hemm għandu jkun ikkontrollat mis-servizz tekniku.
30	Direttiva 77/540/KEE (Fanali tal-ipparkjar)	Id-dispożizzjonijiet ta' dik id-Direttiva ma għandhomx japplikaw. Madankollu, it-tħaddim korrett tad-dwal jekk ikunu hemm għandu jkun ikkontrollat mis-servizz tekniku.

▼**M10**

Oġġett	Referenza tal-att regolatorju	Rekwiżiti alternattivi
31	Direttiva 77/541/KEE (Ċinturini tas-sikurezza u sistemi ta' trażżin)	*Komponenti* (a) Iċ-ċinturini tas-sikurezza mhumiex meħtieġa li jkunu approvati skont it-tip b'konformità mad-Direttiva 77/541/KEE. (b) Madankollu, kull ċinturin tas-sikurezza għandu jkollu tabella ta' identifikazzjoni. (c) L-indikazzjonijiet fuq it-tabella għandhom ikunu konsistenti mad-deċiżjoni li tikkonċerna l-ankraġġi taċ-ċinturini tas-sikurezza (ara l-Entrata 19). *Ir-rekwiżiti tal-installazzjoni* (a) Il-vettura għandu jkollha ċ-ċinturini tas-sikurezza skont ir-rekwiżiti stabbiliti fl-Anness XV tad-Direttiva 77/541/KEE. (b) Meta għadd ta' ċinturini tas-sikurezza li ma kinux parti mill-vettura meta din ġiet immanifatturata, ikunu jridu jitwaħħlu skont il-punt (a) ta' hawn fuq, huma jridu jkunu ta' tip approvat b'konformità mad-Direttiva 77/541/KEE jew ir-Regolament UNECE Nru 16.
33	Direttiva 78/316/KEE (Identifikazzjoni tal-kontrolli, tell-tales u l-indikaturi)	(a) Is-simboli, inkluż il-kulur tat-tell-tales korrispondenti tagħhom li l-preżenza tagħhom hija obbligatorja abbażi tal-Anness II tad-Direttiva 78/316/KEE, għandhom ikunu konformi ma' din id-Direttiva. (b) Meta dan ma jkunx il-każ, is-servizz tekniku għandu jivverifika li s-simboli, tell-tales u l-indikaturi li għandha l-vettura jipprovdu lis-sewwieq b'informazzjoni komprensiva rigward it-tħaddim tal-kontrolli msemmija.
34	Direttiva 78/317/KEE Defrost/Demist	Il-vettura għandha tkun mgħammra b'tagħmir adattat tad-defrosting u demisting tal-windskrin.
35	Direttiva 78/318/KEE Ħasil/Imsiħ	Il-vettura għandha tkun mgħammra b'tagħmir xieraq tal-ħasil tal-windskrin u tal-imsiħ tal-windskrin.
36	Direttiva 2001/56/KE (Sistemi ta' tisħin)	(a) Il-kompartiment tal-passiġġieri għandu jkollu sistema ta' tisħin. (b) Ħijters tal-kombustjoni u l-installazzjoni tagħhom għandhom ikunu konformi mal-Anness VII tad-Direttiva 2001/56/KE. Barra minn hekk, ħijters ta' kombustjoni tal-LPG u sistemi tat-tisħin tal-LPG għandhom jissodisfaw ir-rekwiżiti stabbiliti fl-Anness VIII ta' dik id-Direttiva. (c) Sistemi ta' tisħin addizzjonali li ma kinux parti mill-vettura meta din ġiet immanifatturata, u jkunu jridu jitwaħħlu għandhom ikunu konformi mar-rekwiżiti stabbiliti f'dik id-Direttiva.
39	Direttiva 80/1268/KEE (Emissjonijiet tas-CO_2/il-konsum tal-fjuwil)	(a) Għandu jitwettaq test b'konformità mat-Taqsima 5 tal-Anness I għad-Direttiva 80/1268/KEE. (b) Ir-rekwiżiti stabbiliti fil-punt 5.1.1 ta' dak l-Anness ma għandhomx japplikaw. (c) Meta ma jitwettaqx test rigward l-emissjonijiet tat-tubu tal-iskariku fl-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet imsemmija fl-Entrata 2, l-emissjonijiet tas-CO_2 u l-konsum tal-fjuwil għandhom jiġu kkalkulati bil-formula stabbilita fin-noti ta' spjegazzjoni ([b]) u ([c]).

▼**M20**

———

▼M10

Oġġett	Referenza tal-att regolatorju	Rekwiżiti alternattivi
41	Direttiva 2005/55/KE (Emissjonijiet (Euro 4 u 5) Vetturi tal-istrapazz (heavy duty) – OBDs – Opaċità tad-duħħan)	*Emissjonijiet tat-tubu tal-iskariku* (a) Għandu jitwettaq test skont it-Taqsima 6.2 tal-Anness I tad-Direttiva 2005/55/KE permezz tal-fatturi tad-deterjorazzjoni stabbiliti fil-punt 3.6 tal-Anness II tad-Direttiva 2005/78/KE. (b) Il-limiti għandhom ikunu dawk stabbiliti fit-Tabella 1 jew fit-Tabella 2 fl-Anness I tad-Direttiva 2005/55/KE. *OBD* (a) Il-vettura għandu jkollha sistema OBD. (b) L-interface-OBD għandu jkun kapaċi jikkomunika ma' strumenti dijanjostiċi komuni użati għal spezzjonijiet tekniċi perjodiċi. *Opaċità tad-duħħan* (a) Il-vetturi mgħammra b'magna li tieħu d-dijżil għandhom jiġu ttestjati b'konformità mal-metodu tat-testijiet imsemmi fl-Anness VI tad-Direttiva 2005/55/KE. (b) Il-valur ikkoreġut tal-koeffiċjent tal-assorbiment għandu jitwaħħal fejn jidher u f'post aċċessibbli faċilment.

▼M20

41a	Regolament (KE) Nru 595/2009 Emissjonijiet (Euro VI) ta' vetturi heavy-duty — OBD	*L-emissjonijiet mill-pajp tal-egżost* (a) Għandu jitwettaq test b'konformità mal-Anness III għar-Regolament (UE) Nru 582/2011 bl-użu tal-fatturi tad-deterjorazzjoni stabbiliti fil-punt 3.6.1. tal-Anness VI għar-Regolament (UE) Nru 582/2011. (b) Il-limiti li għandhom jiġu applikati għandhom ikunu dawk stabbiliti fit-Tabella tal-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 595/2009. (c) Il-fjuwil li għandu jintuża għat-test għandu jkun il-fjuwil ta' referenza kif preskritt fl-Anness IX tar-Regolament (UE) Nru 582/2011. *Emissjonijiet tas-CO_2* L-emissjonijiet tas-CO_2 u l-konsum tal-fjuwil għandhom jiġu ddeterminati skont l-Anness VIII tar-Regolament (UE) Nru 582/2011. *OBD* (a) Il-vettura għandha tkun mgħammra b'sistema OBD. (b) L-interfaċċa-OBD għandu jkun kapaċi jikkomunika mal-għodda esterna għall-iskanjar tal-OBD kif deskritt fl-Anness X għar-Regolament (UE) Nru 582/2011. *Rekwiżiti biex jiġi żgurat it-tħaddim korrett tal-miżuri ta' kontroll tal-NO_x* Il-vettura għandha tkun mgħammra b'sistema li tiżgura t-tħaddim kif suppost tal-miżuri ta' kontroll tal-NO_x skont l-Anness XIII għar-Regolament (UE) Nru 582/2011. Id-dispożizzjonijiet dwar is-soluzzjoni alternattiva għall-approvazzjoni tat-tip stabbiliti fil-punt 2.1 ta' dak l-Anness għandhom japplikaw ukoll. *Kejl tal-qawwa* (a) L-applikant għandu jissottometti dikjarazzjoni mingħand il-manifattur li tiddikjara l-produzzjoni massima ta' qawwa mill-magna f'Kw flimkien mas-sistema korrispondenti f'rivoluzzjonijiet kull minuta. (b) Inkella tista' tissemma l-kurvatura tal-produzzjoni tal-qawwa tal-magna li tipprovdi l-istess informazzjoni.

▼**M10**

Oġġett	Referenza tal-att regolatorju	Rekwiżiti alternattivi
45	Direttiva 92/22/KEE (Ħġieġ tas-sikurezza)	*Komponenti* (a) Il-ħġieġ għandu jkun ħġieġ tas-sikurezza tempered jew illaminat. (b) It-twaħħil ta' ħġieġ tal-plastik għandu jkun permess biss f'postijiet li jkunu jinsabu wara l-pilastru "B". (c) Il-ħġieġ ma għandux għalfejn ikun approvat skont id-Direttiva 92/22/KEE. *L-installazzjoni* (a) Għandhom japplikaw il-preskrizzjonijiet tal-installazzjoni stabbiliti fl-Anness 21 tar-Regolament UNECE Nru 43. (b) L-ebda saff ikkulurit li jnaqqas it-trażmissjoni regolari tad-dawl taħt il-minimu meħtieġ ma għandu jkun permess fuq il-windskrin u fuq il-ħġieġ li jkun jinsab 'il quddiem mill-pilastru "B".
46	Direttiva 92/23/KEE (Tajers)	*Komponenti* It-tajers għandu jkollhom marka ta' approvazzjoni tat-tip "KE" inkluż is-simbolu "s" (għall-ħoss). *L-installazzjoni* (a) Id-dimensjonijiet, l-indiċi tal-kapaċità tat-tagħbija u l-kategorija tal-veloċità tat-tajers għandhom jissodisfaw ir-rekwiżiti tal-Anness IV tad-Direttiva 92/23/KEE. (b) Is-simbolu tal-kategorija tal-veloċità tat-tajers għandu jkun kompatibbli mal-veloċità massima tad-disinn tal-vettura. (c) Il-preżenza ta' limitatur tal-veloċità ma għandhiex teżenta mill-applikazzjoni ta' dan ir-rekwiżit. (d) Għall-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-punt (b) ta' hawn fuq, il-veloċità massima tal-vettura għandha tkun iddikjarata mill-manifattur tal-vettura. Madankollu, is-servizz tekniku jista' jevalwa l-veloċità massima tad-disinn tal-vettura permezz tal-produzzjoni massima tal-enerġija mill-magna, in-numru massimu ta' rivoluzzjonijiet kull minuta u d-dejta rigward il-katina kinematika.
48	Direttiva 97/27/KE (Mases u dimensjonijiet)	(a) Ir-rekwiżiti essenzjali tal-Anness I tad-Direttiva 97/27/KE għandhom jiġu sodisfatti. Madankollu, ir-rekwiżiti stabbiliti fil-punti 7.8.3, 7.9 u 7.10 ta' dak l-Anness ma għandhomx japplikaw. (b) Għall-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-punt (a) ta' hawn fuq, il-mases li għandhom jitqiesu huma: — il-massa meta lesta għas-sewqan iddefinita fil-punt 2.6 tal-Anness I tad-Direttiva 2007/46/KE kif imkejla mis-servizz tekniku u — il-mases massimi mgħobbija ddikjarati mill-manifattur tal-vettura jew murija fil-pjanċa tal-manifattur inklużi l-istikers jew informazzjoni disponibbli fil-manwal tas-sid. Dawk il-mases għandhom jitqiesu bħala l-mases massimi mgħobbija teknikament permissibbli.

▼**M10**

Oġġett	Referenza tal-att regolatorju	Rekwiżiti alternattivi
		(c) Ma għandhomx ikunu permessi bidliet tekniċi mwettqa mill-applikant – bħall-bdil tat-tajers b'tajers bl-indiċi tal-kapaċità għat-tagħbija aktar baxx – sabiex titnaqqas il-massa massima mgħobbija teknikament permissibbli tal-vettura għal 3.5 tunnellati metriċi jew inqas sabiex il-vettura tkun tista' tingħata approvazzjoni individwali. (d) Ma għandha tkun permessal-ebda eżenzjoni fir-rigward tad-dimensjonijiet massimi permissibbli.
49	Direttiva 92/114/KEE (Projezzjoniiet esterni tal-kabini)	(a) B'konformità mat-Taqsima 6 tal-Anness I tad-Direttiva 92/114/KEE, għandhom jiġu sodisfatti r-rekwiżiti ġenerali stabbiliti fit-Taqsima 5 tal-Anness I tad-Direttiva 74/483/KEE. (b) Huwa fid-diskrezzjoni tas-servizz tekniku li jiġu sodisfatti r-rekwiżiti stabbiliti fil-punti 6.1, 6.5, 6.6, 6.7, 6.8 u 6.11 tal-Anness I tad-Direttiva 74/483/KEE.
50	Direttiva 94/20/KE (Tagħmir tal-iggančjar)	*Unitajiet tekniċi separati* (a) It-tagħmir tal-iggančjar OEM maħsub għall-irmonkar ta' trejler li l-massa massima tiegħu ma taqbiżx 1 500 kg ma għandux għalfejn ikun approvat skont it-tip taħt id-Direttiva 94/20/KE. (b) Tagħmir tal-iggančjar jitqies bħala tagħmir OEM meta jkun deskritt fil-manwal tas-sid jew f'dokument ta' appoġġ ekwivalenti pprovdut lix-xerrej mill-manifattur tal-vettura. (c) Meta dan it-tagħmir tal-iggančjar ikun approvat mal-vettura, għandu jkun inkluż test adattat fiċ-ċertifikat ta' approvazzjoni li jiddikjara li s-sid huwa responsabbli biex jiżgura l-kompatibbiltà mat-tagħmir tal-iggančjar li jkun hemm mat-trejler. (d) Kull tagħmir tal-iggančjar minbarra dawk imsemmija fil-punt (a) ta' hawn fuq kif ukoll it-tagħmir tal-iggančjar li ma kienx parti mill-vettura meta din ġiet immanifatturata, u jkun irid jitwaħħal għandu jkunu approvat skont it-tip b'konformità mad-Direttiva 94/20/KE. *L-installazzjoni fuq il-vettura* Is-servizz tekniku għandu jikkontrolla li l-installazzjoni tat-tagħmir tal-iggančjar huwa konformi mal-Anness VII tad-Direttiva 94/20/KE.
54	Direttiva 96/27/KE (Impatt mill-ġenb)	(a) L-applikant għandu jissottometti dikjarazzjoni mill-manifattur li tistabbilixxi li l-vettura partikolari, [*li n-numru VIN tagħha jrid ikun speċifikat*], hija konformi ma' mill-inqas waħda minn dawn li ġejjin: — id-Direttiva 96/27/KE; — FMVSS Nru 214 ("Protezzjoni minn impatt mill-ġenb"); — l-Artikolu 18 tal-JSRRV. (b) Jista' jitwettaq test skont it-Taqsima 3 tal-Anness II tad-Direttiva 96/27/KE fuq vettura tal-produzzjoni fuq talba tal-applikant. (c) It-test għandu jitwettaq minn servizz tekniku Ewropew innotifikat li hu kompetenti għalih. Għandu jinħareġ rapport iddettaljat lill-applikant.

▼**M10**

Oġġett	Referenza tal-att regolatorju	Rekwiżiti alternattivi
56	Direttiva 98/91/KE Vetturi maħsuba għall-ġarr ta' merkanzija perikoluża	Il-vetturi li jkunu maħsuba għall-ġarr ta' merkanzija perikoluża għandhom jikkonformaw mad-Direttiva 94/55/KE.
58	Ir-Regolament (KE) Nru 78/2009 (Protezzjoni ta' persuni mexjin)	*Assistenza tal-brejk* Il-vetturi għandu jkollhom sistema elettronika ta' brejkijiet antilock li taġixxi fuq ir-roti kollha. *Protezzjoni ta' persuni mexjin* Sal-24 ta' Frar 2018, ir-rekwiżiti ta' dak ir-Regolament ma għandhomx japplikaw għall-vetturi li l-massa massima tagħhom ma taqbiżx l-2 500 kg u sal-24 ta' Awwissu 2019 għal-vetturi li l-massa massima tagħhom taqbeż l-2 500 kg. *Sistemi ta' protezzjoni frontali* Madankollu, is-sistemi ta' protezzjoni frontali installati fil-vettura għandhom ikunu approvati skont it-tip skont ir-Regolament (KE) Nru 78/2009 u l-installazzjoni tagħhom għandha tikkonforma mar-rekwiżiti essenzjali stipulati fit-Taqsima 6 tal-Anness I ta' dak ir-Regolament.
59	Direttiva 2005/64/KE (Ir-Riċiklaġġibbiltà)	Ir-rekwiżiti ta' dik id-Direttiva ma għandhomx japplikaw.
61	Direttiva 2006/40/KE (Sistema ta' arja kkundizzjonata)	Ir-rekwiżiti ta' dik id-Direttiva għandhom japplikaw.

Noti ta' spjegazzjoni relatati mal-Appendiċi 2

1. Abbrevjazzjonijiet użati f'din l-Appendiċi:

   "OEM": tagħmir oriġinali pprovdut mill-manifattur

   "FMVSS": L-Istandard Federali tas-Sikurezza tal-Vetturi bil-Mutur tad-Dipartiment tat-Trasport tal-Istati Uniti

   "JSRRV": Regolamenti tas-Sikurezza tal-Ġappun għall-Vetturi tat-Triq

   "SAE": Society of Automotive Engineers

   "CISPR": Comité international spécial des perturbations radioélectriques.

2. Rimarki

   (a) L-installazzjoni LPG jew CNG kompleta għandha tkun ikkontrollata abbażi tad-dispożizzjonijiet tar-Regolamenti UNECE Nru 67 jew 110 jew 115 kif ikun jixraq.

   (b) Il-formula li għandha tintuża għall-evalwazzjoni tal-emissjonijiet tas-CO_2 għandha tkun kif ġej:

   Magna petrol u gerboks manwali:

   $CO_2 = 0{,}047\ m + 0{,}561\ p + 56{,}621$

   Magna petrol u gerboks awtomatika:

   $CO_2 = 0{,}102\ m + 0{,}328\ p + 9{,}481$

   Magna petrol u ibrida elettrika:

   $CO_2 = 0{,}116\ m - 57{,}147$

▼**M10**

Magna dijżil u gerboks manwali:

$CO_2 = 0{,}108\ m - 11{,}371$

Magna dijżil u gerboks awtomatika:

$CO_2 = 0{,}116\ m - 6{,}432$

Fejn: CO_2 hija l-massa kkombinata tal-emissjonijiet tad-CO_2 f'g/km, "m" hija l-massa tal-vettura lesta għas-sewqan f'kg u "p" hija l-produzzjoni massima tal-enerġija mill-magna f'kW.

Il-massa kkombinata tad-CO_2 għandha tkun ikkalkulata b'post deċimali wieħed, imbagħad irranġata għad-dritt sal-eqreb numru sħiħ kif ġej:

(a) jekk iċ-ċifra li ssegwi l-punt deċimali hija taħt il-5, it-total jiġi rranġat għad-dritt sal-eqreb numru sħiħ 'l isfel;

(b) jekk iċ-ċifra li ssegwi l-punt deċimali hija ekwivalenti għal 5 jew 'il fuq minn 5, it-total jiġi rranġat għad-dritt sal-eqreb numru sħiħ 'il fuq.

(c) Il-formula li għandha tintuża għall-evalwazzjoni tal-konsum tal-fjuwil għandha tkun kif ġej:

$CFC = CO_2 \times k^{-1}$

Fejn: CFC huwa l-konsum ikkombinat tal-fjuwil f'l/100 km, CO_2 hija l-massa kkombinata tal-emissjonijiet tad-CO_2 f'g/km wara li tkun ġiet irranġata għad-dritt sal-eqreb numru sħiħ skont ir-regola msemmija f'Rimarka (2 b), "k" huwa koeffiċjent ekwivalenti għal:

23,81 fil-każ ta' magna petrol;

26,49 fil-każ ta' magna dijżil.

Il-konsum ikkombinat tal-fjuwil għandu jkun ikkalkulat b'żewġ postijiet deċimali. Imbagħad irranġat għad-dritt sal-eqreb numru sħiħ kif ġej:

(a) jekk il-figura li ssegwi l-ewwel deċimali hija taħt il-5, it-total jiġi rranġat għad-dritt sal-eqreb numru sħiħ 'l isfel;

(b) jekk il-figura li ssegwi l-ewwel deċimali hija ekwivalenti għal 5 jew 'il fuq minn 5, it-total jiġi rranġat għad-dritt sal-eqreb numru sħiħ 'il fuq.

(d) Id-Direttiva 74/297/KEE tapplika għal vetturi li ma jaqgħux fl-ambitu tad-Direttiva 96/79/KE.

(e) Il-konformità mad-Direttiva 96/79/KE teżenta l-vetturi mill-konformità mad-Direttiva 74/297/KEE.

(f) Id-Direttiva 74/297/KEE tapplika għal vetturi N_1 b'massa massima mgħobbija teknikament permissibbli li ma taqbiżx 1,5 tunnellati metriċi.

▼M1

PARTI II

Lista ta' regolamenti ta' l-UNECE magħrufa bħala alternattiva għad-direttivi jew regolamenti msemmija fil-Parti I

Fejn issir referenza għal Direttiva jew Regolament separat fit-tabella tal-Parti I, approvazzjoni maħruġa skond ir-Regolamenti UNECE li ġejjin li bihom il-Komunità ntrabtet bħala Parti Kontraenti tal-Kummissjoni Ekonomika tan-Nazzjonijiet Uniti għall-Ewropa "Ftehim Rivedut 1958" bis-saħħa tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 97/836/KE [1], jew deċiżjonijiet sussegwenti tal-Kunsill kif imsemmi fl-Artikolu 3(3) ta' din id-Deċiżjoni, għandha titqies bħala ekwivalenti għal approvazzjoni tat-tip KE mogħtija skond id-Direttiva jew Regolament separat rilevanti.

Kull emenda oħra tar-Regolamenti UNECE elenkati hawn taħt [2] għandha wkoll titqies li hija ekwivalenti, soġġetta għad-Deċiżjoni tal-Komunità kif imsemmi fl-Artikolu 4(2) tad-Deċiżjoni 97/836/KE.

	Suġġett	Numru tar-Regolament UNECE Bażiku	Serje ta' emendi
1. (*)	Livell permissibbli tal-ħoss	51	02
	Sistemi tas-sajlencers ta' sostituzzjoni	59	00
2.	Emissjonijiet	83	05
	Konvertituri katalitiċi ta' sostituzzjoni	103	00
3.	Tankijiet tal-karburant	34	02
	Tankijiet LPG	67	01
	Tankijiet CNG	110	00
	Tagħmir ta' protezzjoni fuq wara	58	01
5.	Sforz tekniku ta' l-isteering	79	01
6.	Lukketti u ċappetti tal-bibien	11	02
7.	Twissija li tinstema'	28	00
8.	Tagħmir ta' vista indiretta	46	02
9.	Ibbrejkjar	13	10
	Ibbrejkjar	13H	00
	Brake linings	90	01
10.	Interferenza tal-frekwenza tar-radju (kompatibilità elettromanjetika)	10	02
11.	Duħħan tad-diżil	24	03
12	Fittings Interni	21	01

[1] ĠU L 346, 17.12.1997, p. 78.
[2] Għal emendi sussegwenti, ara UNECE TRANS/WP 29/343 fl-aħħar reviżjoni tagħha.

▼M1

	Suġġett	Numru tar-Regolament UNECE Bażiku	Serje ta' emendi
13.	Tagħmir kontra s-serq	18	03
	Immobilizzatur u tagħmir kontra s-serq	116	00
	Sistemi ta' Allarm tal-Vettura	97	01
		116	00
14.	Reazzjoni tat-tagħmir ta' l-isteering fil-każ ta' ħabta	12	03
15.	Saħħa tas-sits	17	07
	Saħħa tas-sits (karozzi tal-linja u kowċis)	80	01
16.	Projezzjonijiet esterni	26	03
17.	Speedometer	39	00
19.	Ankraġġi taċ-ċinturini ta' sikurezza	14	06
20.	Stallazzjoni ta' tagħmir tad-dawl u tas-sinjalazzjoni	48	03
21.	Rifletturi ta' wara	3	02
22.	Fanali end-outline, tal-pożizzjoni ta' quddiem (tal-ġenb), tal-pożizzjoni ta' wara (tal-ġenb), tal-waqfien	7	02
	Lampi għal binhar	87	00
	Lampi tal-ġnub	91	00
23.	Indikaturi	6	01
24.	Lampa tal-pjanċa tar-reġistrazzjoni ta' wara	4	00
25.	Fanali ta' quddiem (R_2 u HS_1)	1	02
25.	Fanali ta' quddiem (sealed beam)	5	02
	Fanali ta' quddiem (H_1, H_2, H_3, HB_3, HB_4, H_7, u/jew H_8, H_9,HIR1, HIR2 u/jew H_{11})	8	05
	Fanali ta' quddiem (H_4)	20	03
	Fanali ta' quddiem (halogen sealed beam)	31	02
	Lampi bil-filament għall-użu f'unitajiet ta' lampi approvati	37	03
	Fanali ta' quddiem b'sorsi ta' dawl li jaħdmu bl-emissjoni tal-gass	98	00

▼**M1**

	Suġġett	Numru tar-Regolament UNECE Bażiku	Serje ta' emendi
	Għejjun ta' dawl tal-gass għall-użu f'unitajiet ta' lampi tal-gass approvati	99	00
	Fanali ta' quddiem (passing beam asimetriku)	112	00
	Sistemi adattivi tad-dawl ta' quddiem	123	00
26.	Fanali ta' quddiem taċ-ċpar	19	02
28.	Fanali taċ-ċpar għal wara	38	00
29.	Fanali tar-rivers	23	00
30.	Fanali tal-parking	77	00
31.	Ċinturini ta' sigurtà u sistemi ta' trażżin	16	04
	Trażżin għat-tfal	44	04
32.	Kamp ta' vista 'l quddiem	125	00
33.	Identifikazzjoni ta' kontrolli, tell-tales u indikaturi	121	00
36.	Sistemi ta' tiswin	122	00
38.	Ilqugħ għar-ras (kkombinat mas-sits)	17	07
	Ilqugħ għar-ras	25	04
39.	Emisjonijiet tas-CO_2 -Konsum ta' karburant	101	00
40.	Qawwa tal-magna	85	00
41.	Emissjonijiet (Euro IV u V) vetturi ta' strapazz	49	04
42.	Protezzjoni laterali	73	00
45.	Ħġieġ ta' sikurezza	43	00
46.	Tajers, vetturi bil-mutur u t-trejlers tagħhom	30	02
	Tajers, vetturi kummerċjali u t-trejlers tagħhom	54	00

▼M1

	Suġġett	Numru tar-Regolament UNECE Bażiku	Serje ta' emendi
	Roti/tajers sper għall-użu temporanju	64	01
	Rolling sound	117	01
47.	Tagħmir għal-limitazzjoni tal-veloċità	89	00
50.	Kaplings	55	01
	Tagħmir ta' ggankjar mill-qrib	102	00
51.	Fjammabilità	118	00
52.	Karozzi tal-linja u kowċis	107	02
	Saħħa tas-sovrastruttura (karozzi tal-linja u kowċis)	66	00
53.	Impatt minn quddiem	94	01
54.	Impatt mill-ġenb	95	02
56.	Vetturi intiżi għall-ġarr ta' merkanzija perikoluża	105	04
57.	Protezzjoni tal-qiegħ fuq quddiem	93	00
▼M22 58.	Protezzjoni tan-nies fit-triq	127	00
	Ibbrejkjar (assistenza fl-ibbrejkjar)	13-H	00(Suppliment 9 u iktar 'il fuq)

▼M1

Fejn id-direttiva jew regolament separat ikun fiha rekwiżiti ta' installazzjoni, dawn japplikaw ukoll għal komponenti u unitajiet tekniċi separati skond ir-Regolamenti UNECE.
(*) In-numerazzjoni f'din it-tabella tirreferi għan-numerazzjoni użata fit-tabella tal-Parti I.

▼M9

ANNESS V

PROĊEDURI LI GĦANDHOM JIĠU SEGWITI FIR-RIGWARD TAL-APPROVAZZJONI TAT-TIP TAL-KE TA' VETTURA

0. **Għanijiet u ambitu**

0.1. Dan l-Anness jistabbilixxi l-proċeduri għat-tħaddim xieraq tal-approvazzjoni tat-tip tal-vettura skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 9.

0.2. Dan jinkludi wkoll:

(a) lista tal-istandards internazzjonali li huma ta' relevanza għall-għażla tas-servizzi tekniċi skont l-Artikolu 41;

(b) id-deskrizzjoni tal-proċedura li għandha tiġi segwita għall-valutazzjoni tal-ħiliet tas-servizzi tekniċi skont l-Artikolu 42;

(c) ir-rekwiżiti ġenerali għall-abbozzar ta' rapporti tat-test mis-servizzi tekniċi.

1. **Proċess tal-approvazzjoni tat-tip**

Meta tirċievi applikazzjoni għall-approvazzjoni tat-tip ta' vettura, l-awtorità tal-approvazzjoni għandha:

(a) tivverifika li ċ-ċertifikati kollha ta' approvazzjoni tat-tip tal-KE maħruġa skont l-atti regolatorji li huma applikabbli għall-approvazzjoni tat-tip ta' vetturi jkopru t-tip ta' vettura u jikkorrispondu mar-rekwiżiti preskritti;

(b) b'referenza għad-dokumentazzjoni tiżgura li l-ispeċifikazzjonijiet tal-vettura u d-dejta miżmuma fil-Parti I tad-dokument ta' informazzjoni tal-vettura huma inklużi fid-dejta fil-pakketti ta' informazzjoni u fiċ-ċertifikati ta' approvazzjoni tat-tip tal-KE fir-rigward tal-atti regolatorji relevanti;

(c) meta numru ta' punt f'Parti I tad-dokument ta' informazzjoni mhux inkluż fil-pakkett ta' informazzjoni ta' kwalunkwe att regolatorju, tikkonferma li l-parti jew il-karatteristika relevanti tikkonforma mad-dettalji fil-pakkett tal-informazzjoni;

(d) fuq kampjun magħżul ta' vetturi mit-tip li għandu jiġi approvat twettaq jew tirranġa biex jitwettqu spezzjonijiet ta' partijiet u sistemi tal-vettura biex tivverifika li l-vettura(i) hi/huma mibnija skont id-dejta relevanti miżmuma fil-pakkett ta' informazzjoni awtorizzat fir-rigward taċ-ċertifikati ta' approvazzjoni tat-tip tal-KE relevanti;

(e) twettaq jew tirranġa biex jitwettqu kontrolli ta' installazzjoni relevanti fir-rigward ta' unitajiet tekniċi separati, fejn applikabbli;

(f) twettaq jew inkella tagħmel arranġamenti biex jitwettqu kontrolli neċessarji fir-rigward tal-preżenza tat-tagħmir previst fin-noti f'qiegħ il-paġna (1) u (2) tal-Parti I tal-Anness IV fejn applikabbli;

(g) twettaq jew inkella tagħmel arranġamenti biex jitwettqu verifiki neċessarji sabiex tiżgura li jkunu sodisfatti r-rekwiżiti pprovduti fin-nota f'qiegħ il-paġna (5) tal-Parti I tal-Anness IV.

2. **Kumbinazzjoni ta' speċifikazzjonijiet tekniċi**

In-numru ta' vetturi li jitressqu għandu jkun suffiċjenti biex jippermetti l-kontroll xieraq tat-taħlitiet varji li jitressqu għall-approvazzjoni tat-tip skont il-kriterji li ġejjin:

Speċifikazzjonijiet tekniċi	Kategorija tal-vettura									
	M_1	M_2	M_3	N_1	N_2	N_3	O_1	O_2	O_3	O_4
Magna	X	X	X	X	X	X	—	—	—	—
Gear box	X	X	X	X	X	X	—	—	—	—

▼**M9**

Speċifikazzjonijiet tekniċi	Kategorija tal-vettura									
	M_1	M_2	M_3	N_1	N_2	N_3	O_1	O_2	O_3	O_4
Numru ta' fusijiet	—	X	X	X	X	X	X	X	X	X
Fusijiet motorizzati (numru, pożizzjoni, interkonnessjoni)	X	X	X	X	X	X	—	—	—	—
Fusijiet ikkwartjati (numru u pożizzjoni)	X	X	X	X	X	X	X	X	X	X
Stili ta' body	X	X	X	X	X	X	X	X	X	X
Numru ta' bibien	X	X	X	X	X	X	X	X	X	X
Id tas-sewqan	X	X	X	X	X	X	—	—	—	—
Numru ta' sedili	X	X	X	X	X	X	—	—	—	—
Livell ta' tagħmir	X	X	X	X	X	X	—	—	—	—

3. **Dispożizzjonijiet speċifiċi**

Fil-każ fejn mhu disponibbli l-ebda ċertifikat ta' approvazzjoni għal kwalunkwe att regolatorju relevanti, l-awtorità tal-approvazzjoni għandha:

(a) tirranġa għat-testijiet u kontrolli neċessarji kif jitlob kull wieħed mill-atti regolatorji relevanti;

(b) tivverifika li l-vettura tikkonforma mad-dettalji fil-pakkett ta' informazzjoni tal-vettura u li tissodisfa r-rekwiżiti tekniċi ta' kull wieħed mill-atti regolatorji relevanti;

(c) twettaq jew inkella tagħmel arranġamenti biex jitwettqu kontrolli ta' installazzjoni relevanti fir-rigward ta' unitajiet tekniċi separati, fejn applikabbli;

(d) twettaq jew inkella tagħmel arranġamenti biex jitwettqu kontrolli neċessarji fir-rigward tal-preżenza tat-tagħmir previst fin-noti f'qiegħ il-paġna (1) u (2) tal-Parti I tal-Anness IV, fejn applikabbli;

(e) twettaq jew inkella tagħmel arranġamenti biex jitwettqu verifiki neċessarji sabiex tiżgura li jkunu sodisfatti r-rekwiżiti pprovduti fin-nota ta' qiegħ il-paġna (5) tal-Parti I tal-Anness IV.

▼M9

Appendiċi 1

Standards li għandhom jikkonformaw magħhom l-entitajiet imsemmija fl-Artikolu 41

1. Attivitajiet relatati mal-ittestjar għall-approvazzjoni tat-tip, li għandhom jitwettqu skont l-atti regolatorji elenkati fl-Anness IV:

1.1. Il-Kategorija A (testijiet imwettqa fil-faċilitajiet tagħhom):

EN ISO/IEC 17025:2005 dwar ir-rekwiżiti ġenerali għall-kompetenza tal-laboratorji tal-ittestjar u tal-ikkalibrar.

Servizz tekniku magħżul għal attivitajiet tal-Kategorija A jista' jwettaq jew jagħmel superviżjoni tat-testijiet previsti fl-atti regolatorji li għalihom ġie magħżul, fil-faċilitajiet tal-manifattur jew ta' parti terza.

1.2. Il-Kategorija B (superviżjoni ta' testijiet imwettqa fil-faċilitajiet tal-manifattur jew fil-faċilitajiet ta' parti terza:

EN ISO/IEC 17020:2004 dwar il-kriterji ġenerali għall-operazzjoni ta' varji tipi ta' entitajiet li jwettqu spezzjoni.

Qabel iwettqu jew jagħmlu superviżjoni għal kwalunkwe test fil-faċilitajiet ta' manifattur jew ta' parti terza, is-servizz tekniku għandu jiċċekkja li l-faċilitajiet tat-test u t-tagħmir ta' qies jikkonformaw mar-rekwiżiti xierqa tal-istandard imsemmi fil-punt 1.1.

2. Attivitajiet relatati mal-Konformità ta' Produzzjoni

2.1. Il-Kategorija C (proċedura għall-Valutazzjoni Inizjali u verifiki ta' sorveljanza tas-sistema ta' mmaniġġjar tal-kwalità tal-manifattur):

EN ISO/IEC 17021:2006 dwar ir-rekwiżiti tal-bodies li jipprovdu verifika u ċertifikazzjoni tas-sistemi ta'mmaniġġjar.

2.2. Il-Kategorija D (spezzjoni jew ittestjar ta' kampjuni ta' produzzjoni jew superviżjoni tagħhom):

EN ISO/IEC 17020:2004 dwar il-kriterji ġenerali għall-operazzjoni ta' varji tipi ta' entitajiet li jwettqu spezzjoni.

▼M9

Appendiċi 2

Proċedura għall-valutazzjoni tas-servizzi tekniċi

1. **Skop ta' dan l-Appendiċi**

1.1. Dan l-Appendiċi jistabbilixxi l-kundizzjonijiet li skonthom għandha titwettaq il-proċedura ta' valutazzjoni tas-servizzi tekniċi mill-awtorità kompetenti msemmija fl-Artikolu 42.

1.2. Dawn ir-rekwiżiti għandhom japplikaw *mutatis mutandis* għas-servizzi tekniċi kollha, irrispettivament mill-istatus legali tagħhom (organizzazzjoni indipendenti, manifattur jew awtorità tal-approvazzjoni li taġixxi bħala servizz tekniku).

2. **Prinċipji ta' valutazzjoni**

Il-valutazzjoni għandha tistrieħ fuq għadd ta' prinċipji:

— l-indipendenza, li hi l-bażi għall-imparzjalità u l-oġġettività tal-konklużjonijiet,

— approċċ ibbażat fuq l-evidenza, li jiggarantixxi konklużjonijiet kredibbli u riproduċibbli.

L-awdituri għandhom juru fiduċja u integrità. Għandhom jirrispettaw il-kunfidenzjalità u d-diskrezzjoni.

Huma għandhom jirrappurtaw b'mod onest u preċiż il-fatti misjuba u l-konklużjonijiet.

3. **Hiliet meħtieġa tal-awdituri**

3.1. Il-valutazzjonijiet jistgħu jitwettqu biss minn awdituri li jkollhom l-għarfien tekniku u amministrattiv xieraq għal tali skopijiet.

3.2. L-awdituri jridu jkunu tħarrġu speċifikiment għall-attivitajiet ta' valutazzjoni. Flimkien ma' dan, huma għandu jkollhom l-għarfien speċifiku tal-qasam tekniku li fih is-servizz tekniku se jeżerċita l-attivitajiet tiegħu.

3.3. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tal-punti 3.1 u 3.2 ta' dan l-Appendiċi, il-valutazzjoni msemmija fl-Artikolu 42 għandha titwettaq minn awdituri indipendenti mill-attivitajiet li għalihom qed titwettaq il-valutazzjoni.

4. **Applikazzjoni għall-ħatra**

4.1. Rappreżentant tas-servizz tekniku, awtorizzat kif xieraq, li jressaq applikazzjoni, għandu jagħmel applikazzjoni formali lill-awtorità kompetenti li tinkludi dan li ġej:

(a) karatteristiċi ġenerali tas-servizz tekniku, inklużi l-entità korporata, l-isem, l-indirizzi, l-istatus legali u r-riżorsi tekniċi;

(b) deskrizzjoni dettaljata li tinkludi *curriculum vitae* tal-persunal inkarigat mill-ittestjar u tal-persunal maniġerjali kif jixhdu l-ħiliet edukattivi kif ukoll professjonali;

(c) barra minn dan ta' hawn fuq, is-servizzi tekniċi li jużaw metodi ta' ttestjar virtwali għandhom jipprovdu xhieda tal-abbiltà tagħhom li jaħdmu f'ambjent megħjun bil-kompjuter;

(d) informazzjoni ġenerali li tikkonċerna s-servizz tekniku bħall-attivitajiet tiegħu, ir-relazzjoni tiegħu f'entità korporata akbar, jekk hemm, u l-indirizzi tal-post(ijiet) fiżiċi kollha li jridu jiġu koperti mill-ambitu tal-għażla;

(e) ftehim biex jiġu sodisfatti r-rekwiżiti għall-ħatra u l-obbligi l-oħra tas-servizz tekniku kif applikabbli fid-direttivi relevanti;

▼M9

(f) deskrizzjoni tas-servizzi ta' valutazzjoni tal-konformità li s-servizz tekniku jimpenja ruħu għalihom fil-qafas tal-atti regolatorji applikabbli u lista tal-atti regolatorji li għalihom is-servizz tekniku japplika biex jingħażel, inkluż il-limiti tal-kapaċità fejn applikabbli;

(g) kopja tal-manwal ta' kwalità tas-servizz tekniku.

4.2. L-awtorità kompetenti għandha tirrevedi għall-adegwatezza l-informazzjoni fornita mis-servizz tekniku.

5. **Reviżjoni tar-riżorsi**

L-awtorità kompetenti għandha tirrevedi l-abbiltà tagħha biex twettaq valutazzjoni tas-servizz tekniku, f'termini tal-politika tagħha, il-kompetenza tagħha u d-disponibbiltà ta' awdituri u esperti xierqa.

6. **Is-subkuntrattar tal-valutazzjoni**

6.1. L-awtorità kompetenti tista' tagħti b'subkuntratt partijiet tal-valutazzjoni lil awtorità magħżula oħra jew titlob għal sostenn minn esperti tekniċi provduti minn awtoritajiet kompetenti oħra. Is-subkuntratturi u l-esperti għandhom jiġu aċċettati mis-servizz tekniku li qed japplika.

6.2. L-awtorità kompetenti għandha tqis iċ-ċertifikati ta' akkreditazzjoni skont ambitu adegwat sabiex tiffinalizza l-valutazzjoni globali tas-servizz tekniku.

7. **Tħejjija għall-valutazzjoni**

7.1. L-awtorità kompetenti għandha formalment taħtar tim ta' valutazzjoni. Tal-ewwel għandha tiżgura li l-kompetenza marbuta ma' kull kompitu hi xierqa. B'mod partikolari, fl-intier tiegħu t-tim:

(a) għandu jkollu għarfien xieraq tal-ambitu speċifiku li għalih hemm bżonn tal-ħatra; u

(b) għandu jkun intiż biżżejjed biex ikun jista' jagħmel valutazzjoni kredibbli tal-kompetenza tas-servizz tekniku biex jopera skont l-ambitu tal-ħatra.

7.2. L-awtorità kompetenti għandha tiddefinixxi b'mod ċar il-kompitu mogħti lit-tim ta' valutazzjoni. Il-kompitu tat-tim ta' valutazzjoni hu li jirrevedi d-dokumenti miġbura mis-servizz tekniku li qed japplika u li jwettaq valutazzjoni fuq il-post.

7.3. L-awtorità kompetenti għandha taqbel, flimkien mas-servizz tekniku u t-tim ta' valutazzjoni assenjata, dwar id-data u l-iskeda għall-valutazzjoni. Madankollu, tibqa' r-responsabbiltà tal-awtorità kompetenti li tfittex data li hi konformi mal-pjan ta' sorveljanza u rivalutazzjoni.

7.4. L-awtorità kompetenti għandha tiżgura li t-tim ta' valutazzjoni hu fornut bid-dokumenti ta' kriterji xierqa, rekords ta' valutazzjonijiet preċedenti, u d-dokumenti relevanti u r-rekords tas-servizz tekniku.

8. **Valutazzjoni Fuq il-Post**

It-tim ta' valutazzjoni għandu jwettaq il-valutazzjoni tas-servizz tekniku fil-bini tas-servizz tekniku li minnu titwettaq attività ewlenija waħda jew iżjed u, fejn relevanti, għandu jixhed f'postijiet oħra magħżula minn fejn jopera s-servizz tekniku.

9. **Analiżi tar-rapport dwar is-sejbiet u l-valutazzjoni**

9.1. It-tim ta' valutazzjoni għandu janalizza l-informazzjoni u l-evidenza relevanti kollha miġbura matul ir-reviżjoni tad-dokumenti u r-rekords u l-valutazzjoni fuq il-post. Din l-analiżi għandha tkun biżżejjed biex tippermetti lit-tim biex jiddetermina sa fejn jaslu l-kompetenza u l-konformità tas-servizz tekniku mar-rekwiżiti għall-ħatra.

▼M9

9.2. Il-proċeduri ta' rappurtar tal-awtorità kompetenti għandhom jiżguraw li r-rekwiżiti li ġejjin ikunu sodisfatti.

9.2.1. Għandha ssir laqgħa bejn it-tim ta' valutazzjoni u s-servizz tekniku qabel jitilqu minn fuq il-post. F'din il-laqgħa, it-tim ta' valutazzjoni għandu jipprovdi rapport bil-miktub/orali dwar is-sejbiet miksuba mill-analiżi. Għandha tiġi pprovduta opportunità għas-servizz tekniku biex jagħmel mistoqsijiet dwar is-sejbiet, inkluż in-nuqqasijiet ta' konformità, jekk hemm, u l-bażi tagħhom.

9.2.2. Rapport bil-miktub dwar ir-riżultat tal-valutazzjoni għandu jitressaq mill-ewwel għall-attenzjoni tas-servizz tekniku. Dan ir-rapport ta' valutazzjoni għandu jinkludi kummenti dwar il-kompetenza u l-konformità, u għandu jidentifika n-nuqqasijiet ta' konformità, jekk hemm, li jridu jiġu riżolti sabiex ikun konformi mar-rekwiżiti kollha tal-ħatra.

9.2.3. Is-servizz tekniku għandu jiġi mistieden jirrispondi għar-rapport ta' valutazzjoni u jiddeskrivi l-azzjonijiet speċifiċi meħuda jew ippjanati li jittieħdu, fi żmien definit, biex kwalunkwe nuqqas ta' konformità identifikat jiġi riżolt.

9.3. L-awtorità kompetenti għandha tiżgura li r-rispons tas-servizz tekniku biex jiġu riżolti n-nuqqasijiet ta' konformità jkun rivedut biex tara jekk l-azzjonijiet jidhrux li huma suffiċjenti u effettivi. Jekk ir-rispons tas-servizz tekniku jinsab li mhuwiex biżżejjed, għandha tintalab informazzjoni ulterjuri. B'żieda ma' dan, tista' tintalab xhieda ta' implimentazzjoni effettiva ta' azzjonijiet meħuda, jew tista' titwettaq valutazzjoni b'segwitu biex tivverifika implimentazzjoni effettiva ta' azzjonijiet korrettivi.

9.4. Ir-rapport ta' valutazzjoni għandu jinkludi tal-anqas dan li ġej:

(a) identifikazzjoni unika tas-servizz tekniku;

(b) data(i) tal-valutazzjoni fuq il-post;

(c) isem(ismijiet) tal-awditur(i) u/jew esperti involuti fil-valutazzjoni;

(d) identifikazzjoni unika tal-postijiet kollha valutati;

(e) l-ambitu propost tal-ħatra li ġiet valutata;

(f) dikjarazzjoni dwar l-adegwatezza tal-organizzazzjoni u l-proċeduri interni adottati mis-servizz tekniku biex jagħti fiduċja fil-kompetenza tiegħu, kif iddeterminat permezz tal-issodisfar tar-rekwiżiti għall-ħatra;

(g) informazzjoni dwar ir-riżoluzzjoni tan-nuqqasijiet kollha ta' konformità;

(h) rakkomandazzjoni ta' jekk l-applikant għandux jintgħażel jew konfermat bħala servizz tekniku u, jekk iva, l-ambitu tal-għażla.

10. **L-għoti/il-konferma tal-għażla**

10.1. L-awtorità tal-approvazzjoni għandha, mingħajr dewmien żejjed, tieħu d-deċiżjoni dwar jekk tagħtix, tikkonfermax jew testendix in-nomina ta' servizz tekniku fuq il-bażi ta' rapport(i) u kwalunkwe informazzjoni relevanti oħra.

10.2. L-awtorità li tapprova għandha tipprovdi ċertifikat lis-servizz tekniku. Dan iċ-ċertifikat għandu jidentifika dan li ġej:

(a) l-identità u l-logo tal-awtorità tal-approvazzjoni;

(b) l-identità unika tas-servizz tekniku magħżul;

(c) id-data effettiva tal-għoti tal-ħatra u d-data tal-iskadenza;

(d) indikazzjoni fil-qosor jew referenza tal-ambitu tal-ħatra (direttivi applikabbli, regolamenti jew parti minnhom);

(e) dikjarazzjoni ta' konformità u referenza għad-direttiva preżenti.

▼M9

11. **Rivalutazzjoni u sorveljanza**

11.1. Rivalutazzjoni hi simili għal valutazzjoni inizjali iżda hawn trid titqies l-esperjenza miksuba matul il-valutazzjonijiet ta' qabel. Valutazzjonijiet ta' sorveljanza fuq il-post huma anqas komprensivi minn rivalutazzjonijiet.

11.2. L-awtorità kompetenti għandha tfassal il-pjan tagħha għar-rivalutazzjoni u s-sorveljanza ta' kull servizz tekniku magħżul biex jiġu eżaminati, fuq bażi regolari, kampjuni rappreżentattivi tal-firxa tal-għażla.

L-intervall bejn valutazzjonijiet fuq il-post, kemm ir-rivalutazzjonijiet u kemm is-sorveljanza, jiddependi fuq l-istabbiltà, b'xhieda għaliha, li jkun laħaq is-servizz tekniku.

11.3. Meta, waqt is-sorveljanza jew ir-rivalutazzjonijiet, jiġu identifikati nuqqasijiet ta' konformità, l-awtorità kompetenti għandha tiddefinixxi limiti ta' żmien stretti biex jiġu implimentati azzjonijiet korrettivi.

11.4. Meta l-azzjonijiet korrettivi jew ta' titjib ma jkunux twettqu fil-qafas ta' żmien miftiehem jew jitqiesu li mhumiex suffiċjenti, l-awtorità kompetenti għandha tadotta miżuri xierqa bħal, twettiq ta' valutazzjoni ulterjuri, is-sospensjoni/irtirar tal-ħatra għal waħda jew iżjed mill-attivitajiet li għalihom is-servizz tekniku ġie magħżul.

11.5. Meta l-awtorità kompetenti tiddeċiedi li tissospendi jew tirtira l-ħatra ta' servizz tekniku, hi għandha tinforma lil dan tal-aħħar permezz ta' ittra reġistrata. Fi kwalunkwe każ, l-awtorità kompetenti għandha tadotta l-miżuri kollha neċessarji biex tiżgura l-kontinwità tal-attivitajiet diġà mibdija mis-servizz tekniku.

12. **Rekords ta' servizzi tekniċi magħżula**

12.1. L-awtorità kompetenti għandha żżomm rekords dwar is-servizzi tekniċi biex turi li r-rekwiżiti għall-ħatra, inkluża l-kompetenza, kienu sodisfatti tassew.

12.2. L-awtorità kompetenti għandha żżomm ir-rekords dwar is-servizzi tekniċi sikuri biex tiżgura l-kunfidenzjalità.

12.3. Ir-rekords dwar is-servizzi tekniċi għandhom tal-anqas jinkludu:

(a) il-korrispondenza relevanti;

(b) ir-rekords u r-rapporti tal-valutazzjoni;

(c) kopji taċ-ċertifikati tal-ħatra.

▼M9

Appendiċi 3

Rekwiżiti ġenerali dwar il-format tar-rapporti tat-test

1. Għal kull att regolatorju elenkat fil-Parti I tal-Anness IV, ir-rapport tat-test għandu jikkonforma mad-dispożizzjonijiet tal-Istandard EN ISO/IEC 17025:2005. B'mod partikoalri, dan għandu jinkludi l-informazzjoni msemmija fil-punt 5.10.2, inkluża n-nota f'qiegħ il-paġna nru 1 ta' dak l-Istandard.

2. It-template ta' dawn ir-rapporti tat-test għandha tiġi stabbilita mill-awtorità tal-approvazzjoni b'konformità mar-regoli u l-aqwa prassi tagħha.

3. Għandu jsir abbozz tar-rapport tat-test fil-lingwa uffiċjali tal-Komunità stabbilita mill-awtorità tal-approvazzjoni.

4. barra minn hekk, din għandha tinkludi tal-anqas l-informazzjoni li ġejja:

   (a) l-identifikazzjoni tal-vettura, il-komponenti jew l-unità teknika separata li ġew ittestjati;

   (b) deskrizzjoni dettaljata tal-karatteristiċi tal-vettura, il-komponenti jew l-unità teknika separata b'rabta mal-att regolatorju;

   (c) ir-riżultati tal-qies speċifikat fl-atti regolatorji relevanti u, meta meħtieġ, il-limiti li jridu jiġi rrispettati;

   (d) fir-rigward ta' kull qies imsemmi fil-punt 4(c), il-deċiżjoni relevanti: għaddiet jew weħlet;

   (e) stqarrija dettaljata ta' konformità mad-dispożizzjonijiet varji li għndhom jitħarsu, jiġifieri d-dispożizzjonijiet li għalihom ma hemmx bżonn jingħata qies.

      Eżempju mit-Taqsima 3.2.2 tal-Anness I tad-Direttiva tal-Kunsill 76/114/KEE ([1]):

      "Iċċekkja li n-numru ta' identifikazzjoni tal-vettura jitpoġġa f'pożizzjoni fejn la jkun jista' jitħassar u lanqas jiddeterjora"

      ir-rapport għandu jinkludi stqarrija bħal: "il-post fejn jiġi stampat in-numru tal-identifikazzjoni tal-vettura jissodisfa r-rekwiżiti tat-Taqsima 3.2.2 tal-Anness I";

   (f) meta jkunu awtorizzati metodui ta' ttestjar oħrajn apparti minn dawk preskritti fl-atti regolatorji, ir-rapport għandu jinkludi deskrizzjoni tal-metodu ta' ttestjar fit-twettiq tat-test

      L-istess jgħodd meta jkunu jistgħu jintużaw dispożizjonijiet alternattivi fl-atti regolatorji;

   (g) ritratti meħuda waqt l-ittestjar, li n-numru tagħhom trid tiddeċidih l-awtorità tal-approvazzjoi.

      Fil-każ tal-ittestjar virtwali, flok ir-ritratti jistgħu jintużaw l-iscreen prints jew evidenza adattata oħra;

   (h) il-konklużjonijiet milħuqa;

   (i) meta tingħata opinjoni u interpretazzjoni, dawn għandhom jiġu ddokumentati b'mod xieraq u jiġu mmarkati bħala tali fir-rapport tat-test.

5. Meta jsiru t-testijiet fuq vettura, komponent jew unità teknika li tikkombina numru ta' fatturi tabilħaqq negattivi fir-rigward tal-livell mitlub ta' prestazzjoni li għandha tilħaq (jiġifieri l-agħar każ possibbli), ir-rapport tat-test għandu jinkludi referenza li tispjega kif tkun saret l-għażla mill-manifattur bi ftehim mal-awtorità tal-approvazzjoni.

([1]) ĠU L 24, 30.1.1976, p. 1.

▼M1

ANNESS VI

MUDELLI TAĊ-ĊERTFIKAT TA' APPROVAZZJONI TAT-TIP

MUDELL A

(biex jintuża għal approvazzjoni tat-tip ta' vettura)

Format massimu: A4 (210 x 297 mm)

ĊERTIFIKAT TA' APPROVAZZJONI TAT-TIP KE

Timbru ta' l-awtorità ta' approvazzjoni tat-tip

Komunikazzjoni dwar:

— Approvazzjoni tat-tip KE ([1])

— estensjoni ta' l-approvazzjoni tat-tip KE ([1])

— approvazzjoni tat-tip KE miċħuda ([1])

— irtirar ta' l-approvazzjoni tat-tip KE ([1])

Ta' tip ta':

— vettura kompluta ([1])

— vettura kkompletata ([1])

— vettura mhux kompluta ([1])

— vettura b'varjanti kompluti u mhux kompluti ([1])

— vettura b'varjanti kkompletati u varjanti mhux kompluti ([1])

fir-rigward tad-Direttiva 2007/46/KEE kif l-aħħar emendata bid-Direttiva …/…/KE/Regolament (KE) Nru …/… ([1])

Numru ta' approvazzjoni tat-tip tal-KE:

Raġuni għall-estensjoni:

TAQSIMA I

0.1. Il-marka (marka tal-fabbrika tal-manifattur):

0.2. Tip:

0.2.1. Isem(ismijiet) kummerċjali ([2]):

0.3. Il-mezz ta' identifikazzjoni tat-tip, jekk immarkat fuq il-vettura:

0.3.1. Fejn tinsab din il-marka:

0.4. Kategorija ta' vettura ([3])

0.5. Isem u indirizz tal-manifattur tal-vettura kompluta ([1]):

Isem u indirizz tal-manifattur tal-vettura bażika ([1]) ([4]):

([1]) Ħassar fejn ma japplikax.
([2]) Jekk mhux disponibbli dakinhar ta' l-għotja ta' l-approvazzjoni tat-tip, dan għandu jingħata mhux aktar tard minn meta l-vettura tidħol fis-suq.
([3]) Kif iddefinit fl-Anness II.A.
([4]) Ara n-naħa 2.

▼**M1**

Isem u indirizz tal-manifattur tal-fażi l-iktar riċenti ta' kostruzzjoni tal-vettura mhux kompluta ([1]) ([2]):

Isem u indirizz tal-manifattur tal-vettura kkompletata ([1]) ([2]):

0.8. L-isem(ismijiet) u l-indirizz(i) ta' l-impjant(i) ta' l-immuntar:

0.9. L-isem u l-indirizz tar-rappreżentant tal-manifattur (jekk jeżisti):

TAQSIMA II

Jien, hawn taħt iffirmat, b'dan niċċertifika l-preċiżjoni tad-deskrizzjoni tal-manifattur fid-dokument ta' informazzjoni mehmuż tal-vettura(i) deskritta(i) hawn fuq (kampjun(i) ġew magħżula mill-awtorità ta' approvazzjoni ta' tip tal-KE u sottomess(i) mill-manifattur bħala prototip(i) tat-tip ta' vettura) u li r-riżultati ta' l-ittestjar mehmuża huma applikabbli għat-tip ta' vettura.

1. Għal vetturi/varjanti kompluti u kkompletati ([1]):

It-tip ta' vettura jissodisfa/ma jissodisfax ([1]) ir-rekwiżiti tekniċi ta' l-atti kollha regolatorji rilevanti kif stabbilit fl-Anness IV u l-Anness XI ([1]) ([2]) tad-Direttiva 2007/46/KE.

2. Għal vetturi/varjanti mhux kompluti ([1]):

It-tip ta' vettura jissodisfa/ma jissodisfax ([1]) ir-rekwiżiti tekniċi ta' l-atti regolatorji elenkati fit-tabella fuq in-naħa 2.

3. L-approvazzjoni hija mogħtija/miċħuda/irtirata ([1]).

4. L-approvazzjoni tingħata skond l-Artikolu 20 u l-validità ta' l-approvazzjoni hija għalhekk limitata għal jj/xx/ss.

(Post) (Firma) (Data)

Dokumenti mehmużin: Pakkett ta' tagħrif.

Riżultati tat-test (ara l-Anness VIII).

L-isem(ismijiet) u kampjun(i) tal-firma tal-persuna(i) awtorizzata(i) li tiffirma/jiffirmaw iċ-ċertifikati ta' konformità u dikjarazzjoni tal-kariga tiegħu/tagħhom fi ħdan l-organizzazzjoni.

NB: Jekk dan il-mudell jintuża għall-approvazzjoni tat-tip skond l-Artikoli 20, 22 jew 23, jista' ma jkollux l-intestatura "Ċertifikat ta' Approvazzjoni tat-Tip ta' Vettura", għajr għal:

— fil-każ imsemmi fl-Artikolu 20 fejn il-Kummissjoni tkun iddeċidiet li tħalli Stat Membru jagħti approvazzjoni tat-tip skond din id-Direttiva,

— fil-każ ta' vetturi tal-kategorija M_1, approvati għat-tip skond il-proċedura preskritta fl-Artikolu 22.

([1]) Ħassar fejn ma japplikax.
([2]) Ara n-naħa 2.

▼M1

ĊERTIFIKAT TA' APPROVAZZJONI TAT-TIP KE

Naħa 2

Din l-approvazzjoni tat-tip KE, fejn għandhom x'jaqsmu vetturi, varjanti jew verżjonijiet mhux kompluti u vetturi kkompletati, hija bbażata fuq l-approvazzjoni(ijiet) għal vetturi mhux kompluti elenkati hawn taħt:

Fażi 1: Manifattur tal-vettura bażika:

Numru ta' approvazzjoni tat-tip tal-KE:

Data:

Applikabbli għal varjanti jew verżjonijiet (kif xieraq):

Fażi 2: Il-manifattur:

Numru ta' approvazzjoni tat-tip tal-KE:

Data:

Applikabbli għal varjanti jew verżjonijiet (kif xieraq):

Fażi 3: Il-manifattur:

Numru ta' approvazzjoni tat-tip tal-KE:

Data:

Applikabbli għal varjanti jew verżjonijiet (kif xieraq):

Fil-każ fejn l-approvazzjoni tinkludi varjant wieħed jew aktar mhux kompluti jew verżjonijiet (kif xieraq), agħmel lista ta' dawn il-varjanti jew verżjonijiet (kif xieraq) li huma kompluti jew ikkompletati.

Varjant(i) komplut(i)/ikkompletat(i):

Lista ta' rekwiżiti applikabbli għat-tip ta' vettura mhux kompluta, varjant jew verżjoni approvat/a (skond kif xieraq, filwaqt li jitqiesu l-ambitu u l-aħħar emendament għal kull wieħed mill-atti regolatorji elenkati hawn taħt).

Oġġett	Suġġett	Referenza għall-att regolatorju	Emendat l-aħħar	Applikabbli għall-varjant jew, jekk meħtieġ, għall-verżjoni

(Agħmel lista biss tas-suġġetti li għalihom teżisti approvazzjoni tat-tip KE.)

Fil-każ ta' vetturi għal skop speċjali, eżenzjonijiet mogħtija jew dispożizzjonijiet speċjali applikati skond l-Anness XI u eżenzjonijiet mogħtija skond l-Artikolu 20:

Referenza għall-att regolatorju	Numru ta' l-oġġett	Tip ta' approvazzjoni u natura ta' l-eżenzjoni	Applikabbli għall-varjant jew, jekk meħtieġ, għall-verżjoni

▼**M1**

Appendiċi

Lista ta' atti regolatorji li magħhom hija konformi t-tip ta' vettura

(trid timtela biss fil-każ ta' approvazzjoni tat-tip skond l-Artikolu 6(3)).

	Suġġett	Referenza għall-att regolatorju [1]	Kif emendat bi	Applikabbli għall-verżjonijiet
1.	Livell permissibbli ta' ħoss	Id-Direttiva 70/157/KEE		
2.	Emissjonijiet	Id-Direttiva 70/220/KEE		
2a.	Emissjonijiet (Euro 5 u 6) vetturi mhux ta' strapazz/ aċċess għall-informazzjoni	Ir-Regolament (KE) 715/2007		
3.	Tankijiet tal-karburant/Tagħmir ta' protezzjoni fuq wara	Id-Direttiva 70/221/KEE		
4.	Post għall-pjanċa ta' reġistrazzjoni ta' wara	Id-Direttiva 70/222/KEE		
5.	Sforz tekniku ta' l-isteering	Id-Direttiva 70/311/KEE		
6.	Lukketti u ċappetti tal-bibien	Id-Direttiva 70/387/KEE		
7.	Twissija li tinstema'	Id-Direttiva 70/388/KEE		
8.	Viżibilità ta' wara	Id-Direttiva 71/127/KEE		
8a.	Tagħmir ta' vista indiretta	Id-Direttiva 2003/97/KE		
9.	Ibbrejkjar	Id-Direttiva 71/320/KEE		
10.	Interferenza tal-frekwenza tar-radju (kompatibilità elettromanjetika)	Id-Direttiva 72/245/KEE		
11.	Duħħan tad-diżil	Id-Direttiva 72/306/KEE		
12.	Fittings Interni	Id-Direttiva 74/60/KEE		
13.	Immobilizzatur u tagħmir kontra s-serq	Id-Direttiva 74/61/KEE		
14.	Steering bi protezzjoni	Id-Direttiva 74/297/KEE		
15.	Saħħa tas-sits	Id-Direttiva 74/408/KEE		
16.	Projezzjonijiet esterni	Id-Direttiva 74/483/KEE		
17.	Spidomiter u ger tar-rivers	Id-Direttiva 75/443/KEE		
18.	Pjanċi (regolamentari)	Id-Direttiva 76/114/KEE		
19.	Ankraġġi taċ-ċinturini ta' sikurezza	Id-Direttiva 76/115/KEE		
20.	Stallazzjoni ta' tagħmir tad-dawl u tas-sinjalazzjoni	Id-Direttiva 76/756/KEE		
21.	Rifletturi ta' wara	Id-Direttiva 76/757/KEE		

▼M1

	Suġġett	Referenza għall-att regolatorju [1]	Kif emendat bi	Applikabbli għall-verżjonijiet
22.	Fanali end-outline, tal-pożizzjoni ta' quddiem (tal-ġenb), tal-pożizzjoni ta' wara (tal-ġenb), tal-waqfien, tal-markatur tal-ġenb, ta' l-użu ta' matul il-jum	Id-Direttiva 76/758/KEE		
23.	Indikaturi	Id-Direttiva 76/759/KEE		
24.	Fanali tal-pjanċa tar-reġistrazzjoni ta' wara	Id-Direttiva 76/760/KEE		
25.	Fanali ta' quddiem (inklużi l-bozoz)	Id-Direttiva 76/761/KEE		
26.	Fanali ta' quddiem taċ-ċpar	Id-Direttiva 76/762/KEE		
27.	Ganċijiet ta' l-irmonk	Id-Direttiva 77/389/KEE		
28.	Fanali taċ-ċpar għal wara	Id-Direttiva 77/538/KEE		
29.	Fanali tar-rivers	Id-Direttiva 77/539/KEE		
30.	Fanali ta' l-ipparkjar	Id-Direttiva 77/540/KEE		
31.	Ċinturini ta' sikurezza u sistemi ta' trażżin	Id-Direttiva 77/541/KEE		
32.	Vista ta' quddiem	Id-Direttiva 77/649/KEE		
33.	Identifikazzjoni ta' kontrolli, tell-tales u indikaturi	Id-Direttiva 78/316/KEE		
34.	Defrostjar/Demistjar	Id-Direttiva 78/317/KEE		
35.	Ħasil/Timsiħ	Id-Direttiva 78/318/KEE		
36.	Sistemi ta' tisħin	Id-Direttiva 2001/56/KE		
37.	Protezzjoni tar-roti	Id-Direttiva 78/549/KEE		
38.	Ilqugħ għar-ras	Id-Direttiva 78/932/KEE		
39.	Emisjonijiet tas-CO_2/Konsum ta' karburant	Id-Direttiva 80/1268/KEE		

▼M5

———

41a.	Emissjonijiet (Euro VI) ta' vetturi heavy-duty/aċċess għall-informazzjoni	Regolament (KE) Nru 595/2009		

▼M1

42.	Protezzjoni laterali	Id-Direttiva 89/297/KEE		
43.	Sistemi ta' trażżin tat-titjir	Id-Direttiva 91/226/KEE		
44.	Mases u dimensjonijiet (karozzi)	Id-Direttiva 92/21/KEE		
45.	Ħġieġ ta' sikurezza	Id-Direttiva 92/22/KEE		
46.	Tajers	Id-Direttiva 92/23/KEE		

▼M1

	Suġġett	Referenza għall-att regolatorju [1]	Kif emendat bi	Applikabbli għall-verżjonijiet
47.	Tagħmir għal-limitazzjoni tal-veloċità	Id-Direttiva 92/24/KEE		
48.	Mases u dimensjonijiet (għajr għal vetturi msemmija fil-punt 44)	Id-Direttiva 97/27/KE		
49.	Projezzjoniiet esterni ta' kabini	Id-Direttiva 92/114/KEE		
50.	Kaplings	Id-Direttiva 94/20/KE		
51.	Fjammabilità	Id-Direttiva 95/28/KE		
52.	Karozzi tal-linja u kowċis	Id-Direttiva 2001/85/KE		
53.	Impatt minn quddiem	Id-Direttiva 96/79/KE		
54.	Impatt mill-ġenb	Id-Direttiva 96/27/KE		
56.	Vetturi intiżi għall-ġarr ta' merkanzija perikoluża	Id-Direttiva 98/91/KE		
57.	Protezzjoni tal-qiegħ fuq quddiem	Id-Direttiva 2000/40/KE		
▼M2				
58.	Protezzjoni ta’ persuni mixjin:	Regolament (KE) Nru 78/2009		
▼M1				
59.	Riċiklabbiltà	Id-Direttiva 2005/64/KE		
▼M2	_____			
▼M1				
61.	Sistemi ta' arja kundizzjonata	Id-Direttiva 2006/40/KE		
▼M3				
62.	Sistema tal-idroġenu	Regolament (KE) 79/2009		
▼M6				
63.	Sikurezza ġenerali	Regolament (KE) Nru 661/2009		
▼M13				
63.1	Indikaturi tat-tibdil tal-gerijiet	(UE) Nru 65/2012		

▼M1

[1] Jew Regolamenti UNECE meqjusa ekwivalenti.

▼**M10**

MUDELL B

(Biex jintuża għall-approvazzjoni tat-tip ta' vettura fir-rigward ta' sistema)

▼**M1**

Format massimu: A4 (210 x 297 mm)

ĊERTIFIKAT TA' L-APPROVAZZJONI TAT-TIP TAL-KE

Timbru ta' l-awtorità ta' approvazzjoni tat-tip

Komunikazzjoni dwar:

— Approvazzjoni tat-tip KE (1)

— estensjoni ta' l-approvazzjoni tat-tip KE (1)

— approvazzjoni tat-tip KE miċħuda (1)

} ta' tip ta' sistema/tip ta' vettura bi rigward sistema (1)

— irtirar ta' l-approvazzjoni tat-tip KE (1)

fir-rigward tad-Direttiva …/…/KE/Regolament (KE) Nru …/… (1), kif l-aħħar emendata bid-Direttiva …/…/KE/Regolament (KE) Nru …/… (1)

Numru ta' approvazzjoni tat-tip tal-KE:

Raġuni għall-estensjoni:

TAQSIMA I

0.1. Il-marka (marka tal-fabbrika tal-manifattur):

0.2. Tip:

0.2.1. Isem(ismijiet) kummerċjali (jekk disponibbli):

0.3. Mezzi ta' identifikazzjoni tat-tip, jekk immarkati fuq il-vettura (2)

0.3.1. Fejn tinsab din il-marka:

0.4. Kategorija ta' vettura (3)

0.5. L-isem u l-indirizz tal-manifattur:

0.8. L-isem(ismijiet) u l-indirizz(i) ta' l-impjant(i) ta' l-immuntar:

0.9. Rappreżentant tal-manifattur:

TAQSIMA II

1. Tagħrif addizzjonali (fejn applikabbli): ara l-*Addendum*

2. Is-servizz tekniku responsabbli mit-twettiq tat-testijiet:

3. Id-data tar-rapport tat-test:

4. In-numru tar-rapport tat-test:

5. Rimarki (jekk hemm): ara l-*Addendum*

6. Post:

7. Data:

(1) Ħassar fejn ma japplikax.

(2) Jekk il-mezz ta' identifikazzjoni tat-tip fih karattri mhux rilevanti biex jiddeskrivu t-tip tal-vettura, komponenti jew unità teknika separata koperti minn dan id-dokument ta' informazzjoni, dawn il-karattri għandhom jiġu rrappreżentati fid-dokumentazzjoni bis-simbolu "?" (eż. ABC??123??).

(3) Kif iddefinit fl-Anness II, Taqsima A.

▼**M1**

8. Firma:

Dokumenti mehmużin: Pakkett ta' tagħrif.

Rapport tat-test.

▼**M1**

Addendum

għaċ-ċertifikat ta' l-approvazzjoni tat-tip tal-KE Nru …

1. Informazzjoni addizzjonali

1.1. […]:

1.1.1. […]:

(…)

2. Numru ta' approvazzjoni tat-tip ta' kull komponent jew unità teknika separata installata fuq it-tip ta' vettura li trid tkun konformi ma' din id-Direttiva jew Regolament

2.1. […]:

3. Rimarki

3.1. […]:

▼M1

MUDELL Ċ

(biex jintuża għall-approvazzjoni tat-tip ta' komponent/unità teknika separata)

Format massimu: A4 (210 x 297 mm)

ĊERTIFIKAT TA' L-APPROVAZZJONI TAT-TIP TAL-KE

Timbru ta' l-awtorità ta' approvazzjoni tat-tip

Komunikazzjoni dwar:

— Approvazzjoni tat-tip KE ([1])

— estensjoni ta' l-approvazzjoni tat-tip KE ([1])

} ta' tip ta' komponent/unità teknika separata ([1])

— approvazzjoni tat-tip KE miċħuda ([1])

— irtirar ta' l-approvazzjoni tat-tip KE ([1])

fir-rigward tad-Direttiva …/…/KE/Regolament (KE) Nru …/… ([1]), kif l-aħħar emendat/a bid-Direttiva …/…/KE/Regolament (KE) Nru .../... ([1])

Numru ta' approvazzjoni tat-tip tal-KE:

Raġuni għall-estensjoni:

TAQSIMA I

0.1. Il-marka (marka tal-fabbrika tal-manifattur):

0.2. Tip:

0.3. Il-mezz ta' identifikazzjoni tat-tip, jekk immarkat fuq il-komponent/l-unità teknika separata ([1]) ([2]):

0.3.1. Fejn tinsab din il-marka:

0.5. L-isem u l-indirizz tal-manifattur:

0.7. Fil-kaz ta' komponenti u unitajiet tekniċi separati, post u metodu ta' twaħħil tal-marka ta' approvazzjoni KE:

0.8. L-isem(ismijiet) u l-indirizz(i) ta' l-impjant(i) ta' l-immuntar:

0.9. L-isem u l-indirizz tar-rappreżentant tal-manifattur (jekk jeżisti):

TAQSIMA II

1. Tagħrif addizzjonali (fejn applikabbli): ara l-*Addendum*

2. Is-servizz tekniku responsabbli mit-twettiq tat-testijiet:

3. Id-data tar-rapport tat-test:

4. In-numru tar-rapport tat-test:

5. Rimarki (jekk hemm): ara l-*Addendum*

6. Post:

7. Data:

([1]) Ħassar fejn ma japplikax.

([2]) Jekk il-mezz ta' identifikazzjoni tat-tip fih karattri mhux rilevanti biex jiddeskrivu t-tip tal-vettura, komponenti jew unità teknika separata koperti minn dan id-dokument ta' informazzjoni, dawn il-karattri għandhom jiġu rrappreżentati fid-dokumentazzjoni bis-simbolu "?" (eż. ABC??123??).

▼**M1**

8. Firma:

Dokumenti mehmużin: Pakkett ta' tagħrif.

Rapport tat-test.

▼**M1**

Addendum

għaċ-ċertifikat ta' l-approvazzjoni tat-tip tal-KE Nru …

1. Informazzjoni addizzjonali

1.1. […]:

1.1.1. […]:

(…)

2. Restrizzjoni ta' l-użu tat-tagħmir (jekk hemm)

2.1. […]:

3. Rimarki

3.1. […]:

▼**M10**

MUDELL D

(biex jintuża għall-approvazzjoni individwali armonizzat ta' vettura skont l-Artikolu 24)

Daqs massimu: A4 (210 × 297 mm)

ĊERTIFIKAT TA' APPROVAZZJONI INDIVIDWALI TAL-KE TA' VETTURA

e(4) Isem, indirizz, numru tal-telefown u indirizz tal-posta elettronika tal-awtorità tal-approvazzjoni individwali

Komunikazzjoni rigward l-approvazzjoni individwali ta' vettura skont l-Artikolu 24 tad-Direttiva 2007/46/KE

Taqsima 1

Jien, is-sottoskritt [... ...*isem u kariga*] b'dan niċċertifika li l-vettura:

0.1. Il-marka (marka tal-fabbrika tal-manifattur):... .....

0.2. It-Tip: Il-Varjant: Il-Verżjoni:

0.2.1. L-isem kummerċjali:... .....

0.4. Il-kategorija tal-vettura ([2]): ... .

0.5. L-isem u l-indirizz tal-manifattur:... .....

0.6. Il-post u l-metodu tat-twaħħil tal-pjanċi statutorji:... .....

Il-post tan-numru ta' identifikazzjoni tal-vettura:.....

0.9. L-isem u l-indirizz tar-rappreżentant tal-manifattur (jekk applikabbli):

0.10. In-numru ta' identifikazzjoni tal-vettura:

sottomessa għall-approvazzjoni nhar il- [..... *data tal-applikazzjoni*]

minn [..... *L-isem u l-indirizz tal-applikant*]

qiegħda tingħata l-approvazzjoni skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 24 tad-Direttiva 2007/46/KE. B'xhieda ta' dan, hija ġiet allokata n-numru ta' approvazzjoni li ġej: ... .

Il-vettura hija konformi mal-Appendiċi 2 tal-Anness IV tad-Direttiva 2007/46/KE. Hija tista' tiġi rreġistrata b'mod permanenti mingħajr approvazzjoni ulterjuri fl-Istati Membri li għandhom it-traffiku ([1]) fuq in-naħa tal-lemin/xellug u li jużaw l-unitajiet metriċi/imperjali ([1]) għall-ispidomiter.

(Post) (Data)	(Firma ([3]))	(Timbru tal-awtorità tal-approvazzjoni)
[…]	[…]	[…]

Dokumenti mehmużin

Żewġ ritratti ([5]) tal-vettura (riżoluzzjoni minima 640 × 480 pixel, ~7 × 10 cm)

([1]) Ħassar fejn ma japplikax.
([2]) Kif iddefinit fl-Anness II A
([3]) Jew rappreżentazzjoni viżwali ta' "firma elettronika avvanzata" skont id-Direttiva 1999/93/KE, inkluża d-dejta għall-verifika.
([4]) Numru distintiv tal-Istat Membru li qiegħed joħroġ l-approvazzjoni individwali: (ara "Taqsima 1" fil-Punt 1, tal-Anness VII tad-Direttiva 2007/46/KE)
([5]) Waħda ¾ quddiem, waħda ¾ wara

▼M10

Taqsima 2

Karatteristiċi ġenerali tal-kostruzzjoni

1. L-għadd tal-fusien: …u r-roti: …

1.1. L-għadd u l-pożizzjoni tal-fusien b'roti doppji: …

3. Fusien mgħammra (powered axes) (l-għadd, il-pożizzjoni, l-interkonnessjoni): …

Dimensjonijiet ewlenin

4. Tul ta' bejn ir-roti ([a]): … mm

4.1. L-ispazju bejn żewġ fusien: 1-2: …… mm 2-3: … …… mm 3-4: … …… mm

5. It-tul: … mm

6. Il-wisa': … mm

7. L-għoli: … mm

Mases

13. Il-massa ta' vettura lesta għas-sewqan: …… kg ([b])

16. Il-mases massimi teknikament permissibbli

16.1. Il-massa massima mgħobbija teknikament permissibbli: … kg

16.2. Il-massa teknikament permissibbli fuq kull fus: 1. … …… kg 2. … …… kg 3. … kg eċċ.

16.4. Il-massa massima teknikament permissibbli tal-kombinazzjoni: … kg

18. Il-massa massima tal-irmunkar teknikament permissibbli fil-każ ta':

18.1. Trejler bi drawbar: … kg

18.2. Semitrejler: … kg

18.3. Trejler tal-fus ċentrali: … kg

18.4. Trejler mingħajr brejkijiet: … kg

19. Il-massa vertikali statika massima teknikament permissibbli fil-punt tal-iggančjar: …… kg

L-impjant tal-enerġija

20. Il-manifattur tal-magna: …

21. Il-kodiċi tal-magna kif immarkata fuq il-magna: …

22. Il-prinċipju ta' kif taħdem: …

23. Elettriku biss: iva/le ([1])

23.1. Vettura ibrida [elettrika]: iva/le ([1])

50B	Apparat ta' aggansament mill-qrib (CCD); fitting ta' tip approvat ta' CCD	Ir-Regolament (KE) Nru 661/2009 Ir-Regolament Nru 102 tan-NU/KEE	X ([10])	X ([10])
56	Vetturi maħsubin għat-trasport ta' oġġetti perikoluż	Id-Direttiva 98/91/KE	X ([13])	X ([13])
56A	Vetturi għat-trasport ta' oġġetti perikoluż	Ir-Regolament (KE) Nru 661/2009 Ir-Regolament Nru 105 tan-NU/KEE	X ([13])	X ([13])
57	Protezzjoni tal-underrun ta' quddiem	Id-Direttiva 2000/40/KE	A	
57A	Apparati protettivi tal-underrun ta' quddiem (FUPDs) u l-installazzjoni tagħhom; protezzjoni tal-underrun ta' quddiem (FUP)	Ir-Regolament (KE) Nru 661/2009 Ir-Regolament Nru 93 tan-NU/KEE	A	
62	Sistema tal-idroġenu	Ir-Regolament (KE) Nru 79/2009	X	
63	Sikurezza Ġenerali	Ir-Regolament (KE) Nru 661/2009	X ([15])	X ([15])

▼**M22**

Partita	Suġġett	Referenza għall-att regolatorju	N_3	O_4
65	Sistema avvanzata ta' bbrejkjar f'emerġenza	Ir-Regolament (KE) Nru 661/2009 Ir-Regolament (UE) Nru 347/2012	N/A ([16])	
66	Sistema ta' twissija ta' ħruġ minn karreġġata	Ir-Regolament (KE) Nru 661/2009 Ir-Regolament (UE) Nru 351/2012	N/A ([17])	
67	Komponenti speċifiċi għal gassijiet likwifikati miż-żejt (LPG) u l-installazzjoni tagħhom fuq vetturi bil-mutur	Ir-Regolament (KE) Nru 661/2009 Ir-Regolament Nru 67 tan-NU/KEE	X	
69	Sikurezza elettrika	Ir-Regolament (KE) Nru 661/2009 Ir-Regolament Nru 100 tan-NU/KEE	X	
70	Komponenti speċifiċi għas-CNG u l-installazzjoni tagħhom fuq vetturi	Ir-Regolament (KE) Nru 661/2009 Ir-Regolament Nru 110 tan-NU/KEE	X	

It-tifsira tan-noti:

X Ir-rekwiżiti tal-att relevanti huma applikabbli. Is-serje ta' emendi tar-Regolamenti tan-NU/KEE li japplikaw fuq bażi obbligatorja huma elenkati fl-Anness IV għar-Regolament (KE) Nru 661/2009. Is-serje ta' emendi adottati wara huma aċċettati bħala alternattiva. L-Istati Membri jistgħu jeżentaw approvazzjonijiet tat-tip eżistenti mogħtija skont id-Direttivi ta' qabel tal-UE revokati mir-Regolament (KE) 661/2009 bil-kundizzjonijiet stabbiliti mill-Artikolu 13(14) tar-Regolament (KE) 661/2009.

N/A Dan l-att regolatorju mhuwiex applikabbli għal din il-vettura (ebda rekwiżiti).

([1]) Għall-vetturi b'massa ta' referenza li ma taqbiżx l-2 610 kg. Fuq it-talba tal-manifattur, din tista' tapplika għal vetturi b'massa ta' referenza li ma taqbiżx l-2 840 kg. Fir-rigward tal-Aċċess għal informazzjoni, għal partijiet oħrajn (eż. living compartment) li mhumiex l-vettura bażi, biżżejjed li l-manifattur jipprovdi aċċess għat-tagħrif dwar it-tiswija u l-manutenzjoni b'mod aċċessibbli minnufih u malajr.

([2]) F'każ ta' vetturi mgħammra b'installazzjoni ta' LPG jew CNG, hemm bżonn ta' approvazzjoni tat-tip ta' vettura b'konformità mar-Regolament Nru 67 tan-NU/KEE jew ir-Regolament Nru 110 tan-NU/KEE.

([3]) It-twaħħil ta' sistema tal-ESC huwa meħtieġ b'konformità mal-Artikolu 12 tar-Regolament (KE) Nru 661/2009. Japplikaw id-dati ta' implimentazzjoni stabbiliti fl-Anness V għar-Regolament (KE) Nru 661/2009. B'konformità mar-Regolament 13 tan-NU/KEE, it-twaħħil ta' sistema ta' kontroll tal-istabilità b'mod elettroniku ("ESC") mhuwiex meħtieġ għal vetturi b'użu speċjali tal-kategoriji M_2, M_3, N_2 u N_3 u għal vetturi għat-trasport ta' tagħbija eċċezzjonali u trejlers b'żoni għall-passiġġieri bilwieqfa. Il-vetturi N_1 jistgħu jkunu approvati skont ir-Regolament 13 tan-NU/KEE jew ir-Regolament 13-H tan-NU/KEE.

([4]) It-twaħħil ta' sistema ESC hija meħtieġa b'konformità mal-Artikolu 12 tar-Regolament (KE) Nru 661/2009. Għaldaqstant, għandha tinżamm konformità mar-rekwiżiti stabbiliti fil-Parti A tal-Anness 9 għar-Regolament Nru 13-H tan-NU/KEE għall-fini tal-approvazzjoni tat-tip tal-KE ta' tipi ġodda ta' vetturi kif ukoll għar-reġistrazzjoni, il-bejgħ u l-bidu tas-servizz ta' vetturi ġodda. Japplikaw id-dati ta' implimentazzjoni stabbiliti fl-Artikolu 13 tar-Regolament (KE) Nru 661/2009. Vetturi N_1 jistgħu jiġu approvati b'konformità mar-Regolament 13 tan-NU/KEE jew ir-Regolament 13-H tan-NU/KEE.

([4A]) Jekk jitwaħħal, l-apparat protettiv għandu jissodisfa r-rekwiżiti tar-Regolament Nru 18 tan-NU/KEE.

([4B]) Dan ir-Regolament japplika għal sits li ma jaqgħux fi ħdan il-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament Nru 80 tan-NU/KEE.

([5]) Il-vetturi tal-kategoriji l-oħrajn li mhumiex M_1 ma għandhomx bżonn jikkonformaw bis-sħiħ mal-att iżda għandu jitwaħħlilhom apparat xieraq għat-tneħħija tas-silġ u raxxijiet mill-windskrin.

([6]) Il-vetturi tal-kategoriji l-oħrajn li mhumiex M_1 ma għandhomx bżonn jikkonformaw bis-sħiħ mal-att iżda għandhom jitwaħħlulhom apparati xierqa biex jaħslu u jimsħu l-windskrin.

([8]) Għall-vetturi b'massa ta' referenza li taqbeż l-2 610 kg u li ma bbenefikawx mill-possibilità offruta fin-nota ([1]).

▼M22

([9]) Għall-vetturi b'massa ta' referenza li taqbeż l-2 610 kg li mhumiex approvati tat-tip (fuq it-talba tal-manifattur u diment li l-massa ta' referenza tagħhom ma taqbiżx l-2 840 kg) skont ir-Regolament (KE) Nru 715/2007. Għal partijiet oħrajn li mhumiex il-vettura bażi, biżżejjed li l-manifattur jipprovdi aċċess għat-tagħrif dwar it-tiswija u l-manutenzjoni b'mod aċċessibbli minnufih u malajr.

Għal alternattivi oħrajn, ara l-Artikolu 2 tar-Regolament (KE) Nru 595/2009.

([9A]) Tapplika biss meta t-tali vetturi jkunu mgħammrin b'tagħmir kopert mir-Regolament Nru 64 tan-NU/KEE. Sistema ta' monitoraġġ tal-pressjoni tat-tajers għal vetturi M1 tapplika fuq bażi obbligatorja b'konformità mal-Artikolu 9(2) tar-Regolament (KE) Nru 661/2009.

([10]) Tapplika biss għal vetturi mgħammrin b'aggangament(i).

([11]) Tapplika għal vetturi b'toqol massimu mgħobbi teknikament permissibbli li ma jaqbiżx iż-2.5 tunellati.

([12]) Applikabbli biss għal vetturi fejn il-"Punt ta' Referenza għas-Siġġijiet (punt 'R')" tal-iktar sit baxx mhuwiex iktar minn 700 mm ogħla mil-livell tal-art.

([13]) Tapplika biss meta l-manifattur japplika għal approvazzjoni tat-tip ta' vetturi maħsubin għat-trasport ta' oġġetti perikoluži.

([14]) Tapplika biss għal vetturi tal-kategorija N_1, klassi I (massa ta' referenza ≤ 1 305 kg)

([15]) Fuq it-talba tal-manifattur, approvazzjoni tat-tip tista' tingħata skont din il-partita, bħala alternattiva għall-kisba ta' approvazzjonijiet tat-tip skont kull partita individwali koperta mir-Regolament (KE) Nru 661/2009.

([16]) It-twaħħil ta' Sistema avvanzata ta' bbrejkjar f'emerġenza mhuwiex meħtieġ għal vetturi b'użu speċjali b'konformità mal-Artikolu 1 tar-Regolament (UE) Nru 347/2012.

([17]) It-twaħħil ta' Sistema ta' twissija ta' ħruġ minn karreġġata mhuwiex meħtieġ għal vetturi b'użu speċjali b'konformità mal-Artikolu 1 tar-Regolament (UE) Nru 351/2012.

A Ir-rekwiżiti għandhom ikunu ssodisfati kemm jista' jkun. L-awtorità tal-approvazzjoni tat-tip tista' tagħti eżenzjoni(jiet) biss jekk il-manifattur juri li l-vettura ma tissodisfax ir-rekwiżiti minħabba l-użu speċjali tagħha. L-eżenzjonijiet mogħtija għandhom jiġu deskritti fuq iċ-ċertifikat tal-approvazzjoni tat-tip tal-vettura u ċ-ċertifikat ta' konformità (rimarka –entrata 52).

A_1 It-twaħħil ta' ESC mhuwiex obbligatorju. Fil-każ ta' approvazzjonijiet f'bosta stadji, fejn il-modifiki li jkunu saru fi stadju partikolari aktarx li jaffettwaw il-funzjoni tas-sistema ta' ESC tal-vettura bażi, il-manifattur jista' jew jitfi s-sistema jew juri li l-vettura ma tilfitx is-sigurtà jew l-istabilità tagħha. Dan jista' jintwera, eż., billi jitwettqu manuvri rapidi doppji ta' ħruġ minn karreġġati f'kull direzzjoni b'veloċità ta' 80 km/h b'biżżejjed severità biex jiġi kkaġunat intervent mis-sistema tal-ESC. Dawn l-interventi għandhom ikunu kkontrollati sew u għandhom jaġixxu biex itejbu l-istabilità tal-vettura. Is-Servizz Tekniku għandu jkollu d-dritt li jitlob iktar testijiet jekk ikun hemm bżonn.

B Applikazzjoni limitata għall-bibien li jagħtu aċċess għas-sits imfassla għal użu normali meta l-vettura tkun qed tivvjaġġa fit-triq u meta d-distanza bejn il-punt R tas-sit u l-medda medja tal-wiċċ tal-bieb, imkejla b'mod perpendikolari mal-medda longitudinali tan-nofs tal-vettura, ma taqbiżx il-500 mm.

C Applikazzjoni limitata għal dik il-parti tal-vettura quddiem l-aħħar sit imfassla għal użu normali meta l-vettura tkun qed tivvjaġġa fit-triq u limitata wkoll għaż-żona ta' impatt tar-ras kif definita fl-att legali.

D Applikazzjoni limitata għal sits imfasslin għal użu normali meta l-vettura tkun qed tivvjaġġa fit-triq. Is-sits li mhumiex imfasslin biex jintużaw meta l-vettura qed tivvjaġġa fit-triq għandhom jiġu identifikati b'mod ċar lill-utenti jew permezz ta' pittogramma jew sinjal bit-test xieraq. Ma għandhomx japplikaw ir-rekwiżiti ta' żamma tal-bagalji tar-Regolamenti tan-NU/KEE Nru 17.

E Quddiem biss.

F Tista' ssir modifikazzjoni fit-tul u l-medda li minnha jgħaddi l-pajp tal-karburant u fil-post fejn ikun it-tank fil-vettura.

G Fil-każ ta' approvazzjoni f'bosta stadji, jitgħu jintużaw ukoll rekwiżiti skont il-kategorija tal-vettura bażi/inkompleta (eż. dik li x-xażi tagħha ntuża biex tinbena l-vettura b'użu speċjali).

H Tista' ssir modifika fit-tul tas-sistema tal-egżost wara l-aħħar silenser li ma jaqbiżx iż-2 m bla ma jsir test ieħor.

I It-tajers għandhom jingħataw approvazzjoni tat-tip skont ir-rekwiżiti tar-Regolament Nru 54 tan-NU/KEE anki jekk il-veloċità tad-disinn tal-vettura jkun inqas minn 80 km/h. Il-kapaċità ta' tagħbija tista' tiġi aġġustata fir-rigward tal-veloċità massima tad-disinn tat-trejler bi qbil mal-manifattur tat-tajers.

J Għal kull ħġieġa tat-twieqi minbarra l-ħġieġ fil-kabina tas-sewwieq (il-windshield u l-ħġieġ tal-ġnub), il-materjal jista' jkun jew ħġieġ tas-sikurezza jew ħġieġ tal-plastik riġidu.

▼M22

K Jistgħu jitwaħħlu apparati addizzjonali ta’ twissija f’paniku.

L Applikazzjoni limitata għal sits imfasslin għal użu normali meta l-vettura tkun qed tivvjaġġa fit-triq. Bħala minimu, l-ankraġġi għaċ-ċinturini tal-ħoġor huma meħtieġa fis-sits ta' wara. Sits li mhumiex maħsubin biex jintużaw meta l-vettura tkun qed tivvjaġġa fit-triq għandhom jiġu identifikati għall-utenti jew permezz ta’ pittogramma jew sinjal b’test xieraq. ISOFIX mhuwiex meħtieġ fuq Ambulanzi u karrijiet tal-mejtin.

M Applikazzjoni limitata għal sits imfasslin għal użu normali meta l-vettura tkun qed tivvjaġġa fit-triq. Bħala minimu, iċ-ċinturini tal-ħoġor huma meħtieġa fil-pożizzjonijiet kollha ta’ bilqiegħda tas-sits ta’ wara. Is-sits li mhumiex imfasslin sabiex jintużaw meta l-vettura tkun qed tivvjaġġa fit-triq għandhom jiġu identifikati b’mod ċar lill-utenti jew permezz ta’ pittogramma jew sinjal b’test xieraq. ISOFIX mhuwiex meħtieġ fuq Ambulanzi u karrijiet tal-mejtin.

N Diment li l-apparati obbligatorji kollha tad-dwal huma installati u li l-viżibilità ġeometrika mhijiex affettwata.

Q Tista’ ssir modifika fit-tul tas-sistema tal-egżost wara l-aħħar silenser li ma jaqbiżx iż-2 m bla ma jsir test ieħor. Approvazzjoni tat-tip tal-KE maħruġa għall-iktar vettura bażi rappreżentattiva tibqa’ valida, indipendentement mill-bidla fil-piż ta’ referenza.

R Diment li l-pjanċi ta’ reġistrazzjoni tal-Istati Membri jistgħu jitwaħħlu u jibqgħu viżibbli.

S Il-fattur ta’ trażmissjoni tad-dawl hija tal-inqas 60 %, anki l-angolu ta’ ostruzzjoni tal-pilastru “A” mhijiex iktar minn 10º.

T Test li għandu jsir biss bil-vettura shiħa/kompluta. Il-vettura tista’ tiġi ttestjata skont id-Direttiva 70/157/KEE. Dwar il-partita 5.2.2.1 tal-Anness I għad-Direttiva 70/157/KEE huma applikabbli l-valuri limitu li ġejjin:

(a) 81 dB(A) għal vetturi b’saħħa tal-magna ta’ inqas minn 75 kW;

(b) 83 dB(A) għal vetturi b’saħħa tal-magna ta’ mhux inqas minn 75 kW iżda inqas minn 150 kW;

(c) 84 dB(A) għal vetturi b’saħħa tal-magna ta’ mhux inqas minn 150 kW.

U Test li għandu jsir biss bil-vettura shiħa/kompluta. Il-vetturi b’massimu ta’ 4 fusien għandhom jikkonformaw mar-rekwiżiti kolha stabbiliti mill-att regolatorju. Derogi huma permessi għall-vetturi b’iktar minn 4 fusien, diment li:

— huma ġġustifikati mill-binja partikolari

— huma ssodisfati l-prestazzjonijiet kollha tal-ibbrejkjar, relatati mal-ipparkjar, is-servizz u l-ibbrejkjar sekondarju stabbiliti mill-att regolatorju.

U_1 ABS mhijiex obbligatorja għal vetturi b’sewqan idrostatiku.

V Bħala alternattiva, tista’ tiġi applikata wkoll id-Direttiva 97/68/KE.

V_1 Għal vetturi b’sewqan idrostatiku, id-Direttiva 97/68/KE tista’ tiġi applikata wkoll bħala alternattiva.

W_0 Hija permessa l-modifika fit-tul tas-sistema tal-egżost bla ma jsir test ieħor, diment li l-pressjoni ta’ wara hija simili. Jekk hemm bżonn ta’ test ġdid, għandhom ikunu permessi 2dB(A) żejda ogħla mil-limitu applikabbli.

W_1 Għandha tinżamm konformità mar-rekwiżiti, iżda modifika fis-sistema tal-egżost hija permessa bla ma jsir test ieħor dwar l-emissjonijiet tas-sajlenser u s-CO_2/il-konsum tal-karburant diment li l-apparati ta’ kontroll tal-emissjonijiet inklużi l-filtri tal-partikuli (jekk ikun hemm) ma jkunux affettwati. Ebda test evaporattiv ġdid ma għandu jkun meħtieġ fuq il-vettura modifikata bil-kundizzjoni li l-apparati ta’ kontroll evaporattiv jitħallew kif twaħħlu mill-manifattur tal-vettura bażi.

Approvazzjoni tat-tip tal-KE maħruġa għall-aktar vettura bażi rappreżentattiva tibqa’ valida, anki f’każ ta’ bidla fil-massa ta’ referenza.

W_2 Hija permessa modifika tal-medda, it-tul tal-pajp għar-riforniment ta’ karburant, il-pajpijiet tal-karburant u pajpijiet tal-fwar tal-karburant bla ma jsir test ieħor. Rilokazzjoni tat-tank oriġinali tal-karburant hija permessa diment li jiġu ssodisfati r-rekwiżiti kollha. Madankollu, ma għandux ikun hemm bżonn ta’ iktar testijiet skont l-Anness 5 għar-Regolament Nru 34 tan-NU/KEE.

W_3 Il-medda lonġitudinali tal-pożizzjoni maħsuba tas-siġġu tar-roti matul l-ivvjaġġar għandha tkun parallela għall-medda lonġitudinali tal-vettura.

Għandu jingħata t-tagħrif xieraq lil sid il-vettura li jispjega li, biex ikun jista’ jilqa’ għall-forzi trasmessi mill-mekkaniżmu ta’ rbit fil-bosta kundizzjonijiet tas-sewqan, huwa rakkomandat siġġu tar-roti bi struttura li tissodisfa l-parti relevanti tal-ISO 7176-19:2008.

Jistgħu jsiru l-adattamenti xierqa fis-sits tal-vettura bla ma jsiru iktar testijiet diment li jista’ jintwera lis-servizz tekniku li l-ankraġġi, il-mekkaniżmi u t-trażżin għar-ras tagħhom jipprovdu l-istess livell ta’ prestazzjoni.

Ma għandhomx japplikaw ir-rekwiżiti ta’ żamma tal-bagalji tar-Regolament Nru 17 tan-NU/KEE.

▼**M22**

W_4 Il-konformità mal-att(i) legali għandha tkun meħtieġa għall-assistenza għat-tlugħ abbord meta fil-pożizzjoni mimduda.

W_5 Għal kull pożizzjoni tas-siġġu tar-roti għandhom ikunu pprovduti ankraġġi li magħhom għandha titwaħħal sistema ta' rbit tas-siġġu tar-roti u trażżin tal-okkupant (WTORS), u li jikkonformaw mad-dispożizzjonijiet tal-Appendiċi 3.

W_6 Għal kull pożizzjoni tas-siġġu tar-roti għandu jiġi pprovdut ċinturin ta' trażżin tal-okkupant li jikkonforma mad-dispożizzjonijiet addizzjonali tal-Appendiċi 3.

Meta, minħabba l-konverżjoni, jkun hemm bżonn li l-punti ta' ankraġġ għaċ-ċinturini tas-sigurtà jitqabbdu b'mod li joħroġ mit-tolleranza stipulata fil-punt 7.7.1 tar-Regolament Nru 16-06 tan-NU/KEE, is-servizz tekniku għandu jivverifika jekk l-alterazzjoni tikkostitwixxix l-agħar każ possibbli je le. Jekk dan huwa l-każ, għandu jsir it-test stipulat fil-punt 7.7.1. tar-Regolament Nru 16-06 tan-NU/KEE. M'hemmx bżonn li tinħareġ estensjoni għall-approvazzjoni tat-tip tal-KE. It-test jista' jsir billi jintużaw komponenti li ma għaddewx mit-test tal-kundizzjonament stipulat fir-Regolament Nru 16-06 tan-NU/KEE.

W_8 Għall-fini tal-kalkoli, il-massa tas-siġġu tar-roti inkluż l-utent għandha tkun supponuta ta' 160 kg. Il-massa għandha tkun ikkonċentrata fuq il-punt P tas-siġġu tar-roti sostitwit fil-pożizzjoni tal-ivvjaġġar tiegħu ddikjarata mill-manifattur.

Kwalunkwe limitazzjoni fil-kapaċità ta' passiġġiera li tirriżulta mill-użu ta' siġġu/ijiet tar-roti għandha titniżżel fil-manwal tas-sid, fuq it-tieni naħa taċ-ċertifikat ta' approvazzjoni tat-tip tal-UE u fiċ-ċertifikat ta' konformità (taqsima tal-kummenti).

Y Diment li huma installati l-apparati obbligatorji kollha tad-dawl.

Z Ir-rekwiżiti dwar kemm jinfetħu t-twieqi miftuħin ma għandhomx japplikaw għal-living compartment.

Z_1 Il-krejnijiet mobbli b'iktar minn sitt fusien jitqiesu li huma vetturi off-road (N3G) meta jinsaqu tal-inqas tliet fusien u diment li jissodisfaw id-dispożizzjonijiet tal-Anness II, punt 4.3 b) ii) u iii) kif ukoll il-punt 4.3 c).

▼**M22**

ANNESS XII

IL-LIMITI TAS-SERJE ŻGĦIRA U TA' TMIEM IS-SERJE

A. IL-LIMITI TAS-SERJE ŻGĦIRA

1. In-numru ta' unitajiet ta' tip wieħed ta' vettura li għandhom jiġu rreġistrati, jinbiegħu jew jibdew jaħdmu fis-sena fl-Unjoni Ewropea skont l-Artikolu 22 ma jistax jaqbeż il-figuri murija hawn taħt għall-kategorija tal-vettura inkwistjoni:

Kategorija	Unitajiet
M_1	1 000
M_2, M_3	0
N_1	1 000
N_2, N_3	0
O_1, O_2	0
O_3, O_4	0

2. In-numru ta' unitajiet ta' tip wieħed ta' vettura li għandhom jiġu rreġistrati, jinbiegħu jew jibdew jaħdmu fis-sena fi Stat Membru wieħed skont l-Artikolu 23 għandu jiġi determinat minn dak l-Istat Membru iżda ma għandux jaqbeż il-figuri murija hawn taħt għall-kategorija tal-vettura inkwistjoni:

Kategorija	Unitajiet
M_1	100
M_2, M_3	250
N_1	500 sal-31 ta' Ottubru 2016 250 mill-1 ta' Novembru 2016
N_2, N_3	250
O_1, O_2	500
O_3, O_4	250

3. In-numru ta' unitajiet ta' tip wieħed ta' vettura li għandhom jiġu rreġistrati, jinbiegħu jew jibdew jaħdmu fis-sena fi Stat Membru wieħed għall-fini tal-Artikolu 6(2) tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1230/2012 għandu jiġi determinat minn kull Stat Membru iżda ma għandux jaqbeż il-figuri murija hawn taħt għall-kategorija tal-vettura inkwistjoni:

Kategorija	Unitajiet
M_2, M_3	1 000
N_2, N_3	1 200
O_3, O_4	2 000

B. IL-LIMITI TA' TMIEM IS-SERJE

In-numru massimu ta' vetturi sħaħ u kompluti li bdew jaħdmu f'kull Stat Membru skont il-proċedura "Tmiem is-Serje" għandu jiġi limitat b'wieħed mill-modi li ġejjin li jingħażel mill-Istat Membru:

1. In-numru massimu ta' vetturi ta' tip wieħed jew iktar ma jistax jaqbeż l-10 %, fil-każ tal-kategorija M_1, u ma jistax jaqbeż it-30 % tal-vetturi tat-tipi kollha kkonċernati li bdew jaħdmu f'dak l-Istat Membru matul is-sena ta' qabel, fil-każ tal-kategoriji kollha l-oħrajn.

▼**M22**

Jekk 10 %, 30 % rispettivament, ikun inqas minn 100 vettura, f'dak il-każ l-Istat Membru jista' jippermetti li jibdew jaħdmu massimu ta' 100 vettura.

2. Vetturi ta' kwalunkwe tip wieħed għandhom ikunu limitati għal dawk li għalihom inħareġ ċertifikat validu tal-konformità fid-data tal-manifattura jew wara din u li baqa' validu għal tal-inqas tliet xhur wara d-data tal-ħruġ tiegħu iżda li, wara, tilef il-validità tiegħu minħabba li daħal fis-seħħ att regolatorju.

▼B

ANNESS XIII

LISTA TA' PARTIJIET JEW TAGĦMIR LI JISTA' JIPPREŻENTA RISKJU SINIFIKANTI GĦALL-FUNZJONAMENT KORRETT TA' SISTEMI LI HUMA ESSENZJALI GĦAS-SIKUREZZA TAL-VETTURA JEW GĦALL-PRESTAZZJONI AMBJENTALI TAGĦHA, IL-ĦTIĠIJIET TAL-PRESTAZZJONI TAGĦHOM, IL-PROĊEDURI TA' TTESTJAR XIERQA, U D-DISPOŻIZZJONIJIET TA' L-IMMARKAR U L-IPPAKKJAR.

I. **Partijiet jew tagħmir b'impatt sinifikanti fuq is-sikurezza tal-vettura**

Nru tal-punt	Deskrizzjoni ta' l-oġġett	Ħtieġa tal-Prestazzjoni	Proċedura tat-test	Ħtieġa ta' l-immarkar	Ħtiġijiet ta' l-Ippakkjar
1	[…]				
2					
3					

II. **Partijiet jew tagħmir b'impatt sinifikanti fuq il-prestazzjoni ambjentali tal-vettura**

Nru tal-punt	Deskrizzjoni ta' l-oġġett	Ħtieġa tal-Prestazzjoni	Proċedura tat-test	Ħtieġa ta' l-immarkar	Ħtiġijiet ta' l-Ippakkjar
1	[…]				
2					
3					

▼B

ANNESS XIV

LISTA TA' APPROVAZZJONIJIET TAT-TIP TAL-KE MAĦRUĠA SKOND ATTI REGOLATORJI

Timbru ta' l-awtorità ta' l-approvazzjoni tat-tip

Numru tal-lista:

Li jkopri l-perijodu: … sa …

Għandha tingħata l-informazzjoni li ġejja fir-rigward ta' kull approvazzjoni tat-tip tal-KE mogħtija, rifjutata jew irtirata fil-perijodu msemmi hawn fuq:

Manifattur:

Numru ta' approvazzjoni tat-tip tal-KE:

Raġuni għall-estensjoni (fejn applikabbli):

Għamla:

Tip:

Data tal-ħruġ

L-ewwel data tal-ħruġ (fil-każ ta' estensjoni):

▼M9

ANNESS XV

ATTI REGOLATORJI LI GĦALIHOM MANIFATTUR JISTA' JINĦATAR BĦALA SERVIZZ TEKNIKU

0. **Għanijiet u ambitu**

0.1. Dan l-Anness jistabbilixxi lista ta' atti regolatorji li għalihom manifattur jista' jinħatar bħala servizz tekniku skont l-Artikolu 41(6).

0.2. L-Anness jinkludi wkoll dispożizzjonijiet xierqa li jikkonċernaw il-ħatra ta' manifattur bħala servizz tekniku, biex dan jiġi applikat fil-qafas tal-approvazzjoni tat-tip tal-vetturi, il-komponenti u l-unitajiet tekniċi separati li tintlaqat mill-Parti tal-Anness IV.

0.3. Madankollu, dan ma japplikax għal manifatturi li japplikaw għal approvazzjoi ta' serje żgħira skont l-Artikolu 22.

1. **Ħatra ta' manifattur bħala servizz tkeniku**

1.1. Manifattur maħtur bħala servizz tekniku huwa manifattur li nħatar mill-awtorità tal-approvazzjoni bħala laboratorju ta' ttestjar biex iwettaq testijiet ta' approvazzjoni f'isimha, fil-kuntest tal-punt 31 tal-Artikolu 3.

Skont l-Artikolu 41(6), manifattur jista' biss jinħatar bħala servizz tekniku għall-attivitajiet tal-Kategorija A.

1.2. L-espressjoni "biex iwettaq test" mhix ristretta għall-qies ta' prestazzjonijiet iżda tkopri wkoll ir-reġistrazzjoni tar-riżultati tat-test, it-tressiq ta' rapport lill-awtorità tal-approvazzjoni inkluż il-konklużjonijiet relevanti.

Dan ikopri l-ittestjar tal-konformità ma' dawk id-dispożizzjonijiet li mhux bilfors kienu jinvolvu qies. Dan huwa l-każ għall-valutazzjoni tad-disinn skont ir-rekwiżiti leġiżlattivi.

Pereżempju, "ittestja l-konformità tal-post fejn qiegħed it-tank tal-fjuwil f'vettura mad-dispożizzjonijiet tal-punt 5.10 tal-Anness I tad-Direttiva 70/221/KEE" għandha tinftiehem bħala parti minn "biex twettaq test".

2. **Lista ta' atti regolatorji u restrizzjonijiet**

	Referenza tal-att regolatorju	Suġġett
4.	Id-Direttiva 70/222/KEE	Spazju tal-pjanċa ta' reġistrazzjoni ta' wara
7.	Id-Direttiva 70/388/KEE	Twissija li tinstema'
18.	Id-Direttiva 76/114/KEE	Pjanċi (statutorji)
20.	Id-Direttiva 76/756/KEE	Stallazzjoni ta' dwal u apparati ta' sinjalar tad-dwal
27.	Id-Direttiva 77/389/KEE	Ganċijiet tal-irmunkar
33.	Id-Direttiva 78/316/KEE	Identifikazzjoni tal-kontrolli, sinjalaturi u indikaturi

▼**M9**

	Referenza tal-att regolatorju	Suġġett
34.	Id-Direttiva 78/317/KEE	Ta’ kontra l-iffriżar/ta’ kontra t-titpin
35.	Id-Direttiva 78/318/KEE	Ħasil/Timsiħ
36.	Id-Direttiva 2001/56/KE	Sistemi tat-tisħin Għajr għad-dispożizzjonijiet fl-Anness VIII marbuta mar-rekwiżiti tal-istallazzjoni tas-sistemi tat-tisħin bl-LPG fil-vettura.
37.	Id-Direttiva 78/549/KEE	Pjanċi għall-protezzjoni tar-roti
44.	Id-Direttiva 92/21/KEE	Mases u dimensjonijiet (karrozzi)
45.	Id-Direttiva 92/22/KEE	Ħġieġ tas-sikurezza Ristrett għad-dsipożizzjonijiet inklużi fl-Anness 21 tar-Regolament 43 tan-NU/KEE
46.	Id-Direttiva 92/23/KEE	Tajers
48.	Id-Direttiva 97/27/KE	Mases u dimensjonijiet (għajr għal vetturi msemmija fil-punt 44)
49.	Id-Direttiva 92/114/KEE	Projezzjonijiet esterni ta’ kabini
50.	Id-Direttiva 94/20/KE	Iggankjar Ristrett għad-dsipożizzjonijiet inklużi fl-Anness V (sat-Taqsima 8 u inkluża din) u l-Anness VII
61.	Id-Direttiva 2006/40/KE	Sistemi ta’ arja kkundizzjonata

▼M9

Appendiċi

Ħatra ta' manifattur bħala servizz tekniku

1. **Ġenerali**

1.1. Il-ħatra u n-notifika ta' manifattur bħala servizz tekniku għandha ssir skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 41, 42 u 43 kif ukoll skont il-miżuri prattiċi inklużi f'dan l-Appendiċi.

1.2. Il-manifattur irid jiġi akkreditat skont Standard EN ISO/IEC 17025:2005 — Rekwiżiti ġenerali dwar il-kompetenza tal-laboratorji ta' ttestjar u kkalibrar.

2. **Is-subkuntrattar**

2.1. Skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 41(6), l-ewwel subparagrafu, manifattur jista' jinnomina subkuntrattur biex iwettaq it-testijiet f'ismu.

B'subkuntrattur wieħed għandu jifhem:

a) jew sussidjarju li jingħata l-inkarigu li jwettaq attivitajiet ta' ttestjar mill-manifattur ġewwa l-organizzazzjoni nnifisha jew

b) parti terza b'kuntratt mal-manifattur biex twettaq attivitajiet ta' ttestjar.

2.2. Li wieħed jitlob is-servizzi ta' subkuntrattur ma jneħħix l-obbligu tal-manifattur li jikkonforma mad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 41, partikolarment dawk li jikkonċernaw il-ħiliet tas-servizzi tekniċi u l-konformità ma' Standard EN ISO/IEC 17025:2005.

2.3. It-Taqsima 1 tal-Anness XV għandha tapplika għas-subkuntrattur.

3. **Rapport tat-test**

L-abbozz tar-rapporti tat-test għandu jsir skont ir-rekwiżiti ġenerali stabbiliti fl-Appendiċi 3 tal-Anness V tad-Direttiva 2007/46/KE.

▼M9

ANNESS XVI

KUNDIZZJONIJIET SPEĊIFIĊI MITLUBA MILL-METODI TA' TTESTJAR VIRTWALI U MILL-ATTI REGOLATORJI LI GĦALIHOM JISTGĦU JINTUŻAW METODI TA' TTESTJAR VIRTWALI MINN MANIFATTUR JEW SERVIZZ TEKNIKU

0. **Għanijiet u ambitu**

L-Anness jistabbilixxi dispożizzjonijiet xierqa li jikkonċernaw l-ittestjar virtwali skont l-Artikolu 11(3).

Dan li ġej huwa miżjud mat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 11(2).

1. **Lista ta' atti regolatorji**

Nru	Referenza tal-att regolatorju	Suġġett
3.	Id-Direttiva 70/221/KEE	Tankijiet tal-fjuwil/tagħmir protettiv ta' wara
6.	Id-Direttiva 70/387/KEE	Lukketti u ċappetti tal-bibien
8.	Direttiva 2003/97/KE	Tagħmir għal vista indiretta
12.	Id-Direttiva 74/60/KEE	Aċċessorji ta' ġewwa
16.	Id-Direttiva 74/483/KEE	Projezzjonijiet ta' barra
20.	Id-Direttiva 76/756/KEE	Stallazzjoni ta' dwal u apparati ta' sinjalar tad-dwal
27.	Id-Direttiva 77/389/KEE	Ganċijiet tal-irmunkar
32.	Id-Direttiva 77/649/KEE	Medda ta' viżibilità ta' quddiem
35.	Id-Direttiva 78/318/KEE	Ħasil/Timsiħ
37.	Id-Direttiva 78/549/KEE	Pjanċi għall-protezzjoni tar-roti
42.	Id-Direttiva 89/297/KEE	Protezzjoni laterali

▼M15

44.	Regolament (UE) Nru 1230/2012	

▼M9

49.	Id-Direttiva 92/114/KEE	Projezzjonijiet esterni ta' kabini
50.	Id-Direttiva 94/20/KE	Iggankċjar
52.	Id-Direttiva 2001/85/KE	Karozzi tal-linja u kowċis
57.	Id-Direttiva 2000/40/KE	Protezzjoni tal-under-run ta' quddiem

▼M9

Appendiċi 1

Kundizzjonijiet ġenerali mitluba minn metodi ta' ttestjar virtwali

1. **Disinn ta' test virtwali**

L-iskema li ġejja għandha tintuża bħala struttura tal-bażi biex jiġi deskritt u jitmexxa l-ittestjar virtwali:

(a) skop;

(b) mudell tal-istruttura;

(c) kundizzjonijiet tal-konfini;

(d) suppożizzjonijiet ta' tagħbija;

(e) kalkolu:

(f) valutazzjoni;

(g) dokumentazzjoni.

2. **Prinċipji ewlenin ta' simulazzjoni u kalkolu bil-kompjuter**

2.1. *Mudell matematiku*

Il-mudell matematiku għandu jinħareġ mill-manifattur. għandu jirrifletti l-kumplessità tal-istruttura tal-vettura, is-sistema u l-komponenti li jkunu se jiġu ttestjati b'relazzjoni mar-rekwiżiti tal-att regolatorju u l-kundizzjonijiet tal-konfini.

L-istess dispożizzjonijiet għandhom japplikaw *mutatis mutandis* għall-ittestjar ta' komponenti jew unitajiet tekniċi indipendentement mill-vettura.

2.2. *Il-proċess ta' validazzjoni tal-mudell matematiku*

Il-mudell għandu jiġi vvalidat b'paragun mal-kundizzjonijiet tat-test innifsu.

Għal dan il-għan, għandu jsir test fiżiku għall-finijiet li jiġu pparagunati r-riżultati miksuba meta jintuża l-mudell matematiku mar-riżultati ta' test fiżiku. Għandha tingħata xhieda tal-paragun tar-riżultati tat-test. Il-manifattur jew is-servizz tekniku għandu jressaq abbozz tar-rapport tal-validazzjoni lill-awtorità tal-approvazzjoni.

Kull bidla li ssir lill-mudell matematiku jew lis-softwer li probabbilment tinvalida r-rapport ta' validazzjoni għandha titressaq għall-attenzjoni tal-awtorità tal-approvazzjoni li tista' titlob li jitwettaq proċess ta' validazzjoni ġdid.

Il-grafika tal-istadji tal-proċess tal-validazzjoni qed tingħata fl-Appendiċi 3.

2.3. *Dokumentazzjoni*

Id-dejta u l-għodda awżiljarja użata għas-simulazzjoni u l-kalkolu għndha tkun disponibbli mill-manifattur u tkun dokumentata b'mod xieraq.

3. **Għodod u sostenn**

Fuq talba tas-servizz tekniku, il-manifattur għandu jforni jew jipprovdi aċċess għall-għodod neċessarji, inkluż is-softwer xieraq.

▼**M9**

Barra minn hekk, irid jipprovdi sostenn f'loku lis-servizz tekniku.

Il-provvediment tal-aċċess u s-sostenn lil servizz tekniku ma jneħħix l-obbligu tas-servizz tekniku fejn tidħol il-ħila tal-persunal tiegħu, il-ħlas tad-drittijiet tal-liċenzja u r-rispett tal-kunfidenzjalità.

▼M9

Appendiċi 2

Kundizzjonijiet speċifiċi li jikkonċernaw metodi ta' ttestjar virtwali

1. **Lista ta' atti regolatorji**

	Referenza tal-att regolatorju	Anness u paragrafu	Kundizzjonijiet speċifiċi
3.	Id-Direttiva 70/221/KEE	L-Anness II (Il-protezzjoni tal-under-run ta' wara) Il-Punt 5.4.5.	
6.	Id-Direttiva 70/387/KEE	L-Anness II Il-Punt 4.3.	
8.	Id-Direttiva 2003/97/KE	L-Anness III Id-dispożizzjonijiet kollha fit-Taqsimiet 3, 4 u 5.	Il-firxiet tal-vista preskritti tal-mirja li juru wara.
12.	Id-Direttiva 74/60/KEE	L-Anness I Id-dispożizzjonijiet kollha fit-Taqsima 5 ("Speċifikazzjonijiet").	Il-qies tar-raġġi kollha tal-kurvatura u tal-projezzjonijiet kollha għajr għal dawk ir-rekwiżiti fejn trid tiġi applikata l-forza sabiex tiġi vverifikata l-konformità mad-dispożizzjonijiet.
		L-Anness II	Determinazzjoni taż-żona fejn hemm l-impatt tar-ras.
16.	Id-Direttiva 74/483/KEE	L-Anness I Id-dispożizzjonijiet kollha fit-Taqsima 5 ("Speċifikazzjonijiet ġenerali") u t-Taqsima 6 ("Speċifikazzjonijiet partikolari").	Il-qies tar-raġġi kollha tal-kurvatura u tal-projezzjonijiet kollha għajr għal dawk ir-rekwiżiti fejn trid tiġi applikata l-forza sabiex tiġi vverifikata l-konformità mad-dispożizzjonijiet.
20.	Id-Direttiva 76/756/KEE	It-Taqsima 6 ("Speċifikazzjonijiet individwali") tar-Regolament 48 tan-NU/KEE.	Il-prova ta' sewqan stipulata fil-Punt 6.22.9.2.2 għandha ssir fuq vettura reali.
		Id-dispożizzjonijiet tal-Anness 4, 5 u 6 tar-Regolament 48 tan-NU/KEE.	
27.	Id-Direttiva 77/389/KEE	L-Anness II, it-Taqsima 2	
32.	Id-Direttiva 77/649/KEE	It-Taqsima 5 ("Speċifikazzjonijiet") tal-Anness I.	
35.	Id-Direttiva 78/318/KEE	L-Anness I.	Il-Punt 5.1.2. Il-qies taż-żona tal-frizzjoni (is-swept area) biss.
37.	Id-Direttiva 78/549/KEE	It-Taqsima 2 ("Rekwiżiti speċjali") tal-Anness I.	
42.	Id-Direttiva 89/297/KEE	L-Anness I, il-punt 2.8.	Reżistenza taħt forza orizzontali u qies ta' bidla fid-direzzjoni (deflection).

▼M9

	Referenza tal-att regolatorju	Anness u paragrafu	Kundizzjonijiet speċifiċi
▼M15			
44.	Regolament (UE) Nru 1230/2012	It-Taqsimiet 7 u 8 tal-Parti B tal-Anness I	(a) Verifika tal-konformità mar-rekwiżiti tal-manuvrabilità inkluża l-manuvrabilità tal-vetturi mgħammra b'fusien li jogħlew jew fusien li jistgħu jiġu mgħobbija.
		It-Taqsimiet 6 u 7 tal-Parti C tal-Anness I	(b) Kejl tat-tperpir massimu fuq wara.
▼M9			
49.	Id-Direttiva 92/114/KEE	L-Anness I Id-dispożizzjonijiet tat-Taqsima 4 ("Rekwiżiti speċifiċi"). Fejn jidħlu l-vetturi N_1 għandhom japplikaw id-dispożizzjonijiet msemmija fil-punt 16 ta' dan l-Appendiċi.	Il-qies tar-raġġi kollha tal-kurvatura u tal-projezzjonijiet kollha għajr għal dawk ir-rekwiżiti fejn trid tiġi applikata l-forza sabiex tiġi vverifikata l-konformità mad-dispożizzjonijiet.
50.	Id-Direttiva 94/20/KE	L-Anness V "Rekwiżiti għat-tagħmir tal-iggančjar mekkaniku"	Id-dispożizzjonijiet kollha tat-Taqsimiet minn 1 sa 8, bihom inklużi.
		L-Anness VI, il-punt 1.1	It-testijiet tas-saħħa fuq l-iggančjar mekkaniku ta' disinn sempliċi jistgħu jiġu sostitwiti b'testijiet virtwali.
		It-Taqsima 4 tal-Anness VI "L-ittestjar tat-tagħmir tal-iggančjar mekkaniku"	Il-punti 4.5.1. (test tas-saħħa), 4.5.2. (reżistenza għat-tagħwiġ/il-buckling) u 4.5.3. (reżistenza għall-mument tal-liwja) biss.
52.	Id-Direttiva 2001/85/KE	L-Anness I	Il-Punt 7.4.5. Test ta' stabbiltà taħt il-kundizzjonijiet speċifikati fl-Appendiċi tal-Anness I
		L-Anness IV Is-Saħħa tas-superstruttura	L-Appendiċi 4 - Verifika tas-saħħa tas-superstruttura bil-kalkolu
57.	Id-Direttiva 2000/40/KE	It-Taqsima 3 tal-Anness 5 tar-Regolament 93 tan-NU/KEE	Reżistenza taħt forza orizzontali u qies ta' bidla fid-direzzjoni (deflection).

▼M9

Appendiċi 3

Proċess ta' validazzjoni



▼B

ANNESS XVII

PROĊEDURI LI JRIDU JIĠU SEGWITI WAQT APPROVAZZJONI TAT-TIP TAL-KE TA' VETTURI F'BOSTA STADJI

1. ĠENERALI

1.1. L-operazzjoni sodisfaċenti tal-proċess ta' approvazzjoni tat-tip tal-KE f'diversi stadji teħtieġ azzjoni konġunta mill-manifatturi kollha kkonċernati. Għal dan l-għan l-awtoritajiet ta' approvazzjoni għandhom jiżguraw, qabel jagħtu l-approvazzjoni ta' l-ewwel stadju u dak sussegwenti, li jeżistu arranġamenti xierqa bejn il-manifatturi rilevanti għall-forniment u l-interskambju ta' dokumenti u informazzjoni tali li t-tip ta' vettura kkompletata tilħaq il-ħtiġijiet tekniċi ta' l-atti regolatorji separati rilevanti kollha preskritti fl-Anness IV jew l-Anness XI. Tali inforamazzjoni għandha tinkludi dettalji tas-sistema rilevanti, l-komponent u l-approvazzjonijiet ta' l-unità teknika separata u ta' parts ta' vetturi li jagħmlu parti mill-vettura mhux kompluta iżda li għadhom ma gewx approvati.

1.2. L-approvazzjonijiet tat-tip tal-KE skond dan l-Anness huma mogħtija abbażi ta' l-istat attwali ta' l-ikkompletar tat-tip ta' vettura u għandhom jinkorporaw l-approvazzjonijiet kollha mogħtija fl-istadji ta' qabel.

1.3. Fil-proċess ta' approvazzjoni tat-tip tal-KE f'diversi stadji, kull manifattur hu responsabbli għall-approvazzjoni u l-konformità tal-produzzjoni tas-sistemi, il-komponenti jew l-unitajiet tekniċi separati kollha manifatturati minnu jew miżjuda minnu ma' l-istadju li nbena qabel. Hu mhux responsabbli għal soġġetti li ġew approvati fi stadju ta' qabel minbarra f'dawk il-każijiet fejn hu jimmodifika parts rilevanti sal-punt li l-approvazzjoni mogħtija qabel issir invalida.

2. PROĊEDURI

L-awtorità ta' l-approvazzjoni tat-tip għandha:

(a) tivverifika li ċ-ċertifikati ta' approvazzjonijiet tat-tip tal-KE kollha maħruġa skond l-atti regolatorji li huma applikabbli għall-approvazzjoni tat-tip ta' vettura jkopru t-tip ta' vettura fl-istat kompletat tagħha u jikkorrispondu għall-ħtiġijiet preskritti:

(b) tiżgura li d-data kollha rilevanti, b'kont meħud ta' l-istat ta' ikkompletar tal-vettura, hija inkluża fil-folder ta' informazzjoni;

(ċ) b'referenza għad-dokumentazzjoni tiżgura li l-ispeċifikazzjoni(jiet) tal-vettura u d-data miżmuma fil-Parti I tal-folder ta' informazzjoni tal-vettura huma inklużi fid-data fil-pakketti ta' informazzjoni u fiċ-ċertifikati ta' approvazzjoni tat-tip tal-KEfir-rigward ta' l-atti regolatorji; u fil-każ ta' vettura kkompletata, fejn numru ta' punt f'Parti I tal-folder ta' informazzjoni mhux inkluż fil-pakkett ta' informazzjoni ta' kwalunkwe att regolatorju separat, tikkonferma li l-parti jew il-karatteristika rilevanti tikkonforma mad-dettalji fil-folder ta' informazzjoni;

(d) fuq kampjun magħżul ta' vetturi mit-tip li għandu jiġi approvat twettaq jew tirranġa biex jitwettqu spezzjonijiet ta' parts u sistemi tal-vettura biex tivverifika li l-vettura/i hi/huma mibnija skond id-data rilevanti miżmuma fil-pakkett ta' informazzjoni awtentikat fir-rigward ta' l-atti regolatorji rilevanti kollha;

(e) twettaq jew tirranġa biex jitwettqu kontrolli ta' installazzjoni rilevanti fir-rigward ta' unitajiet tekniċi separati fejn applikabbli.

▼B

3. In-numru ta' vetturi li jridu jiġu spezzjonati għall-finijiet tal-paragrafu 2(d) għandu jkun suffiċjenti biex jippermetti l-kontroll tad-diversi kumbinazzjonijiet li għandhom jieħdu approvazzjoni tat-tip tal-KE skond l-istat ta' kkompletar tal-vettura u l-kriterji li ġejjin:

— magna,

— gearbox,

— fusijiet motorizzati (numru, pożizzjoni, interkonnessjoni),

— fusijiet ikkwartjati (numru u pożizzjoni),

— stili ta' body,

— numru ta' bibien,

— naħa tas-sewqan,

— numru ta' sedili,

— livell ta' tagħmir,

4. IDENTIFIKAZZJONI TAL-VETTURA

4.1. Numru ta' identifikazzjoni tal-vettura

(a) In-numru ta' identifikazzjoni tal-vettura bażi (VIN) preskritt bid-Direttiva 76/114/KEE għandu jinżamm matul l-istadji sussegwenti kollha tal-proċess ta' approvazzjoni tat-tip biex tiġi żgurata t-"traċċabilità" tal-proċess.

(b) Madankollu, fl-istadju finali ta' l-ikkompletar, il-manifattur kkonċernat b'dan l-istadju jista' jibdel, bi ftehim ma' l-awtorità ta' approvazzjoni, l-ewwel u t-tieni taqsima tan-numru ta' identifikazzjoni tal-vettura mal-kodiċi tal-manifattur tal-vettura tiegħu stess u l-kodiċi ta' identifikazzjoni tal-vettura jekk, u biss jekk, il-vettura tkun trid tiġi rreġistrata taħt l-isem kummerċjali tiegħu stess. F'tali każ, in-numru ta' identifikazzjoni tal-vettura komplut tal-vettura ta' bażi m'għandux jitħassar.

4.2. Pjanċa addizzjonali tal-manifattur

Fit-tieni stadju u f'dawk ta' wara, minbarra l-pjanċa statutorja preskritta bid-Direttiva 76/114/KEE, kull manifattur għandu jwaħħal mal-vettura pjanċa addizzjonali li l-mudell tagħha jidher fl-appendiċi għal dan l-Anness. Din il-pjanċa għandha titwaħħal b'mod sod, f'pożizzjoni li tidher tajjeb u aċċessibbli fil-pront f'parti li mhix soġġetta għal sostituzzjoni waqt l-użu. Għandha turi ċar u b'mod li ma jitħassarx l-informazzjoni li ġejja fl-ordni elenkata:

— l-isem tal-manifattur,

— it-Taqsimiet 1, 3 u 4 tan-numru ta' l-approvazzjoni tat-tip,

— l-istadju ta' approvazzjoni,

— in-numru ta' identifikazzjoni tal-vettura,

— il-massa mgħobbija massima permissibbli ([a]),

— il-massa mgħobbija massima permissibbli tal-kumbinazzjoni (fejn il-vettura hija permessa li tirmonka karru) ([a]),

— il-massa massima permissibbli fuq kull fus, elenkata fl-ordni ta' minn quddiem għal wara ([a]),

— fil-każ ta' semi-karru jew karru bil-fus fin-nofs, il-massa massimma permissibbli fuq il-punt ta' ggankjar ([a]).

Sakemm ma jiġix provdut mod ieħor hawn fuq, il-pjanċa għandha tikkonforma mal-ħtiġijiet tad-Direttiva 76/114/KEE.

([a]) Fejn il-valur inbidel matul l-istadju ta' approvazzjoni attwali biss.

▼B

Appendiċi

MUDELL TAL-PJANĊA ADDIZZJONALI TAL-MANIFATTUR

L-eżempju hawn taħt huwa mogħti biss bħala gwida.

ISEM TAL-MANIFATTUR (stadju 3)
e2*98/14*2609
Stadju 3
WD9VD58D98D234560
1 500 kg
2 500 kg
1-700 kg
2-810 kg

▼B

ANNESS XVIII

ĊERTIFIKAT TA' ORIĠINI TAL-VETTURA

Ċertifikat ta' oriġini tal-vettura — Dikjarazzjoni tal-manifattur ta' vettura bażi/mhux kompluta li ma tkunx ingħatat numru taċ-Ċertifikat ta' konformità.

Jiena, hawn taħt iffirmat, b'dan niddikjara li l-vettura kif speċifikat hawn taħt, ġiet manifatturata fil-fabbrika tagħna stess u li hija vettura manifatturata ġdida.

0.1. Għamla (isem kummerċjali tal-manifattur):

0.2. Tip ta' vettura:

0.2.1. Isem/ismijiet kummerċjali:

0.3. Mezzi ta' identifikazzjonit tat-tip:

0.6. Numru ta' identifikazzjoni tal-vettura:

0.8. Indirizz(i) ta' l-impjant(i) ta' assemblaġġ:

Barra minn hekk, il-firmatarju ta' hawn taħt jiddikjara mal-kunsinna l-vettura kienet tikkonforma ma' l-atti regolatorji li ġejjin:

Suġġett	Referenza ta' l-att regolatorju	Numru ta' approvazzjoni tat-tip:	Stat Membru jew Parti Kontraenti (+) li qed jagħti l-approvazzjoni tat-tip (++)
1. Livell ta' ħoss			
2. Emissjonijiet			
3. …			
eċċ.			

\+ Partijiet Kontraenti għall-Ftehim ta' l-1958 Rivedut.
++ Irid jiġi indikat jekk ma jistax jinkiseb min-numri ta' approvazzjoni tat-tip tal-KE.

Id-dikjarazzjoni preżenti hija maħruġa skond id-dispożizzjonijiet stabbiliti fl-Anness XI għad-Direttiva 2007/46/KE.

(Post) (Firma) (Data)

▼B

ANNESS XIX

SKEDA TA' ŻMIEN GĦALL-INFURZAR TA' DIN ID-DIRETTIVA FIR-RIGWARD TA' APPROVAZZJONI TAT-TIP

Kategoriji kkonċernati	Dati ta' infurzar		
	Tipi ta' vetturi ġodda — Mhux Obbligatorja	Tipi ta' vetturi ġodda — Obbligatorja	Tipi ta' vetturi eżistenti Obbligatorja
M_1	N.A. (*)	29 ta' April 2009	N.A. (*)
Vetturi bi skop speċjali tal-kategorija M_1	29 ta' April 2009	29 ta' April 2011	29 ta' April 2012
Vetturi mhux kompluti u kompluti tal-kategorija N_1	29 ta' April 2009	29 ta' Ottubru 2010	29 ta' Ottubru 2011
Vetturi kkompletati tal-kategorija N_1	29 ta' April 2009	29 ta' Ottubru 2011	29 ta' April 2013
Vetturi mhux kompluti u kompluti tal-kategoriji N_2, N_3, O_1, O_2, O_3, O_4	29 ta' April 2009	29 ta' Ottubru 2010	29 ta' Ottubru 2012
Vetturi mhux kompluti u kompluti tal-kategoriji M_2, M_3	29 ta' April 2009	29 ta' April 2009 ([1])	29 ta' Ottubru 2010
Vetturi bi skop speċjali tal-kategoriji N_1, N_2, N_3, M_2, M_3, O_1, O_2, O_3, O_4	29 ta' April 2009	29 ta' Ottubru 2012	29 ta' Ottubru 2014
Vetturi kkompletati tal-kategoriji N_2, N_3	29 ta' April 2009	29 ta' Ottubru 2012	29 ta' Ottubru 2014
Vetturi kkompletati tal-kategoriji M_2, M_3	29 ta' April 2009	29 ta' April 2010 ([1])	29 ta' Ottubru 2011
Vetturi kkompletati tal-kategoriji O_1, O_2, O_3, O_4	29 ta' April 2009	29 ta' Ottubru 2011	29 ta' Ottubru 2013

(*) Mhux applikabbli.
([1]) Sabiex jiġi applikat l-Artikolu 45(4), din id-data ġiet posposta bi 12-il xahar.

▼B

ANNESS XX

LIMITI TA' ŻMIEN GĦAT-TRANSPOŻIZZJONI TAD-DIRETTIVI MHASSRA F'LIĠIJIET NAZZJONALI

PARTI A

Direttiva 70/156/KEE u l-atti li jemendaw suċċessivi tagħha

Direttivi/regolamenti	Kummenti
Direttiva 70/156/KEE ([1])	
Direttiva 78/315/KEE ([2])	
Direttiva 78/547/KEE ([3])	
Direttiva 80/1267/KEE ([4])	
Direttiva 87/358/KEE ([5])	
Direttiva 87/403/KEE ([6])	
Direttiva 92/53/KEE ([7])	
Direttiva 93/81/KEE ([8])	
Direttiva 95/54/KE ([9])	L-Artikolu 3 biss.
Direttiva 96/27/KE ([10])	L-Artikolu 3 biss.
Direttiva 96/79/KE ([11])	L-Artikolu 3 biss.
Direttiva 97/27/KE ([12])	L-Artikolu 8 biss.
Direttiva 98/14/KE ([13])	
Direttiva 98/91/KE ([14])	L-Artikolu 3 biss.
Direttiva 2000/40/KE ([15])	L-Artikolu 4 biss.
Direttiva 2001/92/KE ([16])	L-Artikolu 3 biss.
Direttiva 2001/56/KE ([17])	L-Artikolu 7 biss.
Direttiva 2001/85/KE ([18])	L-Artikolu 4 biss.
Direttiva 2001/116/KE ([19])	
Regolament (KE) Nru 807/2003 ([20])	Punt 2) ta' l-Anness III biss
Direttiva 2003/97/KE ([21])	L-Artikolu 4 biss.
Direttiva 2003/102/KE ([22])	L-Artikolu 6 biss.
Direttiva 2004/3/KE ([23])	L-Artikolu 1 biss.
Direttiva 2004/78/KE ([24])	L-Artikolu 2 biss.
Direttiva 2004/104/KE ([25])	L-Artikolu 3 biss.
Direttiva 2005/49/KE ([26])	L-Artikolu 2 biss.

([1]) ĠU L 42, 23.2.1970, p. 1.
([2]) ĠU L 81, 28.3.1978, p. 1.
([3]) ĠU L 168, 26.6.1978, p. 39.
([4]) ĠU L 375, 31.12.1980, p. 34.
([5]) ĠU L 192, 11.7.1987, p. 51.
([6]) ĠU L 220, 8.8.1987, p. 44.
([7]) ĠU L 225, 10.8.1992, p. 1.
([8]) ĠU L 264, 23.10.1993, p. 49.
([9]) ĠU L 266, 8.11.1995, p. 1.
([10]) ĠU L 169, 8.7.1996, p. 1.
([11]) ĠU L 18, 21.1.1997, p. 7.
([12]) ĠU L 233, 25.8.1997, p. 1.
([13]) ĠU L 91, 25.3.1998, p. 1.
([14]) ĠU L 11, 16.1.1999, p. 25.
([15]) ĠU L 203, 10.8.2000, p. 9.
([16]) ĠU L 291, 8.11.2001, p. 24.
([17]) ĠU L 292, 9.11.2001, p. 21.
([18]) ĠU L 42, 13.2.2002, p. 42.
([19]) ĠU L 18, 21.1.2002, p. 1.
([20]) ĠU L 122, 16.5.2003, p. 36.
([21]) ĠU L 25, 29.1.2004, p. 1.
([22]) ĠU L 321, 6.12.2003, p. 15.
([23]) ĠU L 49, 19.2.2004, p. 36.
([24]) ĠU L 153, 30.4.2004, p. 107.
([25]) ĠU L 337, 13.11.2004, p. 13.
([26]) ĠU L 194, 26.7.2005, p. 12.

▼B

PARTI B

Limiti ta' żmien għal transpożizzjoni f'liġijiet nazzjonali

Direttivi	Limiti ta' żmien għat-trasposizzjoni	Data ta' applikazzjoni
Direttiva 70/156/KEE	10 ta' Awwissu 1971	
Direttiva 78/315/KEE	30 ta' Ġunju 1979	
Direttiva 78/547/KEE	15 ta' Diċembru 1979	
Direttiva 80/1267/KEE	30 ta' Ġunju 1982	
Direttiva 87/358/KEE	01 ta' Ottubru 1988	
Direttiva 87/403/KEE	1 ta' Ottubru 1988	
Direttiva 92/53/KEE	31 ta' Diċembru 1992	1 ta' Jannar 1993
Direttiva 93/81/KEE	1 ta' Ottubru 1993	
Direttiva 95/54/KE	1 ta' Diċembru 1995	
Direttiva 96/27/KE	20 ta' Mejju 1997	
Direttiva 96/79/KE	1 ta' April 1997	
Direttiva 97/27/KE	22 ta' Lulju 1999	
Direttiva 98/14/KE	30 ta' Settembru 1998	1 ta' Ottubru 1998
Direttiva 98/91/KE	16 ta' Jannar 2000	
Direttiva 2000/40/KE	31 ta' Lulju 2002	1 ta' Awwissu 2002
Direttiva 2001/92/KE	30 ta' Ġunju 2002	
Direttiva 2001/56/KE	9 ta' Mejju 2003	
Direttiva 2001/85/KE	13 ta' Awwissu 2003	
Direttiva 2001/116/KE	30 ta' Ġunju 2002	1 ta' Lulju 2002
Direttiva 2003/97/KE ([1])	25 ta' Jannar 2005	
Direttiva 2003/102/KE ([2])	31 ta' Diċembru 2003	
Direttiva 2004/3/KE	18 ta' Frar 2005	
Direttiva 2004/78/KE	30 ta' Settembru 2004	
Direttiva 2004/104/KE	31 ta' Diċembru 2005	1 ta' Jannar 2006
Direttiva 2005/49/KE	30 ta' Ġunju 2006	1 ta' Lulju 2006

([1]) ĠU L 25, 29.1.2004, p. 1.
([2]) ĠU L 321, 6.12.2003, p. 15.

▼B

ANNESS XXI

TABELLA TA' KORRELAZZJONI

(imsemmija fit-tieni paragrafu ta' l-Artikolu 49)

Direttiva 70/156/KEE	Din id-Direttiva
—	Artikolu 1
Artikolu 1, l-ewwel subparagrafu	Artikolu 2 (1)
Artikolu 1, it-tieni subparagrafu	Artikolu 2 (2) punti (a) u (b)
—	Artikolu 2 (2) punt (c)
—	Artikolu 2 (3) u (4)
Artikolu 2	Artikolu 3
—	Artikolu 4
—	Artikolu 5
—	Artikolu 6 (1)
Artikolu 3 (1)	Artikolu 6 (2)
Artikolu 3 (2)	Artikolu 6 (3)
—	Artikolu 6 (4)
Artikolu 3 (3)	Artikolu 6 (5)
Artikolu 3 (4)	Artikolu 7 (1) u (2)
Artikolu 3 (5)	Artikolu 6 (6) u 7 (1)
—	Artikolu 6 (7) u (8)
—	Artikolu 7 (3) u (4)
Artikolu 4 (1), l-ewwel subparagrafu punt (a)	Artikolu 9 (1)
Artikolu 4 (1), l-ewwel subparagrafu punt (b)	Artikolu 9 (2)
Artikolu 4 (1), l-ewwel subparagrafu punt (ċ)	Artikolu 10 (1)
Artikolu 4 (1), l-ewwel subparagrafu punt (d)	Artikolu 10 (2)
—	Artikolu 10 (3)
Artikolu 4 (1), it-tieni subparagrafu	Artikolu 9 (4)
Artikolu 4 (1), it-tielet subparagrafu	Artikolu 9 (5)
—	Artikolu 9 (6) u (7)
—	Artikolu 8 (1) u (2)
Artikolu 4 (2)	Artikolu 8 (3)
Artikolu 4 (3), l-ewwel u t-tielet sentenzi	Artikolu 9 (3)

▼B

Direttiva 70/156/KEE	Din id-Direttiva
Artikolu 4 (3), it-tieni sentenza	Artikolu 8 (4)
Artikolu 4 (4)	Artikolu 10 (4)
Artikolu 4 (5)	Artikolu 8 (5) u (6)
Artikolu 4 (6)	Artikolu 8 (7) u (8)
—	Artikolu 11
Artikolu 5 (1)	Artikolu 13 (1)
Artikolu 5 (2)	Artikolu 13 (2)
Artikolu 5 (3), l-ewwel subparagrafu	Artikolu 15 (1)
Artikolu 5 (3), it-tieni subparagrafu	Artikolu 15 (3)
Artikolu 5 (3), it-tielet subparagrafu	Artikoli 15 (2), 16 (1) u 16 (2)
Artikolu 5 (3), ir-raba' subparagrafu	Artikolu 13 (3)
Artikolu 5 (4), l-ewwel subparagrafu	Artikolu 14 (1)
Artikolu 5 (4), it-tieni subparagrafu	Artikolu 14 (3) u 16 (2)
Artikolu 5 (4), it-tielet subparagrafu	Artikolu 14 (2)
Artikolu 5 (4), ir-raba' subparagrafu, l-ewwel sentenza	Artikolu 13 (3)
Artikolu 5 (4), ir-raba' subparagrafu, it-tieni sentenza	Artikolu 16 (3)
Artikolu 5 (5)	Artikolu 17 (4)
Artikolu 5 (6)	Artikolu 14 (4)
—	Artikolu 17 (1) sa (3)
Artikolu 6 (1), l-ewwel subparagrafu	Artikolu 18 (1)
—	Artikolu 18 (2)
Artikolu 6 (1), it-tieni subparagrafu	Artikolu 18 (3)
Artikolu 6 (2)	—
—	Artikolu 18 (4) sa (8)
Artikolu 6 (3)	Artikolu 19 (1) u (2)
—	Artikolu 19 (3)
Artikolu 6 (4)	Artikolu 38 (2), l-ewwel subparagrafu
—	Artikolu 38 (2), it-tieni subparagrafu
Artikolu 7 (1)	Artikolu 26 (1)

▼B

Direttiva 70/156/KEE	Din id-Direttiva
—	Artikolu 26 (2)
Artikolu 7 (2)	Artikolu 28
Artikolu 7 (3)	Artikolu 29(1) u (2)
—	Artikolu 29(3) u (4)
Artikolu 8 (1)	—
—	Artikolu 22
Artikolu 8 (2) (a), l-ewwel sentenza	Artikolu 26 (3)
Artikolu 8 (2) (a), it-tieni sentenza	—
Artikolu 8 (2) (a), mit-tielet sas-sitt sentenza	Artikolu 23 (1), (3), (5) u (6)
—	Artikolu 23 (2)
—	Artikolu 23 (4)
—	Artikolu 23(7)
Artikolu 8 (2) (b) (1), l-ewwel u t-tieni subparagrafi	Artikolu 27 (1)
Artikolu 8 (2) (b) (1), it-tielet subparagrafu	Artikolu 27 (2)
Artikolu 8 (2) (b) (2), l-ewwel u t-tieni subparagrafi	Artikolu 27 (3)
Artikolu 8 (2) (b) (2), l-ewwel u r-raba' subparagrafi	—
—	Artikolu 27 (4) u 5
Artikolu 8 (2) (ċ), l-ewwel subparagrafu	Artikolu 20 (1) u (2)
Artikolu 8 (2) (ċ), it-tieni subparagrafu	Artikolu 20 (4), l-ewwel subparagrafu
Artikolu 8 (2) (ċ), it-tielet subparagrafu	—
Artikolu 8 (2) (ċ), ir-raba' subparagrafu	Artikolu 20 (4), it-tieni subparagrafu
—	Artikolu 20 (4), it-tielet subparagrafu
—	Artikolu 20 (3) u (5)
Artikolu 8 (2) (ċ), il-ħames u s-sitt subparagrafi	Artikolu 21(1), l-ewwel subparagrafu, u l-Artikolu 21(2)
—	Artikolu 21(1), it-tieni subparagrafu
Artikolu 8 (3)	Artikolu 23 (4), it-tieni subparagrafu

▼B

Direttiva 70/156/KEE	Din id-Direttiva
—	Artikolu 24
—	Artikolu 25
Artikolu 9 (1)	Artikolu 36
Artikolu 9 (2)	Artikolu 35(1)
—	Artikolu 34
—	Artikolu 35(2)
Artikolu 10 (1)	Artikolu 12 (1)
Artikolu 10 (2)	Artikolu 12 (2), l-ewwel subparagrafu, l-ewwel sentenza
—	Artikolu 12 (2), l-ewwel subparagrafu, it-tieni sentenza
—	Artikolu 12 (3)
Artikolu 11 (1)	Artikolu 30 (2)
Artikolu 11 (2)	Artikolu 30 (1)
Artikolu 11 (3)	Artikolu 30 (3)
Artikolu 11 (4)	Artikolu 30 (4)
Artikolu 11 (5)	Artikolu 30 (5)
Artikolu 11 (6)	Artikolu 30 (6)
—	Artikolu 31
—	Artikolu 32
Artikolu 12, l-ewwel sentenza	Artikolu 33 (1)
Artikolu 12, it-tieni sentenza	Artikolu 33 (2)
—	Artikolu 37
—	Artikolu 38 (1)
Artikolu 13 (1)	Artikolu 40 (1)
—	Artikolu 39 (1)
Artikolu 13 (2)	Artikolu 39 (2)
Artikolu 13 (3)	Artikolu 40 (3)
—	Artikolu 40 (2)
Artikolu 13 (4)	Artikolu 39 (7)
Artikolu 13 (5)	Artikolu 39 (2)
—	Artikolu 39 (3) sa (6), (8) u (9)
—	Artikolu 41 (1) sa (3)
Artikolu 14 (1), l-ewwel inċiż	Artikolu 43(1)
Artikolu 14 (1), it-tieni inċiż, l-ewwel sentenza	—

▼B

Direttiva 70/156/KEE	Din id-Direttiva
Artikolu 14 (1), it-tieni inċiż, it-tieni sentenza	Artikolu 41 (4)
Artikolu 14 (1), it-tieni inċiż, punt (i)	Artikolu 41 (6)
Artikolu 14 (1), it-tieni inċiż, punt (ii)	—
Artikolu 14 (2), l-ewwel subparagrafu	—
—	Artikolu 41 (5) u (7)
Artikolu 14 (2), it-tieni subparagrafu	Artikolu 41 (8)
—	Artikolu 42
—	Artikolu 43 (2) sa (5)
—	Artikolu 44 sa 51
Anness I	Anness I
Anness II	Anness II
Anness III	Anness III
Anness IV	Anness IV
—	Anness IV, Appendiċi
Anness V	Anness V
Anness VI	Anness VI
—	Anness VI, Appendiċi
Anness VII	Anness VII
—	Anness VII, Appendiċi
Anness VIII	Anness VIII
Anness IX	Anness IX
Anness X	Anness X
Anness XI	Anness XI
Anness XII	Anness XII
—	Anness XIII
Anness XIII	Anness XIV
—	Anness XV
—	Anness XVI
Anness XIV	Anness XVII
Anness XV	Anness XVIII
—	Anness IXX
—	Anness XX
—	Anness XXI